ISSN 2315-2389

CVRIA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## Rapport annwali 2014

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2014

Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja,
tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu, 2015

www.curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja
2925 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU
Telefon: +352 4303-1

Il-Qorti Ġenerali
2925 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU
Telefon: +352 4303-1

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
2925 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU
Telefon: +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: http://www.curia.europa.eu

Data ta' redazzjoni: 1 ta' Jannar 2015

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu rriprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-829-1987-3 | ISSN 1831-8517 | doi:10.2862/36731 | QD-AG-15-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-829-1964-4 | ISSN 2315-2389 | doi:10.2862/34269 | QD-AG-15-001-MT-N |

© L-Unjoni Ewropea, 2015

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI

# Werrej

Paġna

Daħla mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja,
Vassilios Skouri. ... 5

**Kapitolu I**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja*

A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014 ... 9

B – Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014 ... 11

C – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 67

1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 69
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014 ... 85
3. Ordnijiet protokollari ... 87
4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 89

D – Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 93

**Kapitolu II**

*Il-Qorti Ġenerali*

A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2014 ... 125

B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali ... 163

1. Membri tal-Qorti Ġenerali ... 165
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2014 ... 175
3. Ordni protokollari ... 177
4. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali ... 179

C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali ... 181

## Kapitolu III

*It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku*

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2014 ........ 203

B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 213

1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 215
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2014 ........ 219
3. Ordni protokollari ........ 221
4. Membri preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 223

C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 225

# Daħla

Dan ir-Rapport huwa maħsub sabiex jagħti lill-qarrejja preżentazzjoni qasira iżda preċiża tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2014. Bħal fir-rapporti tas-snin li għaddew, parti sostanzjali hija ddedikata għal rendikonti tal-attività ġudizzjarja proprja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li jindikaw b'mod ġenerali l-punti prinċipali li joħorġu mill-ġurisprudenza.

Barra minn hekk, informazzjoni ddettaljata dwar l-istatistika tindika, fir-rigward ta' kull qorti, in-natura u l-kwantità tal-kawżi mressqa quddiemha. Fl-2014 intlaħaq rekord ġdid, b'total ta' 1691 kawża mressqa quddiem it-tliet qrati. Dan huwa l-ikbar numru ta' kawżi li qatt tressqu sa mill-ħolqien tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa l-oħra, b'1685 kawża magħluqa, il-produttività tal-Istituzzjoni laħqet ukoll l-ogħla livell tal-istorja tagħha. Din l-intensifikazzjoni fl-effiċjenza kellha wkoll impatt fuq il-livell tat-tul tal-proċedura, li kien iqsar.

Dan ir-rendiment tajjeb madankollu ma jipproteġix lill-Istituzzjoni mir-riskju li fil-futur issib ruħha f'sitwazzjoni ta' saturazzjoni. Fil-fatt, filwaqt li jixhdu mingħajr ebda dubju s-suċċess tas-sistema, il-volum ta' xogħol kostanti tal-qrati u fuq kollox il-multiplikazzjoni tar-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali jistgħu jwasslu wkoll sabiex tiġi kompromessa l-effikaċja tal-imsemmija sistema.

Barra minn hekk, mill-1 ta' Diċembru 2014, mat-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni introdott permezz tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sħiħa taħt l-Artikolu 258 TFUE sabiex tevalwa l-proċeduri ta' ksur kontra kull Stat Membru – b'eċċezzjoni waħda biss – li jkun qiegħed iwettaq ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-tfittxija ta' mezzi, kemm fil-livell leġiżlattiv u kemm fil-livell tal-metodi tax-xogħol, sabiex tittejjeb l-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni hija kostanti u kontinwa.

F'dan is-sens, fl-2014 intlaħaq pass importanti bl-abbozz tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti Ġenerali, li ntlaqa' b'mod pożittiv mill-Kunsill. Dawn ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda jinkludu miżuri maħsuba sabiex jagħmlu x-xogħol tal-qorti iktar effikaċi u jippermettu li tiġi żgurata l-protezzjoni, matul it-trattament mill-qorti, ta' informazzjoni jew ta' dokumenti li jirrigwardaw is-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.

Fil-futur ser ikun meħtieġ li jintlaħaq pass ferm iktar importanti. Fil-fatt, fuq stedina f'dan is-sens mill-Presidenza Taljana tal-Kunsill matul it-tieni nofs tal-2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat lill-Kunsill proposta sabiex, fi tliet stadji suċċessivi sal-2019, jiġi rdoppjat in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali. Il-Kunsill diġà indika li fil-prinċipju jaqbel ma' din il-proposta, li għandha tiġi mfassla f'iktar dettall matul l-ewwel xhur tal-2015.

Fl-20 u fil-21 ta' Novembru 2014, l-Istituzzjoni ċċelebrat il-25 anniversarju tal-Qorti Ġenerali. L-avvenimenti organizzati f'dan il-kuntest servew ta' opportunità sabiex isir rendikont ta' dan il-perijodu ta' arrikkiment għas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, kif ukoll sabiex issir riflessjoni fuq il-prospetti mistennija fil-futur.

Fis-sena 2014 ġie ċċelebrat ukoll l-10 anniversarju tat-tkabbir, fl-1 ta' Mejju 2014, tal-Unjoni b'għaxar Stati Membri ġodda. F'din l-okkażjoni l-Istituzzjoni organizzat, fil-5 ta' Ġunju 2014, konferenza intitolata "Il-Qorti tal-Ġustizzja 2004 sal-2014: Ħarsa storika".

Din id-Daħla tar-Rapport Annwali hija l-aħħar waħda li ser ikolli l-unur niffirma bħala President tal-Istituzzjoni. Nixtieq għalhekk nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-kollegi tiegħi tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-fiduċja li għoġobhom jesprimu fija, u lill-Membri tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-kontribuzzjoni tagħhom lejn il-missjoni li ġiet fdata lill-Istituzzjoni tagħna. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li, b'mod li ma jidhirx iżda xorta waħda deċiżiv, fi ħdan l-uffiċċji tal-Membri jew fi ħdan id-dipartimenti li jsostnu lill-Istituzzjoni, jiżguraw li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni tkun tista' tagħti d-deċiżjonijiet mistennija minnha.



V. Skouris
President tal-Qorti tal-Ġustizzja




# Kapitolu I

## Il-Qorti tal-Ġustizzja

# A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014

*Minn Vassilios Skouris, President*

Dan l-ewwel kapitolu jippreżenta b'mod qasir ħafna l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena 2014. Huwa jagħti, f'din il-parti, l-ewwel nett, ħarsa lejn l-iżvilupp tal-qorti matul is-sena li għaddiet u jinkludi, it-tieni nett, analiżi tal-istatistika li turi l-iżvilupp tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll it-tul medju tal-proċeduri. Sussegwentement, il-qarrej ser isib it-tieni parti (B), li tippreżenta, bħal fis-snin li għaddew, l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġett, it-tielet parti (C), li tispjega l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja matul il-perijodu ta' referenza u, fl-aħħar, ir-raba' parti (D), li tippreżenta l-istatistika dwar is-sena ġudizzjarja 2014.

**1.** Mill-perspettiva tal-iżvilupp ġenerali, il-qorti ma għaddietx minn avvenimenti maġġuri, ħlief għar-riżenja tal-Imħallef Ċiprijott G. Arestis u għas-sostituzzjoni tiegħu permezz tal-Imħallef C. Lycourgos, li daħal fil-kariga tiegħu fit-8 ta' Ottubru 2014.

Fir-rigward tar-regoli proċedurali, għandu jitfakkar biss li, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2012, fl-1 ta' Frar 2014 daħlu fis-seħħ Regoli addizzjonali ġodda, li jaġġornaw id-dispożizzjonijiet dwar l-ittri rogatorji, l-għajnuna legali u d-denunzja tal-ksur ta' ġurament tax-xhieda u tal-periti (ĠU 2014 L 32, p. 37) kif ukoll l-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU 2014 L 31, p. 1).

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2015 hija, b'mod globali, ikkaratterizzata minn ċifri mingħajr preċedent. Is-sena li għaddiet kienet l-iktar sena produttiva fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 719-il kawża fl-2014 (ċifra grossa li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kawżi magħquda, 632 kawża netta), ċifra li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mas-sena preċedenti (701 kawża maqtgħa fl-2013). Fost dawn il-kawżi, 416 inqatgħu permezz ta' sentenza u 142 permezz ta' digriet.

Fl-2014 tressqu 622 kawża ġodda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (irrispettivament mill-kawżi magħquda minħabba konnessjoni), filwaqt li fl-2013 kienu tressqu 699 kawża, jiġifieri tnaqqis ta' 11 %. Dan it-tnaqqis relattiv fin-numru totali ta' kawżi mressqa jirrigwarda essenzjalment l-appelli u r-rinviji għal deċiżjoni preliminari. Fl-2014 fil-fatt tressqu 428 rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna. Fir-rigward tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul huwa ta' 15-il xahar. It-tnaqqis ikkonstatat meta mqabbel mas-sena 2013 (16.3 xhur) jikkonferma tendenza netta sa mill-2005. Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul medju għat-trattament tagħhom kien ta' 20 xahar u ta' 14.5 xhur, rispettivament, tul li huwa iqsar minn dak ikkonstatat fl-2013.

Din l-istatistika hija r-riżultat tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja baqgħet kostantament viġilanti fir-rigward tal-volum tax-xogħol tagħha. It-titjib fl-effikaċja li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef it-trattament ta' ċerti kawżi (il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, l-għoti ta' deċiżjoni bi prijorità, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali).

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet f'6 kawżi u l-awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba mill-Artikoli 107 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura kienu ssodisfatti f'4 minn dawn il-kawżi. Dawn il-kawżi nqatgħu fi żmien medju ta' 2.2 xhur, bħalma kien il-każ fl-2013.

Il-proċedura mħaffa ntalbet 12-il darba, iżda l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regoli tal-Proċedura kienu ssodisfatti biss fi 2 minnhom. Skont prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, fi 3 kawżi ġie aċċettat li dawn il-kawżi jingħataw prijorità fuq il-kawżi l-oħra.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja użat il-proċedura ssemplifikata, prevista fl-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, inqatgħu b'kollox 31 kawża permezz ta' digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja użat b'mod pjuttost frekwenti l-possibbiltà, mogħtija lilha bl-Artikolu 20 tal-Istatut tagħha, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, fl-2014, 208 sentenza (fi 228 kawża meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kawżi magħquda) ingħataw mingħajr konklużjonijiet.

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja ddeċidiet madwar 8.7 % tal-kawżi, l-awli b'ħames Imħallfin 55 % u l-awli bi tliet Imħallfin madwar 37 % tal-kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza jew digriet ta' natura ġudizzjarja fl-2014. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, wieħed jikkonstata li l-proporzjon tal-kawżi ttrattati mill-Awla Manja baqa' stabbli (8.4 % fl-2013) u li l-proporzjon tal-kawżi ttrattati mill-awli b'ħames Imħallfin naqas ftit (59 % fl-2013).

Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja li għaddiet, il-qarrej huwa mistieden jara l-parti (D) tal-Kapitolu 1 tar-Rapport 2014, li hija ddedikata speċifikament għall-istatistika ġudizzjarja.

# B – Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014

## I. Drittijiet fundamentali

### 1. Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Fil-5 ta' April 2013, in-negozjati dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") [1] wasslu għal ftehim dwar l-abbozzi ta' strumenti ta' adeżjoni. Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba taħt l-Artikolu 218(11) TFUE, tat, bis-Seduta Plenarja bħala l-kulleġġ ġudikanti, l-Opinjoni 2/*13* (EU:C:2014:2454), dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim maħsub mat-Trattati.

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talba għal opinjoni [2], il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat l-ewwel nett li, sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim maħsub mar-regoli tat-Trattati, huwa meħtieġ li jkollha elementi suffiċjenti dwar il-kontenut stess tal-imsemmi ftehim. F'dan ir-rigward, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni kienet għaddiet lill-Qorti tal-Ġustizzja l-abbozzi ta' strumenti ta' adeżjoni kollha li kienu jipprovdu qafas suffiċjentement komplet u preċiż tal-modalitajiet ta' kif kellha sseħħ l-adeżjoni maħsuba. Barra minn hekk, fir-rigward tar-regoli interni għad-dritt tal-Unjoni li l-adozzjoni tagħhom hija neċessarja sabiex ikun implementat effettivament il-ftehim ta' adeżjoni, u li kienu koperti wkoll mit-talba għal opinjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura ta' dawn ir-regoli teskludi li dawn jistgħu jkunu s-suġġett tal-proċedura għal opinjoni, li tista' tikkonċerna biss ftehimiet internazzjonali li l-konklużjoni tagħhom tkun qiegħda tiġi kkunsidrata mill-Unjoni. Fil-fatt, sabiex tevita li tirfes fuq il-kompetenzi ta' istituzzjonijiet oħra li huma responsabbli sabiex jistabbilixxu dawn ir-regoli, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina biss il-konformità tal-ftehimiet mat-Trattati.

Fir-rigward tal-mertu tat-talba għal opinjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret preliminarjament l-elementi fundamentali tal-qafas kostituzzjonali tal-Unjoni, ivverifikat l-osservanza tal-karatteristiċi speċifiċi u tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (iktar 'il quddiem il-"PESK"), kif ukoll l-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 344 TFUE. Hija vverifikat ukoll iż-żamma tal-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' difiża konġunta u fir-rigward tal-proċedura ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan l-eżami wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-konklużjoni li l-abbozz ta' ftehim la huwa kompatibbli mal-Artikolu 6(2) TUE u lanqas mal-Protokoll Nru 8, dwar din id-dispożizzjoni, anness mat-Trattat UE [3].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, bis-saħħa tal-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB, l-Unjoni, bħal kull Parti Kontraenti oħra, ser tkun suġġetta għal kontroll estern fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet u tal-libertajiet previsti minn din il-konvenzjoni. Fil-kuntest ta' dan il-kontroll estern, minn naħa, l-interpretazzjoni tal-KEDB mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") ser torbot lill-Unjoni u lill-istituzzjonijiet tagħha – inkluż

[1] Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

[2] Fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' talba għal opinjoni, ara wkoll l-Opinjoni 1/13 (EU:C:2014:2303), ippreżentata fit-Titolu IX, "Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili".

[3] Protokoll (Nru 8) dwar l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

lill-Qorti tal-Ġustizzja – u, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dritt irrikonoxxut minn din il-konvenzjoni ma hijiex ser torbot lill-Qorti EDB. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan ma jistax ikun il-każ fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja stess tagħti lid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali"). F'dan ir-rigward, sa fejn l-Artikolu 53 tal-KEDB jagħti lill-Partijiet Kontraenti l-possibbiltà li jipprevedu standards ta' protezzjoni ogħla minn dawk iggarantiti minn din il-konvenzjoni, għandha tiġi żgurata koordinazzjoni bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sabiex din il-possibbiltà tibqa' limitata, fir-rigward tad-drittijiet irrikonoxxuti kemm mill-Karta u kemm mill-KEDB, għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġi evitat li jiġu kompromessi l-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta kif ukoll is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, fil-ftehim maħsub ma ġiet prevista ebda dispożizzjoni sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni. Fit-tieni lok, sa fejn il-KEDB tirrikjedi li Stat Membru jivverifika r-rispett tad-drittijiet fundamentali minn Stat Membru ieħor, u dan anki meta d-dritt tal-Unjoni jimponi f'ċerti oqsma l-fiduċja reċiproka bejn dawn l-Istati Membri, l-adeżjoni tista' tikkompromettì l-bilanċ li fuqu hija bbażata l-Unjoni kif ukoll l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni. Fit-tielet lok, peress li ma jipprevedi xejn fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-mekkaniżmu stabbilit permezz tal-Protokoll Nru 16 tal-KEDB, li jawtorizza lill-ogħla qrati tal-Istati Membri jressqu quddiem il-Qorti EDB talbiet għal opinjonijiet konsultattivi, u l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, li hija l-element ċentrali tas-sistema ġudizzjarja stabbilita mit-Trattati, il-ftehim maħsub jista' jippreġudika l-awtonomija u l-effikaċja ta' din il-proċedura.

Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-ftehim maħsub mal-Artikolu 344 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-abbozz ta' ftehim iħalli fis-seħħ il-possibbiltà li l-Unjoni jew l-Istati Membri jressqu quddiem il-Qorti EDB talba li s-suġġett tagħha jkun ksur allegat tal-KEDB imwettaq minn Stat Membru jew mill-Unjoni, b'konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-Artikolu 344 TFUE huwa intiż preċiżament li jżomm in-natura esklużiva tal-modalitajiet ta' soluzzjoni ta' tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattati, u b'mod partikolari n-natura esklużiva tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, u għalhekk jipprekludi kull kontroll estern fi stadju preċedenti jew sussegwenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-abbozz ta' ftehim jista' jkun kompatibbli mat-TFUE biss jekk il-ġurisdizzjoni tal-Qorti EDB tkun espliċitament eskluża fir-rigward tat-tilwim bejn l-Istati Membri jew bejn dawn tal-aħħar u l-Unjoni, dwar l-applikazzjoni tal-KEDB fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-ftehim maħsub ma jipprevedix modalitajiet ta' funzjonament tal-mekkaniżmu ta' difiża konġunta u tal-proċedura ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja li jippermettu li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni u tad-dritt tagħha. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-mekkaniżmu ta' difiża konġunta, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, skont il-ftehim maħsub, il-Qorti EDB, fil-kuntest tal-eżami tal-kundizzjonijiet għal intervent mill-Unjoni jew minn Stat Membru bħala konvenuti konġunti, tista' tkun meħtieġa tevalwa r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw it-tqassim tal-kompetenzi bejn din tal-aħħar u l-Istati Membri tagħha kif ukoll il-kriterji ta' imputazzjoni tal-atti jew tal-ommissjonijiet tagħhom. Tali stħarriġ jista' jindaħal fit-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Fir-rigward tal-proċedura ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja prevista fl-abbozz ta' ftehim, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fl-ewwel lok, li huwa meħtieġ, sabiex jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni, li l-kwistjoni ta' jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkunx diġà ddeċidiet dwar l-istess punt għandha tiġi riżolta mill-istituzzjoni kompetenti tal-Unjoni, li d-deċiżjoni tagħha għandha torbot lill-Qorti EDB. Madankollu, dan ma huwiex previst fl-abbozz ta' ftehim. F'dan ir-rigward, jekk il-Qorti EDB titħalla tiddeċiedi dwar tali kwistjoni, dan ikun ifisser li dik il-qorti tkun qiegħda tingħata l-ġurisdizzjoni tinterpreta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja

osservat li l-limitazzjoni tal-portata tal-proċedura ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tad-dritt idderivat, għal kwistjonijiet ta' validità biss, bl-esklużjoni tal-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni, tippreġudika l-kompetenzi tal-Unjoni u s-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn ma tippermettix lil din tal-aħħar tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt idderivat fir-rigward tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ftehim maħsub ma jħarisx il-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK. Fil-fatt, filwaqt li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, uħud minn dawn l-atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet ma jaqgħux taħt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti EDB ser tingħata xorta waħda l-awtorità, skont l-abbozz ta' ftehim, tiddeċiedi dwar il-konformità mal-KEDB ta' dawn l-atti. Issa, tali ġurisdizzjoni sabiex jitwettaq stħarriġ ġudizzjarju, inkluż fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, ma tistax tingħata esklużivament lil qorti internazzjonali li ma tkunx tagħmel parti mill-qafas istituzzjonali u ġudizzjarju tal-Unjoni.

## 2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

Matul is-sena 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta u tapplika l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali f'diversi deċiżjonijiet, li l-iktar importanti fosthom huma esposti fid-diversi titoli ta' dan ir-rapport [4]. F'dan it-titolu ser jiġu ppreżentati żewġ deċiżjonijiet: l-ewwel waħda tikkonċerna l-fatt li l-Karta ma tistax tiġi invokata f'tilwima bejn individwi u t-tieni waħda tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Fis-sentenza *Association de médiation sociale* (C-176/12, EU:C:2014:2), mogħtija fil-15 ta' Jannar 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tiddeċiedi dwar jekk l-*Artikolu 27 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll id-Direttiva 2002/14, dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati, jistgħux jiġu invokati fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi* [5]. It-tilwima inkwistjoni kienet tilwima quddiem il-Cour de cassation Franċiża bejn, minn naħa, persuna li timpjega, l-Association de médiation sociale (AMS) u, min-naħa l-oħra, l-Union locale des syndicats de la Confédération générale du travail (CGT) u persuna nnominata bħala rappreżentant tat-taqsima sindakali maħluqa fi ħdan l-AMS. Din l-assoċjazzjoni kienet iddeċidiet li ma torganizzax elezzjoni sabiex jintgħażel id-delegat tal-persunal billi qieset li, skont il-Kodiċi industrijali Franċiż, il-ħaddiema li għandhom kuntratti ta' professjonalizzazzjoni (iktar 'il quddiem il-"ħaddiema li għandhom kuntratti aġevolati") kellhom jiġu esklużi mill-kalkolu tan-numru tal-persunal għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livelli minimi legali meħtieġa sabiex jittieħdu miżuri ta' rappreżentanza tal-persunal u li għalhekk, fil-każ tal-AMS, dawn il-livelli ma kinux intlaħqu.

4 Għandhom jissemmew is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2014, *Liivimaa Lihaveis* (C-562/12, EU:C:2014:2229), ippreżentata fit-Titolu IV.3, "Rikorsi għal annullament", is-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281), ippreżentata fit-Titolu VI.2, "Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi", is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2014, *Diakite* (C-285/12, EU:C:2014:39), ippreżentata fit-Titolu VII.2, "Politika tal-ażil", l-Opinjoni tal-14 ta' Ottubru 2014 (1/13, EU:C:2014:2303), ippreżentata fit-Titolu IX, "Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili", is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2014, *International Jet Management* (C-628/11, EU:C:2014:171), ippreżentata fit-Titolu X, "Trasport", is-sentenza tat-8 ta' April 2014, *Digital Rights Ireland et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238) u s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, *Google Spain u Google* (C-131/12, EU:C:2014:317), ippreżentata fit-Titolu XIII.2, "Protezzjoni tad-data personali".

5 Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 219).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/14 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li teskludi lill-ħaddiema li għandhom kuntratti aġevolati mill-imsemmi kalkolu tal-limiti minimi. Madankollu, hija speċifikat li din id-dispożizzjoni, għalkemm tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikollha effett dirett, ma tistax tiġi applikata fil-kuntest ta' tilwima li tkun esklużivament bejn individwi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li l-Artikolu 27 tal-Karta, ikkunsidrat waħdu jew flimkien mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/14, ma jistax jiġi invokat f'tilwima bejn individwi sabiex titwarrab id-dispożizzjoni nazzjonali li tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni fil-każ li dispożizzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sabiex jipproduċi kompletament l-effetti tiegħu, l-Artikolu 27 tal-Karta għandu jiġi ppreċiżat minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali. Issa, il-projbizzjoni li mill-kalkolu tal-membri tal-persunal tal-impriża tiġi eskluża kategorija partikolari ta' ħaddiema, prevista fid-Direttiva 2002/14, ma tistax tiġi dedotta, bħala dispożizzjoni legali direttament applikabbli, la mill-formulazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Karta u lanqas mill-Ispjegazzjonijiet dwar l-imsemmi artikolu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-parti leża min-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni tista' tinvoka l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza *Francovich et* [6] sabiex tikseb, jekk ikun il-każ, kumpens għad-dannu mġarrab.

Fl-10 ta' Lulju 2014, fis-sentenza *Julian Hernández et* (C-198/13, EU:C:2014:2055), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tippreċiża l-*kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali* [7] *fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari li jirrigwarda l-Artikolu 20 tagħha kif ukoll id-Direttiva 2008/94, dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega* [8]. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kien jirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li impjegat jista', permezz ta' surroga legali, jitlob direttament mingħand Stat Membru, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-ħlas tas-salarji matul il-proċedura ta' kontestazzjoni ta' tkeċċija fil-każ li l-persuna li timpjegah ma tkunx ħallset dawn is-salarji u tkun tinsab fi stat ta' insolvenza provviżorja. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/94 u jekk għalhekk tistax tiġi ġġudikata fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali titqies li timplementa d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jkun hemm rabta ta' konnessjoni bejn att tad-dritt tal-Unjoni u l-miżura nazzjonali inkwistjoni li tmur lil hinn mill-qrubija tas-suġġetti koperti jew mill-effetti indiretti ta' suġġett fuq ieħor. Is-sempliċi fatt li miżura nazzjonali taqa' f'qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenzi ma jistax iwassal sabiex din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, għall-applikabbiltà tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. B'hekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali taqax taħt l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandhiex l-għan li timplementa dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk din għandhiex għanijiet oħra minbarra dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista' taffettwa indirettament lil dan tal-aħħar, kif ukoll jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista' taffettwah.

[6] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 1991, *Francovich u Bonifaci vs L-Italja* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428).

[7] Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, għandha tissemma s-sentenza tat-30 ta' April 2014, *Pfleger et* (C-390/12, EU:C:2014:281), ippreżentata fit-Titolu VI.2, "Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi".

[8] Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, p. 36).

Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din għandha għan differenti minn dak li tiġi ggarantita l-protezzjoni minima tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, li huwa l-għan tad-Direttiva 2008/94, u li l-għoti tal-kumpens previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali la jista' jaffettwa u lanqas jillimita l-protezzjoni minima prevista mid-Direttiva. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 11 tad-Direttiva, li jipprovdi li din id-direttiva hija bla ħsara għall-possibbiltà tal-Istati Membri li jintroduċu dispożizzjonijiet li jagħtu lill-ħaddiema impjegati protezzjoni iktar favorevoli, ma jagħtix lill-Istati Membri tali possibbiltà iżda sempliċement jirrikonoxxiha. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tistax titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

### 3. Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni

Fis-sentenza *Kamino International Logistics et* (C-129/13, EU:C:2014:2041), mogħtija fit-3 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat *il-prinċipju ta' rispett mill-amministrazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali* [9]. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' tilwima li kienet tirrigwarda żewġ aġenti doganali li, wara verifiki mill-awtoritajiet doganali, kienu s-suġġett ta' żewġ avviżi għall-ħlas intiżi għall-irkupru ta' dazji doganali addizzjonali mingħajr ma ngħataw l-opportunità li jinstemgħu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-prinċipju ta' rispett mill-amministrazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt li jirriżulta minnu, għal kull persuna, li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha, kif japplikaw fil-kuntest tal-Kodiċi Doganali, jista' jiġi invokat direttament, mill-individwi, quddiem il-qrati nazzjonali. Fil-fatt, l-obbligu li jiġi osservat l-imsemmi prinċipju huwa impost fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri meta jieħdu deċiżjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u dan anki meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix espliċitament tali formalità. Barra minn hekk, meta d-destinatarju ta' deċiżjoni, bħalma huwa avviż għall-ħlas, ma jkunx instema' mill-amministrazzjoni, anki jekk ikollu l-possibbiltà li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu matul fażi ta' lment amministrattiv ulterjuri, ikun hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tippermettix lid-destinatarji ta' dawn id-deċiżjonijiet jiksbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom sal-eventwali bidla tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-qorti nazzjonali, li hija obbligata tiggarantixxi l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni, tista' tikkunsidra li tali ksur jimplika l-annullament tad-deċiżjoni fil-każ biss li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal eżitu differenti.

## II. Ċittadinanza tal-Unjoni

Fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, sitt sentenzi jisħoqqilhom attenzjoni partikolari. L-ewwel sentenza tirrigwarda d-dritt ta' dħul fi Stat Membru, l-erba' sentenzi segwenti jirrigwardaw id-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li jkunu ċittadini ta' Stati terzi, u s-sitt sentenza tirrigwarda l-għoti ta' benefiċċji soċjali lil ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li ma jkunux qegħdin ifittxu impjieg.

[9] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 10, p. 239).

Fis-sentenza *McCarthy et* (C-202/13, EU:C:2014:2450), mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kemm *l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/38* [10] u kemm *l-Artikolu 1 tal-Protokol Nru 20 anness mat-Trattat UE* [11] kienu jippermettu biss lil Stat Membru jissuġġetta, sabiex jilħaq għan ta' prevenzjoni ġenerali, liċ-ċittadini ta' Stati terzi, detenturi ta' "permess ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni" maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, għall-obbligu li jkollhom permess ta' dħul sabiex ikunu jistgħu jidħlu fit-territorju tiegħu.

H. McCarthy Rodriguez, ċittadina Kolombjana, tirrisjedi fi Spanja flimkien mal-konjuġi tagħha, S. McCharthy, li għandu n-nazzjonalità Brittannika u dik Irlandiża. Sabiex tkun tista' tidħol fir-Renju Unit, H. McCarthy Rodriguez kienet meħtieġa titlob minn qabel li tingħata permess tad-dħul għall-membri tal-familja, maħruġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar il-kompatibbiltà ta' din il-kundizzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonfermat li l-konjuġi huma "benefiċjarji" tad-Direttiva 2004/38, fakkret, fl-ewwel lok, li persuna, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, f'sitwazzjoni bħal dik ta' H. McCarthy Rodriguez, ma hijiex suġġetta għall-obbligu li tikseb viża jew għal obbligu ekwivalenti sabiex tkun tista' tidħol fit-territorju tal-Istat Membru li minnu joriġina dan iċ-ċittadin tal-Unjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/38, li jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jirrifjutaw, itemmu jew jirrevokaw kwalunkwe dritt mogħti b'din id-direttiva fil-każ ta' abbuż jew frodi [12], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-miżuri adottati abbażi ta' din id-dispożizzjoni huma suġġetti għall-garanziji proċedurali previsti fid-Direttiva u għandhom ikunu bbażati fuq eżami individwali tal-każ inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-prova ta' prassi abbużiva teħtieġ numru ta' ċirkustanzi oġġettivi u element suġġettiv. B'hekk, il-fatt li Stat Membru jsib ruħu jaffaċċja numru kbir ta' każijiet ta' abbuż ta' dritt jew frodi ma jistax jiġġustifika l-adozzjoni ta' miżura bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe evalwazzjoni speċifika tal-aġir tal-persuna kkonċernata. Fil-fatt, tali miżuri, minħabba n-natura awtomatika tagħhom, jippermettu lill-Istati Membri ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 u jiksru s-sustanza stess tad-dritt fundamentali u individwali taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll tad-drittijiet idderivati li jgawdu l-membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru.

Fl-aħħar nett, għalkemm l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 20 jawtorizza lir-Renju Unit jivverifika jekk persuna li tixtieq tidħol fit-territorju tiegħu tissodisfax effettivament il-kundizzjonijiet meħtieġa, din id-dispożizzjoni ma tippermettix lil dan l-Istat Membru jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' dħul ta' persuni li jkollhom tali dritt bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, li jimponi fuqhom kundizzjonijiet ta' dħul addizzjonali jew kundizzjonijiet oħra minbarra dawk previsti mid-dritt tal-Unjoni.

[10] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46, u rettifika fil-ĠU 2005, L 197, p. 34).

[11] Protokoll (Nru 20) dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tal-artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għar-Renju Unit u għall-Irlanda.

[12] Żewġ sentenzi oħra ppreżentati f'dan ir-rapport jirrigwardaw il-kwistjoni tal-abbuż ta' dritt: is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, *Torresi* (C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088), ippreżentata fit-Titolu VI.2, "Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi", u s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, *SICES et* (C-155/13 EU:C:2014:145), ippreżentata fit-Titolu V, "Agrikoltura".

F'żewġ sentenzi, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tinterpreta l-*Artikoli 21 TFUE u 45 TFUE kif ukoll id-Direttiva 2004/38 sa fejn tirrigwarda d-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stat terz*. Fit-12 ta' Marzu 2014, fis-sentenza *O.* (C-456/12, EU:C:2014:135), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, preliminarjament, li d-Direttiva 2004/38 ma hijiex intiża li tagħti dritt ta' residenza dderivat lil ċittadin ta' Stat terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fl-Istat Membru li tiegħu jkollu n-nazzjonalità. Madankollu, f'sitwazzjoni fejn ċittadin tal-Unjoni jkun żviluppa jew ikkonsolida ħajja tal-familja ma' ċittadin ta' Stat terz fil-kuntest ta' residenza effettiva fi Stat Membru li ma jkunx dak li jkollu n-nazzjonalità tiegħu u jerġa' lura, flimkien mal-membru tal-familja tiegħu, fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu inkonformità mal-Artikolu 21(1) TFUE, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva japplikaw b'analoġija. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat ma għandhomx ikunu iktar stretti minn dawk previsti minn din id-direttiva fil-każ li ċ-ċittadin tal-Unjoni jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru li ma jkunx dak tan-nazzjonalità tiegħu [13]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li residenzi għal perijodu ta' żmien qasir, bħalma huma residenzi matul tmiem-il ġimgħa jew vaganzi mqatta' fi Stat Membru li ma jkunx dak li tiegħu dan iċ-ċittadin ikollu n-nazzjonalità, ma jissodisfawx l-imsemmija kundizzjonijiet, lanqas jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni flimkien.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ċittadin ta' Stat terz, li ma kellux, minn tal-inqas matul parti mir-residenza tiegħu fl-Istat Membri ospitanti, il-kwalità ta' membru tal-familja u ma setax jibbenefika f'dan l-Istat Membru minn dritt ta' residenza dderivat, taħt l-artikoli ċċitati iktar 'il fuq tad-Direttiva 2004/38, lanqas ma jista' jinvoka l-Artikolu 21(1) TFUE sabiex jikseb dritt ta' residenza dderivat meta ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu jkollu n-nazzjonalità.

Fis-sentenza *S. u G.* (C-457/12, EU:C:2014:136), mogħtija fit-12 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 ma jipprekludux li Stat Membru jirrifjuta d-dritt ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, meta l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkollu n-nazzjonalità tal-imsemmi Stat Membru u jkun jirrisjedi f'dan l-istess Stat, iżda jkun imur regolarment fi Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-attivitajiet professjonali tiegħu. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jagħtu dritt ta' residenza awtonomu liċ-ċittadin tal-Unjoni u dritt ta' residenza dderivat lill-membri tal-familja tiegħu fil-każ biss li l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu billi jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru li ma jkunx dak li jkollu n-nazzjonalità tiegħu.

Għall-kuntrarju, filwaqt li ispirat ruħha mill-interpretazzjoni li tat lill-Artikolu 56 TFUE fis-sentenza *Carpenter* [14], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 45 TFUE jikkonferixxi d-dritt ta' residenza lil membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat terz, meta l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkollu n-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat u jkun jirrisjedi fih, iżda jkun imur regolarment fi Stat Membru ieħor bħala ħaddiem, peress li r-rifjut ta' dritt ta' residenza favur iċ-ċittadin tal-Istat terz għandu effett dissważiv fuq l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li l-ħaddiem igawdi bis-saħħa tal-Artikolu 45 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-fatt li ċ-ċittadin tal-Istat terz jieħu ħsieb il-wild taċ-ċittadin tal-Unjoni jista' jikkostitwixxi element rilevanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali. Madankollu, is-sempliċi fatt li jista' jidher li jkun mixtieq li ċ-ċittadin ta' Stat terz, f'dan il-każ omm il-konjuġi taċ-ċittadin tal-Unjoni, tieħu ħsieb il-wild, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex tiġi kkonstatata tali natura dissważiva.

13 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 7(1) u (2), u 16 tad-Direttiva 2004/38.

14 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2002, *Carpenter* (C-60/00, EU:C:2002:434).

Fis-sentenza *Reyes* (C-423/12, EU:C:2014:16), mogħtija fis-16 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll il-possibbiltà li tippreċiża l-*kunċett ta' membru tal-familja dipendenti ta' ċittadin tal-Unjoni*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn ċittadina Filippina, li għandha età ta' iktar minn 21 sena, u l-uffiċċju tal-migrazzjonijiet Svediż, u kienet tirrigwarda ċ-ċaħda tat-talba tal-persuna kkonċernata sabiex tikseb permess ta' residenza fl-Isvezja bħala membru tal-familja ta' ommha, ċittadina Ġermaniża, u tas-sieħeb tagħha, ċittadin Norveġiż.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex dixxendent dirett ta' ċittadin tal-Unjoni, li jkollu l-età ta' 21 sena jew iktar, ikun jista' jitqies li huwa "dipendenti" ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, għandha tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' dipendenza reali fil-pajjiż ta' provenjenza tal-membru tal-familja kkonċernat. Għall-kuntrarju, ma huwiex meħtieġ li jiġu ddeterminati r-raġunijiet tal-imsemmija dipendenza. B'hekk, f'ċirkustanzi fejn ċittadin tal-Unjoni jagħmel, b'mod regolari u għal perijodu kunsiderevoli, ħlasijiet ta' ammonti ta' flus lil dixxendent dirett li jkollu l-età ta' 21 sena jew iktar, li jkunu neċessarji sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jipprovdi għall-bżonnijiet essenzjali tiegħu fl-Istat ta' oriġini, l-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2004/38 ma jippermettix lil Stat Membru jeżiġi li dan id-dixxendent jistabbilixxi li pprova mingħajr suċċess ifittex xogħol jew li jirċievi għajnuna għall-għajxien mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu u/jew ipprova jiżgura l-għajxien tiegħu b'mod ieħor. Fil-fatt, ir-rekwiżit ta' tali prova supplimentari, li fil-prattika ma tistax tiġi prodotta faċilment, jista' jagħmel eċċessivament diffiċli l-possibbiltà għal dan l-istess dixxendent li jibbenefika mid-dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fatt li membru tal-familja, minħabba ċirkustanzi personali bħall-età tiegħu, il-kwalifiki professjonali tiegħu u l-istat ta' saħħa tiegħu, jitqies li għandu opportunitajiet raġonevoli li jsib impjieg u, barra minn hekk, għandu l-intenzjoni jaħdem fl-Istat Membru ospitanti ma għandux effett fuq l-interpretazzjoni tar-rekwiżit li jkun dipendenti, previst f'din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/38.

Fl-10 ta' Lulju 2014, dejjem fil-qasam tad-Direttiva 2004/38, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat, fis-sentenza *Ogieriakhi* (C-244/13, EU:C:2014:2068), *il-kunċett ta' "residenza legali għal perijodu kontinwu maċ-ċittadin tal-Unjoni" previst fl-Artikolu 16(2) tagħha*. Id-domandi preliminari saru fil-kuntest ta' rikors għad-danni ppreżentat kontra l-Irlanda minn ċittadin ta' Stat terz. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien qiegħed jinvoka d-dannu mġarrab minħabba r-rifjut li jingħata d-dritt ta' residenza wara s-separazzjoni minn mal-konjuġi tiegħu, ċittadina tal-Unjoni. Ir-rifjut kien ibbażat fuq leġiżlazzjoni nazzjonali li, skont ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, ma kinitx ittrasponiet b'mod korrett id-Direttiva 2004/38.

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ċittadin ta' pajjiż terz li, matul perijodu kontinwu ta' ħames snin qabel id-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva, irrisjeda fi Stat Membru, fil-kwalità tiegħu ta' konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni, ħaddiem fl-imsemmi Stat Membru, għandu jitqies li kiseb id-dritt ta' residenza permanenti previst fid-Direttiva 2004/38, anki meta, matul l-imsemmi perijodu, il-konjuġi jkunu ddeċidew li jisseparaw u bdew jgħixu ma' sieħba oħra, fejn l-akkomodazzjoni okkupata mill-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz ma baqgħetx tiġi pprovduta jew imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar mill-konjuġi tiegħu ċittadin tal-Unjoni. Fil-fatt, interpretazzjoni tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38 fis-sens li, għall-finijiet tal-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti, l-obbligu ta' residenza maċ-ċittadin tal-Unjoni jista' jitqies li ġie ssodisfatt biss fil-każ speċifiku fejn il-konjuġi li jirrisjedi maċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti ma jkunx qata' kull komunjoni ta' ħajja konjugali ma' dan tal-aħħar, ma tidhirx koerenti mal-għan ta' din id-direttiva li toffri protezzjoni legali lill-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni u, b'mod partikolari, meta mqabbla mad-drittijiet irrikonoxxuti, fil-qasam ta' residenza, favur ex konjuġi, taħt ċerti kundizzjonijiet, fil-każ ta' divorzju.

Barra minn hekk, fil-kawża ineżami, sa fejn il-perijodu ta' ħames snin, meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti, kien jippreċedi d-data tat-traspożizzjoni

tad-Direttiva 2004/38, in-natura regolari tar-residenza kellha tiġi evalwata inkonformità mar-regoli previsti fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1612/68 [15]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kundizzjoni, imposta minn dan l-artikolu, ta' akkomodazzjoni ma teħtieġx li l-membru tal-familja kkonċernat jgħix b'mod permanenti f'din l-akkomodazzjoni iżda teħtieġ biss li l-akkomodazzjoni li jkollu l-ħaddiem tkun tista' titqies li hija normali sabiex tilqa' l-familja tiegħu. L-osservanza ta' din id-dispożizzjoni għandha tiġi evalwata biss fid-data li fiha ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun beda ħajja komuni mal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fir-rigward tad-dritt għall-kumpens għal ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Istat Membru, il-fatt li qorti nazzjonali qieset li kien neċessarju li tagħmel domanda preliminari dwar id-dritt tal-Unjoni inkwistjoni ma għandux jitqies li huwa fattur deċiżiv sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' ksur manifest ta' dan id-dritt mill-Istat Membru.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza *Dano* (C-333/13, EU:C:2014:2358), mogħtija fil-11 ta' Novembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, indirizzat il-kwistjoni ta' *jekk Stat Membru jistax jeskludi milli jirċievu l-benefiċċji tal-għajxien ta' natura mhux kontributorja lil ċittadini tal-Unjoni li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stati Membri oħra u li jkunu ekonomikament inattivi, filwaqt li tali allowances jingħataw liċ-ċittadini nazzjonali fl-istess sitwazzjoni.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda ċittadina Rumena li ma kinitx daħlet fil-Ġermanja sabiex tfittex impjieg f'dan il-pajjiż iżda li kienet talbet il-benefiċċji tal-assigurazzjoni bażika għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg.

B'risposta għad-domanda preliminari, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-"benefiċċji speċjali li ma humiex kontributorji u li jingħataw fi flus", fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004 [16], huma koperti mill-kunċett ta' "benefiċċji ta' assistenza soċjali" fis-sens tal-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38. Hija kkonstatat li d-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar, kif ukoll dawk tar-Regolament Nru 883/2004 [17], ma jipprekludux leġiżlazzjoni li teskludi liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra milli jirċievu ċerti benefiċċji soċjali, filwaqt li dawn il-benefiċċji jkunu ggarantiti liċ-ċittadini nazzjonali li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni, sa fejn iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra ma jkunux jibbenefikaw minn dritt ta' residenza bis-saħħa tad-Direttiva 2004/38 fl-Istat Membru ospitanti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-aċċess għall-benefiċċji soċjali msemmija iktar 'il fuq, ċittadin tal-Unjoni jista' jinvoka ugwaljanza fit-trattament bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti biss jekk ir-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti tosserva l-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2004/38. Fost il-kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li t-tul tar-residenza tagħhom fl-Istat Membru ospitanti jkun ta' iktar minn tliet xhur iżda inqas minn ħames snin, jinsab l-obbligu li jkollhom, għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom, riżorsi suffiċjenti [18]. Għaldaqstant, Stat Membru għandu l-possibbiltà li jirrifjuta li jagħti benefiċċji soċjali lil ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom bl-iskop waħdieni li jiksbu l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali ta' Stat Membru ieħor mingħajr lanqas ma jkollhom riżorsi suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dritt ta' residenza. F'dan ir-rigward, għandu jitwettaq eżami konkret tas-sitwazzjoni ekonomika ta' kull persuna kkonċernata, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-benefiċċji soċjali mitluba.

15 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

16 Ara l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010, tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, p. 35).

17 Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2004/38, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tagħha, u Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004.

18 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38.

# III. Dispożizzjonijiet istituzzjonali

## 1. Bażi legali tal-atti tal-Unjoni

Matul is-sena 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi dwar il-bażi legali tal-atti tal-Unjoni. Fost dawn is-sentenzi, għandhom jissemmew sentenza dwar il-politika tat-trasport u ħames sentenzi dwar atti tal-Kunsill li jirrigwardaw ftehimiet internazzjonali.

Fis-6 ta' Mejju 2014, fis-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (C-43/12, EU:C:2014:298), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Kummissjoni kontra *d-Direttiva 2001/82, dwar l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-persuni li wettqu reat tat-traffiku* [19], peress li qieset li l-Artikolu 87(2) TFUE kien bażi legali żbaljata.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li minnha jirriżulta li l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom huma inklużi l-għan u l-kontenut ta' dan l-att. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, jekk l-eżami ta' att tal-Unjoni juri li dan għandu żewġ għanijiet jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ma jkunx għajr inċidentali, l-att għandu jiġi bbażat fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għan prinċipali jew predominanti ta' din id-direttiva huwa t-titjib tas-sigurtà fit-toroq. Fil-fatt, wara li eżaminat il-kontenut tad-Direttiva u l-iżvolġiment tal-proċedura ta' skambju, bejn l-Istati Membri, tal-imsemmija informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet [20] li l-miżuri inkwistjoni jaqgħu prinċipalment taħt il-politika tat-trasport peress li jippermettu li titjieb is-sigurtà tat-trasport, u li din id-direttiva ma hijiex marbuta direttament mal-għanijiet ta' kooperazzjoni mill-pulizija. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din id-direttiva kien imissha ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 91(1)(ċ) TFUE u li ma setgħetx tiġi adottata b'mod validu fuq il-bażi tal-Artikolu 87(2) TFUE, li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-imsemmija kooperazzjoni.

Fir-rigward tal-atti li jirrigwardaw il-ftehimiet internazzjonali, permezz tas-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (C-377/12, EU:C:2014:1903), mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja annullat *id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/272, dwar l-iffirmar ta' ftehim qafas dwar sħubija u kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra* [21]. Peress li l-ftehim qafas li għalih tirreferi l-imsemmija deċiżjoni jipprevedi kooperazzjoni u sħubija maħsuba b'mod partikolari bil-għan li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-Filippini bħala pajjiż li qiegħed jiżviluppa, il-Kummissjoni kienet adottat, għall-finijiet tal-iffirmar ta' dan il-ftehim qafas, proposta ta' deċiżjoni bbażata fuq l-Artikoli 207 TFUE u 209 TFUE, li jirrigwardaw, rispettivament, il-politika kummerċjali komuni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Għall-kuntrarju, il-Kunsill, billi qies li l-kooperazzjoni u s-sħubija previsti fil-ftehim qafas inkwistjoni

[19] Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 288, p. 1).

[20] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2004, *Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497).

[21] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/272/UE, tal-14 ta' Mejju 2012, dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (ĠU L 134, p. 3).

kellhom natura globali u ma kinux limitati biss għall-"kooperazzjoni għall-iżvilupp", kien għażel ukoll bħala bażijiet legali, minbarra dawn l-artikoli, l-Artikoli 79(3) TFUE, 91 TFUE, 100 TFUE u 191(4) TFUE, li jirrigwardaw rispettivament id-dħul mill-ġdid taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, it-trasport u l-ambjent. L-inklużjoni ta' dawn il-bażijiet legali implikat l-applikazzjoni tal-Protokolli Nru 21 u Nru 22 tat-Trattat FUE li jirrigwardaw, minn naħa, il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni tad-Danimarka, u li jipprovdu li dawn l-Istati Membri ma jipparteċipawx fl-iffirmar u fil-konklużjoni, mill-Kunsill, ta' ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, sakemm ma jindikawx li jixtiequ jipparteċipaw fihom.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha għall-ewwel darba l-opportunità li tagħti deċiżjoni dwar il-portata tal-Artikolu 209 TFUE u, filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha preċedenti għat-Trattat ta' Lisbona [22], ippreċiżat li, bis-saħħa tal-Artikolu 208 TFUE, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma hijiex limitata għall-miżuri intiżi direttament għall-eliminazzjoni tal-faqar iżda, sabiex jintlaħaq dan l-għan essenzjali, issegwi wkoll għanijiet oħra msemmija fl-Artikolu 21(2) TUE, bħalma huwa l-għan li jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli fuq il-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, peress li l-eliminazzjoni tal-faqar għandha diversi aspetti, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet huwa meħtieġ, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni tal-2006 [23], li tiġi implementata firxa sħiħa ta' attivitajiet ta' żvilupp li jirrigwardaw, b'mod partikolari, ir-riformi ekonomiċi u soċjali, il-ġustizzja soċjali, l-aċċess ġust għas-servizzi pubbliċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-ambjent, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-migrazzjoni u l-iżvilupp.

Fl-24 ta' Ġunju 2014, permezz tas-sentenza *Il-Parlament vs Il-Kunsill* (C-658/11, EU:C:2014:2025), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Parlament kontra d-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/640/PESK, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju* [24] *(iktar 'il quddiem il-"Ftehim bejn l-UE u l-Mawrizju")*.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset infondat il-motiv li permezz tiegħu l-Parlament sostna li l-fatt li l-Ftehim bejn l-UE u l-Mawrizju għandu, anki jekk biss b'mod anċillari, għanijiet oħra barra dawk li jaqgħu taħt il-PESK huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż li l-imsemmija deċiżjoni taqa' esklużivament taħt din il-politika fis-sens tal-Artikolu 218(6) TFUE, b'tali mod li l-Parlament kellu jkun involut fl-adozzjoni tad-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 218(6) TFUE jistabbilixxi simetrija bejn il-proċedura ta' adozzjoni tal-miżuri tal-Unjoni fuq il-livell intern u l-proċedura ta' adozzjoni ta' ftehimiet internazzjonali bil-għan li jiġi ggarantit li, fir-rigward ta' qasam speċifiku, il-Parlament u l-Kunsill ikollhom l-istess setgħat, b'osservanza tal-ekwilibriju istituzzjonali previst mit-Trattati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa preċiżament bil-għan li tiġi żgurata l-osservanza effettiva ta' din is-simetrija li r-regola, li tipprovdi li hija l-bażi legali materjali ta' att li tiddetermina l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-adozzjoni ta' dan tal-aħħar, ma tapplikax biss għall-proċeduri previsti għall-adozzjoni ta' att intern, iżda wkoll

[22] Sentenza tat-3 ta' Diċembru 1996, *Il-Portugall vs Il-Kunsill* (C-268/94, EU:C:1996:461).

[23] Ara, b'mod partikolari, il-punt 12 tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea, intitolata "Il-Kunsens Ewropew" (ĠU 2006, C 46, p. 1).

[24] Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/640/PESK, tat-12 ta' Lulju 2011, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment ta' pirati ssuspettati u proprjetà ssekwestrata assoċjata mill-forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Repubblika tal-Mawrizju u dwar il-kondizzjonijiet tal-pirati ssuspettati wara t-trasferiment (ĠU L 254, p. 1).

għal dawk applikabbli għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċedura ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 TFUE, hija l-bażi legali materjali tad-deċiżjoni li tirrigwarda l-konklużjoni ta' dan il-ftehim li tiddetermina t-tip ta' proċedura applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 218(6) TFUE. F'dan il-każ, peress li kienet validament ibbażata esklużivament fuq dispożizzjoni li taqa' taħt il-PESK, id-deċiżjoni tal-Kunsill setgħet tiġi adottata, skont din id-dispożizzjoni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Parlament u mingħajr konsultazzjoni miegħu.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet motiv ieħor, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 218(10) TFUE, li jistabbilixxi obbligu li l-Parlament jinżamm informat dwar l-istadji kollha tal-proċedura ta' nnegozjar u ta' konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Fil-każ ineżami, il-Parlament ma kienx inżamm informat immedjatament u għalhekk il-Kunsill kien kiser dan l-artikolu. Issa, peress li din ir-regola proċedurali tikkostitwixxi forma proċedurali sostanzjali, il-ksur tagħha jimplika n-nullità tal-att li jkun ivvizzjat b'dan il-ksur, u dan sa fejn l-involviment tal-Parlament fil-proċess deċiżjonali huwa r-rifless, fil-livell tal-Unjoni, ta' prinċipju demokratiku fundamentali fis-sens li l-poplu għandu jipparteċipa fl-eżerċizzju tal-poter permezz ta' assemblea rappreżentattiva.

Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni seta' jfixkel l-iżvolġiment tal-operazzjonijiet imwettqa fuq il-bażi tal-Ftehim bejn l-UE u l-Mawrizju, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet fis-seħħ l-effetti tad-deċiżjoni annullata.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (C-114/12, EU:C:2014:2151), mogħtija fl-4 ta' Settembru 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-*deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li tawtorizza l-parteċipazzjoni konġunta tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fin-negozjati dwar konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir*. Skont il-Kummissjoni, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva fil-qasam tal-konvenzjoni maħsuba taħt l-Artikolu 3(2) TFUE u, għalhekk, kellha tiġi eskluża l-parteċipazzjoni konġunta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet dan l-argument peress li l-ftehim inkwistjoni huwa fost dawk il-ftehimiet, indikati f'dan l-aħħar artikolu, li jistgħu jolqtu r-regoli komuni adottati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat. Fil-kawża ineżami, il-kontenut tan-negozjati sabiex tiġi adottata konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tad-drittijiet relatati ta' organizzazzjonijiet tax-xandir jaqa' f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu huwa kopert minn regoli komuni tal-Unjoni. Fil-fatt, mid-Direttivi 93/83 [25], 2001/29 [26], 2004/48 [27], 2006/115 [28] u 2006/116 [29] jirriżulta li l-imsemmija drittijiet huma koperti, fid-dritt tal-Unjoni, minn qafas legali armonizzat intiż, b'mod partikolari, li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li stabbilixxa sistema ta' protezzjoni għolja u uniformi favur l-organizzazzjonijiet tax-xandir.

[25] Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE, tas-27 ta' Settembru 1993, dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Volum 1, p. 134).

[26] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[27] Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

[28] Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 376, p. 28).

[29] Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (verżjoni kkodifikata) (ĠU L 372, p. 12).

Issa, sa fejn l-eżistenza ta' kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq konklużjonijiet misluta minn analiżi konkreta tar-relazzjoni li teżisti bejn il-ftehim internazzjonali maħsub u d-dritt tal-Unjoni fis-seħħ, il-fatt li l-qafas legali tad-dritt tal-Unjoni kkonċernat ġie implementat permezz ta' diversi strumenti legali ma huwiex ta' natura li jdaħħal inkwistjoni l-fondatezza ta' dan l-approċċ. Fil-fatt, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' riskju li regoli komuni tal-Unjoni jiġu ppreġudikati, jew li l-portata tagħhom tiġi mibdula, minn impenji internazzjonali, ma tistax tiddependi minn distinzjoni artifiċjali bbażata fuq il-preżenza, jew le, ta' tali regoli fl-uniku u l-istess strument tad-dritt tal-Unjoni.

Fis-7 ta' Ottubru 2014, fil-kawża li wasslet għas-sentenza *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill* (C-399/12, EU:C:2014:2258), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Ġermanja kontra *d-deċiżjoni tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2012, li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li għandu jittieħed vot fuqhom fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbejjed* (iktar 'il quddiem l-"OIV").

Permezz tal-uniku motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 218(9) TFUE, li jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, il-Ġermanja, sostnuta minn diversi Stati Membri, sostniet, minn naħa, li din id-dispożizzjoni ma tapplikax fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali, bħalma huwa l-Ftehim OIV, li kien ġie konkluż mill-Istati Membri u mhux mill-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li huma biss l-atti ta' dritt internazzjonali li huma vinkolanti fir-rigward tal-Unjoni li jikkostitwixxu "atti li jkollhom effetti legali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 218(9) TFUE ma tipprekludix lill-Unjoni milli tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi pożizzjoni li għandha tittieħed f'isimha f'korp maħluq minn ftehim internazzjonali li hija ma tkunx parti minnu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Istati Membri, li huma wkoll membri tal-OIV, taqa' fil-qasam tal-politika agrikola komuni u, b'mod iktar partikolari, fil-qasam tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, qasam li huwa ampjament irregolat mil-leġiżlatur tal-Unjoni bis-saħħa tal-kompetenza tiegħu bbażata fuq l-Artikolu 43 TFUE. Għaldaqstant, meta l-qasam ikkonċernat ikun jaqa' f'din it-tip ta' kompetenza tal-Unjoni, l-assenza ta' parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-ftehim internazzjonali inkwistjoni ma tipprekludihiex milli teżerċita din il-kompetenza billi tistabbilixxi, fil-kuntest tal-istituzzjonijiet tagħha, pożizzjoni li għandha tittieħed f'isimha fi ħdan il-korp maħluq minn dan il-ftehim, b'mod partikolari bil-medjazzjoni tal-Istati Membri li huma partijiet tal-imsemmi ftehim li jaġixxu *in solidum* fl-interess tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja t-tieni nett ivverifikat jekk ir-rakkomandazzjonijiet li kellhom jiġu adottati mill-OIV, li, f'dan il-każ, kienu jirrigwardaw prattiċi enoloġiċi ġodda, metodi ta' analiżi li jippermettu li tiġi stabbilita l-kompożizzjoni tal-prodotti tas-setturi tal-inbid jew speċifikazzjonijiet ta' purità u ta' identità tas-sustanzi użati għal dawn il-prattiċi, jikkostitwixxux "atti li jkollhom effetti legali", fis-sens tal-Artikolu 218(9) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-imsemmija rakkomandazjonijiet huma intiżi li jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-organizzazzjoni u, minħabba l-inkorporazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni bis-saħħa tal-Artikoli 120f(a), 120g u 158a(1) u (2) tar-Regolament Nru 1234/2007 [30] kif ukoll bis-saħħa

[30] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1).

tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 606/2009 [31], jipproduċu effetti legali, fis-sens tal-Artikolu 218(9) TFUE. Għaldaqstant, minkejja li ma hijiex parti fil-Ftehim OIV, l-Unjoni hija awtorizzata tistabbilixxi pożizzjoni li għandha tittieħed f'isimha fir-rigward ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, fid-dawl tal-impatt dirett tagħhom fuq l-*acquis* tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenza *Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (C-103/12 u C-165/12, EU:C:2014:2400), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja annullat *id-Deċiżjoni 2012/19, dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża* [32]. Skont ir-rikorrenti, din id-deċiżjoni ma kellhiex tiġi adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 43(3) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(b) TFUE iżda fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-linja tal-argumenti tar-rikorrenti filwaqt li enfasizzat li l-adozzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 43(2) TFUE, li jirrigwardaw l-implementazzjoni tal-politika agrikola komuni, timplika deċiżjoni politika li għandha tiġi rriżervata lil-leġiżlatur tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, l-adozzjoni tal-miżuri li jirrigwardaw l-iffissar u t-tqassim tal-opportunitajiet ta' sajd, skont l-Artikolu 43(3) TFUE, ma teħtieġx tali evalwazzjoni peress li tali miżuri għandhom natura prinċipalment teknika u huma meqjusa li jittieħdu sabiex jiġu eżegwiti d-dispożizzjonijiet adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) TFUE.

Barra minn hekk, filwaqt li rreferiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Montego Bay") [33] u għall-kundizzjonijiet iffissati li jippermettu lil Stat kostali jawtorizza lil Stati oħra jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi fiż-żona ekonomika esklużiva tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-aċċettazzjoni mill-Istat ikkonċernat tal-offerta tal-Istat kostali tikkostitwixxi ftehim fis-sens ta' din il-konvenzjoni. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni kontenzjuża, dwar l-offerta ta' għoti ta' opportunitajiet ta' sajd magħmula mill-Unjoni, bħala l-Istat kostali, lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, li taċċetta din l-offerta, tikkostitwixxi ftehim.

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk din id-dikjarazzjoni taqax fil-kompetenza rriżervata lil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għan ta' din id-dikjarazzjoni huwa li tistabbilixxi qafas ġenerali, sabiex il-bastimenti ta' sajd li jtajru l-bandiera Venezweljana jiġu awtorizzati jistadu fiż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat kostali. Għaldaqstant, l-offerta ma hijiex miżura teknika jew ta' eżekuzzjoni iżda hija miżura li teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni awtonoma li għandha ssir fir-rigward tal-interessi politiċi li l-Unjoni ssegwi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-politika tas-sajd. Tali dikjarazzjoni tagħmel parti minn qasam ta' kompetenza li jaqa' fil-kompetenza tal-leġiżlatur tal-Unjoni u għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE u mhux f'dak tal-Artikolu 43(3) TFUE. Barra minn hekk, peress li hija wkoll element kostitwenti ta' ftehim internazzjonali, l-imsemmija dikjarazzjoni taqa' taħt l-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE.

31 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009, tal-10 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠU L 193, p. 1).

32 Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE, tas-16 ta' Diċembru 2011, dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża (ĠU 2012, L 6, p. 8).

33 Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, iffirmata f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982, approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE, tat-23 ta' Marzu 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 3, p. 260).

Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors, hija madankollu ddeċidiet, fid-dawl tal-eżistenza ta' raġunijiet importanti ta' ċertezza legali, li żżomm fis-seħħ l-effetti tad-deċiżjoni sad-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni ġdida bbażata fuq il-bażi legali adegwata.

## 2. Istituzzjonijiet u organi tal-Unjoni

Fir-rigward tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet u tal-organi tal-Unjoni, għandhom jissemmew żewġ sentenzi: waħda tirrigwarda s-setgħat tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (iktar 'il quddiem l-"AETS") u l-oħra tirrigwarda l-kompetenza ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni.

Fis-sentenza *Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (C-270/12, EU:C:2014:18), mogħtija fit-22 ta' Jannar 2014, kienet inkwistjoni *l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-setgħa tal-AETS li tintervjeni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fis-swieq finanzjarji tal-Istati Membri sabiex tirregola jew tipprojbixxi l-bejgħ bin-nieqes*. Fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju Unit kontra l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 236/2012 [34] li jipprovdi għal tali setgħa tal-AETS, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni ma hijiex kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-kritika li s-setgħat mogħtija lill-AETS kienu jmorru lil hinn minn dawk li setgħu jiġu ddelegati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni lil entitajiet oħra [35]. Fil-fatt, minn naħa, l-AETS hija awtorizzata tieħu miżuri biss jekk dawn jindirizzaw theddid għall-funzjonament tajjeb u għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u jekk ikun hemm implikazzjonijiet transkonfinali. Barra minn hekk, dan l-intervent huwa suġġett għall-kundizzjoni li ebda awtorità nazzjonali ma tkun ħadet tali miżuri jew, jekk ikunu ttieħdu, li tali miżuri ma jkunux xierqa sabiex jindirizzaw tali theddid. Min-naħa l-oħra, l-AETS għandha tivverifika jekk il-miżuri adottati minn din l-awtorità jippermettux li tiġi indirizzata b'mod sinjifikattiv tali theddida jew li tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li jissorveljaw it-theddida. Fl-aħħar mill-aħħar, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-AETS huwa limitat kemm mill-obbligu ta' konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku u kemm min-natura temporanja tal-miżuri awtorizzati.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-teżi tar-Renju Unit fis-sens li, fuq il-bażi tas-sentenza Romano [36], ma huwiex permess li organu, bħalma huwa l-AETS, jingħata l-kapaċità li jadotta atti normattivi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-qafas istituzzjonali stabbilit mit-Trattat FUE, u b'mod partikolari mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u mill-Artikolu 277 TFUE, jippermetti lill-korpi u lill-organi tal-Unjoni jadottaw atti b'portata ġenerali.

Fit-tielet lok, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 236/2012 ma huwiex inkompatibbli mar-regoli dwar id-delegi previsti fl-Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tistax titqies waħedha iżda għandha tiġi interpretata bħala parti minn sett sħiħ ta' regoli li l-għan tagħhom huwa li jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-AETS setgħat ta' intervent sabiex jindirizzaw żviluppi żvantaġġużi li jheddu l-istabbiltà finanzjarja fi ħdan l-Unjoni u l-fiduċja fis-swieq.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 114 TFUE jikkostitwixxi bażi legali adegwata għall-adozzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 236/2012. F'dan ir-rigward, il-Qorti

[34] Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2012, dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps [kuntratti ta' skambju] ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, p. 1).

[35] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 1958, *Meroni vs L-Awtorità Għolja* (C-9/56, EU:C:1958:7).

[36] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Mejju 1981, *Romano* (C-98/80, EU:C:1981:104).

tal-Ġustizzja osservat li fil-formulazzjoni tal-Artikolu 114 TFUE ma hemm xejn li jippermetti li jiġi konkluż li l-miżuri adottati fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni għandhom ikunu limitati għall-Istati Membri biss. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tintuża bħala bażi legali biss meta l-att adottat fuq din il-bażi jkollu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-istabbiliment u tal-funzjonament tas-suq intern, inkluż fil-qasam finanzjarju. L-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 236/2012 jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet peress li, permezz ta' din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jarmonizza l-mezzi għall-ġlieda kontra r-riskji li jistgħu jikkawżaw il-bejgħ bin-nieqes u l-kuntratti ta' skambju ta' inadempjenza tal-kreditu u li jtejjeb il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn l-Istati Membri meta dawn il-miżuri jkunu meħtieġa minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali.

Fis-sentenza tagħha *Il-Parlament vs Il-Kummissjoni* (C-65/13, EU:C:2014:2289), tal-15 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Parlament dwar l-osservanza mill-Kummissjoni tal-*limiti tas-setgħa ta' implementazzjoni tagħha fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2012/733, li tistabbilixxi s-Servizz Ewropew tax-Xogħol (EURES), adottata sabiex jiġi implementat ir-Regolament Nru 492/2011* [37]*, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni* [38].

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li s-setgħa ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni għandha tkun limitata kemm mill-Artikolu 291(2) TFUE u kemm mill-imsemmi regolament. Fil-fatt, att ta' implementazzjoni jispeċifika att leġiżlattiv jekk id-dispożizzjonijiet tal-ewwel att josservaw l-għanijiet essenzjali tat-tieni wieħed u jekk dawn id-dispożizzjonijiet ikunu neċessarji jew utli għall-implementazzjoni uniformi tal-att leġiżlattiv, mingħajr ma jikkompletawh u mingħajr ma jemendawh. Fil-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, bħar-Regolament Nru 492/2011, id-deċiżjoni kkontestata hija intiża li tiffaċilita l-mobbiltà ġeografika transkonfinali tal-ħaddiema billi tippromwovi, fil-kuntest ta' azzjoni komuni, jiġifieri l-EURES, it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-swieq tax-xogħol Ewropej. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni huma konformi ma' dan l-għan. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri, ikkaratterizzata minn skambju ta' informazzjoni dwar il-problemi u d-data li jirrigwardaw il-moviment liberu u l-impjieg, tagħmel parti mill-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 492/2011.

B'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 492/2011 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tiżviluppa regoli ta' funzjonament ta' azzjoni komuni, bħalma huwa l-EURES, bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-oqsma tal-approvazzjoni ta' pożizzjonijiet tax-xogħol vakanti u applikazzjonijiet għall-impjieg fl-Unjoni u tal-kollokament ta' ħaddiema. L-istabbiliment ta' Bord tal-Ġestjoni tal-EURES u l-għoti ta' rwol konsultattiv lil dan il-bord jaqgħu wkoll f'dan il-qafas, mingħajr ma jikkompletawh u mingħajr ma jemendawh, peress li huma intiżi biss li jiżguraw il-funzjonament effikaċi tal-azzjoni komuni. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Kummissjoni ma qabżitx is-setgħa ta' implementazzjoni tagħha.

## 3. Aċċess għal dokumenti

Fil-qasam tal-aċċess pubbliku għal dokumenti, għandha tissemma s-sentenza *Il-Kunsill vs in 't Veld* (C-350/12 P, EU:C:2014:2039), mogħtija fit-3 ta' Lulju 2014, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja

[37] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/733/UE, tas-26 ta' Novembru 2012, [li timplementa r-] Regolament [...] Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg u l-istabbiliment mill-ġdid tal-EURES (ĠU L 328, p. 21).

[38] Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141 p. 1).

kkonfermat, fl-appell, sentenza tal-Qorti Ġenerali [39] li tilqa' parzjalment ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Membru tal-Parlament Ewropew kontra deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifjuta li tagħtih aċċess sħiħ għall-opinjoni tas-Servizz legali tiegħu dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika li kellhom iwasslu għal ftehim dwar it-trasferiment ta' data ta' messaġġi finanzjarji għall-finijiet tal-prevenzjoni tat-terroriżmu (ftehim "SWIFT").

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, meta istituzzjoni tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 [40], hija għandha l-obbligu li tibbilanċja l-interess speċifiku li għandu jiġi protett min-nuqqas ta' żvelar tad-dokument ikkonċernat u, b'mod partikolari, l-interess ġenerali li dan id-dokument ikun aċċessibbli, fid-dawl tal-vantaġġi li jirriżultaw minn trasparenza ikbar, jiġifieri parteċipazzjoni aħjar miċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll iktar leġittimità, effettività u responsabbiltà min-naħa tal-amministrazzjoni fir-rigward taċ-ċittadini f'sistema demokratika. Għalkemm dawn il-kunsiderazzjonijiet huma ta' importanza partikolari ħafna f'dawk il-każijiet fejn l-istituzzjoni taġixxi bħala leġiżlatur, dan ma jfissirx iżda li l-attività mhux leġiżlattiva tal-istituzzjonijiet ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni li tirrigwarda l-pariri legali prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, l-eżami li għandu jitwettaq minn istituzzjoni meta tintalab tiżvela dokument għandu neċessarjament jitwettaq fuq tliet stadji, li jikkorrispondu għat-tliet kriterji previsti f'din id-dispożizzjoni. B'hekk, fl-ewwel lok, meta tintalab tiżvela dokument, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-imsemmi dokument fil-fatt jirrigwarda parir legali. Fit-tieni lok, l-istituzzjoni għandha teżamina jekk l-iżvelar ta' partijiet mid-dokument inkwistjoni identifikati bħala li jirrigwardaw pariri legali jkunx ser jippreġudika b'mod raġonevolment prevedibbli, u mhux sempliċement ipotetiku, il-protezzjoni li għandhom jibbenefikaw minnha dawn tal-aħħar. Fl-aħħar nett, fit-tielet u l-aħħar lok, jekk tqis li l-iżvelar tad-dokument ser jippreġudika l-protezzjoni li għandhom jingħataw il-pariri legali, l-istituzzjoni għandha tivverifika li ma jeżistix interess pubbliku superjuri li jiġġustifika dan l-iżvelar.

## 4. Dispożizzjonijiet finanzjarji

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza *Nencini vs Il-Parlament* (C-447/13 P, EU:C:2014:2372), mogħtija fit-13 ta' Novembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha appell ippreżentat minn ex Membru tal-Parlament Ewropew kontra s-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż, fost oħrajn, għall-annullament tad-*deċiżjoni tal-Parlament dwar l-irkupru ta' ċerti somom li dan l-ex Membru kien irċieva bħala rimbors għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-assistenza parlamentari u li kienu tħallsu indebitament kif ukoll tan-noti ta' debitu relatati* [41]. Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant sostna, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali kienet kisret ir-regoli ta' preskrizzjoni applikabbli.

[39] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2012, *In 't Veld vs Il-Kunsill* (T-529/09, EU:T:2012:215).

[40] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

[41] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2013, *Nencini vs Il-Parlament* (T-431/10 u T-560/10, EU:T:2013:290).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li la r-Regolament Nru 1605/2002 (ir-Regolament Finanzjarju) [42] u lanqas ir-Regolament Nru 2342/2002 (ir-Regolament ta' Implementazzjoni) [43], ma jispeċifikaw it-terminu li fih nota ta' debitu għandha tiġi kkomunikata mid-data tal-fatt li jikkawża l-kreditu inkwistjoni. Hija ddikjarat li, madankollu, il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrikjedi, meta t-testi applikabbli ma jgħidu xejn, li l-istituzzjoni kkonċernata tagħmel din il-komunikazzjoni f'terminu raġonevoli. F'dan ir-rigward, fid-dawl tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst fl-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju, it-terminu għall-komunikazzjoni ta' nota ta' debitu għandu jitqies li huwa irraġonevoli meta din il-komunikazzjoni sseħħ iktar tard minn dan il-perijodu, li jibda jiddekorri mill-mument li fih l-istituzzjoni normalment kienet f'pożizzjoni li titlob il-kreditu tagħha. Tali preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata biss jekk l-istituzzjoni inkwistjoni tistabbilixxi li, minkejja l-isforzi li għamlet, id-dewmien li bih ħadet azzjoni huwa dovut għall-aġir tad-debitur, b'mod partikolari għall-manuvri dilatorji jew għall-*mala fide* tiegħu. Fl-assenza ta' tali prova, għandu għaldaqstant jiġi kkonstatat li l-istituzzjoni naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

## IV. Kontenzjuż tal-Unjoni

Matul is-sena 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tagħti deċiżjoni dwar diversi aspetti tal-kontenzjuż tal-Unjoni, kemm fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari u kemm fil-kuntest ta' ċerti rikorsi diretti.

### 1. Rinviju għal deċiżjoni preliminari

Fis-sentenza *A* (C-112/13, EU:C:2014:2195), mogħtija fil-11 ta' Settembru 2014, li tirrigwarda l-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili [44], il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tistabbilixxi jekk l-Artikolu 267 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-qrati ordinarji, li jiddeċiedu fl-appell jew fl-aħħar istanza, huma obbligati, meta jqisu li liġi nazzjonali tmur kontra l-Karta, li, fil-kuntest tal-proċeduri pendenti quddiemhom, iressqu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali talba għall-annullament *erga omnes* tal-liġi inkwistjoni minflok ma jillimitaw ruħhom li ma japplikawhiex fil-kawża li jkollhom quddiemhom.

Filwaqt li fakkret il-prinċipji stabbiliti fil-kawża *Melki u Abdeli* [45], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 267 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali sa fejn in-natura prijoritarja ta' din il-proċedura għandha l-konsegwenza li tostakola, kemm qabel it-tressiq ta' tali talba quddiem il-qorti nazzjonali li għandha l-kompetenza teżerċita l-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet u kemm, meta jkun

[42] Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74)

[43] Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007, tat-23 ta' April 2007 (ĠU L 56M, 29.02.2008, p. 337).

[44] Għal preżentazzjoni tal-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ara t-Titolu IX, li jittratta dan is-suġġett.

[45] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2010, *Melki u Abdeli* (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363).

il-każ, wara d-deċiżjoni ta' din il-qorti, li dawn il-qorti ordinarji jeżerċitaw il-possibbiltà tagħhom jew josservaw l-obbligu tagħhom li jressqu domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta l-proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità tirrigwarda liġi nazzjonali li l-kontenut tagħha sempliċement jittrasponi d-dispożizzjonijiet imperattivi ta' direttiva tal-Unjoni, din il-proċedura ma għandhiex tippreġudika l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni. Qabel ma l-istħarriġ inċidentali tal-kostituzzjonalità ta' tali liġi jkun jista' jitwettaq fir-rigward tal-istess raġunijiet li jdaħħlu inkwistjoni l-validità ta' din id-direttiva, il-qrati nazzjonali, li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, huma bħala prinċipju obbligati, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, li jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tal-imsemmija direttiva u, sussegwentement, li jisiltu l-konsegwenzi li jirriżultaw mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, sakemm il-qorti li tibda l-istħarriġ inċidentali tal-kostituzzjonalità ma tkunx għamlet din id-domanda hija stess lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tat-tieni paragrafu tal-imsemmi aritkolu. Fil-fatt, fir-rigward ta' liġi nazzjonali li tittrasponi direttiva, il-kwistjoni ta' jekk id-direttiva hijiex valida għandha, fid-dawl tal-obbligu li tiġi trasposta, natura preliminari.

## 2. Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

Fi tliet deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar il-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi li jikkonstataw nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn Stat Membru.

Fl-ewwel lok, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* (C-292/11 P, EU:C:2014:3), tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar *il-kompetenza tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-verifika tal-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 260(2) TFUE*. Permezz ta' sentenza tal-2008 [46], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Portugall ma kienx ikkonforma ruħu ma' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mogħtija fl-2004 [47] u kienet għalhekk ikkundannat lil dan l-Istat għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità. Fil-kuntest tal-proċedura għall-irkupru ta' dawn il-pagamenti ta' penalità, il-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni li tikkonstata li l-miżuri adottati minn dan l-Istat ma kinux jiżguraw l-eżekuzzjoni adegwata tal-imsemmija sentenza tal-2004. Il-Portugall kien ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, li kienet laqgħet dan ir-rikors billi qieset li l-imsemmija evalwazzjoni tal-Kummissjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [48]. Il-Kummissjoni appellat minn din is-sentenza.

Fis-sentenza tagħha dwar dan l-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għall-kuntrarju tal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 258 TFUE, li hija intiża li jiġi kkonstatat jew li jitwaqqaf l-aġir ta' Stat Membru li jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni, l-għan tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260 TFUE huwa ħafna iktar limitat sa fejn din il-proċedura hija sempliċement intiża sabiex Stat Membru inadempjenti jiġi mħeġġeġ jeżegwixxi sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Għaldaqstant, din il-proċedura tal-aħħar għandha titqies li hija proċedura ġudizzjarja speċjali għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri li hija mezz ta' eżekuzzjoni. Għaldaqstant, il-verifika mill-Kummissjoni tal-miżuri adottati minn dan l-Istat sabiex jikkonforma ruħu u l-irkupru tas-somom dovuti għandhom jitwettqu fid-dawl tad-delimitazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, kif stabbilita fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Minn dan isegwi li, fil-każ

[46] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2008, *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* (C-70/06, EU:C:2008:3).

[47] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2004, *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* (C-275/03, EU:C:2004:632).

[48] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2011, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni* (T-33/09, EU:T:2011:127).

li, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija skont l-Artikolu 260 TFUE, ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat dwar in-natura adegwata ta' prassi jew ta' leġiżlazzjoni sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni ma tistax tiddeċiedi hija stess dwar dan in-nuqqas ta' qbil u lanqas ma tista' tislet il-konsegwenzi li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-pagamenti ta' penalità.

Bl-istess mod, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, lanqas il-Qorti Ġenerali, meta tintalab tiddeċiedi dwar il-legalità ta' tali deċiżjoni, ma tista' tiddeċiedi dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tan-natura adegwata ta' prassi jew ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma jkunux ġew eżaminati minn qabel mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Fil-fatt, jekk tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali tkun qiegħda inevitabbilment tiddeċiedi dwar il-konformità ta' tali prassi jew leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni u b'hekk tkun qiegħda tindaħal fil-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok, permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014, *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (C-196/13, EU:C:2014:2407) u *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* (C-378/13, EU:C:2014:2405), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fuq żewġ rikorsi tal-Kummissjoni, ippreżentati taħt l-Artikolu 260(2) TFUE, fir-rigward tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, mill-Italja u mill-Greċja, ta' sentenzi li jikkonstataw nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-qasam tal-immaniġġar ta' skart, dwar *il-kriterji li jirregolaw l-iffissar ta' sanzjonijiet pekunjarji fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu* [49].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta, bħalma huwa l-każ f'dawn il-kawżi, il-kundanna ta' Stat Membru għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità tikkostitwixxi mezz finanzjarju adegwat sabiex dan l-Istat jiġi mħeġġeġ jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iwaqqaf in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat, tali sanzjoni għandha tiġi stabbilita skont il-livell ta' pressjoni meħtieġ sabiex l-Istat Membru inadempjenti jiġi persważ jeżegwixxi s-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u jbiddel l-aġir tiegħu sabiex jintemm il-ksur inkwistjoni. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura koerċittiva tal-pagamenti ta' penalità fid-dawl ta' applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni huma, bħala prinċipju, il-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza li biha l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu. Sabiex tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni sħiħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pagamenti ta' penalità għandhom jintalbu fl-intier tagħhom sakemm l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex itemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat. F'ċerti każijiet partikolari jistgħu madankollu jiġu previsti pagamenti ta' penalità li jonqsu gradwalment sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-progress li jkun eventwalment sar mill-Istat Membru fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu.

Barra minn hekk, filwaqt li enfasizzat li hija awtorizzata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha fil-qasam ikkunsidrat, timponi, simultanjament, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li l-prinċipju ta' kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa huwa essenzjalment ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat fuq l-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jissokta għal żmien twil wara l-għoti tas-sentenza

[49] Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 2007, *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (C-135/05, EU:C:2007:250) u tas-6 ta' Ottubru 2005, *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* (C-502/03, EU:C:2005:592).

li tkun inizjalment ikkonstatat tali nuqqas. Din il-kundanna għandha, f'kull każ partikolari, tibqa' tiddependi fuq l-elementi rilevanti kollha li jikkonċernaw kemm il-karatteristiċi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll l-aġir stess tal-Istat Membru inadempjenti.

## 3. Rikorsi għal annullament

Fl-ewwel lok, fid-9 ta' Diċembru 2014, fis-sentenza *Schönberger vs Il-Parlament* (C-261/13 P, EU:C:2014:2423), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [50], tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom deċiżjoni tal-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament li ttemm l-eżami ta' petizzjoni tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, skont il-ġurisprudenza tagħha, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament, bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jolqtu l-interessi tar-rikorrent billi jbiddlu b'mod ikkaratterizzat is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-dritt ta' petizzjoni jagħmel parti mid-drittijiet fundamentali, li dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 227 TFUE u li jikkostitwixxi strument għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament, li quddiemu tkun tressqet petizzjoni, iqis li din ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 227 TFUE għandha tkun tista' tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, peress li tista' taffettwa d-dritt ta' petizzjoni tal-persuna kkonċernata. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament, kontra s-sustanza nnifisha tad-dritt ta' petizzjoni, jirrifjuta jew joqgħod lura milli jieħu konjizzjoni ta' petizzjoni indirizzata lilu u, konsegwentement, milli jivverifika jekk din tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 227 TFUE jkunux issodisfatti, deċiżjoni negattiva tal-Parlament għandha tkun motivata b'mod li tippermetti lill-persuna li tippreżenta l-petizzjoni ssir taf liema waħda minn fost l-imsemmija kundizzjonijiet ma kinitx issodisfatta fil-każ tagħha. F'dan ir-rigward, motivazzjoni sommarja tissodisfa dan ir-rekwiżit.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta tkun involuta, bħalma kien il-każ f'din il-kawża, petizzjoni li fir-rigward tagħha l-Parlament qies li kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 227 TFUE, il-Parlament għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa, ta' natura politika, dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fir-rigward ta' din il-petizzjoni. Minn dan isegwi li deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward ma taqax taħt l-istħarriġ ġudizzjarju, irrispettivament minn jekk, permezz ta' tali deċiżjoni, il-Parlament jadottax huwa stess il-miżuri indikati jew iqisx li ma huwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan u jittrażmetti l-petizzjoni lill-istituzzjoni jew lid-dipartiment kompetenti sabiex din l-istituzzjoni jew dan id-dipartiment jieħdu dawn il-miżuri. Għaldaqstant, tali deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata quddiem il-qorti tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, fis-sentenza *Liivimaa Lihaveis* (C-562/12, EU:C:2014:2229), mogħtija fis-17 ta' Settembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet, minn naħa, *dwar l-atti li jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-qorti tal-Unjoni* u, min-naħa l-oħra, *dwar l-obbligi tal-Istati Membri li jiggarantixxu r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fl-assenza ta' rimedji legali quddiem il-qorti tal-Unjoni.* F'din il-kawża kienet inkwistjoni d-deċiżjoni ta' kumitat ta' monitoraġġ, stabbilit minn Stat Membru, responsabbli

[50] Sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, *Schönberger vs Il-Parlament*, (T-186/11, EU:T:2013:111).

għall-implementazzjoni ta' programm operattiv li jaqa' taħt il-politika ta' koeżjoni ekonomika u soċjali, li tiċħad applikazzjoni għal sussidju ppreżentata minn impriża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-mekkaniżmu ta' stħarriġ ġudizzjarju previst fl-Artikolu 263 TFUE japplika għall-korpi u għall-organi stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni li jkunu ngħataw setgħat sabiex jadottaw atti legalment vinkolanti fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi f'oqsma speċifiċi. Għall-kuntrarju, kumitat ta' monitoraġġ stabbilit minn Stat Membru fil-kuntest ta' programm operattiv intiż sabiex jippromwovi l-kooperazzjoni territorjali Ewropea, bħal dak stabbilit permezz tar-Regolament Nru 1083/2006 [51], la jikkostitwixxi istituzzjoni u lanqas korp jew organu tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità ta' att meħud minn tali kumitat, bħalma hija d-deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal sussidju. Barra minn hekk, din il-qorti lanqas ma għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-validità tal-Linji gwida ta' programm adottati minn dan it-tip ta' kumitat.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament Nru 1083/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni ta' Linji gwida ta' programm adottati minn kumitat ta' monitoraġġ li ma tipprevedix li d-deċiżjonijiet ta' dan il-kumitat ta' monitoraġġ li jiċħdu applikazzjoni għal sussidju jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors quddiem qorti ta' Stat Membru. Fil-fatt, sabiex jiżgura r-rispett fi ħdan l-Unjoni tad-dritt għal rimedju effettiv irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu r-rimedji legali neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

## 4. Rikors għad-danni

Fl-10 ta' Lulju 2014, fis-sentenza *Nikolaou vs Il-Qorti tal-Awdituri* (C-220/13 P, EU:C:2014:2057), il-Qorti tal-Ġustizzja, li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ċaħdet rikors għad-danni kontra l-Unjoni [52], kienet meħtieġa tiddetermina jekk, *fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, il-qorti tal-Unjoni hijiex marbuta tieħu inkunsiderazzjoni l-kwalifikazzjoni ġuridika tal-fatti mwettqa minn qorti nazzjonali fil-kuntest ta' proċedura kriminali nazzjonali fir-rigward ta' fatti identiċi għal dawk eżaminati fil-kuntest tal-imsemmi rikors għad-danni*. F'din il-kawża, Membru tal-Qorti tal-Awdituri kienet ressqet rikors għad-danni intiż sabiex tikseb kumpens għad-dannu li kienet allegatament ġarrbet b'konsegwenza ta' irregolaritajiet u ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni li l-Qorti tal-Awdituri allegatament wettqet fil-kuntest ta' investigazzjoni interna. Fl-appell tagħha, l-appellanti sostniet b'mod partikolari li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-Qorti Ġenerali tqiegħed fid-dubju l-innoċenza tagħha, meta kienet diġà nstabet mhux ħatja b'deċiżjoni kriminali nazzjonali irrevokabbli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-rikors għad-danni, marbut ma' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għall-azzjonijiet jew għall-ommissjonijiet tal-istituzzjonijiet tagħha, taħt l-Artikoli 235 KE u 288 KE [53], ġie stabbilit bħala rimedju awtonomu minn azzjonijiet ġudizzjarji oħra, li għandu l-funzjoni partikolari tiegħu fil-kuntest tas-sistema tar-rimedji legali u li huwa suġġett għal kundizzjonijiet ta' eżerċizzju maħsuba fid-dawl tal-iskop speċifiku tiegħu.

[51] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, p. 25).

[52] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 *Nikolaou vs Il-Qorti tal-Awdituri* (T-241/09, EU:T:2013:79).

[53] Li saru, rispettivament, l-Artikoli 268 TFUE u 340 TFUE.

Għaldaqstant, għalkemm il-konstatazzjonijiet magħmula matul proċedura kriminali nazzjonali li tirrigwarda fatti identiċi għal dawk eżaminati fil-kuntest ta' proċedura bbażata fuq l-imsemmi Artikolu 235 KE jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti tal-Unjoni adita, din tal-aħħar madankollu ma hijiex marbuta bil-kwalifikazzjoni ġuridika tal-imsemmija fatti mwettqa mill-qorti kriminali. Il-qorti tal-Unjoni għandha, fl-eżerċizzju sħiħ tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tanalizzahom b'mod awtonomu sabiex tivverifika jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Għalhekk, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tiġi kkritikata talli kisret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, irrikonoxxut fl-Artikolu 10 KE [54], minħabba li evalwat ċerti punti ta' fatt b'mod differenti mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-qorti nazzjonali.

## V. Agrikoltura

Fil-qasam tal-agrikoltura, is-sentenza *SICES et* (C-155/13, EU:C:2014:145), mogħtija fit-13 ta' Marzu 2014, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tagħti deċiżjoni dwar *il-kunċett ta' abbuż ta' dritt fil-kuntest tal-interpretazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni tat-tewm stabbilita permezz tar-Regolament Nru 341/2007* [55]. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet b'mod partikolari meħtieġa tispeċifika jekk l-Artikolu 6(4) tal-imsemmi regolament jipprekludix tranżazzjonijiet li permezz tagħhom importatur, detentur ta' liċenzji għall-importazzjoni b'rata mnaqqsa, jixtri merkanzija qabel l-importazzjoni tagħha fl-Unjoni mingħand operatur, li jkun ukoll importatur tradizzjonali fis-sens tar-Regolament iżda li jkun eżawrixxa l-liċenzji tiegħu għall-importazzjoni b'rata mnaqqsa, u sussegwentement ibigħhielu mill-ġdid wara li jkun importaha fl-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf jekk l-imsemmi artikolu, li ma jkoprix dawn it-tranżazzjonijiet, kienx jipprekludihom u jekk dawn it-tranżazzjonijiet kinux jikkostitwixxu abbuż ta' dritt [56].

Din il-kawża ppermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-individwi ma jistgħux jinvokaw normi tal-Unjoni b'mod qarrieqi jew abbużiv u li sabiex prassi tiġi kkaratterizzata bħala abbużiva hija meħtieġa l-preżenza ta' element oġġettiv u ta' element suġġettiv. F'din il-kawża, fir-rigward tal-element oġġettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan tar-Regolament, li huwa li, fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, tiġi protetta l-kompetizzjoni bejn l-importaturi veri, b'tali mod li ebda importatur individwali ma jkun jista' jikkontrolla s-suq, ma kienx qiegħed jintlaħaq. Fil-fatt, it-tranżazzjonijiet inkwistjoni jistgħu jippermettu lix-xerrej, li jkun importatur li jkun eżawrixxa l-liċenzji tiegħu u li għalhekk ma jkunx jista' jimporta iktar tewm bit-tariffa preferenzjali, sabiex jikseb tewm importat b'tariffa preferenzjali u jestendi l-influwenza tiegħu fis-suq b'mod li jmur lil hinn mis-sehem tal-kwota tariffarja li kien ingħatalu. Fir-rigward tal-element suġġettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex it-tranżazzjonijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu li kellhom, bħala għan essenzjali, li jagħtu lix-xerrej fl-Unjoni vantaġġ indebitu, huwa neċessarju li l-importaturi kellhom l-intenzjoni li jagħtu tali vantaġġ lil dan ix-xerrej u li t-tranżazzjonijiet ma kellhomx ġustifikazzjoni ekonomika u kummerċjali għal dawn l-importaturi, punt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

[54] Li sar l-Artikolu 4(3) TUE.

[55] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007, tad-29 ta' Marzu 2007, li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 56M, 29.2.2008, p. 218).

[56] Żewġ sentenzi oħra ppreżentati f'dan ir-rapport jirrigwardaw il-kwistjoni tal-abbuż ta' dritt: is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, *Torresi* (C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088), ippreżentata fit-Titolu VI.2, "Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi", u s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, *McCarthy et* (C-202/13, EU:C:2014:2450), ippreżentata fit-Titolu II, "Ċittadinanza tal-Unjoni".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, filwaqt li l-imsemmija dispożizzjoni ma tipprekludix bħala prinċipju t-tranżazzjonijiet ta' xiri, ta' importazzjoni u ta' bejgħ mill-ġdid inkwistjoni, tali tranżazzjonijiet jikkostitwixxu abbuż ta' dritt meta jkunu nħolqu artifiċjalment bil-għan essenzjali li jittieħed vantaġġ minn tariffa doganali preferenzjali.

# VI. Libertajiet ta' moviment

## 1. Moviment liberu tal-ħaddiema u sigurtà soċjali

F'żewġ sentenzi importanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tagħti deċiżjoni dwar il-kunċetti ta' "ħaddiem" u ta' "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE.

Fid-19 ta' Ġunju 2014, fis-sentenza *Saint Prix* (C-507/12, EU:C:2014:2007), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38* [57]. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda ċittadina Franċiża li kienet ippreżentat applikazzjoni għal suppliment tad-dħul wara li kienet waqqfet l-attività professjonali tagħha fir-Renju Unit għal raġunijiet marbuta mat-tqala tagħha. L-awtoritajiet Brittaniċi rrifjutaw li jagħtu dan il-benefiċċju għar-raġuni li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, l-applikanti kienet tilfet il-kwalità tagħha ta' ħaddiem u, għalhekk, id-dritt tagħha għal suppliment tad-dħul.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat b'mod estensiv u li d-Direttiva 2004/38 ma tistax tillimita l-portata ta' dan il-kunċett. Fl-interpretazzjoni tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-sitwazzjoni tal-applikanti ma tistax titqies li hija l-istess bħas-sitwazzjoni ta' persuna li tbati minn inkapaċità temporanja għax-xogħol li tirriżulta minn marda, fis-sens tal-Artikolu 7(3)(a) ta' din id-direttiva, sa fejn l-istat ta' tqala ma huwiex marbut ma' marda.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-imsemmi Artikolu 7 u mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva ma jirriżultax li mara li tieqaf mix-xogħol jew milli tfittex impjieg minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas għandha tiġi sistematikament imċaħħda mill-kwalità ta' "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE. Hija tibqa' tgawdi minn din il-kwalità bil-kundizzjoni li tassumi mill-ġdid ix-xogħol tagħha jew issib impjieg ieħor fi żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha. Fil-fatt, il-klassifikazzjoni bħala ħaddiem fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, kif ukoll id-drittijiet li jirriżultaw minn tali status, ma jiddependux neċessarjament mill-eżistenza jew mill-kontinwità effettiva ta' relazzjoni ta' xogħol. B'hekk, l-assenza mis-suq tax-xogħol għal xi xhur ma timplikax li din il-persuna ma baqgħetx tappartjeni għal dan is-suq matul dan il-perijodu, sakemm hija tassumi mill-ġdid ix-xogħol tagħha jew issib impjieg ieħor fi żmien raġonevoli wara l-ħlas. Fir-rigward tan-natura raġonevoli tal-imsemmi perijodu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha tal-każ ineżami u r-regoli nazzjonali applikabbli li jirregolaw it-tul tal-leave tal-maternità, inkonformità mad-Direttiva 92/85 [58].

[57] Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

[58] Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110). Deċiżjonijiet oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din id-direttiva huma ppreżentati fit-Titolu XIV, "Politika soċjali".

Fis-sentenza *Haralambidis* (C-270/13, EU:C:2014:2185), mogħtija fl-10 ta' Settembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tinterpreta *l-Artikolu 45(4) TFUE, li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema l-impjiegi fl-amministrazzjoni pubblika*. F'din il-kawża, il-ħatra ta' ċittadin Grieg għall-pożizzjoni ta' president tal-awtorità portwali ta' Brindisi kienet ġiet ikkontestata minn kompetitur minħabba li d-dritt Taljan kien jeżiġi obbligatorjament in-nazzjonalità Taljana.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li l-president ta' awtorità portwali għandu jitqies li huwa ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 45(1) TFUE. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li s-setgħat mogħtija lilu, jiġifieri li jadotta deċiżjonijiet ta' natura vinkolanti fil-każ ta' neċessità u urġenza immedjata, jistgħu bħala prinċipju jaqgħu taħt id-deroga mill-moviment liberu tal-ħaddiema, prevista fl-Artikolu 45(4) TFUE.

Madankollu, l-eżerċizzju ta' tali setgħat jikkostitwixxi parti marġinali mill-attività tal-presidenza ta' awtorità portwali, li hija ġeneralment ta' natura teknika u ta' ġestjoni ekonomika, u dawn is-setgħat huma intiżi sabiex jiġu eżerċitati biss b'mod okkażjonali jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali. F'tali ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li esklużjoni ġenerali tal-aċċess taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra għall-funzjoni ta' president ta' awtorità portwali tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità pprojbita mill-Artikolu 45 TFUE u li l-kundizzjoni ta' nazzjonalità inkwistjoni ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 45(4) TFUE.

## 2. Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi

Fir-rigward l-ewwel nett tal-moviment liberu tal-persuni fiżiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, fis-sentenza *Torresi* (C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088), mogħtija fis-17 ta' Lulju 2014, dwar *l-interpretazzjoni tad-Direttiva 98/5, dwar il-prattika tal-professjoni ta' avukat fi Stat Membru differenti minn dak li fih tkun inkisbet il-kwalifika sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eżistenza ta' abbuż ta' dritt* [59]. F'din il-kawża, żewġ ċittadini Taljani, ftit ta' żmien biss wara li kisbu t-titolu ta' "abogado" fi Spanja, applikaw għall-iskrizzjoni tagħhom fl-ordni tal-avukati sabiex jiġu awtorizzati jipprattikaw il-professjoni ta' avukat fl-Italja. Il-kunsill tal-ordni kompetenti rrifjuta din l-applikazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan ta' din id-direttiva huwa li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun inkisbet il-kwalifika professjonali. Id-dritt taċ-ċittadini ta' Stat Membru li jagħżlu, minn naħa, l-Istat Membru li fih jixtiequ jiksbu l-kwalifiki professjonali tagħhom u, min-naħa l-oħra, dak fejn għandhom l-intenzjoni li jipprattikaw il-professjoni tagħhom huwa inerenti fl-eżerċizzju, f'suq wieħed, tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li la l-fatt li ċittadin ta' Stat Membru, li jkun kiseb diploma universitarja f'dan l-istess Stat, imur fi Stat Membru ieħor sabiex hemmhekk jikseb il-kwalifika professjonali ta' avukat u li, sussegwentement, jirritorna fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza sabiex hemmhekk jeżerċita l-professjoni ta' avukat bis-saħħa tat-titolu professjonali miksub fl-Istat Membru fejn tkun inkisbet din il-kwalifika professjonali, u lanqas il-fatt li l-imsemmi ċittadin għażel li jikseb kwalifika professjonali fi Stat

[59] Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 83).

Membru li ma jkunx dak li fih huwa jirrisjedi, sabiex jibbenefika minn leġiżlazzjoni iktar favorevoli, ma jwasslu għall-konklużjoni li hemm abbuż ta' dritt [60].

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-sistema stabbilita permezz tad-Direttiva 98/5 la tista' taffettwa l-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali u lanqas il-funzjonijiet essenzjali tal-Istat Membru ospitanti fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE, sa fejn din is-sistema la tirregola l-aċċess għall-professjoni ta' avukat u lanqas il-prattika ta' din il-professjoni bis-saħħa tat-titolu professjonali maħruġ fl-Istat Membru ospitanti.

It-tieni nett, fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandhom jissemmew erba' sentenzi. Tnejn minnhom jirrigwardaw sistemi fiskali nazzjonali. Fl-1 ta' April 2014, fis-sentenza *Felixstowe Dock and Railway Company et* (C-80/12, EU:C:2014:200), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li tippermetti li jinkisbu vantaġġi fiskali permezz tat-trasferiment ta' telf bejn kumpanniji konnessi, iżda dan biss fil-każ li l-kumpannija li tittrasferixxi t-telf u dik li tpaċi dan it-telf mal-profitti tagħha jkunu jirrisjedu f'dan l-istess pajjiż jew ikollhom stabbiliment permanenti fih.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kundizzjoni ta' residenza prevista għall-kumpannija ta' konnessjoni tintroduċi differenza fit-trattament bejn, minn naħa, il-kumpanniji residenti konnessi, fis-sens tal-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, permezz ta' kumpannija ta' konnessjoni residenti, li jibbenefikaw mill-vantaġġ fiskali tat-tnaqqis tat-telf, u, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji residenti konnessi permezz ta' kumpannija ta' konnessjoni stabbilita fi Stat Membru ieħor, li ma jibbenefikawx minnu. Issa, din id-differenza fit-trattament tirrendi inqas attraenti f'termini ta' taxxa l-istabbiliment ta' kumpannija ta' konnessjoni fi Stat Membru ieħor. Din id-differenza tista' tkun kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment fil-każ biss li l-kumpanniji kkonċernati ma jkunux f'sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli fir-rigward tal-possibbiltà li jittrasferixxu bejniethom, permezz ta' tnaqqis tat-telf ta' grupp fil-kuntest ta' konsorzju, it-telf imġarrab.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali sistema fiskali tista' bħala prinċipju tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bbażati fuq l-għan li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, li jiġu miġġielda l-istrutturi purament artifiċjali li l-iskop tagħhom ikun l-evażjoni mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru konċernat, jew li jiġu miġġielda r-rifuġji fiskali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan ma jkunx il-każ fil-każ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma ssegwi ebda għan speċifiku li jiġu miġġielda l-istrutturi purament artifiċjali iżda li tagħti vantaġġ fiskali lill-kumpanniji residenti li jappartjenu lil gruppi b'mod ġenerali, u fil-kuntest ta' konsorzji b'mod partikolari. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li tali leġiżlazzjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Dejjem fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, is-sentenza *Nordea Bank Danmark* (C-48/13, EU:C:2014:2087), mogħtija fis-17 ta' Lulju 2014, tirrigwarda l-kwistjoni tat-*tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet transkonfinali mwettqa minn gruppi ta' kumpanniji*. Din il-kawża kienet tirrigwarda l-leġiżlazzjoni tad-Danimarka li tipprovdi li t-telf li kumpannija residenti tkun naqqset preċedentement fir-rigward ta' stabbilimenti permanenti li jinsabu fi Stati Membri oħra jew fi Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Ftehim

60 Żewġ sentenzi oħra ppreżentati f'dan ir-rapport jirrigwardaw il-kwistjoni tal-abbuż ta' dritt: is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, *McCarthy et* (C-202/13, EU:C:2014:2450), ippreżentata fit-Titolu II, "Ċittadinanza tal-Unjoni", u s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, *SICES et* (C-155/13, EU:C:2014:145), ippreżentata fit-Titolu V, "Agrikoltura".

ŻEE”) [61] u li jkunu ġew ittrasferiti lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp għandu jiġi integrat mill-ġdid fil-profitt taxxabbli tal-imsemmija kumpannija residenti.

F’dan il-kuntest, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi tali leġiżlazzjoni sa fejn l-Istat Membru jintaxxa kemm il-profitt iġġenerat mill-imsemmi stabbiliment qabel it-trasferiment tiegħu kif ukoll il-profitt li jirriżulta mill-qligħ kapitali ġġenerat mill-imsemmi trasferiment. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-imsemmija leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta’ tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta’ tassazzjoni maħsub sabiex titħares is-simetrija bejn id-dritt li jiġu ntaxxati l-profitti u l-possibbiltà li jitnaqqas it-telf.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-diffikultajiet tal-amministrazzjoni fiskali, invokati mid-Danimarka, sabiex tivverifika, fil-każ ta’ trasferiment fi ħdan l-istess grupp, il-valur tas-suq tan-negozju ttrasferit fi Stat Membru ieħor, ma humiex speċifiċi għas-sitwazzjonijiet transkonfinali peress li dawn l-istess verifiki jitwettqu meta l-bejgħ ta’ negozju jsir fil-kuntest ta’ trasferiment fi ħdan l-istess grupp ta’ stabbiliment residenti. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni tista’ titlob lill-kumpannija ċedenti tippreżenta d-dokumenti meħtieġa għall-verifika.

Is-sentenza *Pfleger et* (C-390/12, EU:C:2014:281), mogħtija fit-30 ta’ April 2014, tirrigwarda l-kwistjoni ta’ jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix *leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-operat ta’ magni tal-logħob fl-assenza ta’ awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet amministrattivi*.

Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, preliminarjament, filwaqt li fakkret il-ġurisprudenza *ERT* [62] tagħha, li, meta Stat Membru jinvoka raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali sabiex jiġġustifika leġiżlazzjoni li tkun ta' natura li tostakola l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din il-ġustifikazzjoni, prevista mid-dritt tal-Unjoni, għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u b’mod partikolari tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista’ tibbenefika mill-eċċezzjonijiet previsti fil-każ biss li tkun konformi mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom. Dan l-obbligu ta’ konformità mad-drittijiet fundamentali jaqa’ b’mod ċar fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, f’dak tal-Karta [63].

F’din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel lok ikkonstatat li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta’ jekk din ir-restrizzjoni tistax tiġi ġġustifikata permezz ta’ raġunijiet ta’ ordni pubbliku, ta’ sigurtà pubblika jew ta’ saħħa pubblika jew permezz ta’ raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-għanijiet tal-protezzjoni tal-lagħba, permezz ta’ limitazzjoni tal-offerta ta’ logħob tal-ażżard, u tal-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta ma’ dan il-logħob huma rrikonoxxuti bħala għanijiet ta’ natura li jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali fis-settur tal-logħob tal-ażżard. F’dan ir-rigward, leġiżlazzjoni għandha tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħqu dawn l-għanijiet. Issa, jekk il-qorti tar-rinviju tqis li l-veru għan tas-sistema restrittiva huwa li jiżdied id-dħul tal-Istat, is-sistema inkwistjoni għandha titqies li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

[61] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta’ Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3).

[62] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Ġunju 1991, *ERT vs DEP* (C-260/89, EU:C:1991:254).

[63] Fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, isir riferiment ukoll għas-sentenza *Julian Hernández et* (C-198/13, EU:C:2014:2055), ippreżentata fit-Titolu I.2, “Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea”.

Fit-tieni lok, fir-rigward tar-restrizzjoni għal-libertà professjonali, għal-libertà tal-intrapriża u għad-dritt għall-proprjetà rrikonoxxuti fl-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, sabiex tkun ammissibbli, tali restrizzjoni għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u li sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità huwa meħtieġ li restrizzjoni tiġi imposta biss fil-każ li tkun neċessarja u fil-każ li tissodisfa effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni. Għaldaqstant, fil-każ li restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi taħt l-Artikolu 56 TFUE ma tkunx iġġustifikata jew fil-każ li tkun sproporzjonata, din ir-restrizzjoni ma tistax titqies li hija ammissibbli bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Karta fir-rigward tal-imsemmija drittijiet u libertajiet irrikonoxxuti fl-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Fl-aħħar nett, fil-11 ta' Diċembru 2014, fis-sentenza *Azienda sanitaria locale n.5 "Spezzino" et* (C-113/13, EU:C:2014:2440), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE ma jipprekludux *leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-provvista tas-servizzi ta' trasport mediku ta' emerġenza u ta' emerġenza estrema għandha tingħata bi prijorità u permezz ta' għoti dirett, fl-assenza ta' kwalunkwe pubbliċità, lill-organi ta' volontarjat li magħhom jeżisti ftehim*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett eżaminat l-imsemmija leġiżlazzjoni fid-dawl tad-Direttiva 2004/18, dwar il-kuntratti pubbliċi [64]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li fil-każ li l-provvista teċċedi l-limitu minimu rilevanti ffissat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva u fil-każ li l-valur tas-servizzi ta' trasport jeċċedi l-valur tas-servizzi mediċi, id-Direttiva 2004/18 tkun applikabbli u għalhekk l-għoti dirett tal-kuntratt ikun imur kontra din id-direttiva.

Għall-kuntrarju, fil-każ li l-imsemmi livell minimu ma jintlaħaqx jew fil-każ li l-valur tas-servizzi mediċi jeċċedi l-valur tas-servizzi ta' trasport, ikunu jistgħu japplikaw biss il-prinċipji ġenerali ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżultaw mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE li, f'dan it-tieni każ, japplikaw flimkien mal-Artikoli 23 u 35(4) tad-Direttiva 2004/18. Issa, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni sakemm il-qafas legali u ta' ftehimiet li fih titwettaq l-attività ta' dawn l-organi jikkontribwixxi effettivament sabiex jintlaħqu l-iskop soċjali u l-għanijiet ta' solidarjetà u ta' effiċjenza baġitarja li fuqhom hija bbażata din il-leġiżlazzjoni.

Fil-fatt, minkejja li l-esklużjoni ta' entitajiet li għandhom skop ta' lukru minn parti essenzjali tas-suq ikkonċernat tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din l-esklużjoni tista' tiġi ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali bħalma huwa l-għan li, għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, jinżamm servizz mediku u tal-isptarijiet ibbilanċjat u aċċessibbli għal kulħadd. Għalhekk, dan japplika għall-miżuri li, minn naħa, jissodisfaw l-għan ġenerali li jiġi ggarantit li fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ikun hemm aċċessibbiltà suffiċjenti u permanenti għal firxa bbilanċjata ta' kura ta' kwalità u, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxu sabiex tiġi ssodisfatta x-xewqa li jiġi żgurat kontroll tal-ispejjeż u li jiġi evitat, sa fejn huwa possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani.

64 Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

### 3. Moviment liberu tal-kapital

Fis-sentenza *X u TBG* (C-24/12 u C-27/12, EU:C:2014:1385), mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix miżura fiskali ta' Stat Membru li tillimita, filwaqt li ssegwi b'mod effettiv u proporzjonat l-għan li tiġi miġġielda l-evażjoni fiskali, il-movimenti ta' kapital bejn dan l-Istat Membru u l-PTEE tiegħu.*

Mitluba tiddeċiedi dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital ta' sistema fiskali li tapplika għall-movimenti ta' kapital bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Antilli Olandiżi il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, minħabba l-eżistenza ta' sistema speċjali ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE), id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat KE, jiġifieri dawk li ma jinsabux fir-Raba' Parti tal-imsemmi Trattat, ma japplikawx għall-PTEE sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-miżura fiskali inkwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2001/822, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni PTEE") [65].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm id-Deċiżjoni PTEE tipprojbixxi, fost restrizzjonijiet oħra, dawk fuq il-ħlas ta' dividendi bejn l-Unjoni u l-PTEE, l-istess bħall-projbizzjoni ta' tali miżuri, stabbilita fl-Artikolu 56 KE [66], fir-rigward, b'mod partikolari, tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, l-imsemmija deċiżjoni tinkludi klawżola ta' eċċezzjoni li tirrigwarda espliċitament il-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, b'mod iktar partikolari, li miżura fiskali intiża sabiex tipprevjeni l-flussi eċċessivi ta' kapital lejn l-Antilli Olandiżi u sabiex b'hekk tiġġieled kontra l-attrazzjoni ta' dan il-PTEE bħala refuġju fiskali taqa' taħt din il-klawżola ta' eċċezzjoni fiskali u għalhekk tibqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni PTEE, bil-kundizzjoni li l-imsemmija miżura ssegwi dan l-għan b'mod effettiv u proporzjonat.

## VII. Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni

### 1. Qsim tal-fruntieri

Fir-rigward tar-regoli komuni li jirrigwardaw l-istandards u l-proċeduri ta' kontroll mal-fruntieri esterni, għandha tissemma s-sentenza *U* (C-101/13, EU:C:2014:2249), mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2014. F'din il-kawża, qorti Ġermaniża kellha dubju dwar *l-ammissibbiltà, fir-rigward tar-Regolament Nru 2252/2004, dwar il-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar* [67]*, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi l-indikazzjoni tal-"kunjom u kunjom mat-twelid" fuq il-paġna tal-passaport bid-data personali*. Din il-kwistjoni qamet fil-kuntest ta' tilwima dwar ir-rifjut min-naħa ta' awtorità nazzjonali li temenda l-preżentazzjoni tal-kunjom mat-twelid tar-rikorrent fil-kawża prinċipali li kien jidher ħdejn il-kunjom tiegħu, minkejja li l-kunjom mat-twelid legalment ma huwiex meqjus bħala parti minn ismu.

[65] Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE, tas-27 ta' Novembru 2001, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 319).

[66] Li sar l-Artikolu 63 TFUE.

[67] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, tat-13 ta' Diċembru 2004, dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 153M, p. 375), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 444/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Mejju 2009 (ĠU L 142, p. 1).

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Anness tar-Regolament Nru 2252/2004 jeżiġi li l-paġna tal-passaporti bid-data personali li tista' tinqara minn magna għandha tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji kollha previsti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (iktar 'il quddiem l-"ICAO") [68]. It-tieni nett, dan l-anness ma jipprekludix li, meta d-dritt ta' Stat Membru jipprovdi li l-isem ta' persuna ikun ikkostitwit mill-ismijiet tagħha u mill-kunjom, dan l-Istat xorta waħda jkun jista' jinkludi l-kunjom mat-twelid, jew fl-entrata 06 tal-paġna tal-passaporti bid-data personali li tista' tinqara minn magna bħala identifikatur prinċipali, jew fl-entrata 07 ta' din il-paġna bħala identifikatur sekondarju, jew f'entrata waħda komposta mill-imsemmija entrati 06 u 07. Il-kunċett ta' "isem sħiħ, identifikat mill-Istat emittenti", li jissemma fid-dokument tal-ICAO, iħalli lill-Istati marġni ta' diskrezzjoni fl-għażla tal-elementi li jikkostitwixxu l-"isem sħiħ". Għall-kuntrarju, l-Anness tar-Regolament Nru 2252/2004 jipprekludi, fil-każ li d-dritt ta' Stat Membru jipprovdi li l-isem ta' persuna jkun ikkostitwit mill-ismijiet tagħha u mill-kunjom tagħha, li dan l-Istat jista' jinkludi l-kunjom mat-twelid fl-entrata 13 tal-paġna li tinkludi biss l-elementi ta' data personali fakultattivi li tista' tinqara minn magna.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Anness tar-Regolament Nru 2252/2004 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali dwar ir-rispett tal-ħajja privata, fis-sens li, fil-każ li d-dritt ta' Stat Membru jipprovdi li l-isem ta' persuna jkun ikkostitwit mill-ismijiet tagħha u mill-kunjom tagħha, jekk dan l-Istat xorta waħda jagħżel li jinkludi l-kunjom mat-twelid tad-detentur tal-passaport fl-entrati 06 u/jew 07 tal-paġna tal-passaporti bid-data personali li tista' tinqara minn magna, dan l-Istat għandu jindika b'mod inekwivoku, fid-deskrizzjoni ta' dawn l-entrati, li fihom għandu jiġi inkluż il-kunjom mat-twelid. Fil-fatt, għalkemm Stat għandu l-possibbiltà li mal-isem tad-detentur tal-passaport iżid elementi oħra, b'mod partikolari l-kunjom mat-twelid, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' din il-possibbiltà għandhom jirrispettaw id-dritt għal ħajja privata tal-persuna kkonċernata, li tiegħu r-rispett tal-isem huwa element kostitwenti, irrikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

## 2. Politika tal-ażil

Hawnhekk qegħdin jiġu ppreżentati tliet sentenzi dwar id-dritt tal-ażil li jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-Direttiva 2004/83 dwar l-istatus ta' refuġjat (Direttiva "Kwalifika") [69].

Fl-ewwel lok, fit-30 ta' Jannar 2014, fis-sentenza *Diakite* (C-285/12, EU:C:2014:39), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar *jekk il-kunċett ta' "kunflitt armat intern", previst fid-Direttiva 2004/83, għandux jiġi interpretat b'mod awtonomu fil-konfront tad-definizzjoni rrikonoxxuta fid-dritt internazzjonali umanitarju u, fl-affermattiv, liema huma l-kriterji li għandhom jintużaw għall-evalwazzjoni ta' dan il-kunċett* [70]. Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, ċittadin Gujaniż kien talab il-benefiċċju ta' protezzjoni internazzjonali fil-Belġju, filwaqt li argumenta li kien vittma ta' atti ta' vjolenza fil-Gujana b'reazzjoni għall-parteċipazzjoni tiegħu f'manifestazzjonijiet ta' protesta kontra l-awtoritajiet fis-setgħa. Dan tal-aħħar ma ngħatax il-protezzjoni sussidjarja minħabba li f'dan l-aħħar pajjiż ma kienx hemm "kunflitt armat intern", kif interpretat fid-dritt internazzjonali umanitarju.

[68] Ara l-punt 8.6 tat-Taqsima IV tal-Ewwel Parti tad-Dokument 9303 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO).

[69] Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

[70] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 15(ċ) tad-Direttiva 2004/83.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kunċett ta' "kunflitt armat intern" huwa speċifiku għad-Direttiva 2004/83 u għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu. Fil-fatt, dan il-kunċett ma għandux ekwivalent dirett fid-dritt internazzjonali umanitarju peress li dan jirrikonoxxi biss il-"kunflitti armati li ma humiex ta' natura internazzjonali". Barra minn hekk, peress li s-sistema tal-protezzjoni sussidjarja ma hijiex prevista fid-dritt internazzjonali umanitarju, dan tal-aħħar ma jidentifikax is-sitwazzjonijiet li fihom hija meħtieġa tali protezzjoni u jistabbilixxi mekkaniżmi ta' protezzjoni li huma manifestament distinti minn dak li fuqu hija bbażata d-Direttiva. Barra minn hekk, id-dritt internazzjonali umanitarju huwa relatat mill-qrib ħafna mad-dritt kriminali internazzjonali, filwaqt li tali relazzjoni ma tapplikax fil-każ tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni previst mill-imsemmija direttiva.

Fir-rigward tal-kriterji għall-evalwazzjoni ta' dan il-kunċett għall-finijiet tad-Direttiva 2004/83, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-espressjoni "kunflitt armat intern" tirreferi għal sitwazzjoni fejn il-forzi regolari ta' Stat jikkonfrontaw grupp armat wieħed jew iktar u għal sitwazzjoni fejn ikun hemm konfrontazzjoni bejn żewġ gruppi armati jew iktar. Għaldaqstant, kunflitt armat jista' jwassal għall-għoti tal-protezzjoni sussidjarja fil-każ biss li l-livell ta' vjolenza indiskriminatorja jilħaq livell tali li l-applikant ikun espost għal riskju reali li jġarrab theddid gravi u individwali kontra l-ħajja jew il-persuna tiegħu minħabba s-sempliċi fatt li jkun jinsab fit-territorju kkonċernat. F'tali każ, ma huwiex meħtieġ li l-konstatazzoni tal-eżistenza ta' tali kunflitt tkun suġġetta għal livell partikolari ta' organizzazzjoni tal-forzi armati, jew għal tul partikolari tal-kunflitt.

Fit-tieni lok, fit-2 ta' Diċembru 2014, fil-kawża *A, B u C* (C-148/13, C-149/13 u C-150/13, EU:C:2014:2406), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal domanda dwar *jekk id-dritt tal-Unjoni jillimitax l-azzjoni tal-Istati Membri meta jevalwaw applikazzjoni għall-ażil ippreżentata minn applikant li jkollu l-biża' ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minħabba l-orjentament sesswali tiegħu.* L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-eżami ta' tali applikazzjoni għall-ażil ma humiex obbligati li jikkunsidraw l-allegat orjentament bħala fatt stabbilit abbażi biss tad-dikjarazzjonijiet ta' dan l-applikant. Fid-dawl tal-kuntest partikolari tal-applikazzjonijiet għall-ażil, dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jservu biss bħala l-punt ta' tluq għall-proċess ta' eżami ta' fatti u ta' ċirkustanzi previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83. Dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jeħtieġu konferma. Il-modalitajiet tal-evalwazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi dokumentali jew oħrajn prodotti insostenn ta' tali applikazzjoni għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83 u tad-Direttiva 2005/85 (Direttiva "Proċeduri") [71] kif ukoll mad-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, irrikonoxxut fl-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, iggarantit permezz tal-Artikolu 7 tagħha.

Fil-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu li jsiru mistoqsijiet lill-applikant ibbażati biss fuq kunċetti sterjotipi assoċjati mal-omosesswali kif ukoll mistoqsijiet iddettaljati dwar il-prattiki sesswali tal-applikant, sa fejn tali evalwazzjoni ma tippermettix lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni individwali u personali tiegħu. Għaldaqstant, il-fatt li applikant għall-ażil ma jkunx kapaċi jwieġeb għal tali mistoqsijiet ma jistax jikkostitwixxi, waħdu, raġuni suffiċjenti għall-konklużjoni li ma huwiex kredibbli. Fir-rigward tal-provi prodotti mill-applikant għall-ażil, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/83, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jipprekludi li, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil, l-imsemmija awtoritajiet jaċċettaw provi, bħalma huma t-twettiq mill-applikant ta' atti omosesswali, il-fatt

[71] Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat (ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 168).

li jissuġġetta ruħu għal "testijiet" sabiex tiġi stabbilita l-omosesswalità tiegħu jew inkella l-produzzjoni ta' reġistrazzjonijiet vidjo ta' tali atti. Fil-fatt, minbarra l-fatt li ma għandhomx neċessarjament valur probatorju, tali provi huma ta' natura li jippreġudikaw id-dinjità tal-bniedem li r-rispett tagħha huwa ggarantit mill-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, fid-dawl tan-natura sensittiva tal-mistoqsijiet li jirrigwardaw l-isfera personali ta' individwu u, b'mod partikolari, is-sesswalità tiegħu, il-fatt li l-applikant ma invokax l-omosesswalità tiegħu "malajr kemm jista' jkun" ma jippermettix lill-awtorità nazzjonali kompetenti tikkonkludi li l-applikant ma huwiex kredibbli fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 2004/83 u 2005/85 [72].

Fit-tielet lok, fit-18 ta' Diċembru 2014, fis-sentenza *M'Bodj* (C-542/13, EU:C:2014:2452), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat id-Direttiva 2004/83 f'kawża li kienet tirrigwarda l-għoti tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja lil persuna li ssofri minn marda serja [73].

Il-Qorti kostituzzjonali Belġjana għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali li tagħmel distinzjoni, fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jsofru minn marda serja, fuq il-bażi ta' jekk dawn jibbenefikawx mill-istatus ta' refuġjat skont id-Direttiva 2004/83 jew jekk għandhomx awtorizzazzjoni ta' residenza maħruġa mill-imsemmi Stat għal raġunijiet mediċi. Il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod partikolari, jekk, fid-dawl tat-termini ta' din id-direttiva u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar it-tneħħija ta' persuni li jsofru minn marda serja, il-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni ta' residenza tikkostitwixxix fir-realtà forma sussidjarja ta' protezzjoni internazzjonali li għalhekk tagħti dritt għall-benefiċċji ekonomiċi u soċjali previsti mill-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2004/83, moqrija flimkien mal-Artikoli 2(e), 3, 15 u 18 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru ma huwiex marbut jipprovdi l-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa lil ċittadin ta' pajjiż terz li huwa awtorizzat jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' residenza, fl-imsemmi Stat Membru, ta' barrani li jsofri minn marda serja meta ma jkun jeżisti ebda trattament adegwat fil-pajjiż tal-oriġini ta' dan il-barrani jew fil-pajjiż terz fejn kien jirrisjedi qabel, sakemm l-imsemmi barrani ma jiġix imċaħħad intenzjonalment mill-kura f'dan il-pajjiż.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li r-riskju ta' deterjorament tal-istat ta' saħħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jsofri minn marda serja li jirriżulta min-nuqqas ta' trattament adegwat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, sakemm dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jiġix imċaħħad intenzjonalment mill-kura, ma huwiex biżżejjed sabiex din il-persuna tingħata protezzjoni sussidjarja. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għoti tal-istatus previst fid-Direttiva 2004/83 lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjonijiet li ma jkollhom ebda rabta mal-loġika tal-protezzjoni internazzjonali, imur kontra l-istruttura ġenerali u l-għanijiet tal-imsemmija direttiva. L-għoti minn Stat Membru ta' dan l-istatus ta' protezzjoni nazzjonali, għal raġunijiet oħra għajr il-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(a) ta' din id-direttiva, jiġifieri fuq bażi diskrezzjonali u għal raġunijiet ta' kumpassjoni jew għal raġunijiet umanitarji, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw awtorizzazzjoni ta' residenza bis-saħħa ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma humiex b'hekk benefiċjarji tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja, li fir-rigward tagħhom japplikaw l-Artikoli 28 u 29 tal-imsemmija direttiva.

72 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/83 u l-Artikolu 13(3)(a) tad-Direttiva 2005/85.

73 Fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stat terz li jbatu minn mard serju, isir riferiment ukoll għas-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, *Abdida* (C-562/13, EU:C:2014:2453), ippreżentata fit-Titolu VII.3, "Politika tal-immigrazzjoni".

## 3. Politika tal-immigrazzjoni

Din is-sena kienet ikkaratterizzata min-numru kbir ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw id-Direttiva 2008/115 (Direttiva "Ritorn") [74].

Żewġ sentenzi jirrigwardaw l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, li jipprovdi li kull detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jistennew it-tneħħija għandha, bħala regola ġenerali, titwettaq f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni u li huwa biss b'mod eċċezzjonali li tali detenzjoni tista' titwettaq f'ħabs, f'liema każ l-Istat Membru jkun obbligat jiggarantixxi li ċ-ċittadin barrani jinżamm b'mod separat mill-priġunieri ordinarji.

Fis-17 ta' Lulju 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddetermina, fis-sentenzi P*ham* (C-474/13, EU:C:2014:2096) u *Bero u Bouzalmate* (C-473/13 u C-514/13, EU:C:2014:2095), *jekk Stat Membru huwiex obbligat iqiegħed liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment u li jkunu miżmuma taħt detenzjoni f'faċilità speċjalizzata ta' detenzjoni meta l-parti mill-istruttura federali tal-Istat li tkun kompetenti sabiex tiddeċiedi u teżegwixxi tali tqegħid ma jkollhiex tali faċilità ta' detenzjoni.* Fil-kawża Pham tqajmet ukoll il-kwistjoni tal-kunsens tal-persuna kkonċernata.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom jitwettaq it-tqegħid taħt detenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont id-Direttiva "Ritorn", l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jeżegwixxu l-miżuri ta' detenzjoni f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni, irrispettivament mill-istruttura amministrattiva jew kostituzzjonali tal-Istat Membru tagħhom. B'hekk, il-fatt li, f'ċerti partijiet mill-istruttura federali ta' Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li jwettqu tqegħid taħt detenzjoni, ma jistax jikkostitwixxi traspożizzjoni suffiċjenti tad-Direttiva "Ritorn" jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' partijiet oħra mill-istruttura federali ta' dan l-Istat Membru ma jkollhomx din il-possibbiltà. Għalhekk, għalkemm Stat Membru li jkollu struttura federali ma huwiex obbligat jistabbilixxi faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni f'kull parti mill-istruttura federali tiegħu, dan l-Istat Membru għandu madankollu jiggarantixxi li l-awtoritajiet kompetenti tal-partijiet mill-istruttura federali tal-Istat li ma jkollhomx tali faċilitajiet ikunu jistgħu jqiegħdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni li jkunu jinsabu f'partijiet oħra mill-istruttura federali tal-Istat.

Fis-sentenza Pham, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li Stat Membru ma jistax jieħu inkunsiderazzjoni r-rieda taċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat li jitqiegħed taħt detenzjoni f'ħabs. Fil-fatt, fil-kuntest tad-Direttiva "Ritorn", l-obbligu ta' separazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment mill-priġunieri ordinarji ma huwa marbut ma' ebda eċċezzjoni u jikkostitwixxi għalhekk garanzija tar-rispett tad-drittijiet tal-barranin fil-qasam tad-detenzjoni. B'mod iktar preċiż, l-obbligu ta' separazzjoni huwa iktar minn sempliċi modalità ta' eżekuzzjoni speċifika ta' tqegħid taħt detenzjoni f'ħabsijiet u jikkostitwixxi kundizzjoni sostantiva ta' dan it-tqegħid li mingħajrha, bħala prinċipju, dan it-tqegħid ma jkunx konformi mad-Direttiva 2008/115.

Is-sentenza *Mahdi* (C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320), mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2014, tirrigwarda ċittadin Sudaniż, imqiegħed f'faċilità speċjalizzata ta' detenzjoni fil-Bulgarija għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' miżura ta' akkumpanjament lejn il-fruntiera meħuda kontrieh, f'sitwazzjoni fejn it-terminu ta' sitt xhur previst mid-deċiżjoni ta' detenzjoni inizjali kien skada. Peress li l-persuna kkonċernata kienet

[74] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

irrifjutat li titlaq mill-pajjiż b'mod volontarju, l-ambaxxata tagħha rrifjutat li toħroġilha dokumenti sabiex tivvjaġġa, u għalhekk l-operazzjoni ta' tneħħija ma setgħetx tiġi eżegwita.

Fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-qorti Bulgara ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi ta' natura proċedurali, jiġifieri, jekk, meta teżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata fi tmiem it-terminu inizjali ta' detenzjoni, l-awtorità amministrattiva kompetenti għandhiex tadotta att ġdid bil-miktub li jindika r-raġunijiet ta' fatt u ta' liġi, u jekk l-istħarriġ tal-legalità ta' tali att jeħtieġx li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kawża.

Fir-rigward tal-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-kuntest tad-Direttiva "Ritorn", l-uniku rekwiżit previst espliċitament fl-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' att bil-miktub huwa dak stipulat fl-Artikolu 15(2), jiġifieri li d-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub filwaqt li jiġu indikati r-raġunijiet ta' fatt u ta' liġi. Dan ir-rekwiżit għandu jinftiehem fis-sens li japplika wkoll għal kull deċiżjoni dwar l-estensjoni tad-detenzjoni, peress li d-detenzjoni u l-estensjoni tagħha għandhom natura analoga u peress li ċ-ċittadin għandu jkun f'pożizzjoni li jkun jaf ir-raġunijiet tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, fil-każ li l-awtoritajiet Bulgari, qabel ma ressqu l-każ quddiem il-qorti amministrattivi, kienu ħadu deċiżjoni dwar x'għandu jsir fir-rigward tad-detenzjoni, kien meħtieġ att bil-miktub li jindika r-raġunijiet ta' fatt u ta' liġi. Għall-kuntrarju, fil-każ li jkunu sempliċement eżaminaw mill-ġdid is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata mingħajr ma jkunu ħadu deċiżjoni dwar it-talba għal estensjoni, l-awtoritajiet Bulgari ma kinux meħtieġa li jadottaw att b'mod espliċitu peress li ma hemm ebda dispożizzjoni f'dan is-sens fid-Direttiva 2008/115.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li awtorità ġudizzjarja li tiddeċiedi dwar il-legalità ta' deċiżjoni ta' estensjoni ta' detenzjoni inizjali għandha neċessarjament tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi fuq kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti sabiex tiddetermina jekk l-estensjoni hijiex iġġustifikata, kwistjoni din li teħtieġ eżami fil-fond tal-punti ta' fatt rilevanti sabiex tingħata tali deċiżjoni. Minn dan isegwi li s-setgħat tal-awtorità ġudizzjarja fil-kuntest ta' tali stħarriġ f'ebda każ ma jistgħu jkunu limitati biss għall-punti ppreżentati mill-awtorità amministrattiva.

Fir-rigward tal-mertu, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk perijodu inizjali ta' detenzjoni ta' sitt xhur jistax jiġi estiż għas-sempliċi raġuni li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkollux dokumenti ta' identità u li, għalhekk, jeżisti r-riskju li l-imsemmi ċittadin jaħrab. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-riskju ta' ħarba huwa element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-detenzjoni inizjali. Madankollu, fir-rigward tal-estensjoni ta' detenzjoni, ir-riskju ta' ħarba ma huwiex wieħed miż-żewġ kundizzjonijiet meħtieġa għal estensjoni previsti mid-Direttiva "Ritorn". Għaldaqstant, dan ir-riskju huwa rilevanti biss fir-rigward tal-eżami mill-ġdid tal-kundizzjonijiet li kienu inizjalment wasslu għad-detenzjoni. Dan għalhekk jeħtieġ evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata sabiex jiġi eżaminat jekk fil-konfront tagħha tistax tiġi applikata b'mod effikaċi miżura inqas koerċittiva. Huwa biss fil-każ li jibqa' fis-seħħ ir-riskju ta' ħarba li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' dokumenti ta' identità. Minn dan isegwi li tali assenza ma tistax tiġġustifika, waħedha, estensjoni tad-detenzjoni.

Is-sentenza *Mukarubega* (C-166/13, EU:C:2014:2336), mogħtija fil-5 ta' Novembru 2014, tirrigwarda *n-natura u l-portata tad-dritt għal smigħ, previst fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115*. Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar jekk ċittadina ta' pajjiż terz, li nstemgħet debitament dwar in-natura irregolari tar-residenza tagħha, għandhiex neċessarjament terġa' tinstema' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva "Ritorn", u b'mod partikolari tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li awtorità nazzjonali ma tismax liċ-ċittadin ta' pajjiż terz speċifikament fir-rigward ta' deċiżjoni ta' ritorn meta, wara li tkun ikkonstatat in-natura irregolari tar-residenza tiegħu fit-territorju nazzjonali fi tmiem proċedura li matulha l-imsemmi ċittadin ikun instema', din l-awtorità nazzjonali jkollha l-intenzjoni li tieħu tali deċiżjoni fil-konfront tiegħu, kemm jekk din id-deċiżjoni ta' ritorn tingħata wara rifjut ta' permess ta' residenza u kemm jekk le. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-deċiżjoni ta' ritorn hija marbuta mill-qrib, skont l-imsemmija direttiva, mal-konstatazzjoni tan-natura irregolari tar-residenza u mal-fatt li l-persuna kkonċernata kellha l-possibbiltà tippreżenta, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tagħha u tal-motivi li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, li l-imsemmija awtorità tastjeni milli tieħu deċiżjoni ta' ritorn.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mill-obbligu li tittieħed deċiżjoni ta' ritorn, previst fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, wara proċedura ġusta u trasparenti, jirriżulta li l-Istati Membri għandhom, fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali tagħhom, minn naħa, jipprevedu b'mod espliċitu fid-dritt nazzjonali tagħhom l-obbligu ta' tluq mit-territorju fil-każ ta' residenza irregolari u, min-naħa l-oħra, jiżguraw li l-persuna kkonċernata tinstema' b'mod validu fil-kuntest tal-proċedura marbuta mal-applikazzjoni tagħha għal residenza jew, fejn xieraq, dwar l-irregolarità tar-residenza tagħha. Madankollu, f'dan ir-rigward, id-dritt għal smigħ ma jistax jiġi strumentalizzat sabiex tinfetaħ mill-ġdid b'mod indefinit il-proċedura amministrattiva, u dan sabiex jinżamm l-ekwilibriju bejn id-dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju u l-obbligu tal-Istati Membri li jiġġieldu kontra l-immigrazzjoni illegali.

Fl-aħħar nett, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tat, fit-18 ta' Diċembru 2014, is-sentenza *Abdida* (C-562/13, C:2014:2453), fil-kuntest ta' tilwima bejn awtorità pubblika Belġjana u ċittadin Niġerjan li jsofri mill-AIDS. It-tilwima kienet tirrigwarda l-garanziji proċedurali u l-benefiċċji soċjali li Stat Membru huwa obbligat jagħti, taħt id-Direttiva "Ritorn", lil ċittadin ta' pajjiż terz li l-istat ta' saħħtu jkun jeħtieġ li jingħata kura medika meta dan tal-aħħar ikun qiegħed jistenna sentenza dwar il-legalità tad-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu għal permess ta' residenza għal raġunijiet mediċi u li tordna li jitlaq mit-territorju [75].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 5 u 13 tad-Direttiva "Ritorn", moqrija fid-dawl tal-Artikoli 19(2) u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tagħtix effett sospensiv lil rimedju ġudizzjarju eżerċitat kontra deċiżjoni li tordna lil ċittadin ta' pajjiż terz li jbati minn marda serja jitlaq mit-territorju ta' Stat Membru, meta l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tista' tesponi lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal riskju serju ta' deterjorament gravi u irriversibbli tal-istat ta' saħħa tiegħu [76].

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix l-għoti, sa fejn huwa possibbli, ta' bżonnijiet bażiċi lill-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz, sabiex jiġi ggarantit li l-kura medika urġenti u t-trattament indispensabbli tal-mard ikunu jistgħu jiġu effettivament ipprovduti, matul il-perijodu li fih dan l-Istat Membru jkun marbut jipposponi t-tneħħija tal-istess ċittadin ta' pajjiż terz wara li jkun ġie eżerċitat dan ir-rimedju ġudizzjarju.

[75] Fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stati terzi li jkunu qegħdin isofru minn mard serju, isir riferiment ukoll għas-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, *M'Bodj* (C-542/13, EU:C:2014:2452), ippreżentata fit-Titolu VII.2, "Politika tal-ażil".

[76] Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari s-sentenza tas-27 ta' Mejju 2008, *N vs Ir-Renju Unit* (Applikazzjoni Nru 26565/05).

# VIII. Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali

Fir-rigward tal-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, għandhom jissemmew żewġ sentenzi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fiż-żona ta' Schengen.

Fis-27 ta' Mejju 2014, fis-sentenza *Spasic* (C-129/14 PPU, EU:C:2014:586), li fir-rigward tagħha ġiet applikata l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat *il-kompatibbiltà mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' limitazzjoni tal-prinċipju ta' ne bis in idem fiż-żona ta' Schengen.*

Din il-kwistjoni tqajmet fil-kuntest ta' kawża li kienet tirrigwarda ċittadin Serb, imfittex fil-Ġermanja talli wettaq aġir qarrieqi, li fir-rigward tiegħu kien diġà ġie kkundannat fl-Italja għal piena ta' priġunerija ta' sena u għal multa. Z. Spasic, li kien ġie arrestat fl-Awstrija għal reati oħra, kien ħallas din il-multa iżda ma kienx skonta l-piena ta' priġunerija tiegħu. L-awtoritajiet Ġermaniżi qiesu li, fid-dawl tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen (iktar 'il quddiem il-"KFS") [77], il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx japplika peress li l-piena ta' priġunerija kienet għadha ma ġietx infurzata fl-Italja.

Filwaqt li l-Artikolu 54 tal-KFS jissuġġetta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* għall-kundizzjoni li, fil-każ ta' kundanna, is-sanzjoni "tkun ġiet infurzata" jew li din "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata", l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi dan il-prinċipju mingħajr ma jirreferi espliċitament għal tali kundizzjoni.

L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li, fir-rigward tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jirreferu espliċitament għall-KFS, minkejja li din tal-aħħar tillimita l-prinċipju rrikonoxxut fil-Karta. It-tieni nett, hija kkonstatat li l-kundizzjoni ta' infurzar, prevista fl-Artikolu 54 tal-KFS, tikkostitwixxi limitazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* li hija prevista mil-liġi, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, u ma ddaħħalx inkwistjoni l-prinċipju ta' *ne bis in idem* bħala tali peress li hija maħsuba biss sabiex tiġi evitata l-impunità fi Stat Membru ta' persuni kkundannati fi Stat Membru ieħor permezz ta' deċiżjoni kriminali definittiva li ma tkunx ġiet infurzata. Fl-aħħar nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjoni ta' infurzar hija ta' natura proporzjonali fir-rigward tal-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi evitata l-impunità tal-persuni kkundannati. Madankollu, fil-kuntest tal-applikazzjoni *in concreto*, ma huwiex eskluż li l-qrati nazzjonali jistabbilixxu kuntatt bejniethom u jibdew konsultazzjonijiet sabiex jivverifikaw jekk hemmx l-intenzjoni reali min-naħa tal-Istat Membru tal-ewwel kundanna li jinforza s-sanzjonijiet imposti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li meta piena ta' priġunerija u multa jkunu ġew imposti b'mod prinċipali, l-infurzar tal-multa biss ma jippermettix li jitqies li s-sanzjoni kienet infurzata jew hija fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata fis-sens tal-KFS.

L-Artikolu 54 tal-KFS kien ukoll is-suġġett ta' interpetazzjoni fis-sentenza *M* (C-398/12, EU:C:2014:1057), mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2015, sentenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-portata ta' deċiżjoni li ma hemmx lok li jinfetħu proċeduri quddiem qorti ta' ġudizzju fid-dawl tal-prinċipju ta' ne bis in idem.*

[77] Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9).

L-akkużat kien ibbenefika fil-Belġju minn digriet li ma hemmx lok li jinfetħu proċeduri, ikkonfermat mill-Cour de cassation, fir-rigward ta' fatti ta' fastidju sesswali fuq minuri. Madankollu, infetħet proċedura kriminali fl-Italja fir-rigward tal-istess fatti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk deċiżjoni mogħtija minn qorti istruttorja tikkostitwixxix deċiżjoni li tiġġudika persuna b'mod definittiv, fis-sens tal-Artikolu 54 tal-KFS, għandu jiġi żgurat li din id-deċiżjoni tkun ingħatat wara evalwazzjoni tal-mertu tal-każ u li l-azzjoni pubblika tkun ġiet estinta b'mod definittiv. Dan ikun il-każ meta tkun involuta deċiżjoni, bħal dik inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha akkużat ikun ġie lliberat b'mod definittiv minħabba nuqqas ta' provi, li teskludi kull possibbiltà li l-kawża terġa' tinfetaħ fuq il-bażi tal-istess sensiela ta' indizji u li timplika l-estinzjoni definittiva tal-azzjoni pubblika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li l-possibbiltà li tinfetaħ mill-ġdid l-istruttorja ġudizzjarja minħabba li jitressqu provi ġodda ma tistax iddaħħal inkwistjoni n-natura definittiva ta' digriet li ma hemmx lok li jinfetħu proċeduri. Fil-fatt, din il-possibbiltà timplika t-tressiq eċċezzjonali ta' proċeduri distinti fuq il-bażi ta' provi differenti, u mhux is-sempliċi tkomplija tal-proċeduri diġà magħluqa. Barra minn hekk, kwalunkwe proċeduri ġodda kontra l-istess persuna u fir-rigward tal-istess fatti jistgħu jitressqu biss fl-Istat li fit-territorju tiegħu jkun ingħata dan id-digriet.

Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li digriet li jiddikjara li ma hemmx lok li jinfetħu proċeduri quddiem qorti ta' ġudizzju li jipprekludi, fl-Istat fejn ikun ingħata dan id-digriet, proċeduri ġodda fir-rigward tal-istess fatti kontra l-persuna li bbenefikat minn dan id-digriet, sakemm ma jitressqux fatti jew provi ġodda kontra din il-persuna, għandu jitqies li huwa deċiżjoni li taqta' l-każ b'mod finali, fis-sens tal-Artikolu 54 tal-KFS, li għalhekk jostakola proċeduri ġodda kontra l-istess persuna għall-istess fatti fi Stat kontraenti ieħor.

## IX. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

F'dan il-qasam għandhom jissemmew opinjoni u sentenza dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri kif ukoll sentenza dwar ir-Regolament Nru 44/2001 [78].

Fl-14 ta' Ottubru 2014, f'opinjoni (Opinjoni 1/13, EU:C:2014:2303), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddetermina jekk l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Konvenzjoni dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980") [79] taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ċerti aspetti marbuta mal-ġurisdizzjoni konsultattiva tagħha [80]. Hija kkonstatat li l-att ta' adeżjoni u d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' adeżjoni għal konvenzjoni internazzjonali jesprimu, meta kkunsidrati flimkien, qbil ta' volontajiet tal-Istati kkonċernati u għalhekk jikkostitwixxu ftehim internazzjonali li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti opinjoni. Din l-opinjoni, li tista' tirrigwarda t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehim ma' Stati terzi, tista' tintalab meta l-proposta tal-Kummissjoni dwar ftehim tkun ġiet ippreżentata lill-Kunsill u ma tkunx ġiet irtirata

78 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

79 Konvenzjoni dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri, konkluża f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980.

80 Fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' talba għal opinjoni, ara wkoll l-*Opinjoni 2/13* (EU:C:2014:2454), ippreżentata fit-Titolu I.1, "Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem".

fil-mument meta t-talba titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-kuntrarju, ma huwiex neċessarju li l-Kunsill ikun diġà indika, f'dan l-istadju, intenzjoni li jikkonkludi tali ftehim. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal opinjoni tkun tidher li hija fil-fatt iggwidata mill-preokkupazzjoni leġittima tal-istituzzjonijiet ikkonċernati li jkunu jafu l-portata tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri qabel ma tittieħed deċiżjoni fir-rigward tal-ftehim ikkonċernat.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' adeżjoni u, għaldaqstant, il-ftehim internazzjonali li tiegħu hija element kostitwenti, huma aċċessorji għall-Konvenzjoni ta' Den Haag. Barra minn hekk, din il-konvenzjoni taqa' fil-qasam tad-dritt tal-familja b'aspett transkonfinali, qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenza interna bis-saħħa tal-Artikolu 81(3) TFUE. Peress li eżerċitat din il-kompetenza bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 [81], l-Unjoni għandha kompetenza esterna fil-qasam li huwa s-suġġett ta' din il-konvenzjoni. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament ikopru fil-parti l-kbira tagħhom iż-żewġ proċeduri rregolati mill-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, jiġifieri dik dwar ir-ritorn ta' minuri mneħħija b'mod illeċitu u dik intiża li jiġi żgurat l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, minkejja s-supremazija tar-Regolament Nru 2201/2003 fuq l-imsemmija konvenzjoni, il-portata u l-effikaċja tar-regoli komuni stabbiliti permezz ta' dan ir-regolament jistgħu jintlaqtu minn aċċettazzjonijiet eteroġeni, min-naħa tal-Istati Membri, ta' adeżjonijiet ta' Stati terzi għall-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Fil-fatt, ikun hemm ir-riskju li tiġi ppreġudikata l-applikazzjoni uniformi u koerenti tar-Regolament Nru 2201/2003 kull meta sitwazzjoni ta' ħtif internazzjonali ta' minuri tkun tirrigwarda Stat terz u żewġ Stati Membri li wieħed minnhom ikun aċċetta l-adeżjoni ta' dan l-Istat terz għal din il-konvenzjoni iżda l-ieħor le.

F'dan l-istess qasam, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari li ġie suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, tat, fid-9 ta' Ottubru 2014, is-sentenza *C* (C-376/14 PPU, EU:C:2014:2268), li tirrigwarda *l-kunċett ta' tneħħija jew żamma illegali ta' minuri fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-proċedura li għandha tiġi segwita meta qorti tiġi adita, fuq il-bażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, b'talba għar-ritorn ta' minuri li jkun tneħħa jew inżamm illegalment fi Stat Membru ieħor.*

Is-Sur C, ċittadin Franċiż, iddivorzja lill-konjuġi tiegħu ta' nazzjonalità Brittanika. Id-deċiżjoni ta' divorzju, mogħtija fi Franza, kienet tiffissa r-residenza abitwali tal-wild tagħhom mal-omm u kienet tawtorizza lil din tal-aħħar tistabbilixxi r-residenza tagħha fl-Irlanda, kif fil-fatt għamlet. Is-Sur C appella minn din id-deċiżjoni. Peress li l-qorti tal-appell Franċiża laqgħat it-talba tiegħu li r-residenza tal-wild tiġi stabbilita miegħu, is-Sur C ressaq il-każ tiegħu quddiem il-qorti Irlandiża tal-ewwel istanza sabiex din id-deċiżjoni tiġi ddikjarata eżegwibbli u sabiex tordna r-ritorn tal-wild lejn Franza. Adita b'appell miċ-ċaħda ta' din it-talba tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju Irlandiża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk ir-Regolament Nru 2201/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi fejn it-tneħħija tal-wild seħħet skont deċiżjoni ġudizzjarja eżegwibbli provviżorjament li sussegwentement tkun ġiet irrevokata fuq appell permezz ta' deċiżjoni li tkun stabbilixxiet ir-residenza tal-wild fl-Istat Membru ta' oriġini, in-nuqqas ta' ritorn tal-wild lejn dan l-Istat sussegwentement għat-tieni deċiżjoni huwa illegali.

[81] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-talba għar-ritorn tal-wild, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li sabiex it-tneħħija jew iż-żamma tal-wild fi Stat ikunu illegali huwa meħtieġ, minn naħa, li l-wild kellu r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat Membru ta' oriġini immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tiegħu u, min-naħa l-oħra, li din it-tneħħija jew din iż-żamma jirriżultaw mill-ksur tad-dritt ta' kustodja mogħti skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru. F'dan ir-rigward, hija l-qorti tal-Istat Membru li lejh tneħħa l-wild, f'dan il-każ l-Irlanda, adita b'talba għar-ritorn tal-wild, li għandha tivverifika jekk il-wild kienx għadu residenti abitwalment fl-Istat Membru ta' oriġini (Franza) immedjatament qabel l-allegata żamma illegali. F'dan il-kuntest, il-fatt li deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza t-tneħħija setgħet tiġi eżegwita provviżorjament iżda sussegwentement kienet is-suġġett ta' appell ma jimmilitax favur konstatazzjoni ta' trasferiment tar-residenza abitwali tal-wild. Madankollu, dan il-fatt għandu jiġi bbilanċjat ma' elementi fattwali oħra li jistgħu juru ċerta integrazzjoni tal-wild f'ambjent soċjali u familjari minn meta tneħħa, b'mod partikolari ż-żmien li jkun għadda bejn din it-tneħħija u d-deċiżjoni ġudizzjarja li tannulla d-deċiżjoni tal-ewwel istanza u li tistabbilixxi r-residenza tal-wild fid-dar tal-ġenitur li joqgħod fl-Istat Membru ta' oriġini, filwaqt li ż-żmien li jkun għadda minn din id-deċiżjoni fl-ebda każ ma jista' jittieħed inkunsiderazzjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-appell li tat id-dritt ta' kustodja lill-missier fl-Istat Membru ta' oriġini, il-fatt li r-residenza abitwali tal-wild setgħet inbidlet wara deċiżjoni tal-ewwel istanza u li, jekk ikun il-każ, dan it-tibdil ġie kkonstatat mill-qorti adita b'talba għar-ritorn ma jistax jikkostitwixxi element li jista' jibbaża ruħu fuqu l-ġenitur li jżomm wild bi ksur ta' dritt ta' kustodja sabiex itawwal is-sitwazzjoni fattwali maħluqa mill-aġir illegali tiegħu u sabiex jopponi għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza *A* (C-112/13, EU:C:2014:2195) [82], mogħtija fil-11 ta' Settembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2002, li jipprovdi li *d-dehra tal-konvenut li ma tkunx saret sabiex tiġi kkontestata l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita timplika awtomatikament il-proroga tal-ġurisdizzjoni tagħha* [83], u dan anki meta din il-qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont ir-regoli stabbiliti permezz tal-imsemmi regolament.

Il-kawża prinċipali kienet tirrigwarda rikors għad-danni ppreżentat kontra A, li kien meqjus li kellu d-domiċilju abitwali tiegħu fit-territorju li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti Awstrijaka adita. Wara diversi tentattivi ta' notifika mingħajr suċċess, din il-qorti ħatret, fuq talba tal-partijiet rikorrenti, kuratur għall-konvenut assenti li ppreżenta risposta li fiha talab li r-rikors jiġi miċħud filwaqt li qajjem diversi oġġezzjonijiet dwar il-mertu, mingħajr madankollu ma kkontesta l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Awstrijaki. Kien biss sussegwentement li uffiċċju ta' avukati mqabbad minn A intervjena għal dan tal-aħħar, li fil-frattemp kien telaq mill-Awstrija, u kkontesta l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Awstrijaki.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dehra ta' kuratur għall-konvenut assenti, maħtur inkonformità mad-dritt nazzjonali, ma hijiex ekwivalenti għad-dehra ta' dan il-konvenut fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-fatt, l-estensjoni taċita tal-ġurisdizzjoni skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 hija bbażata fuq għażla deliberata tal-partijiet fil-kawża marbuta ma' din il-ġurisdizzjoni, u għal dan il-għan huwa meħtieġ li l-konvenut ikun jaf bil-proċeduri mressqa kontrih. Għall-kuntrarju, konvenut assenti li ma jkunx ġie nnotifikat bir-rikors promotur, u li ma jkunx jaf bil-proċeduri mibdija kontra tiegħu, ma jistax jitqies li qiegħed jaċċetta taċitament

[82] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Titolu IV.1, "Rinviju għal deċiżjoni preliminari".

[83] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita. F'dan ir-rigward, id-dritt għal rimedju effettiv tar-rikorrent iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandu jiġi implementat flimkien mad-drittijiet tad-difiża tal-konvenut fil-qafas tar-Regolament Nru 44/2001, ma jwassalx għal interpretazzjoni differenti tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament.

## X. Trasport

Fil-qasam tat-trasport, jistgħu jissemmew tliet sentenzi.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza *International Jet Management* (C-628/11, EU:C:2014:171), mogħtija fit-18 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, eżaminat, fid-dawl *tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, stabbilita fl-Artikolu 18 TFUE, leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tipprovdi li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni li ma għandhomx liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-Istat għandhom jiksbu awtorizzazzjoni għal kull titjira li toriġina minn Stat terz.*

Wara li kkonstatat li l-fatt li s-servizzi kkonċernati kienu pprovduti bi tluq minn pajjiż terz ma kienx ta' natura li jeskludi din is-sitwazzjoni mill-qasam ta' applikazzjoni tat-Trattati fis-sens tal-Artikolu 18 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet sabiex teżamina l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kontenzjuża ma' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li għandha titqies li hija diskriminatorja l-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru li teżiġi li trasportatur tal-ajru li jkollu liċenzja operattiva maħruġa mit-tieni Stat Membru għandu jikseb awtorizzazzjoni sabiex jidħol fl-ispazju tal-ajru tal-ewwel Stat Membru sabiex jagħmel titjiriet privati mhux skedati li ġejjin minn pajjiż terz u li bħala destinazzjoni jkollhom dan l-ewwel Stat Membru, filwaqt li tali awtorizzazzjoni ma hijiex meħtieġa għat-trasportaturi tal-ajru li jkollhom liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-ewwel Stat Membru. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni tintroduċi kriterju ta' distinzjoni li jwassal, fil-fatt, għall-istess riżultat bħal kriterju bbażat fuq in-nazzjonalità. Fil-prattika, din il-leġiżlazzjoni tiżvantaġġa biss lit-trasportaturi tal-ajru li jkollhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, inkonformità mal-Artikolu 4(a) tar-Regolament Nru 1008/2008 [84], u li l-liċenzja operattiva tagħhom tkun inħarġet mill-awtorità kompetenti ta' dan l-aħħar Stat. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan japplika wkoll, iktar u iktar, għal leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tobbliga lil dawn it-trasportaturi jipproduċu dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' disponibbiltà, li tiċċertifika li t-trasportaturi tal-ajru li għandhom liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-Istat jew ma kinux lesti li joperaw dawn it-titjiriet, jew ma kinux f'kundizzjoni li joperawhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità li ma tistax tiġi ġġustifikata permezz tal-għanijiet ta' protezzjoni tal-ekonomija nazzjonali u ta' sigurtà.

Fit-tieni lok, fit-22 ta' Mejju 2014, fis-sentenza *Glatzel* (C-356/12, EU:C:2014:350), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126, dwar il-liċenzja tas-sewqan* [85]*, fid-dawl tal-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.* Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-kompatibbiltà tar-rekwiżiti ta' akutezza viżiva stabbiliti permezz tal-imsemmija direttiva mal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq id-diżabbiltà. Fil-fatt, fit-tilwima fil-kawża prinċipali, ir-rikorrent ma setax jeżerċita l-attività professjonali ta' sewwieq minħabba l-imsemmija rekwiżiti ta' akutezza viżiva.

[84] Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Settembru 2008, dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, p. 3).

[85] Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, p. 18), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE, tal-25 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 223, p. 31).

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat l-ewwel nett il-portata tal-kunċett ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà, kif dan il-kunċett jirriżulta mill-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din id-dispożizzjoni teżiġi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma jagħmel ebda differenza fit-trattament abbażi ta' limitazzjoni li tirriżulta, b'mod partikolari, minn defiċjenzi għal perijodu twil ta' natura fiżika, mentali jew psikika, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali bħall-persuni l-oħra, sakemm tali differenza fit-trattament ma tkunx oġġettivament iġġustifikata. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat b'mod iktar speċifiku l-validità tal-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126 u kkonstatat li differenza fit-trattament ta' persuna skont jekk din għandhiex jew le l-akutezza viżiva neċessarja għas-sewqan tal-vetturi bil-mutur ma tmurx, bħala prinċipju, kontra l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà fis-sens tal-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sa fejn tali rekwiżit jissodisfa effettivament għan ta' interess ġenerali, ikun neċessarju u ma jkunx jikkostitwixxi oneru sproporzjonat. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tiffissa, fl-Anness III tagħha, livell minimu ta' akutezza viżiva għas-sewwieqa, b'mod partikolari ta' trakkijiet, id-Direttiva 2006/126 issegwi l-għan li ttejjeb is-sigurtà fit-toroq u b'hekk tissodisfa l-għan ta' interess ġenerali li tittejjeb din is-sigurtà. Sabiex tiġi stabbilita n-natura neċessarja tal-istandards minimi dwar il-vista tas-sewwieqa, huwa essenzjali, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fit-toroq, li l-persuni li tinħarġilhom liċenzja tas-sewqan ikollhom kapaċitajiet fiżiċi xierqa, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-vista tagħhom, peress li d-defiċjenzi ta' natura fiżika jista' jkollhom konsegwenzi kbar. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni bbilanċja, minn naħa, il-ħtieġa imperattiva ta' sigurtà fit-toroq u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-persuni milquta minn diżabbiltà viżiva b'mod li ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet segwiti.

Barra minn hekk, fl-eżami tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-diżabbiltà [86] huma suġġetti, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tagħhom, għall-intervent ta' atti ulterjuri mill-partijiet kontraenti, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma jikkostitwixxux dispożizzjonijiet inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed li jippermettu stħarriġ tal-validità tal-att tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni [87].

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, għalkemm l-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jeħtieġ li l-Unjoni tirrispetta u tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jibbenefikaw minn miżuri ta' integrazzjoni, il-prinċipju stabbilit f'dan l-artikolu ma jimplikax li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa marbut li jadotta xi miżura partikolari.

Fl-aħħar lok, is-sentenza *Fonnship u Svenska Transportarbetarförbundet* (C-83/13, EU:C:2014:2053), mogħtija fit-8 ta' Lulju 2014, ippermettiet lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja *tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ratione personae tar-Regolament Nru 4055/86, dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fit-trasport marittimu* [88].

[86] Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li ġiet approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE, tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35).

[87] Fir-rigward tal-effetti ta' din il-konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, isir riferiment ukoll għas-sentenza tat-18 ta' Marzu 2014, *Z.* (C- 363/12, EU:C:2014:159), ippreżentata fit-Titolu XIV.2, "Dritt għal-leave tal-maternità".

[88] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86, tat-22 ta' Diċembru 1986, li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 174).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija li hija stabbilita fi Stat li huwa parti fil-Ftehim ŻEE [89] u li hija proprjetarja ta' vapur li jġorr il-bandiera ta' pajjiż terz, u li permezz tiegħu huma pprovduti servizzi ta' trasport marittimu minn Stat parti f'dan il-ftehim jew lejn tali Stat tista', bħala prinċipju, tinvoka l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Dan ikun il-każ sakemm tkun tista' tiġi kklassifikata, minħabba li topera dan il-vapur, bħala l-fornitur ta' dawn is-servizzi u sakemm id-destinatarji tagħhom ikunu stabbiliti fi Stati partijiet fl-imsemmi ftehim li ma jkunux l-Istat fejn tkun stabbilita l-imsemmija kumpannija.

L-applikazzjoni tar-Regolament Nru 4055/86 bl-ebda mod ma hija affettwata mill-fatt li fuq il-vapur ikunu impjegati ħaddiema li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament timplika l-osservanza tar-regoli tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' azzjonijiet sindakali mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [90].

# XI. Kompetizzjoni

## 1. Akkordji

Fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-akkordji, għandhom jissemmew erba' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn l-ewwel waħda tirrigwarda d-dritt għall-kumpens għad-danni kkawżati minn akkordju, żewġ sentenzi oħra jirrigwardaw il-konstatazzjoni ta' akkordju u l-aħħar waħda tirrigwarda l-proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Is-sentenza *Kone et* (C-557/12, EU:C:2014:1317), mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2014, tirrigwarda kawża li fiha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet xtrat lifts u skalaturi mingħand impriżi terzi, mhux membri tal-akkordju pprojbit mid-dritt tal-kompetizzjoni, bi prezz ogħla minn dak li kien jiġi ffissat fl-assenza ta' dan l-akkordju. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, dawn l-impriżi terzi, li kienu l-fornituri tagħha, kienu bbenefikaw mill-eżistenza tal-akkordju sabiex jiffissaw il-prezzijiet tagħhom f'livell ogħla. Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja *jekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 101 TFUE, il-vittma ta' dannu mġarrab minħabba l-aġir ta' persuna li ma hijiex parti fl-akkordju għandhiex id-dritt li titlob kumpens mingħand il-membri tal-akkordju.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-effikaċja sħiħa u, b'mod partikolari, l-effettività tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artkolu 101(1) TFUE jitqiegħdu fid-dubju li kieku ma kienx possibbli għal kull persuna li titlob kumpens għad-dannu kkawżat lilha minn kuntratt jew minn imġiba li tista' toħloq restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li akkordju jista' jkollu bħala effett li jwassal lill-kumpanniji li ma jkunux membri f'dan l-akkordju jżidu l-prezzijiet tagħhom b'tali mod li jaġġustawhom għall-prezz fis-suq li jirriżulta mill-akkordju, punt dan li l-membri ta' dan tal-aħħar ma jistgħux jinjoraw. B'hekk, anki jekk id-determinazzjoni ta' prezz tal-offerta titqies li hija deċiżjoni purament awtonoma adottata fil-livell ta' kull impriża li ma tkunx membru, jista' jkun il-każ li tali deċiżjoni tkun ittieħdet b'riferiment għal prezz tas-suq distort mill-akkordju. Għaldaqstant, meta jiġi stabbilit li l-akkordju seta' jkollu l-konsegwenza li jiżdiedu l-prezzijiet applikati mill-kompetituri li ma kinux membri tal-akkordju, il-vittmi ta' din iż-żieda fil-prezz għandhom ikunu jistgħu jiksbu kumpens għad-dannu mġarrab mingħand il-membri tal-akkordju.

[89] Iċċitat iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61.

[90] Sentenza tat-18 ta' Novembru 2007, *Laval un Partneri* (C-341/05, EU:C:2007:809).

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-effettività tal-Artikolu 101 TFUE titqiegħed fid-dubju jekk id-dritt li jintalab kumpens għad-dannu mġarrab jiġi ssuġġettat mid-dritt nazzjonali, b'mod kategoriku u indipendentement miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, għall-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn l-akkordju u d-dannu, filwaqt li dan id-dritt jiġi eskluż minħabba l-fatt li l-persuna kkonċernata kellha rabtiet kuntrattwali mhux ma' membru tal-akkordju iżda ma' impriża li ma pparteċipatx f'dan tal-aħħar, u dan f'sitwazzjoni fejn il-politika tal-prezzijiet ta' din tal-aħħar tkun ġiet influwenzata mill-akkordju.

Fis-sentenza *MasterCard et vs Il-Kummissjoni* (C-382/12 P, EU:C:2014:2201), mogħtija fil-11 ta' Settembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali li permezz tagħha din tal-aħħar iddeċidiet li *l-kummissjonijiet multilaterali ta' skambju applikati għas-sistema ta' ħlasijiet b'karta bankarja MasterCard kienu kuntrarji għad-dritt tal-kompetizzjoni* [91], kellha l-opportunità tipprovdi numru ta' preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' diversi elementi tal-Artikolu 81 KE [92]. Fil-fatt, il-kummissjonijiet multilaterali ta' skambji (iktar 'il quddiem il-"KMS") jikkorrispondu għal perċentwali tal-prezz ta' tranżazzjoni permezz ta' karta bankarja li tinżamm mill-bank li joħroġ il-karta. Peress li osservat li dawn il-kummissjonijiet, sa fejn dawn jiġu imputati lin-negozjanti fil-kuntest iktar ġenerali tal-ispejjeż li jiġu ffatturati lilhom għall-użu tal-karti bankarji, għandhom l-effett li jkabbru l-bażi ta' dawn l-ispejjeż, meta dawn jistgħu jkunu f'livell iktar baxx, il-Kummissjoni kkunsidrathom, fid-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali, li huma restrizzjoni tal-kompetizzjoni permezz tal-prezzijiet bejn il-banek akkwirenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-eżami tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 81 KE, l-ewwel nett qieset, filwaqt li kkonfermat l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li MasterCard u l-istabbilimenti finanzjarji involuti fl-iffissar tal-KMS jistgħu jiġu kklassifikati bħala "assoċjazzjoni ta' impriżi" fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE, fid-dawl tal-interessi komuni tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li, minkejja li l-Artikolu 81 KE jiddistingwi l-kunċett ta' "prattika miftiehma" minn dak ta' "akkordji bejn impriżi" jew ta' "deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi", dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jevita, b'dan il-mod, li l-impriżi jkunu jistgħu jaħarbu mir-regoli tal-kompetizzjoni sempliċement minħabba l-forma li permezz tagħha huma jikkoordinaw dan l-aġir.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeterminat jekk il-KMS setgħux jaħarbu mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) KE minħabba li huma ta' natura anċillari għas-sistema ta' ħlasijiet MasterCard. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari li restrizzjoni tal-awtonomija kummerċjali ma taqax taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni previst fl-Artikolu 81(1) KE jekk ikunu oġġettivament neċessarji għall-implementazzjoni ta' operazzjoni jew ta' attività li ma jkollhomx din in-natura u jekk ikunu proporzjonati għall-għanijiet ta' waħda jew l-oħra. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, l-ewwel nett, jekk il-funzjonament tas-sistema MasterCard ikunx impossibbli fl-assenza tal-KMS. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kuntrarju ta' dak li kienu qegħdin isostnu l-appellanti, il-fatt li l-imsemmija operazzjoni sempliċement issir iktar diffiċli sabiex titwettaq jew inqas profitabbli fl-assenza tar-restrizzjoni inkwistjoni ma jistax jitqies li jagħti lil din ir-restrizzjoni n-natura "oġġettivament neċessarja" meħtieġa sabiex din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala anċillari. It-tieni nett, fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-KMS fir-rigward tal-għanijiet li fuqhom hija bbażata s-sistema MasterCard, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, bħala ipoteżijiet possibbli, ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni biss is-sitwazzjoni li tirriżulta fl-assenza ta' din ir-restrizzjoni iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni

91 Sentenza tal-24 ta' Mejju 2012, *MasterCard et vs Il-Kummissjoni* (T-111/08, EU:T:2012:260).

92 Li sar l-Artikolu 101 TFUE.

wkoll sitwazzjonijiet alternattivi li jistgħu jimmaterjalizzaw, sakemm dawn l-ipoteżijiet ikunu realistiċi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sa fejn ma indirizzatx in-natura probabbli, jekk mhux ukoll plawżibbli, tal-projbizzjoni ta' impożizzjoni ta' tariffi *ex post* fl-ipoteżi fejn ma jkunx hemm KMS, iżda bbażat ruħha biss fuq il-kriterju tal-vijabbiltà ekonomika ta' sistema li tiffunzjona mingħajr l-imsemmija kummissjonijiet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Madankollu, sa fejn, fil-kawża ineżami, skont il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, l-ipoteżi ta' sistema li tiffunzjona biss fuq il-bażi tal-projbizzjoni ta' impożizzjoni ta' tariffi *ex post* kienet l-unika alternattiva oħra ta' natura li tippermetti lis-sistema MasterCard tiffunzjona fl-assenza tal-KMS, dan l-iżball ma kellux impatt fuq l-analiżi tal-effetti antikompetittivi tal-KMS imwettqa mill-Qorti Ġenerali, u lanqas ma kellu effett fuq id-dispożittiv tas-sentenza ta' din tal-aħħar fis-sens li l-KMS kellhom effetti restrittivi fuq il-kompetizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-KMS setgħux ikunu s-suġġett ta' eżenzjoni taħt l-Artikolu 81(3) KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-kawża ineżami, kien meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-vantaġġi oġġettivi kollha, mhux biss fis-suq rilevanti, iżda wkoll fis-suq distint konness. Il-Qorti Ġenerali kienet ħadet inkunsiderazzjoni r-rwol tal-KMS fl-ibbilanċjar bejn il-partijiet "emissjoni" u "akkwist" tas-sistema MasterCard filwaqt li rrikonoxxiet l-eżistenza ta' interazzjoni bejn dawn iż-żewġ partijiet. Madankollu, fl-assenza ta' kull prova tal-eżistenza ta' vantaġġi oġġettivi sinjifikattivi imputabbli lill-KMS fis-suq tal-akkwist għan-negozjanti, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex għalfejn twettaq eżami tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-KMS għad-detenturi ta' karti bankarji, peress li tali vantaġġi, waħedhom, ma humiex ta' natura li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn dawn il-kummissjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tikkonstata akkordju li ma setax ikun is-suġġett ta' eżenzjoni.

Fil-11 ta' Settembru 2014, f'sentenza oħra li tirrigwarda l-karti bankarji, is-sentenza *CB vs Il-Kummissjoni* (C-67/13 P, EU:C:2014:2204), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali minħabba li din tal-aħħar żbaljat meta kkonkludiet li *l-miżuri tariffarji adottati mill-Groupement français des cartes bancaires kienu jikkostitwixxu, min-natura tagħhom stess, restrizzjoni tal-kompetizzjoni.*

Il-Groupement des cartes bancaires (CB) (iktar 'il quddiem il-"Groupement"), ikkostitwit mill-istabbilimenti bankarji prinċipali Franċiżi li joħorġu karti bankarji, kien adotta miżuri li jiffissaw tariffi għall-adeżjoni mal-Groupement, fir-rigward tal-membri li l-attività ta' emissjoni ta' karti bankarji CB tagħhom kienet superjuri għall-attività ta' affiljazzjoni ta' negozjanti ġodda mas-sistema, kif ukoll fir-rigward tal-membri inattivi jew ftit attivi.

Il-Qorti Ġenerali qieset, bħalma kienet għamlet il-Kummissjoni, li l-Groupement kien adotta deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li tagħti lok għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-"għan" tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li l-eżami tal-effetti ta' dawn il-miżuri fuq is-suq ma kienx neċessarju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żbalji ta' liġi sa fejn ma evalwatx b'mod korrett l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, kunċett li għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u li jista' jiġi applikat biss għal ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi. B'mod iktar partikolari, filwaqt li esponiet il-motivi għaliex il-miżuri inkwistjoni setgħu jillimitaw il-kompetizzjoni mill-operaturi l-ġodda fis-suq, il-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma ġġustifikat kif din ir-restrizzjoni tippreżenta livell suffiċjenti ta' dannu sabiex tkun tista' titqies li

hija restrizzjoni minħabba l-għan tagħha. Fil-fatt, peress li l-miżuri inkwistjoni kellhom l-għan li jimponu kontribuzzjoni finanzjarja fuq il-membri tal-Groupement li jibbenefikaw mill-isforzi magħmula minn membri oħra fil-qasam tal-akkwist tas-sistema CB, tali għan ma jistax, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jitqies li huwa, min-natura tiegħu stess, ta' dannu għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta evalwat l-għażliet disponibbli għall-membri tal-Groupement sabiex jimplementaw l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' ħlas u ta' ġbid ta' flus permezz ta' karti bankarji, il-Qorti Ġenerali fil-verità evalwat l-effetti potenzjali tal-miżuri u mhux l-għan tagħhom, b'tali mod li b'hekk hija stess tat l-impressjoni li l-miżuri inkwistjoni ma jistgħux jitqiesu li "min-natura tagħhom stess" huma ta' dannu għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddetermina jekk il-ftehimiet inkwistjoni għandhomx "bħala effett" li jillimitaw il-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81 KE [93].

Fit-12 ta' Ġunju 2014, fis-sentenza *Deltafina vs Il-Kummissjoni* (C-578/11 P, EU:C:2014:1742), il-Qorti tal-Ġustizzja, f'deċiżjoni mogħtija fuq appell, ipprovdiet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar ċerti aspetti relatati mal-proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward *tat-tnaqqis tal-multa bħala korrispettiv għall-kooperazzjoni mill-impriża implikata mal-Kummissjoni*, l-obbligu li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-kooperazzjoni jaqa' fuq l-impriża. B'hekk, l-iżvelar mill-impriża kkonċernata tal-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni lil impriżi oħra li pparteċipaw fl-akkordju jikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni.

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ukoll jekk il-Qorti Ġenerali kisritx id-dritt għal smigħ xieraq billi ġabret, matul is-seduta, ix-xhieda orali tar-rappreżentanti tal-partijiet u billi bbażata ruħha fuq waħda minn dawn ix-xhieda. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet effettivament marret lil hinn minn dak li jista' jitwettaq permezz tal-prassi attwali li jsiru mistoqsijiet dwar kwistjonijiet tekniċi jew fatti kumplessi, minkejja li dawn il-mistoqsijiet saru dwar fatti li kellhom jiġu stabbiliti skont ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-irregolarità proċedurali ma kinitx tikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq peress li x-xhieda inkwistjoni ttieħdu inkwistjoni biss għal finijiet ta' kompletezza u peress li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali setgħet tkun ibbażata biss fuq il-provi dokumentali għad-dispożizzjoni tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni ukoll dwar l-argument relatat mat-tul eċċessiv tal-proċedura. Filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha [94], il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, fakkret li, fl-assenza ta' kull indikazzjoni li t-tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kellu effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima, in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni ma jistax jagħti lok għall-annullament tas-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-obbligu tagħha, li jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li taqta' l-kawżi mressqa quddiemha fi żmien raġonevoli għandu jitqajjem fil-kuntest ta' rikors għad-danni. Dan ir-rikors għad-danni għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, ikkostitwita b'kulleġġ ġudikanti differenti minn dak li jkun ħa konjizzjoni tar-rikors għal annullament, peress li r-rikors għad-danni jikkostitwixxi rimedju effettiv.

93 Li sar l-Artikolu 101 TFUE.

94 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2013, *Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni* (C-40/12 P, EU:C:2013:768).

## 2. Għajnuna mill-Istat

Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, permezz tas-sentenza *Franza vs Il-Kummissjoni* (C-559/12 P, EU:C:2014:217), mogħtija fit-3 ta' April 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Franza [95] kontra d-deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2010 li fiha *l-Kummissjoni kkonkludiet li l-garanzija illimitata mogħtija minn Franza lil La Poste kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern* [96]. Sat-trasformazzjoni tagħha, fl-1 ta' Marzu 2010, f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, La Poste kienet meqjusa li hija entità pubblika ta' natura industrijali u kummerċjali (iktar 'il quddiem "EPIK") li għaliha ma japplikawx il-proċeduri ta' insolvenza u ta' falliment tad-dritt ġenerali.

Fil-kuntest ta' dan l-appell, Franza kienet qiegħda tikkritika lill-Qorti Ġenerali b'mod partikolari talli, minn naħa, qieset li l-Kummissjoni setgħet taqleb l-oneru tal-prova dwar l-eżistenza tal-garanzija għaliex La Poste ma kinitx suġġetta għad-dritt ġenerali dwar l-amministrazzjoni u l-istralċ ta' impriżi f'diffikultà u, min-naħa l-oħra, kisret ir-regoli dwar il-livell probatorju mitlub biex juri l-eżistenza ta' tali garanzija. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Qorti Ġenerali ma kienet ivvalidat ebda użu ta' preżunzjonijiet negattivi u ebda qlib tal-oneru tal-prova min-naħa tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni eżaminat pożittivament l-eżistenza ta' garanzija illimitata mill-Istat favur La Poste billi ħadet inkunsiderazzjoni diversi elementi li kienu jippermettu li jiġi stabbilit l-għoti ta' tali garanzija. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Kummissjoni tista', sabiex tipprova l-eżistenza ta' garanzija impliċita, tibbaża ruħha fuq il-metodu ta' sensiela ta' indizji serji, preċiżi u konkordanti, sabiex tivverifika jekk hemmx, fid-dritt nazzjonali, obbligu għall-Istat li jimpenja r-riżorsi tiegħu sabiex ikopri t-telf ta' EPIK li sejra ħażin u għalhekk, riskju ekonomiku biżżejjed konkret ta' spejjeż fuq il-baġit tal-Istat.

Franza kienet qiegħda tikkritika lill-Qorti Ġenerali wkoll talli wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet kif meħtieġ mil-liġi l-eżistenza ta' vantaġġ li jirriżulta mill-allegata garanzija tal-Istat mogħtija lil La Poste. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li teżisti preżunzjoni konfutabbli fis-sens li l-għoti ta' garanzija impliċita u illimitata tal-Istat favur impriża li ma hijiex suġġetta għall-proċeduri normali ta' amministrazzjoni u ta' stralċ iwassal għal titjib tal-pożizzjoni finanzjarja tagħha permezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż li, normalment, ikunu imposti fuq il-baġit tagħha. B'hekk, sabiex jiġi pprovat vantaġġ mogħti permezz ta' tali garanzija lill-impriża benefiċjarja, huwa biżżejjed għall-Kummissjoni li tistabbilixxi l-eżistenza stess ta' din il-garanzija, mingħajr ma jkollha bżonn turi l-effetti reali prodotti minnha mill-mument tal-għoti tagħha.

# XII. Dispożizzjonijiet fiskali

Fis-16 ta' Jannar 2014, fis-sentenza tagħha *Ibero Tours* (C-300/12, EU:C:2014:8), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-prinċipji ddefiniti fis-sentenza tagħha *Elida Gibbs* [97], li jirrigwardaw *it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), tar-roħs mogħti minn produttur permezz ta' katina ta' distribuzzjoni,* ma humiex applikabbli meta aġenzija tal-ivvjaġġar, li taġixxi bħala intermedjarja, tagħti lill-konsumatur finali, fuq inizjattiva u bi spejjeż tagħha, tnaqqis tal-prezz fir-rigward tas-servizz prinċipali pprovdut mill-organizzatur ta' ġiti turistiċi.

[95] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2012, *Franza vs Il-Kummissjoni* (T-154/10, EU:T:2012:452).

[96] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/605/UE, tas-26 ta' Jannar 2010, dwar l-għajnuna mill-Istat C 56/07 (ex E 15/05) mogħtija minn Franza lil La Poste [innotifikata bin-numru C(2010)133] (ĠU L 274, p. 1).

[97] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 1996, *Elida Gibbs* (C-317/94, EU:C:1996:400).

Fis-sentenza *Elida Gibbs*, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li, meta produttur ta' prodott, li ma jkunx marbut kuntrattwalment mal-konsumatur finali, iżda jkun l-ewwel ħolqa ta' katina ta' tranżazzjonijiet li jwasslu għal dan tal-aħħar, jagħti tnaqqis tal-prezz lill-imsemmi konsumatur finali permezz ta' vouchers ta' tnaqqis li jissarrfu mill-bejjiegħa bl-imnut u jiġu rrimborsati mill-produttur lil dawn tal-aħħar, il-valur taxxabbli għall-finijiet tal-VAT għandu jitnaqqas bl-imsemmi tnaqqis. Fil-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex jintlaħaq l-għan segwit mill-iskema speċjali għall-aġenti tal-ivvjaġġar prevista fl-Artikolu 26 tas-Sitt Direttiva [98], b'ebda mod ma huwa meħtieġ li ssir deroga mir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 11A(1)(a) tal-imsemmija direttiva, li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur taxxabbli, jirreferi għall-kunċett ta' "konsiderazzjoni [korrispettiv] li kien jew irid jinkiseb mill-fornitur, [mingħand] il-klijenti jew it-tielet parti". Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li, b'differenza mill-kawża *Elida Gibbs*, il-kawża ineżami ma tirrigwardax l-għoti ta' tnaqqis minn produttur permezz ta' katina ta' distribuzzjoni iżda tirrigwarda l-finanzjament minn aġenzija tal-ivvjaġġar, li taġixxi bħala intermedjarja, ta' parti mill-prezz ta' vjaġġ, finanzjament li għall-konsumatur finali jfisser tnaqqis tal-prezz ta' dan il-vjaġġ. Peress li l-imsemmi tnaqqis tal-prezz la jaffettwa l-korrispettiv riċevut mill-organizzatur tal-ġiti turistiċi għall-bejgħ tal-imsemmi vjaġġ u lanqas il-korrispettiv riċevut mill-aġenzija tal-ivvjaġġar għas-servizz tagħha ta' intermedjazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, inkonformità mal-Artikolu 11A(1)(a) tas-Sitt Direttiva, tali tnaqqis tal-prezz la jwassal għal tnaqqis tal-valur taxxabbli għat-tranżazzjoni prinċipali pprovduta mill-organizzatur tal-ġiti turistiċi u lanqas għat-tranżazzjoni ta' servizzi pprovduti mill-aġenzija tal-ivvjaġġar.

Is-sentenza *Skandia America (USA), filial Sverige* (C-7/13, EU:C:2014:2225), mogħtija fis-17 ta' Settembru 2014, tirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk, u b'liema mod, *is-servizzi pprovduti bi ħlas mill-istabbiliment prinċipali ta' kumpannija li tinsab f'pajjiż terz lil fergħa tal-istess kumpannija stabbilita fi Stat Membru għandhomx ikunu suġġetti għall-VAT* skont id-Direttiva 2006/112 [99], meta l-imsemmija fergħha tkun tappartjeni, fl-imsemmi Stat Membru, għal grupp għall-finijiet tal-VAT, ikkostitwit fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett indirizzat il-kwistjoni ta' jekk is-servizzi pprovduti minn stabbiliment prinċipali lill-fergħa tiegħu, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta iktar 'il fuq, humiex suġġetti għall-VAT. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, minkejja li l-fergħa inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet dipendenti tal-istabbiliment prinċipali u għalhekk ma setax ikollha hija stess il-kwalità ta' persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112, din xorta waħda kienet membru ta' grupp għall-finijiet tal-VAT u għalhekk kienet tikkostitwixxi persuna taxxabbli waħda, mhux mal-istabbiliment prinċipali iżda mal-membri l-oħra tal-imsemmi grupp. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-provvista ta' tali servizzi tikkostitwixxi tranżazzjoni taxxabbli, skont l-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112, sa fejn is-servizzi pprovduti bi ħlas mill-istabbiliment prinċipali lill-imsemmija fergħa għandhom jitqiesu, mill-perspettiva tal-VAT biss, li jkunu ġew ipprovduti lill-grupp għall-finijiet tal-VAT. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'tali sitwazzjoni, l-Artikoli 56, 193 u 196 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-grupp għall-finijiet tal-VAT, bħala l-persuna li tirċievi servizzi msemmija fl-Artikolu 56 ta' din id-direttiva, isir responsabbli għall-ħlas tal-VAT eżiġibbli. Fil-fatt, l-Artikolu 196 tal-imsemmija direttiva jipprovdi li, b'eċċezzjoni għar-regola ġenerali msemmija fl-Artikolu 193 ta' din id-direttiva li tipprovdi li l-VAT għandha tkun dovuta fi Stat Membru mill-persuna taxxabbli li tipprovdi servizzi

98 Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

99 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

taxxabbli, il-VAT għandha tkun dovuta mill-persuna taxxabbli li tirċievi l-imsemmija servizzi meta s-servizzi indikati fl-Artikolu 56 tal-imsemmija direttiva jkunu pprovduti minn persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita f'dan l-Istat Membru.

# XIII. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet

## 1. Proprjetà intellettwali

Fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil ħames deċiżjonijiet. L-ewwel waħda tirrigwarda l-possibbiltà li l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi jiġu protetti permezz ta' privattiva, tlieta jirrigwardaw id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u l-ħames waħda tirrigwarda t-trade marks tridimensjonali.

Fis-sentenza *International Stem Cell Corporation* (C-364/13, EU:C:2014:2451), mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat l-Artikolu 6(2)(ċ) tad-Direttiva 98/44, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [100], li jipprovdi li *l-użi ta' embrijuni umani għal għanijiet industrijali jew kummerċjali ma jistgħux jiġu protetti permezz ta' privattiva* peress li l-isfruttament tagħhom għal tali għanijiet huwa kuntrarju għall-ordni pubbliku u għall-moralità.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari qieset li bajda umana mhux iffertilizzata li, permezz tal-partenoġenesi, tkun ġiet stimulata sabiex tinqasam u tiżviluppa ma tikkostitwixxix "embriju uman", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 6(2)(ċ), jekk, fid-dawl tal-għarfien attwali tax-xjenza, din ma jkollhiex, bħala tali, il-kapaċità intrinsika li tiżviluppa fi bniedem.

Insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-kunċett ta' "embriju uman" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jeskludi kull possibbiltà li tingħata protezzjoni permezz ta' privattiva meta r-rispett dovut lejn id-dinjità tal-bniedem ikun jista' jiġi affettwat [101]. Fil-fatt, din il-klassifikazzjoni tapplika wkoll għal bajda umana mhux iffertilizzata li fiha jkun ġie impjantat in-nukleu ta' ċellola umana matura, u għal bajda umana mhux iffertilizzata li tkun ġiet stimulata sabiex tinqasam u tiżviluppa permezz tal-partenoġenesi, u dan peress li dawn l-organiżmi, minħabba l-effett tat-teknika użata sabiex jinkisbu, huma ta' natura li jibdew il-proċess ta' żvilupp ta' bniedem bħall-embriju maħluq permezz ta' fertilizzazzjoni ta' bajda.

Inkonformità ma' dawn il-kriterji ta' interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet fattwali ppreżentati mill-qorti tar-rinviju, li l-imsemmija esklużjoni tal-possibbiltà li tingħata protezzjoni permezz ta' privattiva ma hijiex maħsuba li tapplika għal partenoti li ma għandhomx il-kapaċità intrinsika li jiżviluppaw fi bniedem.

Fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, is-sentenza *Nintendo et* (C-355/12, EU:C:2014:25), mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li *tispeċifika l-portata tal-protezzjoni legali li jista' jinvoka detentur ta' drittijiet tal-awtur, taħt id-Direttiva 2001/29, dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati* [102]*, sabiex jiġġieled l-evitar tal-miżuri tekniċi implementati*

[100] Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 395).

[101] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ottubru 2014, *Brüstle* (C-34/10, EU:C:2011:669).

[102] Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26.

*sabiex jipproteġi l-consoles tal-logħob tiegħu mill-użu ta' programmi ffalsifikati intiżi għal dawn il-consoles.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-logħob elettroniku jikkostitwixxi materjal kumpless li ma jinkludix biss programm tal-kompjuter, iżda jinkludi wkoll elementi ta' grafika u ta' ħoss li, għalkemm ikkodifikati fil-lingwaġġ tal-informatika, għandhom valur kreattiv tagħhom stess. Bħala kreazzjoni intellettwali tal-awtur tagħhom, il-programmi tal-kompjuter oriġinali huma għalhekk protetti mid-drittijiet tal-awtur previsti fid-Direttiva. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri teknoloġiċi li huma inkorporati kemm fl-apparati fiżiċi tal-logħob elettroniku u kemm fil-consoles u li jeħtieġu interazzjoni bejniethom, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri teknoloġiċi effettivi", fis-sens tad-Direttiva 2001/29, u jgawdu mill-protezzjoni mogħtija minn din tal-aħħar meta l-għan tagħhom ikun li jipprekludu jew li jillimitaw l-atti li jippreġudikaw id-drittijiet tad-detentur. Din il-protezzjoni legali għandha tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità u ma għandhiex tipprojbixxi t-tagħmir jew l-attivitajiet li għandhom, fil-livell kummerċjali, skop jew użu li ma huwiex dak tal-evitar tal-protezzjoni teknoloġika għal finijiet illegali. F'każ bħal dak ineżami, l-evalwazzjoni tal-portata tal-protezzjoni legali inkwistjoni ma għandhiex issir skont l-użu partikolari tal-consoles, kif previst mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur, iżda għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji previsti, fir-rigward tat-tagħmir, tal-prodotti jew tal-komponenti li jistgħu jevitaw il-protezzjoni tal-miżuri teknoloġiċi effettivi, fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/29.

Is-sentenza *UPC Telekabel Wien* (C-314/12, EU:C:2014:192), mogħtija fis-27 ta' Marzu 2014, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar *il-prerogattivi mogħtija lid-detenturi ta' drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali*. Il-kawża kienet tirrigwarda żewġ kumpanniji ta' produzzjoni ċinematografika li kienu detenturi ta' drittijiet fir-rigward ta' films li kienu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit internet permezz ta' fornitur tal-aċċess għall-internet stabbilit fl-Awstrija. Qorti Awstrijaka kienet ipprojbixxiet lil dan il-fornitur milli jipprovdi aċċess għas-sit sa fejn dan tal-aħħar kien iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr il-kunsens tal-imsemmija kumpanniji ta' produzzjoni, xogħlijiet ċinematografiċi li fuqhom dawn tal-aħħar kellhom drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li fornitur tal-aċċess għall-internet li jippermetti lill-klijenti tiegħu li jkollhom aċċess għal oġġetti protetti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-internet minn terz, huwa intermedjarju li s-servizzi tiegħu jintużaw sabiex jinkisru drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati fis-sens tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29. Tali konklużjoni hija kkorroborata mill-għan segwit mid-Direttiva. L-esklużjoni tal-fornituri tal-aċċess għall-internet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tnaqqas sostanzjalment il-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet, mixtieqa minn din id-direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha wkoll domanda, fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, dwar il-possibbiltà li tingħata ordni li ma tispeċifikax liema miżuri għandu jieħu l-fornitur tal-aċċess għall-internet u dwar il-possibbiltà ta' dan tal-aħħar li jevita l-pagamenti ta' penalità fil-każ li jikser din l-ordni billi jressaq il-prova li jkun ħa l-miżuri kollha raġonevoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li d-drittijiet fundamentali kkonċernati, jiġifieri l-libertà tal-intrapriża u l-libertà tal-informazzjoni, ma jipprekludux tali ordni, sakemm ikunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, il-miżuri li jittieħdu mill-fornitur tal-aċċess ma għandhomx iċaħħdu inutilment lill-utenti tal-internet mill-possibbiltà li jkollhom aċċess b'mod leġittimu għall-informazzjoni disponibbli. Min-naħa l-oħra, dawn il-miżuri għandu jkollhom bħala effett li jipprekludu jew, tal-inqas, li jirrendu diffiċli t-twettiq tal-konsultazzjoni mhux awtorizzata ta' oġġetti protetti u li jiskoraġġixxu serjament lill-utenti tal-internet milli jikkonsultaw dawn l-oġġetti mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom bi ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali.

Dejjem fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, fis-sentenza *Deckmyn u Vrijheidsfonds* (C-201/13, EU:C:2014:2132), mogħtija fit-3 ta' Settembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja

bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat *il-portata tal-kunċett ta' "parodija" bħala eċċezzjoni għad-drittijiet ta' riproduzzjoni, ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet lill-pubbliku u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' oġġetti oħra protetti fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, indikat li l-kunċett ta' "parodija" għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, fl-assenza ta' kull definizzjoni, fid-Direttiva 2001/29, ta' dan il-kunċett, it-tifsira u l-portata ta' din il-kelma għandhom jiġu ddeterminati skont is-sens abitwali tagħha fil-lingwaġġ kurrenti, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih tintuża u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-parodija għandha bħala karatteristiċi essenzjali, minn naħa, li tevoka xogħol eżistenti, filwaqt li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata miegħu, u, min-naħa l-oħra, li tikkostitwixxi manifestazzjoni ta' umoriżmu jew tmasħir. Il-kunċett ta' parodija ma huwiex suġġett għal kundizzjonijiet fis-sens li l-parodija għandha jkollha natura oriġinali tagħha stess, barra min-natura li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata max-xogħol oriġinali li jkun is-suġġett tal-parodija, li għandha tkun tista' raġonevolment tiġi attribwita lil persuna li ma tkunx l-awtur tax-xogħol oriġinali stess, li għandha tirrigwarda x-xogħol oriġinali stess jew li għandha ssemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija. B'dan premess, l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni konkreta, tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, għandha tosserva bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi u d-drittijiet tal-awturi u tad-detenturi ta' drittijiet protetti mid-Direttiva u, min-naħa l-oħra, il-libertà ta' espressjoni tal-utent ta' xogħol protett li jibbaża ruħu fuq l-eċċezzjoni għal parodija.

Fl-aħħar nett, fil-qasam tat-trade marks, il-kawża li wasslet għas-sentenza *Apple* (C-421/13, EU:C:2014:2070), mogħtija fl-10 ta' Lulju 2014, wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tindirizza *l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni ta' trade mark tridimensjonali li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni, permezz ta' disinn b'diversi kuluri u mingħajr ebda indikazzjoni ta' daqs u ta' proporzjon, tal-arkitettura ta' ħanut għal servizzi li jkunu offruti f'dan il-ħanut.*

Sabiex tiddeċiedi dwar jekk in-natura tas-sinjal inkwistjoni tippermettix ir-reġistrazzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret il-kundizzjonijiet meħtieġa għal reġistrazzjoni ta' trade mark inkonformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/95 [103]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, rappreżentazzjoni li tivviżwalizza l-organizzazzjoni interna ta' spazju ta' bejgħ permezz ta' ġabra kontinwa ta' linji, ta' profili u ta' forom tista' tikkostitwixxi trade mark bil-kundizzjoni li tkun kapaċi tiddistingwi l-prodotti jew is-servizzi ta' impriża minn dawk ta' impriżi oħra. Madankollu, il-kapaċità ġenerali ta' sinjal sabiex jikkostitwixxi trade mark ma timplikax li dan is-sinjal għandu jkollu neċessarjament karattru distintiv fis-sens tad-Direttiva. Dan il-karattru għandu jiġi evalwat fil-prattika, minn naħa, fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-perċezzjoni li jkollu l-pubbliku rilevanti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, jekk ebda waħda mir-raġunijiet għar-rifjut ta' reġistrazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2008/95 ma tipprekludi dan, sinjal li jirrappreżenta l-organizzazzjoni interna tal-ħwienet ewlenin ta' produttur ta' prodotti jista' jiġi rreġistrat b'mod validu mhux biss fir-rigward ta' dawn il-prodotti iżda wkoll fir-rigward ta' servizzi, meta dawn is-servizzi ma jkunux jagħmlu parti integrali mit-tqegħid għall-bejgħ tal-prodotti. Għaldaqstant, ir-rappreżentazzjoni tal-organizzazzjoni interna ta' spazju ta' bejgħ permezz ta' sempliċi disinn mingħajr ebda indikazzjoni ta' daqs u ta' proporzjon tista' tiġi rreġistrata bħala trade mark għal servizzi li, għalkemm jirrigwardaw prodotti, ma humiex parti integrali mit-tqegħid għall-bejgħ tagħhom, bil-kundizzjoni li din ir-rappreżentazzjoni tkun kapaċi tiddistingwi s-servizzi tal-applikant għar-reġistrazzjoni minn dawk ta' impriżi oħra u bil-kundizzjoni li ebda raġuni għal rifjut ma tipprekludi dan.

[103] Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, p. 25).

## 2. Protezzjoni tad-data personali

Fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja tat tliet sentenzi li jistħoqqilhom attenzjoni. Żewġ sentenzi jirrigwardaw l-obbligi fir-rigward tal-protezzjoni ta' din id-data li għandhom l-impriżi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni u l-impriżi li joperaw mutur ta' tfittxija. It-tielet sentenza tirrigwarda l-awtonomija tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tal-protezzjoni tad-data.

Is-sentenza *Digital Rights Ireland et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238), mogħtija mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' April 2014, ingħatat fil-kuntest ta' *talbiet għall-evalwazzjoni tal-validità tad-Direttiva 2006/24, dwar iż-żamma ta' data, fid-dawl tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali* [104]. Dawn it-talbiet kienu intiżi sabiex isir magħruf jekk l-obbligu li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet għandhom taħt din id-direttiva li jżommu, għal ċertu żmien, id-data dwar il-ħajja privata ta' persuna u dwar il-komunikazzjonijiet tagħha u li jagħtu aċċess għal din id-data lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jimplikax indħil mhux ġustifikat fl-imsemmija drittijiet fundamentali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li, minħabba li jimponu tali obbligi fuq dawn il-fornituri, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/24 kienu jikkostitwixxu indħil partikolarment gravi fir-rispett tal-ħajja privata u fil-protezzjoni tad-data personali, irrikonoxxuti rispettivament mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. It-tieni nett, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan l-indħil jista' jkun iġġustifikat mit-tfittxija ta' għan ta' interess ġenerali, bħalma hija l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat id-Direttiva invalida billi qieset li timplika ndħil ta' portata wiesgħa u ta' gravità partikolari fl-imsemmija drittijiet fundamentali, mingħajr ma dan l-indħil ma huwa rregolat b'mod preċiż permezz ta' dispożizzjonijiet li jippermettu li jiġi ggarantit li jkun effettivament limitat għal dak li jkun strettament neċessarju.

Insostenn ta' din il-konstatazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li d-Direttiva 2006/24 tkopri b'mod iġġeneralizzat lil kull persuna u l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika kif ukoll id-data kollha dwar it-traffiku mingħajr ma jsiru ebda differenzazzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni fuq il-bażi tal-għan tal-ġlieda kontra r-reati gravi. It-tieni nett, fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għad-data u fir-rigward tal-użu ulterjuri li jsir minn din id-data, din id-direttiva la tipprevedi kriterji oġġettivi li jippermettu li jiġi żgurat li d-data ser tintuża biss għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' identifikazzjoni u ta' prosekuzzjoni kriminali ta' reati li jistgħu jitqiesu li huma suffiċjentement gravi sabiex ikun iġġustifikat tali ndħil, u lanqas ma tipprevedi l-kundizzjonijiet materjali u proċedurali ta' tali aċċess jew ta' tali użu. It-tielet nett, fir-rigward tat-tul taż-żamma tad-data, id-Direttiva timponi ż-żamma tagħha għal perijodu ta' mill-inqas sitt xhur mingħajr ma tagħmel ebda distinzjoni bejn il-kategoriji ta' data fuq il-bażi tal-persuni kkonċernati jew tal-utilità eventwali tad-data fir-rigward tal-għan segwit.

Barra minn hekk, fir-rigward tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2006/24 ma tipprovdix garanziji suffiċjenti li jippermettu li tiġi żgurata protezzjoni effikaċi tad-data kontra r-riskji ta' abbuż kif ukoll

[104] Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, p. 54).

kontra l-aċċess u l-użu illegali tad-data, u li din id-direttiva lanqas ma teżiġi li d-data tinżamm fit-territorju tal-Unjoni. Għaldaqstant, din id-direttiva ma tiggarantixxix kompletament l-istħarriġ minn awtorità indipendenti, kif madankollu jeħtieġ espliċitament l-imsemmi Artikolu 8.

Barra minn hekk, għandha tissemma wkoll is-sentenza *Google Spain u Google* (C-131/12, EU:C:2014:317), mogħtija fit-13 ta' Mejju 2014, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet *tinterpreta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46, dwar il-protezzjoni tad-data personali, fir-rigward tal-attività ta' mutur ta' tfittxija fuq l-internet* [105].

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li, billi jirriċerka l-internet b'mod awtomatizzat, kostanti u sistematiku sabiex ifittex informazzjoni li tkun ippubblikata fuq l-internet, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jkun qiegħed iwettaq operazzjoni li għandha tiġi kklassifikata bħala "ipproċessar ta' data personali" fis-sens tad-Direttiva 95/45 meta din l-informazzjoni tinkludi tali data. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-operatur huwa l-"kontrollur" tal-imsemmi pproċessar, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva, peress li huwa l-operatur li jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' dan l-ipproċessar. L-ipproċessar ta' din id-data minn dan l-operatur huwa differenti mill-ipproċessar imwettaq mill-edituri ta' siti internet, u jitwettaq b'mod addizzjonali għal dan l-ipproċessar, li jikkonsisti fit-tqegħid ta' din id-data fuq paġna tal-internet.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li pproċessar ta' data personali mwettaq mill-operatur ta' mutur ta' tfittxija jista' jolqot b'mod sinjifikattiv id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali peress li dan l-ipproċessar jippermetti lil kull utent tal-internet jikseb, permezz tal-lista ta' riżultati, stampa ġenerali strutturata tal-informazzjoni dwar suġġett tad-data li tista' tinstab fuq l-internet, informazzjoni li potenzjalment tista' tikkonċerna diversi aspetti tal-ħajja privata tiegħu u li, mingħajr l-imsemmi mutur ta' tfittxija, kien ikun impossibbli (jew diffiċli ħafna) li jiġu konnessi flimkien, u li b'hekk tali utent ikun jista' jibni profil ftit jew wisq iddettaljat ta' dan is-suġġett tad-data. Fid-dawl tal-gravità potenzjali tiegħu, dan l-indħil ma jistax jiġi ġġustifikat abbażi biss tal-interess ekonomiku tal-operatur.

Fir-rigward tad-domanda li saritilha dwar jekk id-Direttiva 95/46 tippermettix lis-suġġett tad-data jitlob li l-konnessjonijiet lejn paġni tal-internet jitneħħew minn lista ta' riżultati minħabba li dan is-suġġett tad-data jkun jixtieq li l-informazzjoni li tkun tinsab f'dawn il-paġni u li tikkonċerna l-persuna tiegħu "tintesa" wara ċertu żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-każ li jiġi kkonstatat, wara talba mis-suġġett tad-data, li l-inklużjoni ta' dawn il-konnessjonijiet fil-lista tkun, attwalment, inkompatibbli mal-imsemmija direttiva, l-informazzjoni u l-konnessjonijiet murija f'din il-lista għandhom jitħassru. Peress li, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dan is-suġġett tad-data jista' jitlob li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali permezz tal-inklużjoni tagħha f'tali lista ta' riżultati, dawn id-drittijiet, bħala regola ġenerali, jipprevalu mhux biss fuq l-interess ekonomiku tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija, iżda wkoll fuq l-interess ta' dan il-pubbliku li jsib l-imsemmija informazzjoni meta jwettaq tfittxija fuq il-bażi tal-isem ta' dan is-suġġett tad-data. Dan ma jkunx il-każ biss jekk jidher, għal raġunijiet partikolari, bħalma huwa r-rwol li l-imsemmi suġġett tad-data jkollu fil-ħajja pubblika, li l-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu jkun iġġustifikat mill-interess superjuri tal-imsemmi pubbliku li jkollu, minħabba din l-inklużjoni, aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni.

[105] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi [persuni fiżiċi] fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

Mogħtija mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' April 2014, is-sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija* (C-288/12, EU:C:2014:237), tirrigwarda *rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward tat-terminazzjoni antiċipata tal-mandat tal-awtorità nazzjonali Ungeriża li tissorvelja l-protezzjoni tad-data personali u li għalhekk tirrigwarda l-obbligi tal-Istati Membri taħt id-Direttiva 95/46, dwar il-protezzjoni tad-data personali* [106].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46, l-awtoritajiet ta' sorveljanza mwaqqfa mill-Istati Membri għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom jeżerċitaw il-missjonijiet tagħhom mingħajr ma jkunu suġġetti għal influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi b'mod partikolari kull ordni jew kull influwenza esterna oħra fi kwalunkwe forma, indipendentement minn jekk din tkunx diretta jew indiretta, li jkunu jistgħu jorjentaw id-deċiżjonijiet tagħhom u li jkunu jistgħu jmorru kontra t-twettiq, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jikkonsisti f'li jiġi stabbilit ekwilibriju ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data personali. F'dan il-kuntest, is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' tutela tal-Istat jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' sorveljanza huwa biżżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tal-missjonijiet tagħhom. Issa, li kieku kien permess li kull Stat Membru jittermina l-mandat ta' awtorità ta' sorveljanza qabel it-terminu previst inizjalment mingħajr ma josserva r-regoli u l-garanziji stabbiliti minn qabel għal dan l-għan mil-leġiżlazzjoni applikabbli, it-theddida ta' tali terminazzjoni antiċipata li tkun għalhekk suġġetta għaliha din l-awtorità matul l-eżerċizzju tal-mandat kollu tagħha tista' twassal għal forma ta' sottomissjoni minn din tal-aħħar għall-poter politiku, li hija inkompatibbli mal-imsemmi rekwiżit ta' indipendenza. Għaldaqstant, dan ir-rekwiżit ta' indipendenza għandu neċessarjament jiġi interpretat bħala li jinkludi l-obbligu li t-tul tal-mandat tal-awtoritajiet ta' sorveljanza jiġi osservat sal-iskadenza tiegħu u li dan ma jiġix itterminat b'mod antiċipat ħlief b'osservanza tar-regoli u tal-garanziji tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, billi tterminat b'mod antiċipat il-mandat tal-awtorità ta' sorveljanza, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 95/46.

## XIV. Politika soċjali

Fil-qasam tal-politika soċjali jistgħu jissemmew tliet sentenzi. L-ewwel sentenza tirrigwarda l-projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età, filwaqt li ż-żewġ sentenzi l-oħra jirrigwardaw il-każijiet ta' ommijiet li kellhom tarbija permezz ta' omm surrogata u li ma ngħatalhomx id-dritt li jieħdu leave mħallas sabiex jieħdu ħsieb it-tarbija.

### 1. Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol

Fis-sentenza *Schmitzer* (C-530/13, EU:C:2014:2359), mogħtija fil-11 ta' Novembru 2014, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha *riforma leġiżlattiva, adottata fl-Awstrija b'reazzjoni għas-sentenza Hütter* [107], *intiża sabiex ittemm diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tal-uffiċjali.* Fis-sentenza *Hütter*, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li d-Direttiva 2000/78, dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol [108], kienet tipprekludi leġiżlazzjoni Awstrijaka li kienet teskludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' impjieg imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-iskala li fiha jitqiegħdu l-membri tal-persunal bil-kuntratt

[106] Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105.

[107] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 2009, *Hütter* (C-88/08, EU:C2009:381).

[108] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

tas-servizz pubbliku. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali l-ġdida tieħu inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' taħriġ u ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena iżda, fl-istess ħin, tintroduċi, fir-rigward biss tal-uffiċjali li kienu vittmi ta' din id-diskriminazzjoni, estensjoni ta' tliet snin taż-żmien neċessarju sabiex wieħed ikun jista' jgħaddi mill-ewwel għat-tieni skala ta' kull kategorija ta' impjieg u ta' kull kategorija ta' remunerazzjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn din l-estensjoni tapplika biss għall-uffiċjali li wettqu perijodi ta' taħriġ jew ta' servizz qabel laħqu l-età ta' 18-il sena, il-leġiżlazzjoni l-ġdid tinkludi differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva.

Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' din id-differenza fit-trattament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, minkejja li kunsiderazzjonijiet baġitarji jistgħu jkunu l-bażi tal-għażliet ta' politika soċjali ta' Stat Membru, tali kunsiderazzjonijiet waħedhom ma jistgħux jikkostitwixxu għan leġittimu. Għall-kuntrarju, ir-rispett tad-drittijiet kweżiti u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-uffiċjali vvantaġġati mis-sistema preċedenti jikkostitwixxu għanijiet leġittimi ta' politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol li jistgħu jiġġustifikaw, matul perijodu tranżitorju, iż-żamma tar-remunerazzjonijiet preċedenti u, konsegwentement, iż-żamma ta' sistema diskriminatorja bbażata fuq l-età. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti li jintlaħqu dawn l-għanijiet sa fejn l-imsemmija uffiċjali ma humiex esposti għall-estensjoni retroattiva tat-terminu għal avvanz. Madankollu, dawn l-għanijiet ma jistgħux jiġġustifikaw miżura li żżomm b'mod definittiv, anki jekk għal ċerti persuni biss, id-differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età li r-riforma ta' sistema diskriminatorja kienet intiża li telimina. Għaldaqtant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 2(1) u (2)a) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 jipprekludu wkoll tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

## 2. Dritt għal-leave tal-maternità

Fit-18 ta' Marzu 2014, fis-sentenzi *D.* (C-167/12, EU:C:2014:169) u *Z.* (C-363/12, EU:C:2014:159), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet tiddetermina *jekk ir-rifjut ta' leave mħallas lil omm li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata jmurx kontra d-Direttiva 92/85* [109]*, jew jekk jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew fuq id-diżabbiltà li tmur kontra d-Direttivi 2006/54* [110] *u 2000/78* [111]. Iż-żewġ rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu għamlu arranġament ma' ommijiet surrogati sabiex ikollhom tarbija u t-talbiet tagħhom għal leave mħallas kienu ġew miċħuda minħabba li qatt ma kienu tqal u minħabba li t-trabi ma kinux ġew adottati.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tad-Direttiva 92/85, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Istati Membri ma humiex obbligati jagħtu leave tal-maternità skont l-imsemmija direttiva lil ħaddiema, fil-kwalità tagħha ta' omm li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata, inkluż meta din il-ħaddiema tista' tredda' din it-tarbija wara t-twelid jew meta tkun qiegħda effettivament tredda' tali tarbija. Fil-fatt, il-leave tal-maternità, previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85, għandu bħala għan li jipproteġi s-saħħa tal-omm tat-tarbija fis-sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà li tirriżulta mit-tqala tagħha. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leave tal-maternità huwa intiż ukoll

[109] Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110).

[110] Direttiva 2006/54/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23).

[111] Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108.

li jiżgura l-protezzjoni ta' rabtiet partikolari bejn il-mara u t-tarbija tagħha, dan l-għan madankollu jikkonċerna biss il-perijodu wara t-tqala u l-ħlas. Minn dan jirriżulta li sabiex jingħata leave tal-maternità huwa meħtieġ li l-ħaddiema li tibbenefika minn dan il-leave kienet tqila u welldet it-tarbija. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 92/85 b'ebda mod ma teskludi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprevedu regoli iktar favorevoli għall-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ommijiet li jkollhom tarbija permezz ta' omm surrogata li jippermettulhom li jibbenefikaw minn leave tal-maternità.

Fir-rigward tad-Direttiva 2006/54, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li persuna li timpjega tirrifjuta li tagħti leave tal-maternità lil omm li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-allegata diskriminazzjoni indiretta, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, minn naħa, li ma jkunx hemm tali diskriminazzjoni meta ebda element ma jippermetti li jiġi stabbilit li r-rifjut tal-leave inkwistjoni jiżvantaġġa b'mod partikolari lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel. Min-naħa l-oħra, omm li jkollha tarbija permezz ta' omm surrogata ma tistax, bħala tali, tkun is-suġġett ta' trattament inqas favorevoli marbut mat-tqala tagħha peress li hija ma kinitx tqila b'din it-tarbija. Fir-rigward tal-għoti ta' leave tal-adozzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li peress li tali leave ma jaqax taħt id-Direttiva 2006/54, l-Istat Membri huma wkoll liberi li jagħtu jew li ma jagħtux tali leave.

Fil-kawża *Z*, l-omm li kkummissjonat omm surrogata ma setax ikollha tarbija u għalhekk għamlet arranġament ma' omm surrogata. Fir-rigward tad-Direttiva 2000/78, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li jiġi rrifjutat l-għoti ta' leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew għal leave tal-adozzjoni ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà. Fil-fatt, l-inkapaċità ta' persuna li jkollha tarbija b'mezzi konvenzjonali, fiha nnifisha, ma tikkostitwixxix bħala prinċipju xkiel għall-omm li tikkummissjona omm surrogata fir-rigward tal-aċċess għal impjieg, tal-eżerċizzju tiegħu jew tal-avvanz fih u, għaldaqstant, ma tistax titqies li hija diżabbiltà fis-sens tal-imsemmija direttiva. Peress li l-qorti tar-rinviju kienet għamlet domanda dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà [112], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-validità tad-Direttiva 2000/78 ma tistax tiġi evalwata fid-dawl ta' din il-konvenzjoni, li għandha n-natura ta' programm u ma għandhiex effett dirett. Madankollu, l-imsemmija direttiva għandha, sa fejn ikun possibbli, tiġi interpretata b'mod konformi ma' din il-konvenzjoni.

## XV. Ambjent

Fl-1 ta' Lulju 2014, fis-sentenza tagħha *Ålands Vindkraft* (C-573/12, EU:C:2014:2037), filwaqt li ddeċidiet dwar *l-interpretazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE u tad-Direttiva 2009/28, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli* [113], l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont il-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri li jagħtu għajnuna lill-produtturi ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ma humiex obbligati jipprevedu miżuri ta' għajnuna finanzjarja għall-użu tal-elettriku aħdar prodott fi Stat Membru ieħor.

[112] Iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 86.

[113] Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, p. 16).

L-iskema ta' għajnuna Svediża inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali tipprovdi għall-għoti ta' ċertifikati negozjabbli [114] lill-produtturi ta' elettriku aħdar għall-elettriku prodott fit-territorju ta' dan l-Istat, u tissuġġetta lill-fornituri u lil ċerti utenti tal-elettriku għal obbligu li kull sena jixtru u jissottomettu, lill-awtorità kompetenti, ċerta kwantità ta' tali ċertifikati li tikkorrispondi għal sehem partikolari mit-total tal-kunsinni jew tal-użu tagħhom ta' elettriku. Peress li l-awtoritajiet Svediżi rrifjutaw li jagħtu lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ċertifikati fir-rigward tal-park eoliku tagħha li jinsab fil-Finlandja minħabba li tali ċertifikati jistgħu jingħataw biss lill-operaturi ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni li jinsabu fl-Isvezja, l-imsemmija rikorrenti ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat, minn naħa, li l-iskema inkwistjoni għandha l-karatteristiċi speċifiċi għall-iskemi ta' għajnuna previsti u permessi mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/28 u, min-naħa l-oħra, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jobbliga lill-Istati Membri jestendu dan il-benefiċċju għall-elettriku aħdar prodott fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali leġiżlazzjoni tista' tostakola, għall-inqas indirettament u potenzjalment, l-importazzjonijiet ta' elettriku, b'mod partikolari dak aħdar, mill-Istati Membri l-oħra. Għaldaqstant, tali skema tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, li bħala prinċipju hija inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 34 TFUE, sakemm din l-iskema ma tistax tkun iġġustifikata oġġettivament. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li d-dritt tal-Unjoni ma wettaqx armonizzazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna nazzjonali għall-elettriku aħdar, l-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, jillimitaw il-benefiċċju ta' tali skemi għall-produzzjoni ta' elettriku aħdar li ssir fit-territorju tagħhom sa fejn l-iskemi huma intiżi li jippromwovu, fuq medda twila ta' żmien, investimenti f'installazzjonijiet ġodda billi jagħtu lill-produtturi ċerti garanziji dwar il-kummerċjalizzazzjoni futura tal-produzzjoni tagħhom ta' elettriku aħdar.

[114] Din l-iskema ta' għajnuna tipprevedi obbligu għall-fornituri ta' elettriku u għal ċerti konsumaturi li jużaw l-elettriku aħdar f'perċentwali partikolari.

## C – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni protokollari fid-9 ta' Ottubru 2014)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L. Bay Larsen u R. Silva de Lapuerta, Presidenti ta' Awla; K. Lenaerts, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja; V. Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; A. Tizzano, M. Ilešič u T. Von Danwitz, Presidenti ta' Awla

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

K. Jürimäe, C. Vajda u A. Ó Caoimh, Presidenti ta' Awla; M. Wathelet, Avukat Ġenerali Prinċipali; J.-C. Bonichot u S. Rodin, Presidenti ta' Awla; A. Rosas, Imħallef

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Y. Bot u E. Sharpston, Avukati Ġenerali; J. Malenovský u E. Juhász, Imħalllfin; J. Kokott, Avukat Ġenerali; A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin; P. Mengozzi, Avukat Ġenerali

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

A. Prechal, Imħallef; N. Jääskinen, Avukat Ġenerali; D. Šváby, C. Toader, A. Arabadjiev, M. Safjan u M. Berger, Imħallfin; P. Cruz Villalón, Avukat Ġenerali.

*Il-ħames filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Szpunar u N. Wahl, Avukati Ġenerali; C. G. Fernlund, E. Jarašiūnas, J. L. da Cruz Vilaça, F. Biltgen u M. C. Lycourgos, Imħallfin; A. Calot Escobar. Reġistratur

# 1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Vassilios Skouris**

Imwieled fl-1948; gradwat fid-dritt mill-Università libera ta' Berlin (1970); dottorat fid-dritt kostituzzjonali u amministrattiv mill-Università ta' Hamburg (1973); assistent professur fl-Università ta' Hamburg (1972-1977); professur tad-dritt pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); professur tad-dritt pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Affarijiet Interni (fl-1989 u fl-1996); membru tal-Kumitat amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-1987); direttur taċ-Ċentru tad-dritt ekonomiku internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1997-2005); president tal-Assoċjazzjoni Griega għad-dritt Ewropew (1992-1994); membru tal-Kumitat tar-riċerka nazzjonali Grieg (1993-1995); membru tal-Kumitat superjuri għas-selezzjoni tal-uffiċjali għas-servizz pubbliku Grieg (1994-1996); membru tal-Kunsill xjentifiku tal-Akkademja tad-dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); membru tal-Kumitat amministrattiv tal-Kulleġġ nazzjonali Grieg tal-maġistratura (1995-1996); membru tal-Kunsill xjentifiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1997-1999); President tal-Kunsill ekonomiku u soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Koen Lenaerts**

Imwieled fl-1945; gradwat u dottorat fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); assistent professur (1979-1983) u sussegwentement professur tad-dritt Ewropew fil-Katholieke Universiteit Leuven (mill-1983); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1984-1985); professur fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1984-1989); membru tal-Avukatura ta' Brussell (1986-1989); visiting professor fil-Harvard Law School (1989); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003; Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-9 ta' Ottubru 2012.



## Antonio Tizzano

Imwieled fl-1940; professur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università La Sapienza, Ruma; professur fl-universitajiet "Istituto Orientale" (1969-1979) u "Federico II" ta' Napoli (1979-1992), ta' Catania (1969-1977) u ta' Mogadishu (1967-1972); avukat fil-Qorti tal-kassazzjoni Taljana; konsulent legali fi ħdan ir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1992); membru tad-delegazzjoni Taljana fin-negozjati dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej, dwar l-Att Uniku Ewropew u dwar it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, fosthom kummentarji dwar it-Trattati Ewropej u l-Kodiċi tal-Unjoni Ewropea; fundatur u direttur mill-1996 tar-rivista "Il Diritto dell'Unione Europea"; membru tal-kumitati ta' tmexxija jew ta' redazzjoni ta' diversi rivisti ġuridiċi; relatur f'diversi kungressi internazzjonali; konferenzi u korsijiet f'diversi istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom l-Académie de droit international ta' Den Haag (1987); membru tal-grupp ta' esperti independenti maħtura sabiex jeżaminaw il-finanzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1999); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## Allan Rosas

Imwieled fl-1948; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Turku (il-Finlandja); professur tad-dritt fl-Università ta' Turku (1978-1981) u fl-Åbo Akademi (Turku/Åbo) (1981-1996); direttur tal-Istitut tad-drittijiet tal-bniedem tal-istess akkademja (1985-1995); diversi inkarigi universitarji ta' responsabbilta, nazzjonali u internazzjonali; membru ta' soċjetajiet ta' esperti; koordinazzjoni ta' diversi proġetti u programmi ta' riċerka, nazzjonali u internazzjonali, partikolarment fl-oqsma segwenti: dritt Komunitarju, dritt internazzjonali, drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali, dritt kostituzzjonali u amministrazzjoni pubblika kkomparata; rappreżentant tal-gvern Finlandiż bħala membru jew konsulent tad-delegazzjonijiet Finlandiżi f`diversi konferenzi u laqgħat internazzjonali; funzjonijiet ta' espert tal-ħajja ġuridika Finlandiża, partikolarment fi ħdan kummissjonijiet ġuridiki governattivi jew parlamentari fil-Finlandja, kif ukoll fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, l-UNESCO, l-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Kunsill tal-Ewropa; mill-1995, konsulent legali prinċipali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għar-relazzjonijiet barranin; minn Marzu 2001, Assistent Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-17 ta' Jannar 2002.



## Rosario Silva de Lapuerta

Imwielda fl-1945; gradwata fid-dritt (Université Complutense de Madrid); abogado del Estado f'Málaga; abogado del Estado fis-Servizz Legali tal-Ministeru tat-Transport, tat-Turiżmu u tal-Komunikazzjoni, wara fis-Servizz Legali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin; abogado del Estado u kap tas-Servizz Legali tal-Istat, responsabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u viċi direttur ġenerali fis-Servizz ta' assistenza legali Komunitarja u internazzjonali tal-Abogacia General del Estado (Ministeru tal-Ġustizzja); membru tal-Grupp ta' riflessjoni tal-Kummisjoni dwar il-ġejjieni tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja; kap tad-Delegazzjoni Spanjola tal-Grupp "Amis de la Présidence" għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja fit-Trattat ta' Nice u tal-Grupp ad hoc "Il-Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; professur tad-dritt Komunitarju fl-Iskola diplomatika ta' Madrid; kodirettur tar-rivista "Noticias de la Unión Europea"; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Juliane Kokott

Imwielda fl-1957; studji fid-dritt (Universitajiet ta' Bonn u ta' Genève); LL.M. (American University/Washington D.C.); dottorat fid-dritt (Università ta' Heidelberg, 1985; Università ta' Harvard, 1990); visiting professor fl-Università ta' Berkeley (1991); professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u barrani, tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew fl-Universitajiet ta' Augsburg (1992), Heidelberg (1993) u Düsseldorf (1994); Imħallef supplenti għall-gvern Ġermaniż fil-Qorti Internazzjonali tal-Konċiljazzjoni u Arbitraġġ tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE); Viċi President tal-Kunsill konsultattiv federali dwar it-tibdil globali (WBGU, 1996); professur tad-dritt internazzjonali, tad-dritt internazzjonali tan-negozju u tad-dritt Ewropew fl-Università ta' St. Gallen (1999); direttur tal-Istitut tad-dritt Ewropew u tad-dritt internazzjonali tan-negozju fl-Università ta' St. Gallen (2000); assistent direttur tal-Programm ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt tan-negozju fl-Università ta' St. Gallen (2001); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Endre Juhász

Imwieled fl-1944; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Szeged, l-Ungerija (1967); eżamijiet għall-ammissjoni fl-Avukatura Ungeriża (1970); studji post universitarji fid-dritt komparattiv fl-Università ta' Strasbourg, Franza (1969, 1970, 1971, 1972); uffiċjal fid-Dipartiment Legali tal-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1966-1974), direttur għall-affarijiet leġiżlattivi (1973-1974); First Commercial Secretary fl-Ambaxxata Ungeriża fi Brussell, responsabbli għal affarijiet Komunitarji (1974-1979); direttur fil-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1979-1983); First Commercial Secretary, imbagħad konsulent kummerċjali fl-Ambaxxata Ungeriża f'Washington DC, l-Istati Uniti tal-Amerka (1983-1989); direttur ġenerali fil-Ministeru tal-Kummerċ u fil-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1989-1991); negozjatur prinċipali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Ungerija u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom (1990-1991); segretarju ġenerali tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, direttur tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej (1992); Segretarju tal-Istat mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1993-1994); Segretarju tal-Istat, president tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej, Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ (1994); ambaxxatur straordinarju u plenipotenzjarju, kap tal-missjoni diplomatika tar-Repubblika tal-Ungerija għall-Unjoni Ewropea (Jannar 1995-Mejju 2003); negozjatur prinċipali għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea (Lulju 1998-April 2003); Ministru bla portafoll għall-koordinazzjoni ta' affarijiet dwar l-integrazzjoni Ewropea (minn Mejju 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## George Arestis

Imwieled fl-1945; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Ateni (1968); M.A. Comparative Politics and Government mill-Università ta' Kent f'Canterbury (1970); eżerċita l-professjoni ta' avukat f'Ċipru (1972-1982); maħtur Imħallef f'qorti distrettwali (1982); promoss għall-kariga ta' President ta' qorti distrettwali (1995); President amministrattiv tal-Qorti distrettwali ta' Nikosija (1997-2003); Imħallef fil-Qorti suprema ta' Ċipru (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004 sat-8 ta' Ottubru 2014.



**Anthony Borg Barthet U.O.M.**

Imwieled fl-1947; dottorat fid-dritt mir-Royal University of Malta fl-1973; daħal fis-servizz pubbliku Malti bħala Nutar tal-Gvern fl-1975; Avukat tar-Repubblika fl-1978, Avukat anzjan tar-Repubblika fl-1979, Deputat Avukat Ġenerali fl-1988 u maħtur Avukat Ġenerali mill-President ta' Malta fl-1989; lecturer part-time tad-dritt ċivili fl-Università ta' Malta (1985-1989); membru tal-Kunsill tal-Università ta' Malta (1998-2004); membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (1994-2004); membru tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Marko Ilešič**

Imwieled fl-1947; dottorat fid-dritt (Università ta' Ljubljana); speċjalizzat fid-dritt komparattiv (Universitajiet ta' Strasbourg u ta' Coimbra); eżami ġudizzjarju; professur tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali u tad-dritt internazzjonali privat; Viċi Rettur (1995-2001) u Rettur (2001-2004) tal-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Ljubljana; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Imħallef Onorarju u President ta' Awla tal-Qorti tax-Xogħol ta' Ljubljana (1975-1986); President tat-Tribunal tal-Isports tas-Slovenja (1978-1986); President tal-Kamra tal-Arbitraġġ tal-Borża ta' Ljubljana; arbitru fil-Kamra tal-Kummerċ tal-Jugoslavja (sal-1991) u tas-Slovenja (mill-1991); arbitru fil-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali f'Parigi; Imħallef fil-bord tal-appelli tal-UEFA u tal-FIFA; President tal-Unjoni tal-assoċjazzjonijiet ta' avukati Sloveni (1993-2005); membru tal-International Law Association, tal-Kumitat Marittimu Internazzjonali u ta' diversi soċjetajiet legali internazzjonali oħra; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Jiří Malenovský**

Imwieled fl-1950; dottorat fid-dritt mill-Università Karlova ta' Praga (1975); lecturer (1974-1990), Viċi Rettur (1989-1991) u kap tad-Dipartiment tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew (1990-1992) fl-Università ta' Masaryk f'Brno; Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali taċ-Ċekoslovakkja (1992); ambaxxatur fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa (1995); president tal-Kumitat tad-delegati tal-ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (1995); direttur ġenerali fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1998-2000); president tas-sezzjoni Ċeka u Slovakka tal-Assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali (1999-2001); Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali (2000-2004); membru tal-Kunsill leġiżlattiv (1998-2000); membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ f'Den Haag (mill-2000); professur tad-dritt internazzjonali pubbliku fl-Università Masaryk ta' Brno (2001); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Egils Levits**

Imwieled fl-1955; gradwat fid-dritt u fix-xjenza politika mill-Università ta' Hamburg; kollaboratur xjentifiku fil-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Kiel; konsultent għall-Parlament tal-Latvja dwar kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali, dritt kostituzzjonali u riforma leġiżlattiva; ambaxxatur tar-Repubblika tal-Latvja għall-Ġermanja u għall-Isvizzera (1992-1993), għall-Awstrija, għall-Isvizzera u għall-Ungerija (1994-1995); Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja, Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin (1993-1994); konċiljatur fil-Qorti tal-Konċiljazzjoni u tal-Arbitraġġ fi ħdan l-OSCE (mill-1997); Membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ (mill-2001); elett bħala Mħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1995, elett mill-ġdid fl-1998 u fl-2001; diversi pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-dritt kostituzzjonali u tad-dritt amministrattiv, tar-riforma leġiżlattiva u tad-dritt Komunitarju; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Aindrias Ó Caoimh**

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt ċivili (National University of Ireland, University College Dublin, 1971); barrister (King's Inns, 1972); diploma ta' studji superjuri fid-dritt Ewropew (University College Dublin, 1977); barrister fl-Avukatura tal-Irlanda (1972-1999); lecturer tad-dritt Ewropew (King's Inns, Dublin); Senior Counsel (1994-1999); rappreżentant tal-Gvern Irlandiż f'diversi kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-High Court tal-Irlanda (mill-1999); bencher (dekan) tal-Honorable Society of King's Inns (mill-1999); viċi president tal-Assoċjazzjoni Irlandiża tad-dritt Ewropew; membru tal-Assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali (sezzjoni Irlandiża); bin Andreas O'Keeffe (Aindrias Ó Caoimh) Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja (1974-1985); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-13 ta' Ottubru 2004.



**Lars Bay Larsen**

Imwieled fl-1953; gradwat fix-xjenza politika (1976), gradwat fid-dritt (1983), Università ta' Kopenħagen; uffiċjal fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1983-1985); lecturer (1984-1991), u wara associate professor (1991-1996) fid-dritt tal-familja fl-Università ta' Kopenħagen; kap ta' sezzjoni fl-Advokatsamfund (1985-1986); kap ta' dipartiment (1986-1991) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; membru tal-Avukatura (1991); kap ta' diviżjoni (1991-1995), kap tad-Dipartiment tal-Pulizija (1995-1999), kap tad-Dipartiment Legali (2000-2003) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; rappreżentant tad-Danimarka fil-Kumitat K-4 (1995-2000), fil-Groupe central de Schengen (1996-1998) u fil-Europol Management Board (1998-2000); Imħallef fil-Højesteret (2003-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006



**Eleanor Sharpston**

Imwielda fl-1955; studji fl-ekonomija, fil-lingwi u fid-dritt fil-King's College, Cambridge (1973-1977); assistenta u riċerkatriċi mal-Corpus Christi College, Oxford (1977-1980); membru tal-Avukatura (Middle Temple, 1980); barrister (1980-1987 u 1990-2005); référendaire mal-Avukat Ġenerali, u wara Mħallef, Sir Gordon Slynn (1987-1990); professur tad-dritt Ewropew u tad-dritt komparattiv (Director of European Legal Studies) fil-University College London (1990-1992); professur (Lecturer) fil-fakultà tal-liġi (1992-1998), u wara affiliated lecturer (1998-2005) fl-Università ta' Cambridge; Fellow of King's College, Cambridge (1992-2010); Fellow Emeritus fil-King's College, Cambridge (mill-2011); affiliated lecturer u riċerkatriċi (Senior Research Fellow) fis-Centre for European Legal Studies fl-Università ta' Cambridge (1998-2005); Queen's Counsel (1999); bencher of Middle Temple (2005); Honorary Fellow tal-Corpus Christi College, Oxford (2010); LL.D. (honoris causa) Glasgow (2010) u Nottingham Trent (2011); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006.



**Paolo Mengozzi**

Imwieled fl-1938; professur tad-dritt internazzjonali u inkarigat mill-katedra Jean Monnet fid-dritt Ewropew tal-Università ta' Bologna; dottorat *honoris causa* mill-Università Carlos III ta' Madrid; visiting professor fl-universitajiet John Hopkins (Bologna Cener), St Johns (New York), Georgetown, Paris-II, Georgia (Athens) u fl-Institut Universitaire International (il-Lussemburgu); koordinatur tal-European Business Law Pallas Program, organizzat fi ħdan l-Università ta' Nijmegen; membru tal-Kumitat konsultattiv tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-kuntratti pubbliċi; Viċi Segretarju tal-Istat għall-Industrija u l-Kummerċ matul is-semestru tal-Presidenza Taljana tal-Kunsill; membru tal-grupp ta' riflessjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), u direttur għas-sessjoni 1997 taċ-Ċentru għar-riċerka tal-Akkademja tad-dritt internazzjonali ta' Den Haag li kienet iddedikata għad-WTO; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Mejju 2006; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## Yves Bot

Imwieled fl-1947; gradwat mill-fakultá tal-liġi ta' Rouen; dottorat fid-dritt (Università Paris II Panthéon-Assas); associate professor fil-fakultà tal-liġi ta' Le Mans; sostitut u, sussegwentement, sostitut ewlieni fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Le Mans (1974-1982); Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Dieppe (1982-1984); Assistent Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Strasbourg (1984-1986); Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Bastia (1986-1988); Avukat Ġenerali fil-Cour d'appel ta' Caen (1988-1991); Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Le Mans (1991-1993); konsulent speċjali mal-Ministeru tal-Istat, responsabbli għall-kustodja tas-siġilli (1993-1995); Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Nanterre (1995-2002); Prokuratur tar-Repubblika fit-Tribunal de grande instance ta' Pariġi (2002-2004); Prokuratur Ġenerali fil-Cour d'appel ta' Pariġi (2004-2006); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Jean-Claude Bonichot

Imwieled fl-1955; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Metz, gradwat mill-Institut d'études politiques ta' Pariġi, gradwat mill-École nationale d'administration; relatur (1982-1985), Kummissarju tal-Gvern (1985-1987 u 1992-1999); assessur (1999-2000); president tas-sitt dipartiment sekondarju tad-dipartiment dwar il-kawżi kontenzjużi (2000-2006) mal-Conseil d'État; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1987-1991); direttur tal-uffiċċju tal-Ministru tax-Xogħol, tal-Impjieg u tat-Taħriġ Professjonali, u wara direttur tal-uffiċċju tal-Ministru tal-Istat, Ministru tas-Servizz Pubbliku u tal-Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjoni (1991-1992); kap tad-delegazzjoni legali tal-Conseil d'État mal-Caisse nationale d'assurance maladie des travailleurs salariés (2001-2006); associate professor fl-Università ta' Metz (1988-2000), u wara fl-Università Paris I Panthéon-Sorbonne (mill-2000); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt amministrattiv, id-dritt Komunitarju u d-dritt Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem; fundatur u president tal-kumitat editorjali tal-*Bulletin de jurisprudence de droit de l'urbanisme*, kofundatur u membru tal-kumitat editorjali tal-*Bulletin juridique des collectivités locales*, president tal-Kunsill xjentifiku tal-għaqda ta' riċerka fuq l-istituzzjonijiet u d-dritt tal-iżvilupp tal-ibliet u tal-habitats; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Thomas von Danwitz**

Imwieled fl-1962; studji f'Bonn, f'Genève u f'Pariġi; eżami tal-Istat fid-dritt (1986 u 1992); dottorat fid-dritt (Università ta' Bonn, 1988); diploma internazzjonali fl-amministrazzjoni pubblika (École nationale d'administration, 1990); awtorizzazzjoni (Università ta' Bonn, 1996); professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (1996-2003), Rettur tal-fakultà tal-liġi tal-Università tar-Ruhr, Bochum (2000-2001); professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (Università ta' Köln, 2003-2006); direttur tal-Istitut tad-dritt pubbliku u tax-xjenza amministrattiva (2006); visiting professor fil-Fletcher School of Law and Diplomacy (2000), fl-Università François Rabelais (Tours, 2001-2006) u fl-Università Paris I Panthéon-Sorbonne, (2005-2006); dottorat *honoris causa* mill-Università François Rabelais (Tours, 2010); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Alexander Arabadjiev**

Imwieled fl-1949; studji fid-dritt (Università St Kliment Ohridski, Sofija); Imħallef fil-Qorti tal-ewwel istanza ta' Blagoevgrad (1975-1983); Imħallef fil-Qorti reġjonali ta' Blagoevgrad (1983-1986); Imħallef fil-Qorti suprema (1986-1991); Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali (1991-2000); membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1997-1999); membru tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur tal-Ewropa (2002-2003); deputat (2001-2006); osservatur fil-Parlament Ewropew; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.



**Camelia Toader**

Imwielda fl-1963; gradwata fid-dritt (1986), dottorat fid-dritt (1997) (Università ta' Bukarest); tħarrġet bħala Mħallef fil-Qorti tal-ewwel istanza ta' Buftea (1986-1988); Imħallef fil-Qorti tal-ewwel istanza fil-Ħames Settur ta' Bukarest (1988-1992); membru tal-Avukatura ta' Bukarest (1992); lecturer (1992-2005) u wara, mill-2005, professur tad-dritt ċivili u tad-dritt kuntrattwali Ewropew fl-Università ta' Bukarest; diversi studji ta' dottorat u ta' riċerka fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Hamburg (bejn l-1992 u l-2004); kap tad-Dipartiment għall-Integrazzjoni Ewropea fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1997-1999); Imħallef fil-Qorti għolja tal-Appell u tal-Ġustizzja (1999-2007); visiting professor fl-Università ta' Vjenna (2000 u 2011); lecturer tad-dritt Komunitarju fl-Istitut nazzjonali tal-maġistratura (2003 u 2005-2006); membru tal-kumitat editorjali ta' diversi rivisti legali; mill-2010 membru tal-Akkademja internazzjonali tad-dritt komparattiv u riċerkatriċi onorarja maċ-Ċentru ta' studji ta' dritt Ewropew tal-Istitut ta' riċerka legali tal-Akkademja Rumena; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.



## Marek Safjan

Imwieled fl-1949; dottorat fid-dritt (Università ta' Varsavja, 1980); dottorat fix-xjenzi legali (Università ta' Varsavja, 1990); professur tad-dritt (1998); direttur tal-Istitut tad-dritt ċivili fl-Università ta' Varsavja (1992-1996); Viċi Rettur tal-Università ta' Varsavja (1994-1997); segretarju ġenerali tas-sezzjoni Pollakka tal-Assoċjazzjoni Henri Capitant des amis de la culture juridique française (1994-1998); rappreżentant tal-Polonja fil-Kumitat għall-bioetika tal-Kunsill tal-Ewropa (1991-1997); Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali (1997-1998), u wara President tal-istess Qorti (1998-2006); membru tal-Akkademja internazzjonali tad-dritt Komparattiv (mill-1994) u viċi president tagħha (mill-2010), membru tal-Assoċjazzjoni internazzjonali tad-dritt, etika u xjenza (mill-1995), membru tal-Kumitat Pollakk ta' Helsinki; membru tal-Akkademja Pollakka tal-arti u l-letteratura; mogħti medalja *pro merito* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa (2007); awtur ta' numru kbir ta' pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt ċivili, tad-dritt mediku u tad-dritt Ewropew; dottorat *honoris causa* mill-European University Institute (2012); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



## Daniel Šváby

Imwieled fl-1951; dottorat fid-dritt (Università ta' Bratislava); Imħallef fil-Qorti tal-ewwel istanza ta' Bratislava; Imħallef fil-Qorti tal-appell responsabbli għall-kawżi ta' dritt ċivili u Viċi President tal-Qorti tal-appell ta' Bratislava; membru tas-Sezzjoni tad-dritt ċivili u tal-familja mal-Istitut tad-dritt tal-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef *ad interim* fil-Qorti suprema responsabbli għall-kawżi ta' dritt kummerċjali; membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasbourg); Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali (2000-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2009; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Maria Berger**

Imwielda fl-1956; studji fid-dritt u fl-ekonomija (1975-1979), dottorat fid-dritt; assistent u lecturer fl-Istitut tad-dritt pubbliku u tax-xjenzi politiċi tal-Università ta' Innsbruck (1979-1984); amministratur fil-Ministeru Federali tax-Xjenza u tar-Riċerka u, fl-aħħar lok, assistent kap ta' diviżjoni (1984-1988); responsabbli għall-affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1988-1989); kap tad-Diviżjoni "Integrazzjoni Ewropea" fil-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (preparazzjoni għas-sħubija tal-Awstrija fl-Unjoni Ewropea) (1989-1992); direttur fl-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA f'Genève u fi Brussell (1993-1994); viċi president tad-Donau-Universität ta' Krems (1995-1996); Membru Parlamentari fil-Parlament Ewropew (Novembru 1996 - Jannar 2007 u Diċembru 2008 - Lulju 2009) u Membru tal-Kumitat Legali; membru supplenti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur tal-Ewropa (Frar 2002 - Lulju 2003); membru tal-Kunsill muniċipali tal-belt ta' Perg (Settembru 1997 - Settembru 2009); Ministru Federali tal-Ġustizzja (Jannar 2007 - Diċembru 2008); pubblikazzjonijiet fuq diversi temi relatati mad-dritt Ewropew; professur onorarju tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Vjenna; visiting professor fl-Università ta' Sarrebruck; Senatriċi Onorarja tal-Università ta' Innsbruck; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Niilo Jääskinen**

Imwieled fl-1958; gradwat fid-dritt (1980), diploma fi studji approfonditi fid-dritt (1982), dottorat mill-Univerisità ta' Helsinki (2008); lecturer fl-Università ta' Ħelsinki (1980-1986); référendaire u Mħallef temporanju fil-Qorti tal-ewwel istanza ta' Rovaniemi (1983-1984); konsulent legali (1987-1989), u wara kap tad-Diviżjoni tad-dritt Ewropew (1990-1995) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; konsulent legali fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1989-1990); konsulent u segretarju għall-Affarijiet Ewropej fil-Kummissjoni Għolja tal-Parlament Finlandiż (1995-2000); Imħallef temporanju (Lulju 2000 - Diċembru 2002), u wara Mħallef (Jannar 2003 - Settembru 2009) fil-Qorti amministrattiva suprema; responsabbli għall-kwistjonijiet legali u istituzzjonali matul in-negozjati għall-adeżjoni tar-Repubblika Finlandiża fl-Unjoni Ewropea; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Pedro Cruz Villalón**

Imwieled fl-1946; gradwat fid-dritt (1963-1968) u dottorat fid-dritt mill-Università ta' Sevilla (1975); studji post universitarji fl-Università ta' Freiburg im Breisgau (1969-1971); associate professor tad-dritt politiku fl-Università ta' Sevilla (1978-1986); inkarigat mill-katedra tad-dritt kostituzzjonali fl-Università ta' Sevilla (1986-1992); référendaire fil-Qorti kostituzzjonali Spanjola (1986-1987); maġistrat fil-Qorti kostituzzjonali Spanjola (1992-1998); President tal-Qorti kostituzzjonali Spanjola (1998-2001); fellow fil-Wissenschaftskolleg ta' Berlin (2001-2002); inkarigat mill-katedra tad-dritt kostituzzjonali fl-Università awtonoma ta' Madrid (2002-2009); kunsillier elett fil-Kunsill tal-Istat (2004-2009); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-14 ta' Diċembru 2009.



**Alexandra (Sacha) Prechal**

Imwielda fl-1959; studji fid-dritt (Università ta' Groningen, 1977-1983); dottorat fid-dritt (Università ta' Amsterdam, 1995); lecturer tad-dritt fil-fakultà tal-liġi ta' Maastricht (1983-1987); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1991); lecturer fl-Institut Europa tal-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Amsterdam (1991-1995); professur tad-dritt Ewropew fil-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Tilburg (1995-2003); professur tad-dritt Ewropew fil-fakultà tal-liġi fl-Università ta' Utrecht u membru tal-Kunsill ta' amministrazzjoni tal-Istitut Europa tal-Università ta' Utrecht (mill-2003); membru tal-kumitat editorjali ta' diversi rivisti legali nazzjonali u internazzjonali; awtriċi ta' diversi pubblikazzjonijiet; membru tal-Akkademja rjali Olandiża tax-xjenzi; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-10 ta' Ġunju 2010.



**Egidijus Jarašiūnas**

Imwieled fl-1952; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Vilnjus (1974-1979); dottorat fix-xjenzi legali mill-Akkademja tad-dritt tal-Litwanja (1999), membru tal-Avukatura tal-Litwanja (1979-1990); membru tal-Kunsill Suprem (Parlament) tar-Repubblika tal-Litwanja (1990-1992), u wara membru tas-Seimas (Parlament) tar-Repubblika tal-Litwanja u membru tal-Kumitat tal-Istat u tal-Liġi (1992-1996); Imħallef fil-Qorti kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (1996-2005), u wara konsulent tal-President tal-Qorti kostituzzjonali tal-Litwanja (mill-2006); assistent fil-katedra tad-dritt kostituzzjonali tal-fakultà tal-liġi fl-Università Mykolas Romeris (1997-2000), u wara associate professor (2000-2004), u wara professur (mill-2004) fil-katedra msemmija u finalment kap ta' din il-katedra tad-dritt kostituzzjonali (2005-2007); Rettur tal-fakultà tal-liġi fl-Università Mykolas Romeris (2007-2010); membru tal-Kummissjoni ta' Venezia (2006-2010); firmatarju tal-Att tal-11 ta' Marzu 1990 dwar l-istabbiliment mill-ġdid tal-indipendenza tal-Litwanja; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-6 ta' Ottubru 2010.



**Carl Gustav Fernlund**

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Lund (1975); Reġistratur tal-Qorti tal-ewwel istanza ta' Landskrona (1976-1978); assessur fil-Qorti amministrattiva tal-appell (1978-1982); Imħallef supplenti fil-Qorti amministrattiva tal-appell (1982); konsulent legali fil-Kumitat permanenti dwar il-Kostituzzjoni tal-Parlament Svediż (1983-1985); konsulent legali fil-Ministeru tal-Finanzi (1985-1990); direttur tad-Diviżjoni tat-taxxa fuq id-dħul tal-individwi fil-Ministeru tal-Finanzi (1990-1996); direttur tad-Diviżjoni tad-dazji tas-sisa fil-Ministeru tal-Finanzi (1996-1998); konsulent fiskali għar-Rappreżentanza Permanenti tal-Isvezja fi ħdan l-Unjoni Ewropea (1998-2000); direttur ġenerali għall-affarijiet legali fid-Dipartiment tat-taxxi u tad-dwana fil-Ministeru tal-Finanzi (2000-2005); Imħallef fil-Qorti amministrattiva suprema (2005-2009); President tal-Qorti amministrattiva tal-appell ta' Göteborg (2009-2011); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-6 ta' Ottubru 2011.



**José Luís da Cruz Vilaça**

Imwieled fl-1944; gradwat fid-dritt u master fl-ekonomija politika mill-Università ta' Coimbra; dottorat fl-ekonomija internazzjonali (Università Paris I - Panthéon Sorbonne); servizz militari obbligatorju fi ħdan il-Ministeru tal-Marina (Dipartiment tal-Ġustizzja, 1969-1972); professur fl-Università Kattolika u fl-Università Nova ta' Lisbona; kien professur fl-Università ta' Coimbra u fl-Università Lusíada ta' Lisbona (direttur tal-Istitut ta' studji Ewropej); membru tal-Gvern Portugiż (1980-1983): Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Intern, u tal-presidenza tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Affarijiet Ewropej; deputat fil-Parlament Portugiż, viċi president tal-grupp demokratiku Kristjan; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja (1986-1988); President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1995); membru tal-Avukatura ta' Lisbona, espert fid-dritt Ewropew u fid-dritt tal-kompetizzjoni (1996-2012); membru tal-grupp ta' riflessjoni dwar ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja «Groupe Due» (2000); president tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Ewropea (2003-2007); president tal-Assoċjazzjoni Portugiża tad-dritt Ewropew (mill-1999); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.



**Melchior Wathelet**

Imwieled fl-1949; gradwat fid-dritt u gradwat fix-xjenzi ekonomiċi (Università ta' Liège); Master of Laws (Harvard University, l-Istati Uniti); dottorat *honoris causa* (Università ta' Paris-Dauphine); professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Louvain u fl-Università ta' Liège; deputat (1977-1995); Segretarju tal-Istat, Ministru u Ministru-President tar-reġjun tal-Wallonie (1980-1988); Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja u tal-Klassi Medja (1988-1992); Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Ekonomiċi (1992-1995); Viċi Prim Ministru, Ministru tad-Difiża Nazzjonali (1995); Sindku ta' Verviers (1995); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1995-2003); konsulent legali, u wara avukat (2004-2012); Ministru tal-Istat (2009-2012); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.



**Christopher Vajda**

Imwieled fl-1955; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Cambridge; lawrja speċjali fid-dritt Ewropew mill-Università libera ta' Brussell (grad ta' distinzjoni għolja); membru tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales (Gray's Inn, 1979); barrister (1979-2012); membru tal-Avukatura tal-Irlanda ta' Fuq (1996); Queen's Counsel (1997); bencher fil-Gray's Inn (2003); recorder tal-Crown Court (2003-2012); teżorier tal-United Kingdom Association for European Law (2001-2012); kontribuzzjoni fil-European Community Law of Competition (Bellamy & Child, mit-tielet sas-sitt edizzjoni); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.



**Nils Wahl**

Imwieled fl-1961; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Stokkolma (1995); associate professor (Rettur) u inkarigat mill-katedra Jean Monnet fid-dritt Ewropew (1995), professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Stokkolma (2001); direttur ġenerali ta' fondazzjoni li taħdem fil-qasam tat-taħriġ (1993-2004); president tal-assoċjazzjoni Svediża Nätverket för europarättslig forskning (assoċjazzjoni Svediża għall-istudji tad-dritt Komunitarju) (2001-2006); membru tar-Rådet för konkurrensfrågor (Kunsill għall-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni, 2001-2006); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2006 sat-28 ta' Novembru 2012; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-28 ta' Novembru 2012.



**Siniša Rodin**

Imwieled fl-1963; dottorat fid-dritt (Università ta' Żagreb, 1995); L.L.M. (Università ta' Michigan Law School, 1992); Fulbright Fellow u Visiting Scholar f'Harvard Law School (2001-2002); assistent professur u sussegwentement professur fil-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Żagreb mill-1987; inkarigat mill-katedra Jean Monnet mill-2006 u inkarigat mill-katedra Jean Monnet *ad personam* mill-2011; visiting professor f'Cornell Law School (2012); membru tal-kumitat Kroat għar-riforma tal-Kostituzzjoni, President tal-grupp ta' ħidma dwar l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea (2009-2010); membru tal-grupp Kroat li nnegozja l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni (2006-2011); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Lulju 2013.



**François Biltgen**

Imwieled fl-1958; master fil-liġi (1981) u diploma ta' studji approfonditi fid-dritt Komunitarju mill-Università tad-dritt ekonomiku u tax-xjenzi soċjali ta' Pariġi II (1982); diploma mill-Institut d'études politiques ta' Pariġi (1982); membru tal-Avukatura tal-Lussemburgu (1987-1999); membru tax-Chambre des députés (1994-1999); konsulent muniċipali tal-belt ta' Esch-sur-Alzette (1987-1999); membru tal-kulleġġ amministrattiv tal-belt ta' Esch-sur-Alzette (1997-1999); membru supplenti tad-delegazzjoni Lussemburgiża fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (1994-1999); Ministru tax-xogħol u tal-impjieg, Ministru tal-affarijiet reliġjużi, Ministru tar-relazzjonijiet mal-Parlament, Assistent Ministru tal-komunikazzjoni (1999-2004); Ministru tax-xogħol u tal-impjieg, Ministru tal-affarijiet reliġjużi, Ministru tal-kultura, tal-edukazzjoni superjuri u tar-riċerka (2004-2009); Ministru tal-ġustizzja, Ministru tas-servizz pubbliku u tar-riforma amministrattiva, Ministru tal-edukazzjoni superjuri u tar-riċerka, Ministru tal-komunikazzjoni u tal-mezzi tax-xandir, Ministru tal-affarijiet reliġjużi (2009-2013); ko-President tal-Konferenza ministerjali tal-proċess ta' Bologna fl-2004 u fl-2009; ko-President tal-Konferenza ministerjali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (2012-2013); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2013.



**Küllike Jürimäe**

Imwielda fl-1962; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistent tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); gradwata mill-Iskola tad-Diplomazija tal-Estonja (1991-1992); konsulent legali (1991-1993) u konsulent ġenerali fil-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti tal-appell ta' Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004 sal-23 ta' Ottubru 2013; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-23 ta' Ottubru 2013.



**Maciej Szpunar**

imwieled fl-1971; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Silésie u mill-Collège d'Europe ta' Bruges; dottorat fid-dritt (2000); dottorat avvanzat fix-xjenzi legali (2009); professur tad-dritt (2013); Visiting Scholar fil-Jesus College, Cambridge (1998), fl-Università ta' Liège (1999) u fl-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze (2003); avukat (2001-2008), membru tal-Kumitat tad-dritt internazzjonali privat tal-Kummissjoni għall-kodifikazzjoni tad-dritt ċivili fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (2001-2008); membru tal-Kunsill xjentifiku tal-Akkademja tad-dritt Ewropew ta' Trier (sa mill-2008); membru tal-Grupp ta' riċerka dwar id-dritt privat Komunitarju fis-seħħ "Acquis Group" (sa mill-2006); sottosegretarju tal-Istat fi ħdan l-Uffiċċju tal-kumitat tal-integrazzjoni Ewropea (2008-2009), u mbagħad fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (2010-2013); Viċi President tal-Kunsill xjentifiku tal-Istitut tal-Ġustizzja; aġent tal-Gvern Pollakk f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea; kap tad-delegazzjoni Pollakka fin-negozjati dwar it-Trattat dwar l-istabbiltà, il-koordinazzjoni u l-iggvernar fi ħdan l-Unjoni Ekonomika u Monetarja; membru tal-bord editorjali ta' diversi rivisti legali; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-dritt Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġusizzja mit-23 ta' Ottubru 2013



## Constantinos Lycourgos

Imwieled fl-1964; diploma ta' studji approfonditi fid-dritt Komunitarju (1987) u dottorat fid-dritt mill-Università Panthéon-Assas (1991); kelliem waqt konferenzi fiċ-ċentru ta' formazzjoni permanenti fl-Università Panthéon-Assas; membru tal-Avukatura ta' Ċipru (1993); konsulent speċjali għall-affarijiet Ewropej fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Ċipru (1996-1999); membru tal-bord għan-negozjati dwar l-adeżjoni ta' Ċipru mal-Unjoni Ewropea (1998-2003); konsulent fid-dritt tal-Unjoni fi ħdan is-Servizz Legali tar-Repubblika ta' Ċipru (1999-2002); membru ta' delegazzjonijiet Ċiprijotti Griegi fil-kuntest ta' negozjati għal soluzzjoni globali għall-problema Ċiprijotta (2002-2014); ġurista prinċipali (2002-2007), sussegwentement avukat prinċipali tar-Repubblika ta' Ċipru (2007-2014) u direttur tad-dipartiment tad-dritt Ewropew tas-Servizz Legali tar-Repubblika ta' Ċipru (2003-2014); aġent tal-Gvern Ċiprijott quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea (2004-2014); membru tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-Organizzazzjoni Ewropea ta' dritt pubbliku (Ateni, il-Greċja) mis-sena 2013; Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2014.



## Alfredo Calot Escobar

Imwieled fl-1961; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Valencia (1979-1984); analista kummerċjali fi ħdan il-Kunsill tal-kmamar tal-kummerċ tal-Comunidad autónoma ta' Valencia (1986); ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja (1986-1990); ġurista reviżur mal-Qorti tal-Ġustizzja (1990-1993); amministratur fid-dipartiment tal-istampa u tal-informazzjoni tal-Qorti tal Ġustizzja (1993-1995); amministratur fi ħdan is-segretarjat tal-kumitat istituzzjonali tal-Parlament Ewropew (1995-1996); attaché mar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja (1996-1999); référendaire fil-Qorti tal Ġustizzja (1999-2000); kap tad-diviżjoni ta' traduzzjoni tal-lingwa Spanjola tal-Qorti tal-Ġustizzja (2000-2001); direttur, u wara direttur ġenerali, tat-traduzzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja (2001-2010); Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2010.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014

*Udjenza solenni tat-8 ta' Ottubru 2014*

Wara r-riżenja ta' George Arestis, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2014, ħatru lil Constantinos Lycourgos bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-bqija tal-perijodu tal-mandat ta' George Arestis, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2018.

Fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Imħallef il-ġdid, fit-8 ta' Ottubru 2014 inżammet udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

# 3. Ordnijiet protokollari

### mill-1 ta' Jannar 2014 sat-3 ta' Lulju 2014

V. SKOURIS, President,
K. LENAERTS, Viċi President,
A. TIZZANO, President tal-Ewwel Awla
R. SILVA DE LAPUERTA, President tat-Tieni Awla,
M. ILEŠIČ, President tat-Tielet Awla,
L. BAY LARSEN, President tar-Raba' Awla,
T. von DANWITZ, President tal-Ħames Awla,
P. CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali Prinċipali,
E. JUHÁSZ, President tal-Għaxar Awla,
A. BORG BARTHET, President tas-Sitt Awla,
M. SAFJAN, President tal-Ħames Awla
C. G. FERNLUND, President tat-Tmien Awla,
J. L. da CRUZ VILAÇA, President tas-Seba' Awla,
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
G. ARESTIS, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
A. Ó CAOIMH, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali,
J.-C. Bonichot, Imħallfin,
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
M. BERGER, Imħallef
N. JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali
A. PRECHAL, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
M. WATHELET, Avukat Ġenerali,
C. VAJDA, Imħallef,
N. WAHL, Avukat Ġenerali,
S. RODIN, Imħallef,
F. BILTGEN, Imħallef,
K. Jürimäe, Imħallef
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali,

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

### mill-4 ta' Lulju 2014 sat-8 ta' Ottubru 2014

V. SKOURIS, President,
K. LENAERTS, Viċi President,
A. TIZZANO, President tal-Ewwel Awla
R. SILVA DE LAPUERTA, President tat-Tieni Awla,
M. ILEŠIČ, President tat-Tielet Awla,
L. BAY LARSEN, President tar-Raba' Awla,
T. von DANWITZ, President tal-Ħames Awla,
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Prinċipali,
A. Ó CAOIMH, President tat-Tmien Awla,
J.-C. BONICHOT, President tas-Seba' Awla,
C. VAJDA, President tal-Għaxar Awla,
S. RODIN, President tas-Sitt Awla,
K. JÜRIMÄE, President tad-Disa' Awla,
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
E. JUHÁSZ, Imħallef
G. ARESTIS, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali,
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
M. BERGER, Imħallef
N. JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali
P. CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali
A. PRECHAL, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
C. G. FERNLUND, Imħallef,
J. L. da CRUZ VILAÇA, Imħallef,
N. WAHL, Avukat Ġenerali,
F. BILTGEN, Imħallef,
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali,

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

## mid-9 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2014

V. SKOURIS, President,
K. LENAERTS, Viċi President,
A. TIZZANO, President tal-Ewwel Awla
R. SILVA DE LAPUERTA, President tat-Tieni Awla,
M. ILEŠIČ, President tat-Tielet Awla,
L. BAY LARSEN, President tar-Raba' Awla,
T. von DANWITZ, President tal-Ħames Awla,
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Prinċipali,
A. Ó CAOIMH, President tat-Tmien Awla,
J.-C. BONICHOT, President tas-Seba' Awla,
C. VAJDA, President tal-Għaxar Awla,
S. RODIN, President tas-Sitt Awla,
K. JÜRIMÄE, President tad-Disa' Awla,
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
E. JUHÁSZ, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali,
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
M. BERGER, Imħallef
N. JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali
P. CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali
A. PRECHAL, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
C. G. FERNLUND, Imħallef,
J. L. da CRUZ VILAÇA, Imħallef,
N. WAHL, Avukat Ġenerali,
F. BILTGEN, Imħallef,
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali,
C. LYCOURGOS, Imħallef,

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

## 4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja

Pilotti Massimo, Imħallef (1952-1958), President mill-1952 sal-1958
Serrarens Petrus, Imħallef (1952-1958)
Van Kleffens Adrianus, Imħallef (1952-1958)
Rueff Jacques, Imħallef (1952-1959 u 1960-1962)
Riese Otto, Imħallef (1952-1963)
Lagrange Maurice, Avukat Ġenerali (1952-1964)
Delvaux Louis, Imħallef (1952-1967)
Hammes Charles Léon, Imħallef (1952-1967), President mill-1964 sal-1967
Roemer Karl, Avukat Ġenerali (1953-1973)
Catalano Nicola, Imħallef (1958-1962)
Rossi Rino, Imħallef (1958-1964)
Donner Andreas Matthias, Imħallef (1958-1979), President mill-1958 sal-1964
Trabucchi Alberto, Imħallef (1962-1972), imbagħad Avukat Ġenerali (1973-1976)
Lecourt Robert, Imħallef (1962-1976), President mill-1967 sal-1976
Strauss Walter, Imħallef (1963-1970)
Gand Joseph, Avukat Ġenerali (1964-1970)
Monaco Riccardo, Imħallef (1964-1976)
Mertens de Wilmars Josse J., Imħallef (1967-1984), President mill-1980 sal-1984
Pescatore Pierre, Imħallef (1967-1985)
Dutheillet de Lamothe Alain Louis, Avukat Ġenerali (1970-1972)
Kutscher Hans, Imħallef (1970-1980), President mill-1976 sal-1980
Mayras Henri, Avukat Ġenerali (1972-1981)
O'Dalaigh Cearbhall, Imħallef (1973-1974)
Sørensen Max, Imħallef (1973-1979)
Reischl Gerhard, Avukat Ġenerali (1973-1981)
Warner Jean-Pierre, Avukat Ġenerali (1973-1981)
Mackenzie Stuart Alexander J., Imħallef (1973-1988), President mill-1984 sal-1988
O'Keeffe Aindrias, Imħallef (1975-1985)
Touffait Adolphe, Imħallef (1976-1982)
Capotorti Francesco, Imħallef (1976), imbagħad Avukat Ġenerali (1976-1982)
Bosco Giacinto, Imħallef (1976-1988)
Koopmans Thymen, Imħallef (1979-1990)
Due Ole, Imħallef (1979-1994), President mill-1988 sal-1994
Everling Ulrich, Imħallef (1980-1988)
Chloros Alexandros, Imħallef (1981-1982)
Rozès Simone, Avukat Ġenerali (1981-1984)
Verloren van Themaat Pieter, Avukat Ġenerali (1981-1986)
Slynn Sir Gordon, Avukat Ġenerali (1981-1988), imbagħad Imħallef (1988-1992)
Grévisse Fernand, Imħallef (1981-1982 u 1988-1994)
Bahlmann Kai, Imħallef (1982-1988)
Galmot Yves, Imħallef (1982-1988)
Mancini G. Federico, Avukat Ġenerali (1982-1988), imbagħad Imħallef (1988-1999)
Kakouris Constantinos, Imħallef (1983-1997)

Darmon Marco, Avukat Ġenerali (1984-1994)
Joliet René, Imħallef (1984-1995)
Lenz Carl Otto, Avukat Ġenerali (1984-1997)
O'Higgins Thomas Francis, Imħallef (1985-1991)
Schockweiler Fernand, Imħallef (1985-1996)
Da Cruz Vilaça José Luís, Avukat Ġenerali (1986-1988)
De Carvalho Moitinho de Almeida José Carlos, Imħallef (1986-2000)
Mischo Jean, Avukat Ġenerali (1986-1991 u 1997-2003)
Rodríguez Iglesias Gil Carlos, Imħallef (1986-2003), President mill-1994 sal-2003
Diez de Velasco Manuel, Imħallef (1988-1994)
Zuleeg Manfred, Imħallef (1988-1994)
Van Gerven Walter, Avukat Ġenerali (1988-1994)
Tesauro Giuseppe, Avukat Ġenerali (1988-1998)
Jacobs Francis Geoffrey, Avukat Ġenerali (1988-2006)
Kapteyn Paul Joan George, Imħallef (1990-2000)
Murray John L., Imħallef (1991-1999)
Gulmann Claus Christian, Avukat Ġenerali (1991-1994), imbagħad Imħallef (1994-2006)
Edward David Alexander Ogilvy, Imħallef (1992-2004)
Elmer Michael Bendik, Avukat Ġenerali (1994-1997)
Cosmas Georges, Avukat Ġenerali (1994-2000)
Hirsch Günter, Imħallef (1994-2000)
La Pergola Antonio Mario, Imħallef (1994 u1999-2006), imbagħad Avukat Ġenerali (1995-1999)
Puissochet Jean-Pierre, Imħallef (1994-2006)
Léger Philippe, Avukat Ġenerali (1994-2006)
Ragnemalm Hans, Imħallef (1995-2000)
Fennely Nial, Avukat Ġenerali (1995-2000)
Sevón Leif, Imħallef (1995-2002)
Wathelet Melchior, Imħallef (1995-2003)
Jann Peter, Imħallef (1995-2009)
Ruiz-Jarabo Colomer Dámaso, Avukat Ġenerali (1995-2009)
Schintgen Romain, Imħallef (1996-2008)
Ioannou Krateros, Imħallef (1997-1999)
Alber Siegbert, Avukat Ġenerali (1997-2003)
Saggio Antonio, Avukat Ġenerali (1998-2000)
O'Kelly Macken Fidelma, Imħallef (1999-2004)
Von Bahr Stig, Imħallef (2000-2006)
Colneric Ninon, Imħallef (2000-2006)
Geelhoed Leendert A., Avukat Ġenerali (2000-2006)
Stix-Hackl Christine, Avukat Ġenerali (2000-2006)
Timmermans Christiaan Willem Anton, Imħallef (2000-2010)
Da Cunha Rodrigues José Narciso, Imħallef (2000-2012)
Poiares Pessoa Maduro Luís Miguel, Avukat Ġenerali (2003-2009)
Makarczyk Jerzy, Imħallef (2004-2009)
Klučka Ján, Imħallef (2004-2009)
Kūris Pranas, Imħallef (2004-2010)
Schiemann Konrad Hermann Theodor, Imħallef (2004-2012)

Lõhmus Uno, Imħallef (2004-2013)
Lindh Pernilla, Imħallef (2006-2011)
Mazák Ján, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Trstenjak Verica, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Kasel Jean-Jacques, Imħallef (2008-2013)
Arestis Georges, Imħallef (2004-2014)

## Presidenti

Pilotti Massimo (1952-1958)
Donner Andreas Matthias (1958-1964)
Hammes Charles Léon (1964-1967)
Lecourt Robert (1967-1976)
Kutscher Hans (1976-1980)
Mertens de Wilmars Josse J. (1980-1984)
Mackenzie Stuart Alexander John (1984-1988)
Due Ole (1988-1994)
Rodríguez Iglésias Gil Carlos (1994-2003)

## Reġistraturi

Van Houtte Albert (1953-1982)
Heim Paul (1982-1988)
Giraud Jean-Guy (1988-1994)
Grass Roger (1994-2010)

# D – Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja


### *Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja*

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2010-2014)

### *Kawżi ġodda*

2. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
3. Suġġett tar-rikors (2014)
4. Rikorsi għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2010-2014)

### *Kawżi magħluqa*

5. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
6. Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2014)
7. Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)
8. Kawżi magħluqa permezz ta' sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja (2010-2014)
9. Suġġett tar-rikors (2010-2014)
10. Suġġett tar-rikors (2014)
11. Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu (2010-2014)
12. Tul tal-proċeduri (sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja) (2010-2014)

### *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru*

13. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
14. Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)

### *Oħrajn*

15. Proċeduri mħaffa (2010-2014)
16. Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2010-2014)
17. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2014)

### *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2014)*

18. Kawżi ġodda u sentenzi
19. Rinviji ġodda għal deċiżjoni preliminari (skont l-Istat Membru u skont is-sena)
20. Rinviji ġodda għal deċiżjoni preliminari (skont l-Istat Membru u skont il-qorti)
21. Rikorsi ġodda għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu

# 1. *Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja* Kawżi ġodda, kawżi magħluqa, kawżi pendenti (2009–2014)[1]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 631 | 688 | 632 | 699 | 622 |
| Kawżi magħluqa | 574 | 638 | 595 | 701 | 719 |
| Kawżi pendenti | 799 | 849 | 886 | 884 | 787 |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 2. *Kawżi ġodda* – Natura tal-proċeduri (2010-2014) [1]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 385 | 423 | 404 | 450 | 428 |
| Rikorsi diretti | 136 | 81 | 73 | 72 | 74 |
| Appelli | 97 | 162 | 136 | 161 | 111 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 6 | 13 | 3 | 5 | |
| Talbiet għal opinjoni | | | 1 | 2 | 1 |
| Proċeduri partikolari [2] | 7 | 9 | 15 | 9 | 8 |
| **Total** | **631** | **688** | **632** | **699** | **622** |
| Talbiet għal miżuri provviżorji | 3 | 3 | | 1 | 3 |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li ngħatat fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid, il-kawżi fil-qasam tal-immunità.

## 3. *Kawżi ġodda* – Suġġett tar-rikors (2014) [1]

| | Rinvviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Talbiet għal opinjoni | Total | Proċeduri partikolari |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | | | 1 | | 1 | |
| Agrikoltura | 9 | 1 | 3 | | 13 | |
| Ambjent | 22 | 15 | 4 | | 41 | |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 19 | 2 | | | 21 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 2 | | | | 2 | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 7 | 1 | 1 | | 9 | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 4 | | | | 4 | |
| Dritt istituzzjonali | 2 | 12 | 11 | | 25 | 2 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | | 1 | | 1 | |
| Enerġija | | 4 | | | 4 | |
| Għajnuna mill-Istat | 11 | 6 | 15 | | 32 | |
| Impjieg | | | 1 | | 1 | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | | 1 | | 1 | |
| Kompetizzjoni | 8 | | 15 | | 23 | |
| Kuntratti pubbliċi | 20 | | 1 | | 21 | |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 16 | 1 | 1 | 1 | 19 | |
| Libertà ta' stabbiliment | 26 | | | | 26 | |
| Moviment liberu tal-kapital | 5 | 2 | | | 7 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 10 | 1 | | | 11 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 6 | 5 | | | 11 | |
| Netwerks trans-Ewropej | | | 1 | | 1 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | 1 | 5 | | 7 | |
| Politika Ekonomika u Monetarja | 2 | | 1 | | 3 | |
| Politika industrijali | 8 | 1 | | | 9 | |
| Politika komuni tas-sajd | | | 2 | | 2 | |
| Politika kummerċjali | 8 | | 3 | | 11 | |
| Politika soċjali | 20 | 5 | | | 25 | |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 21 | 1 | 1 | | 23 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 13 | | 34 | | 47 | |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 34 | | | | 34 | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 2 | | | | 2 | |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | | 2 | | 2 | |
| Saħħa pubblika | | 1 | 1 | | 2 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 4 | 2 | | | 6 | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 49 | 3 | 1 | | 53 | |
| Tassazzjoni | 54 | 3 | | | 57 | |
| Trasport | 24 | 5 | | | 29 | |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 19 | | 5 | | 24 | |
| **TFUE** | **426** | **72** | **111** | **1** | **610** | **2** |
| Privileġġi u Immunitajiet | 1 | 1 | | | 2 | |
| Proċedura | | | | | | 6 |
| Regolamenti tal-Persunal | 1 | | | | 1 | |
| **Diversi** | **2** | **1** | | | **3** | **6** |
| | | | | | | |
| **Trattat KEEA** | | **1** | | | **1** | |
| **TOTAL ĠENERALI** | **428** | **74** | **111** | **1** | **614** | **8** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 4. *Kawżi ġodda* – Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2010–2014)[1]



| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 11 | 7 | 2 | 3 | 6 |
| **Il-Bulgarija** | | | 3 | 3 | 2 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 2 | 5 | | | 1 |
| **Id-Danimarka** | 1 | 3 | | | 2 |
| **Il-Ġermanja** | 7 | | 7 | 4 | 2 |
| **L-Estonja** | 7 | 1 | | 3 | 1 |
| **L-Irlanda** | 4 | 4 | 2 | | 3 |
| **Il-Greċja** | 14 | 4 | 2 | 4 | 7 |
| **Spanja** | 8 | 7 | 4 | 1 | 2 |
| **Franza** | 9 | 7 | 5 | 2 | 3 |
| **Il-Kroazja** | | | | | |
| **L-Italja** | 6 | 7 | 5 | 5 | 3 |
| **Ċipru** | 1 | 1 | 2 | 1 | 1 |
| **Il-Latvja** | | | | | 1 |
| **Il-Litwanja** | | | 1 | | |
| **Il-Lussemburgu** | 8 | 2 | 1 | 1 | 2 |
| **L-Ungerija** | 3 | | 4 | 1 | 1 |
| **Malta** | | 1 | | | 1 |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 5 | 4 | 1 | 1 | 1 |
| **L-Awstrija** | 10 | 2 | | 1 | 2 |
| **Il-Polonja** | 9 | 7 | 12 | 8 | 4 |
| **Il-Portugall** | 10 | 3 | 3 | 2 | 5 |
| **Ir-Rumanija** | | | | 2 | |
| **Is-Slovenja** | 3 | 1 | 3 | 3 | 1 |
| **Is-Slovakkja** | 3 | 1 | 1 | 2 | |
| **Il-Finlandja** | 2 | 2 | | 3 | 2 |
| **L-Isvezja** | 4 | 2 | | 1 | 1 |
| **Ir-Renju Unit** | 1 | 2 | | 3 | 3 |
| **Total** | **128** | **73** | **58** | **54** | **57** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 5. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2010-2014) [1]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 339 | 388 | 386 | 413 | 476 |
| Rikorsi diretti | 139 | 117 | 70 | 110 | 76 |
| Appelli | 84 | 117 | 117 | 155 | 157 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 4 | 7 | 12 | 5 | 1 |
| Talbiet għal opinjoni | | 1 | | 1 | 2 |
| Proċeduri partikolari | 8 | 8 | 10 | 17 | 7 |
| **Total** | **574** | **638** | **595** | **701** | **719** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 6. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2014) [1]




| | Sentenzi | Digrieti ta' natura ġudizzjarja [2] | Digrieti dwar miżuri provviżorji [3] | Digrieti oħra [4] | Talbiet għal opinjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 296 | 60 | | 64 | | 420 |
| Rikorsi diretti | 56 | | | 19 | | 75 |
| Appelli | 64 | 53 | 3 | 8 | | 128 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | | | 1 | | | 1 |
| Talbiet għal opinjoni | | | | | 2 | 2 |
| Proċeduri partikolari | | 6 | | | | 6 |
| **Total** | **416** | **119** | **4** | **91** | **2** | **632** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

[2] Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

[3] Digrieti mogħtija wara talba bbażata fuq l-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE (li qabel kienu l-Artikoli 242 KE u 243 KE) jew fuq l-Artikolu 280 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 244 KE) jew fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-TKEEA jew ukoll wara appell ippreżentat minn digriet għal miżuri provviżorji jew ta' intervent.

[4] Digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti Ġenerali.

## 7. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)[1]




| | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total |
| Seduta plenarja | | | | 1 | | 1 | 1 | | 1 | | | | 1 | | 1 |
| Awla Manja | 70 | 1 | 71 | 62 | | 62 | 47 | | 47 | 52 | | 52 | 51 | 3 | 54 |
| Awli b'ħames imħallfin | 280 | 8 | 288 | 290 | 10 | 300 | 275 | 8 | 283 | 348 | 18 | 366 | 320 | 20 | 340 |
| Awli bi tliet imħallfin | 56 | 76 | 132 | 91 | 86 | 177 | 83 | 97 | 180 | 91 | 106 | 197 | 110 | 118 | 228 |
| President | | 5 | 5 | | 4 | 4 | | 12 | 12 | | | | | | |
| Viċi President | | | | | | | | | | | 5 | 5 | | 1 | 1 |
| **Total** | **406** | **90** | **496** | **444** | **100** | **544** | **406** | **117** | **523** | **491** | **129** | **620** | **482** | **142** | **624** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

[2] Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

## 8. *Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja* (2010-2014) [1] [2]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Sentenzi/Opinjonijiet | 406 | 444 | 406 | 491 | 482 |
| Digrieti | 90 | 100 | 117 | 129 | 142 |
| **Total** | **496** | **544** | **523** | **620** | **624** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

# 9. *Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja* – Suġġett tar-rikors (2010-2014) [1]

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | | 2 | 5 | 6 | 4 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | 2 | | |
| Agrikoltura | 15 | 23 | 22 | 33 | 29 |
| Ambjent [3] | 9 | 35 | 27 | 35 | 30 |
| Ambjent u konsumaturi [3] | 48 | 25 | 1 | | |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 15 | 15 | 12 | 24 | 25 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 10 | 8 | 5 | 4 | 6 |
| Baġit tal-Komunitajiet [2] | 1 | | | | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 6 | 6 | 8 | 12 | 9 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) [2] | 1 | 4 | 3 | 2 | 5 |
| Dritt istituzzjonali | 26 | 20 | 27 | 31 | 18 |
| Dritt tal-kumpanniji | 17 | 8 | 1 | 4 | 3 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | | 1 | | 1 |
| Enerġija | 2 | 2 | | 1 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 16 | 48 | 10 | 34 | 41 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | | 3 | 6 | 8 |
| Kompetizzjoni | 13 | 19 | 30 | 42 | 28 |
| Kuntratti pubbliċi | | 8 | 12 | 12 | 13 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 30 | 27 | 29 | 16 | 11 |
| Libertà ta' stabbiliment | 17 | 21 | 6 | 13 | 9 |
| Moviment liberu tal-kapital | 6 | 14 | 21 | 8 | 6 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 6 | 8 | 7 | 1 | 10 |
| Moviment liberu tal-persuni | 17 | 9 | 18 | 15 | 20 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | 3 | 9 | 12 | 3 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | 1 | | 3 | | 1 |
| Politika industrijali | 9 | 9 | 8 | 15 | 3 |
| Politika komuni tas-sajd | | 1 | | | 5 |
| Politika kummerċjali | 2 | 2 | 8 | 6 | 7 |
| Politika reġjonali | 2 | | | | |
| Politika soċjali | 36 | 36 | 28 | 27 | 51 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 4 | 15 | 7 | 17 | 23 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 38 | 47 | 46 | 43 | 69 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi [3] | 3 | 4 | 9 | 19 | 20 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 2 | 1 | | | 5 |
| Riċerka, Informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 1 | | | | |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | | 1 | 1 | |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet [2] | 5 | 2 | | | |
| Saħħa pubblika | | 3 | 1 | 2 | 3 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 6 | 8 | 8 | 12 | 6 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 24 | 24 | 37 | 46 | 51 |

>>>

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Tariffa Doganali Komuni [4] | 7 | 2 | | | |
| Tassazzjoni | 66 | 49 | 64 | 74 | 52 |
| Trasport | 4 | 7 | 14 | 17 | 18 |
| Turiżmu | | | 1 | | |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni [4] | 15 | 19 | 19 | 11 | 21 |
| **Trattat KE/TFUE** | **482** | **535** | **513** | **601** | **617** |
| **Trattat UE** | 4 | 1 | | | |
| **Trattat KEFA** | | 1 | | | |
| Privileġġi u Immunitajiet | | 2 | 3 | | |
| Proċedura | 6 | 5 | 7 | 14 | 6 |
| Regolamenti tal-Persunal | 4 | | | 5 | 1 |
| **Diversi** | 10 | 7 | 10 | 19 | 7 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **496** | **544** | **523** | **620** | **624** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

[2] It-taqsimiet "Baġit tal-Komunitajiet" u "Riżorsi proprji tal-Komunitajiet" huma magħquda fit-taqsima "Dispożizzjonijiet finanzjarji" għall-kawżi ppreżentati wara l-1 ta' Diċembru 2009.

[3] It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

[4] It-taqsimiet "Tariffa Doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

# 10. *Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja* – Suġġett tar-rikors (2014) [1]

| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 3 | 1 | 4 |
| Agrikoltura | 22 | 7 | 29 |
| Ambjent | 28 | 2 | 30 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 23 | 2 | 25 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 4 | 2 | 6 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 7 | 2 | 9 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 4 | 1 | 5 |
| Dritt istituzzjonali | 14 | 4 | 18 |
| Dritt tal-kumpanniji | 2 | 1 | 3 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | 1 | 1 |
| Enerġija | 3 | | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 13 | 28 | 41 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 8 | | 8 |
| Kompetizzjoni | 26 | 2 | 28 |
| Kuntratti pubbliċi | 11 | 2 | 13 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 9 | 2 | 11 |
| Libertà ta' stabbiliment | 9 | | 9 |
| Moviment liberu tal-kapital | 6 | | 6 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 8 | 2 | 10 |
| Moviment liberu tal-persuni | 20 | | 20 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | 1 | 3 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | 1 | | 1 |
| Politika industrijali | 2 | 1 | 3 |
| Politika komuni tas-sajd | 5 | | 5 |
| Politika kummerċjali | 7 | | 7 |
| Politika soċjali | 43 | 8 | 51 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 10 | 13 | 23 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 36 | 33 | 69 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 17 | 3 | 20 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | 5 | 5 |
| Saħħa pubblika | 2 | 1 | 3 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 6 | | 6 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 47 | 4 | 51 |
| Tassazzjoni | 46 | 6 | 52 |
| Trasport | 17 | 1 | 18 |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 20 | 1 | 21 |
| **Trattat KE/TFUE** | **481** | **136** | **617** |

>>>

| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total |
|---|---|---|---|
| Proċedura | | 6 | 6 |
| Regolamenti tal-Persunal | 1 | | 1 |
| **Diversi** | 1 | 6 | 7 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **482** | **142** | **624** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

## 11. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2010-2014)[1]



| | 2010 | | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2014 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud |
| **Il-Belġju** | 6 | 1 | 9 | 1 | 5 | 1 | 2 | 1 | 4 | |
| **Il-Bulgarija** | | | | | | | | | 1 | 1 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 4 | | | | 1 | | 2 | 2 | | |
| **Id-Danimarka** | | | | | | | 1 | 1 | 1 | |
| **Il-Ġermanja** | 4 | 2 | 5 | | 1 | 2 | | 2 | 3 | 1 |
| **L-Estonja** | 1 | | | | 1 | | | | | |
| **L-Irlanda** | 4 | | 3 | | 2 | | 3 | 1 | | |
| **Il-Greċja** | 7 | | 4 | | 5 | | 2 | 1 | 4 | |
| **Spanja** | 10 | 2 | 7 | 1 | 3 | | 6 | | 6 | |
| **Franza** | 8 | 2 | 6 | | 4 | | 5 | 3 | 1 | |
| **Il-Kroazja** | | | | | | | | | | |
| **L-Italja** | 10 | | 8 | 1 | 3 | | 7 | 1 | 6 | |
| **Ċipru** | | | | 1 | 2 | | 1 | | | |
| **Il-Latvja** | | | | | | | | | | |
| **Il-Litwanja** | 1 | | | | | | | | 1 | |
| **Il-Lussemburgu** | 2 | | 5 | | | | 1 | 1 | | |
| **L-Ungerija** | | | 1 | 1 | 1 | | 1 | | 2 | |
| **Malta** | 1 | 1 | | 1 | | | | | | |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 2 | 1 | 2 | | 3 | 1 | 2 | 2 | | 1 |
| **L-Awstrija** | 5 | | 6 | | 3 | | | 1 | | |
| **Il-Polonja** | 4 | 1 | 5 | | 3 | | 4 | 2 | 4 | |
| **Il-Portugall** | 7 | 1 | 8 | 1 | 5 | | | 1 | 3 | |
| **Ir-Rumanija** | | | | 1 | | | | | | |
| **Is-Slovenja** | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | | |
| **Is-Slovakkja** | 1 | | | 1 | | 1 | 1 | | | |
| **Il-Finlandja** | | | 1 | | 1 | | | 2 | | |
| **L-Isvezja** | 2 | | 1 | | 1 | | 1 | 1 | 1 | |
| **Ir-Renju Unit** | 3 | 1 | | | 2 | | | 1 | 4 | |
| **Total** | **83** | **12** | **72** | **9** | **47** | **5** | **40** | **23** | **41** | **3** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 12. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri (2010-2014) [1]
(sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 16.1 | 16.3 | 15.6 | 16.3 | 15.0 |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | 2.2 | 2.5 | 1.9 | 2.2 | 2.2 |
| Rikorsi diretti | 16.7 | 20.3 | 19.7 | 24.3 | 20.0 |
| Appelli | 14.0 | 15.1 | 15.2 | 16.6 | 14.5 |

[1] Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri: l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid u l-kawżi fil-qasam tal-immunità); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju lill-Qorti Ġenerali; il-proċeduri għal miżuri provviżorji jew dwar intervent.

# 13. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2010-2014) [1]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 484 | 519 | 537 | 574 | 526 |
| Rikorsi diretti | 167 | 131 | 134 | 96 | 94 |
| Appelli | 144 | 195 | 205 | 211 | 164 |
| Proċeduri partikolari | 3 | 4 | 9 | 1 | 2 |
| Talbiet għal opinjoni | 1 | | 1 | 2 | 1 |
| **Total** | **799** | **849** | **886** | **884** | **787** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 14. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2010-2014) [1]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Seduta plenarja | 1 | | | | |
| Awla Manja | 49 | 42 | 44 | 37 | 33 |
| Awli b'ħames imħallfin | 193 | 157 | 239 | 190 | 176 |
| Awli bi tliet imħallfin | 33 | 23 | 42 | 51 | 44 |
| President | 4 | 10 | | | |
| Viċi President | | | 1 | 1 | |
| Mhux assenjati | 519 | 617 | 560 | 605 | 534 |
| **Total** | **799** | **849** | **886** | **884** | **787** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 15. *Varji* – Proċeduri mħaffa (2010-2014)

| | 2010 | | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2014 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Rikorsi diretti | | 1 | | | 1 | | | 1 | | |
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | | 8 | 2 | 7 | 1 | 5 | | 16 | 2 | 10 |
| Appelli | | | | 5 | | 1 | | | | |
| **Total** | **4** | **9** | **2** | **12** | **2** | **6** | | **17** | **2** | **10** |

## 16. *Varji* – Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2010-2014)

| | 2010 | | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2014 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 4 | 2 | 5 | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | | | | | | | | | | 1 |
| **Total** | **5** | **4** | **2** | **5** | **4** | **1** | **2** | **3** | **4** | **2** |

## 17. *Varji* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2014) [1]

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Eżitu tad-deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda | Ammissjoni |
| Għajnuna mill-Istat | 1 | | 2 | |
| Dritt istituzzjonali | 1 | | 1 | |
| Politika kummerċjali | 1 | | 1 | |
| **TOTAL ĠENERALI** | **3** | | **4** | |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 18. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2014) –* Kawżi ġodda u sentenzi

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | | Sentenzi/ Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1953 | | 4 | | | | 4 | | |
| 1954 | | 10 | | | | 10 | | 2 |
| 1955 | | 9 | | | | 9 | 2 | 4 |
| 1956 | | 11 | | | | 11 | 2 | 6 |
| 1957 | | 19 | | | | 19 | 2 | 4 |
| 1958 | | 43 | | | | 43 | | 10 |
| 1959 | | 46 | | | 1 | 47 | 5 | 13 |
| 1960 | | 22 | | | 1 | 23 | 2 | 18 |
| 1961 | 1 | 24 | | | 1 | 26 | 1 | 11 |
| 1962 | 5 | 30 | | | | 35 | 2 | 20 |
| 1963 | 6 | 99 | | | | 105 | 7 | 17 |
| 1964 | 6 | 49 | | | | 55 | 4 | 31 |
| 1965 | 7 | 55 | | | | 62 | 4 | 52 |
| 1966 | 1 | 30 | | | | 31 | 2 | 24 |
| 1967 | 23 | 14 | | | | 37 | | 24 |
| 1968 | 9 | 24 | | | | 33 | 1 | 27 |
| 1969 | 17 | 60 | | | | 77 | 2 | 30 |
| 1970 | 32 | 47 | | | | 79 | | 64 |
| 1971 | 37 | 59 | | | | 96 | 1 | 60 |
| 1972 | 40 | 42 | | | | 82 | 2 | 61 |
| 1973 | 61 | 131 | | | | 192 | 6 | 80 |
| 1974 | 39 | 63 | | | | 102 | 8 | 63 |
| 1975 | 69 | 61 | | | 1 | 131 | 5 | 78 |
| 1976 | 75 | 51 | | | 1 | 127 | 6 | 88 |
| 1977 | 84 | 74 | | | | 158 | 6 | 100 |
| 1978 | 123 | 146 | | | 1 | 270 | 7 | 97 |
| 1979 | 106 | 1 218 | | | | 1 324 | 6 | 138 |
| 1980 | 99 | 180 | | | | 279 | 14 | 132 |
| 1981 | 108 | 214 | | | | 322 | 17 | 128 |
| 1982 | 129 | 217 | | | | 346 | 16 | 185 |
| 1983 | 98 | 199 | | | | 297 | 11 | 151 |
| 1984 | 129 | 183 | | | | 312 | 17 | 165 |
| 1985 | 139 | 294 | | | | 433 | 23 | 211 |
| 1986 | 91 | 238 | | | | 329 | 23 | 174 |
| 1987 | 144 | 251 | | | | 395 | 21 | 208 |
| 1988 | 179 | 193 | | | | 372 | 17 | 238 |
| 1989 | 139 | 244 | | | | 383 | 19 | 188 |

>>>

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | Talbiet għal miżuri provviżorji | Sentenzi/ Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | | |
| 1990 | 141 | 221 | 15 | 1 | | 378 | 12 | 193 |
| 1991 | 186 | 140 | 13 | 1 | 2 | 342 | 9 | 204 |
| 1992 | 162 | 251 | 24 | 1 | 2 | 440 | 5 | 210 |
| 1993 | 204 | 265 | 17 | | | 486 | 13 | 203 |
| 1994 | 203 | 125 | 12 | 1 | 3 | 344 | 4 | 188 |
| 1995 | 251 | 109 | 46 | 2 | | 408 | 3 | 172 |
| 1996 | 256 | 132 | 25 | 3 | | 416 | 4 | 193 |
| 1997 | 239 | 169 | 30 | 5 | | 443 | 1 | 242 |
| 1998 | 264 | 147 | 66 | 4 | | 481 | 2 | 254 |
| 1999 | 255 | 214 | 68 | 4 | | 541 | 4 | 235 |
| 2000 | 224 | 197 | 66 | 13 | 2 | 502 | 4 | 273 |
| 2001 | 237 | 187 | 72 | 7 | | 503 | 6 | 244 |
| 2002 | 216 | 204 | 46 | 4 | | 470 | 1 | 269 |
| 2003 | 210 | 277 | 63 | 5 | 1 | 556 | 7 | 308 |
| 2004 | 249 | 219 | 52 | 6 | 1 | 527 | 3 | 375 |
| 2005 | 221 | 179 | 66 | 1 | | 467 | 2 | 362 |
| 2006 | 251 | 201 | 80 | 3 | | 535 | 1 | 351 |
| 2007 | 265 | 221 | 79 | 8 | | 573 | 3 | 379 |
| 2008 | 288 | 210 | 77 | 8 | 1 | 584 | 3 | 333 |
| 2009 | 302 | 143 | 105 | 2 | 1 | 553 | 1 | 376 |
| 2010 | 385 | 136 | 97 | 6 | | 624 | 3 | 370 |
| 2011 | 423 | 81 | 162 | 13 | | 679 | 3 | 370 |
| 2012 | 404 | 73 | 136 | 3 | 1 | 617 | | 357 |
| 2013 | 450 | 72 | 161 | 5 | 2 | 690 | 1 | 434 |
| 2014 | 428 | 74 | 111 | | 1 | 614 | 3 | 416 |
| **Total** | **8 710** | **8 901** | **1 689** | **106** | **23** | **19 429** | **359** | **10 213** |

[1] Ċifri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

[2] Ċifri netti.

# 19. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2014) –* **Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa** (skont l-Istat Membru u skont is-sena)

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħrajn [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1961 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1962 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | | 5 |
| 1963 | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1964 | | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1965 | | | | | 4 | | | | | 2 | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 7 |
| 1966 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1967 | 5 | | | | 11 | | | | | 3 | | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | | 23 |
| 1968 | 1 | | | | 4 | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | 9 |
| 1969 | 4 | | | | 11 | | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | 17 |
| 1970 | 4 | | | | 21 | | | | | 2 | | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | | 32 |
| 1971 | 1 | | | | 18 | | | | | 6 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 37 |
| 1972 | 5 | | | | 20 | | | | | 1 | | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | | 40 |
| 1973 | 8 | | | | 37 | | | | | 4 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 61 |
| 1974 | 5 | | | | 15 | | | | | 6 | | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | | 1 | | 39 |
| 1975 | 7 | | | 1 | 26 | | | | | 15 | | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | | 1 | | 69 |
| 1976 | 11 | | | | 28 | | 1 | | | 8 | | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | | 1 | | 75 |
| 1977 | 16 | | | 1 | 30 | | 2 | | | 14 | | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | | 5 | | 84 |
| 1978 | 7 | | | 3 | 46 | | 1 | | | 12 | | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | | 5 | | 123 |
| 1979 | 13 | | | 1 | 33 | | 2 | | | 18 | | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | | 8 | | 106 |
| 1980 | 14 | | | 2 | 24 | | 3 | | | 14 | | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | | 6 | | 99 |
| 1981 | 12 | | | 1 | 41 | | | | | 17 | | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | | 5 | | 108 |
| 1982 | 10 | | | 1 | 36 | | | | | 39 | | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | | 4 | | 129 |
| 1983 | 9 | | | 4 | 36 | | 2 | | | 15 | | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | | 6 | | 98 |
| 1984 | 13 | | | 2 | 38 | | 1 | | | 34 | | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | | 9 | | 129 |
| 1985 | 13 | | | | 40 | | 2 | | | 45 | | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | | 8 | | 139 |
| 1986 | 13 | | | 4 | 18 | | 4 | 2 | 1 | 19 | | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | | 8 | | 91 |
| 1987 | 15 | | | 5 | 32 | | 2 | 17 | 1 | 36 | | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | | 9 | | 144 |

>>>

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħrajn [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1988 | 30 | | | 4 | 34 | | | | 1 | 38 | | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | | 16 | | 179 |
| 1989 | 13 | | | 2 | 47 | | 1 | 2 | 2 | 28 | | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 14 | | 139 |
| 1990 | 17 | | | 5 | 34 | | 4 | 2 | 6 | 21 | | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | | 12 | | 141 |
| 1991 | 19 | | | 2 | 54 | | 2 | 3 | 5 | 29 | | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | | 14 | | 186 |
| 1992 | 16 | | | 3 | 62 | | | 1 | 5 | 15 | | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 18 | | 162 |
| 1993 | 22 | | | 7 | 57 | | 1 | 5 | 7 | 22 | | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | | 12 | | 204 |
| 1994 | 19 | | | 4 | 44 | | 2 | | 13 | 36 | | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | | 24 | | 203 |
| 1995 | 14 | | | 8 | 51 | | 3 | 10 | 10 | 43 | | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | | 6 | 20 | | 251 |
| 1996 | 30 | | | 4 | 66 | | | 4 | 6 | 24 | | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | | 3 | 4 | 21 | | 256 |
| 1997 | 19 | | | 7 | 46 | | 1 | 2 | 9 | 10 | | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | | 6 | 7 | 18 | | 239 |
| 1998 | 12 | | | 7 | 49 | | 3 | 5 | 55 | 16 | | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | | 2 | 6 | 24 | | 264 |
| 1999 | 13 | | | 3 | 49 | | 2 | 3 | 4 | 17 | | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | | 4 | 5 | 22 | | 255 |
| 2000 | 15 | | | 3 | 47 | | 2 | 3 | 5 | 12 | | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | | 5 | 4 | 26 | 1 | 224 |
| 2001 | 10 | | | 5 | 53 | | 1 | 4 | 4 | 15 | | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | | 3 | 4 | 21 | | 237 |
| 2002 | 18 | | | 8 | 59 | | | 7 | 3 | 8 | | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | | 7 | 5 | 14 | | 216 |
| 2003 | 18 | | | 3 | 43 | | 2 | 4 | 8 | 9 | | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | | 4 | 4 | 22 | | 210 |
| 2004 | 24 | | | 4 | 50 | | 1 | 18 | 8 | 21 | | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | | 4 | 5 | 22 | | 249 |
| 2005 | 21 | | 1 | 4 | 51 | | 2 | 11 | 10 | 17 | | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | | 4 | 11 | 12 | | 221 |
| 2006 | 17 | | 3 | 3 | 77 | | 1 | 14 | 17 | 24 | | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | | 1 | 5 | 2 | 10 | | 251 |
| 2007 | 22 | 1 | 2 | 5 | 59 | 2 | 2 | 8 | 14 | 26 | | 43 | | | 1 | | 2 | | 19 | 20 | 7 | 3 | 1 | | 1 | 5 | 6 | 16 | | 265 |
| 2008 | 24 | | 1 | 6 | 71 | 2 | 1 | 9 | 17 | 12 | | 39 | 1 | 3 | 3 | 4 | 6 | | 34 | 25 | 4 | 1 | | | | 4 | 7 | 14 | | 288 |
| 2009 | 35 | 8 | 5 | 3 | 59 | 2 | | 11 | 11 | 28 | | 29 | 1 | 4 | 3 | | 10 | 1 | 24 | 15 | 10 | 3 | 1 | 2 | 1 | 2 | 5 | 28 | 1 | 302 |
| 2010 | 37 | 9 | 3 | 10 | 71 | | 4 | 6 | 22 | 33 | | 49 | | 3 | 2 | 9 | 6 | | 24 | 15 | 8 | 10 | 17 | 1 | 5 | 6 | 6 | 29 | | 385 |
| 2011 | 34 | 22 | 5 | 6 | 83 | 1 | 7 | 9 | 27 | 31 | | 44 | | 10 | 1 | 2 | 13 | | 22 | 24 | 11 | 11 | 14 | 1 | 3 | 12 | 4 | 26 | | 423 |
| 2012 | 28 | 15 | 7 | 8 | 68 | 5 | 6 | 1 | 16 | 15 | | 65 | | 5 | 2 | 8 | 18 | 1 | 44 | 23 | 6 | 14 | 13 | | 9 | 3 | 8 | 16 | | 404 |
| 2013 | 26 | 10 | 7 | 6 | 97 | 3 | 4 | 5 | 26 | 24 | | 62 | 3 | 5 | 10 | | 20 | | 46 | 19 | 11 | 14 | 17 | 1 | 4 | 4 | 12 | 14 | | 450 |
| 2014 | 23 | 13 | 6 | 10 | 87 | | 5 | 4 | 41 | 20 | 1 | 52 | 2 | 7 | 6 | | 23 | | 30 | 18 | 14 | 8 | 28 | 4 | 3 | 8 | 3 | 12 | | 428 |
| **Total** | **762** | **78** | **40** | **165** | **2 137** | **15** | **77** | **170** | **354** | **906** | **1** | **1 279** | **7** | **37** | **29** | **83** | **107** | **2** | **909** | **447** | **74** | **124** | **91** | **9** | **27** | **91** | **114** | **573** | **2** | **8 710** |

[1] Kawża C-265/00, Campina Melkunie (Qorti tal-Ġustizzja Benelux/Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, Miles et (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).

# 20. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2014)* – Rinviji għal deċiżjonijiet preliminari mressqa (skont l-Istat Membru u skont il-qorti)

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour constitutionnelle | 30 | |
| | Cour de cassation | 91 | |
| | Conseil d'État | 71 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 570 | 762 |
| **Il-Bulgarija** | Върховен касационен съд | 1 | |
| | Върховен административен съд | 13 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 64 | 78 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Ústavní soud | | |
| | Nejvyšší soud | 3 | |
| | Nejvyšší správní soud | 20 | |
| | Autres juridictions | 17 | 40 |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 35 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 130 | 165 |
| **Il-Ġermanja** | Bundesverfassungsgericht | 1 | |
| | Bundesgerichtshof | 194 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 116 | |
| | Bundesfinanzhof | 303 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 26 | |
| | Bundessozialgericht | 76 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 421 | 2 137 |
| **L-Estonja** | Riigikohus | 5 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 10 | 15 |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 26 | |
| | High Court | 25 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 26 | 77 |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 10 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 54 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 106 | 170 |
| **Spanja** | Tribunal Constitucional | 1 | |
| | Tribunal Supremo | 53 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 300 | 354 |
| **Franza** | Conseil constitutionnel | 1 | |
| | Cour de cassation | 110 | |
| | Conseil d'État | 93 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 702 | 906 |
| **Il-Kroazja** | Ustavni sud | | |
| | Vrhovni sud | | |
| | Visoki upravni sud | | |
| | Visoki prekršajni sud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 1 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **L-Italja** | Corte Costituzionale | 2 | |
| | Corte suprema di Cassazione | 130 | |
| | Consiglio di Stato | 107 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 040 | 1 279 |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 7 |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | 21 | |
| | Satversmes tiesa | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 16 | 37 |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | 1 | |
| | Aukščiausiasis Teismas | 11 | |
| | Vyriausiasis administracinis teismas | 9 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 8 | 29 |
| **Il-Lussemburgu** | Cour supérieure de justice | 10 | |
| | Cour de cassation | 12 | |
| | Cour administrative | 10 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 51 | 83 |
| **L-Ungerija** | Kúria | 17 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 5 | |
| | Szegedi Ítélőtábla | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 83 | 107 |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti ta' l- Appel | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 2 | 2 |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | Hoge Raad | 253 | |
| | Raad van State | 101 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 59 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 151 | |
| | Tariefcommissie | 35 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 310 | 909 |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 5 | |
| | Oberster Gerichtshof | 103 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 81 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 258 | 447 |
| **Il-Polonja** | Trybunał Konstytucyjny | | |
| | Sąd Najwyższy | 9 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 28 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 37 | 74 |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 4 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 53 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 67 | 124 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Ir-Rumanija** | Înalta Curte de Casație și Justiție | 7 | |
| | Curtea de Apel | 45 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 39 | 91 |
| **Is-Slovenja** | Ustavno sodišče | 1 | |
| | Vrhovno sodišče | 5 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 9 |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný súd | | |
| | Najvyšší súd | 9 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 18 | 27 |
| **Il-Finlandja** | Korkein oikeus | 16 | |
| | Korkein hallinto-oikeus | 45 | |
| | Työtuomioistuin | 3 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 27 | 91 |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 18 | |
| | Högsta förvaltningsdomstolen | 7 | |
| | Marknadsdomstolen | 5 | |
| | Arbetsdomstolen | 3 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 81 | 114 |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Supreme Court | 5 | |
| | Court of Appeal | 74 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 454 | 573 |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | 1 | |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej [2] | 1 | 2 |
| **Total** | | | **8 710** |

[1] Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

[2] Kawża C-196/09, Miles et

## 21. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2014)* – Rikorsi ppreżentati għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu

**1952-2014**




| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1952-2014 | 382 | 8 | 28 | 40 | 278 | 22 | 205 | 396 | 241 | 415 | | 641 | 12 | 1 | 3 | 264 | 15 | 15 | 146 | 136 | 71 | 195 | 3 | 13 | 13 | 57 | 54 | 137 | **3 791** |




# Kapitolu II

## Il-Qorti Ġenerali

# A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2014

*Mill-President Marc Jaeger*

Is-sena 2014 rat il-Qorti Ġenerali tiċċelebra l-25 anniversarju tagħha b'mod sabiħ: billi ċċelebrat l-avveniment fil-kumpannija tal-membri preċedenti tagħha fl-okkażjoni ta' ġurnata ta' riflessjoni istruttiva u akkoljenti, iżda wkoll billi tpaxxiet bil-kisbiet prinċipali tas-sena li għaddiet.

Ċirkustanza rari li ġrat kienet li l-kompożizzjoni tagħha baqgħet perfettament stabbli – garanzija ta' effiċjenza u ta' serenità – liema ċirkustanza ma setgħetx ma jkollhiex impatt fuq ir-riżultati bla preċedent li ġew irreġistrati din is-sena. Fil-fatt, din il-kontinwità ppermettiet li jinsiltu l-aħjar benefiċċji, minn naħa, mill-enerġiji investiti u mir-riformi implementati fuq medda ta' diversi snin u, min-naħa l-oħra, mit-tisħiħ li rrappreżenta r-reklutaġġ ta' disa' référendaires addizzjonali (wieħed għal kull awla) mill-bidu tas-sena.

B'hekk il-Qorti Ġenerali rnexxielha **taqta' 814-il kawża**, ħaġa li hija ta' sodisfazzjon kbir. Din iċ-ċifra ma hijiex biss rekord, iżda fuq kollox hija żieda kunsiderevoli (16 %) meta mqabbla mal-medja tal-aħħar tliet snin, li min-naħa tagħhom kienu l-iktar produttivi fl-istorja tal-Qorti Ġenerali. B'mod iktar globali, mill-2008 'l hawn, l-analiżi ta' din il-medja ta' tliet snin turi żidiet fil-produttività ta' iktar minn 50 % (minn 479 fl-2008 għal 735 fl-2014).

Iż-żieda kbira fil-volum ta' attività tal-Qorti Ġenerali hija riflessa wkoll fin-**numru ta' kawżi li fihom saru s-sottomissjonijiet orali** fl-2014 (li parti kbira minnhom ser jiġu deċiżi fl-2015), li laħaq it-390, jiġifieri żieda ta' iktar minn 40 % meta mqabbel mas-sena 2013.

Il-**kawżi ġodda ppreżentati** żdiedu b'mod sinjifikattiv ukoll (minħabba, b'mod partikolari, il-gruppi kbar ta' kawżi magħquda fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u tal-miżuri restrittivi), li minħabba f'hekk laħqu numru li qatt ma ntlaħaq qabel (912-il kawża). Għalhekk, minkejja l-prestazzjoni eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali rat in-numru tal-kawżi pendenti (1423 kawża) jiżdied bi kważi mitt kawża meta mqabbel mal-2013. Min-naħa l-oħra, huwa interessanti li jiġi nnotat li l-proporzjon bejn in-numru ta' kawżi pendenti u n-numru ta' kawżi deċiżi (proporzjon li tikkostitwixxi indizju tat-tul prospettiv teoretiku tal-proċeduri) hija l-iktar baxxa li ġiet osservata minn kważi għaxar snin 'l hawn.

Din it-tendenza pożittiva hija riflessa fit-**tul medju tal-proċeduri** tal-kawżi deċiżi fl-2014. Dan it-tul naqas bi 3.5 xhur (minn 26.9 xhur fl-2013 għal 23.4 fl-2014), jiġifieri tnaqqis ta' iktar minn 10 %, sabiex intlaħqu l-valuri osservati għaxar snin ilu.

Għalhekk il-Qorti Ġenerali rnexxielha trażżan l-impatt taż-żieda kostanti fil-kawżi mressqa quddiemha, billi straħet fuq evoluzzjoni tal-metodi ta' xogħol tagħha u fuq tisħiħ moderat tar-riżorsi tagħha. Barra minn hekk, hija dalwaqt ser tkun tista' tibbenefika mill-**modernizzazzjoni tas-sistema proċedurali tagħha**, peress li x-xogħol fuq l-abbozz tagħha ta' regoli tal-proċedura ġodda tlesta, fi ħdan il-Kunsill, fi tmiem is-sena 2014. Dan l-istrument, li huwa previst li jidħol fis-seħħ matul l-2015, ser jinkludi diversi dispożizzjonijiet ġodda, li ser jippermettu lill-Qorti Ġenerali ttejjeb iktar l-effiċjenza tal-proċeduri tagħha u twieġeb għad-diffikultajiet li toħloq iż-żieda fil-kawżi mressqa quddiemha. Jistgħu jissemmew, bħala eżempju, il-possibbiltà li l-kawżi dwar il-proprjetà intellettwali jiġu assenjati lil imħallef wieħed, il-possibbiltà li tingħata deċiżjoni permezz ta' sentenza mingħajr seduta, ir-regolamentazzjoni tas-sistema tal-intervent jew l-ipproċessar tal-informazzjoni jew tad-dokumenti li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew dik tal-Istati Membri tagħha.

Peress li hija qorti li tiżviluppa b'mod kostanti, il-Qorti Ġenerali għalhekk tkompli fit-triq tagħha b'ħarsitha ffokata kollha kemm hi fuq is-sodisfazzjon tad-drittijiet fundamentali tal-individwu, imħeġġa mit-tiftix tal-ekwilibriju delikat bejn il-ħeffa u l-kwalità tal-istħarriġ ġudizzjarju.

# I. Kawżi dwar il-legalità

## *Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikolu 263 TFUE*

Fl-2014, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kunċetti ta' att li jista' jiġi kkontestat u ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

### 1. Kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat

Fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, *Spanja vs Il-Kummissjoni* (T-481/11, Ġabra, EU:T:2014:945), il-Qorti Ġenerali ttrattat il-kunċett ta' att purament konfermattiv fl-okkażjoni ta' rikors għall-annullament parzjali ta' regolament ta' implementazzjoni fil-qasam agrikolu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li att għandu jiġi kkunsidrat li huwa purament konfermattiv ta' att preċedenti jekk huwa ma jinkludi ebda element ġdid meta mqabbel mal-att preċedenti u ma kienx ippreċedut minn eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tad-destinatarju ta' dan tal-aħħar. Din il-ġurisprudenza, li tirrigwarda atti individwali, għandha tiġi trasposta wkoll għall-każ tal-atti regolamentari, billi xejn ma jiġġustifika differenzazzjoni fir-rigward ta' dawn tal-aħħar. Skont il-Qorti Ġenerali, att jitqies li ġie adottat wara l-eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni, meta jkun ġie adottat jew fuq talba tal-parti kkonċernata, jew fuq l-inizjattiva nnifisha tal-awtur tiegħu, abbażi ta' elementi sostanzjali li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni fil-mument tal-adozzjoni tal-att preċedenti. Min-naħa l-oħra, skont il-Qorti Ġenerali, jekk il-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat l-att il-ġdid ma jkunux differenti minn dawk li ġġustifikaw l-adozzjoni tal-att preċedenti, dan l-att il-ġdid ikun purament konfermattiv tal-att preċedenti.

Fir-rigward taċ-ċirkustanzi li fihom elementi jistgħu jiġu kklassifikati bħala ġodda u sostanzjali, il-Qorti Ġenerali speċifikat li element għandu jiġi kklassifikat bħala ġdid, kemm jekk dan l-element ikun jeżisti kif ukoll jekk ma jkunx jeżisti fil-mument tal-adozzjoni tal-att preċedenti, meta, tkun għal liema raġuni tkun, inkluża nuqqas ta' diliġenza tal-awtur tal-att preċedenti, tali element ma ttiħidx inkunsiderazzjoni fil-mument tal-adozzjoni ta' dan l-att tal-aħħar. Fir-rigward tan-natura sostanzjali, din tfisser li l-element inkwistjoni jista' jbiddel b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni ġuridika hekk kif ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-awturi tal-att preċedenti.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll li miżura suġġetta għall-kundizzjoni li ċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tagħha jkomplu jeżistu għandha tkun tista' tiġi suġġetta għal talba għal eżami mill-ġdid, bil-għan li jiġi vverifikat jekk iż-żamma tagħha tirriżultax li hija ġġustifikata. Il-Qorti Ġenerali qieset li eżami ġdid intiż sabiex jiġi vverifikat jekk miżura adottata preċedentement tibqax iġġustifikata fid-dawl ta' bidla fis-sitwazzjoni ta' liġi jew ta' fatt li seħħet fil-frattemp iwassal għall-adozzjoni ta' att li ma huwiex purament konfermattiv tal-att preċedenti, iżda li jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat li jista' jkun suġġett għal rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE.

## 2. Kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni

Il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni tittratta l-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, fis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, *Dansk Automat Brancheforening vs Il-Kummissjoni* (T-601/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:839). Ġie ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali minn assoċjazzjoni ta' impriżi u ta' kumpanniji awtorizzati jistallaw u joperaw apparati tal-logħob ta' divertiment kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat li l-istabbiliment fid-Danimarka ta' taxxi inqas għolja għal-logħob online milli għall-casinos u għas-swali tal-logħob kien kompatibbli mas-suq intern.

Mitluba, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, teżamina l-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mis-sentenza *Telefónica vs Il-Kummissjoni* [1], jirriżulta li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Barra minn hekk, hija fakkret li peress li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma jistgħux, minħabba l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jikkontestaw att regolatorju tal-Unjoni direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni, dawn huma protetti mill-applikazzjoni fil-konfront tagħhom ta' tali att permezz tal-possibbiltà li jikkontestaw il-miżuri ta' implementazzjoni li dan l-att jinvolvi.

Peress li, minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tiddefinixxi l-konsegwenzi speċifiċi u konkreti tagħha għal kull wieħed mill-persuni taxxabbli u, min-naħa l-oħra, mit-test tagħha kien jirriżulta li d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar id-dazji fuq il-logħob kien ġie pospost mill-awtoritajiet nazzjonali sakemm il-Kummissjoni tat id-deċiżjoni finali tagħha, konformement mal-Artikolu 108(3) TFUE, il-Qorti Ġenerali qieset li l-imsemmija deċiżjoni kienet tinvolvi miżuri ta' implementazzjoni. Fil-fatt, il-konsegwenzi speċifiċi u konkreti ta' tali deċiżjoni fir-rigward tal-persuni taxxabbli mmaterjalizzaw ruħhom b'atti nazzjonali, jiġifieri l-liġi dwar id-dazji fuq il-logħob u l-atti adottati għall-implementazzjoni ta' din il-liġi li jistabbilixxu l-ammont tat-taxxi dovuti mill-persuni taxxabbli, li kienu jikkostitwixxu bħala tali miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Peress li dawn l-atti setgħu jiġu kkontestati quddiem il-qorti nazzjonali, il-persuni taxxabbli setgħu jaċċedu għal qorti, u dan mingħajr ma kienu kostretti jiksru l-liġi, billi jsostnu l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata fl-ambitu ta' azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali u, jekk ikun il-każ, billi jwasslu lil dawn tal-aħħar sabiex jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 267 TFUE. Konsegwentement, ir-rikors kontra din id-deċiżjoni ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

### *Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikolu 265 TFUE*

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Marzu 2014, *Yusef vs Il-Kummissjoni* (T-306/10, Ġabra, EU:T:2014:141), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni intiż li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tħassar isem ir-rikorrent mil-lista tal-persuni li

[1] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Telefónica vs Il-Kummissjoni* (C-274/12 P, Ġabra, EU:C:2013:852, punti 27 *et seq*).

huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi skont ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 [2], wara t-talba tiegħu għal eżami mill-ġdid tal-inklużjoni tiegħu f'din il-lista.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma huwiex permess li rikorrent jevita l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament previst fl-Artikolu 263 TFUE, indirizzat kontra att ta' istituzzjoni, permezz tal-"użu proċedurali" tar-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni previst fl-Artikolu 265 TFUE, indirizzat kontra r-rifjut ta' din l-istituzzjoni li tannulla jew li tirrevoka l-imsemmi att. Skont il-Qorti Ġenerali, kellha madankollu tingħata importanza lid-dimensjoni temporali partikolari tal-att inkwistjoni f'dan il-każ, billi l-validità ta' miżura ta' ffriżar tal-fondi skont ir-Regolament Nru 881/2002 hija dejjem suġġetta għall-kundizzjoni li ċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tagħha jkomplu jeżistu, kif ukoll għall-ħtieġa taż-żamma tagħha sabiex jitwettaq l-għan marbut magħha. Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal att intiż li jipproduċi effetti perenni, tali miżura għandha tkun tista' tkun is-suġġett ta' talba għal eżami mill-ġdid f'kull mument, bil-għan li jiġi vverifikat jekk iż-żamma tagħha hijiex iġġustifikata, u n-nuqqas tal-Kummissjoni li tilqa' tali talba għandu jkun jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li, f'dan il-każ, l-elementi ġodda kienu ta' żewġ tipi, jiġifieri, minn naħa, l-għoti tas-sentenza *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* [3] u, min-naħa l-oħra, il-fatt li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kien ikkonkluda li r-rikorrent ma kienx jissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni tiegħu f'din il-lista u kien ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jikseb it-tħassir ta' ismu mill-imsemmija lista. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss l-għoti tas-sentenza *Kadi I*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:C:2008:461), iżda wkoll u b'mod partikolari l-bidla fl-attitudni u fl-aġir li din is-sentenza kienet neċessarjament ġabet fil-Kummissjoni, u li kienet tikkostitwixxi hija stess fatt ġdid u sostanzjali. Fil-fatt, immedjatament wara l-għoti ta' dik is-sentenza, il-Kummissjoni kienet biddlet radikalment l-approċċ tagħha u qiegħdet lilha nnifisha f'pożizzjoni li teżamina mill-ġdid, jekk mhux minn jeddha, tal-inqas fuq talba espressa tal-persuni kkonċernati, il-każijiet l-oħra kollha ta' ffriżar tal-fondi skont ir-Regolament Nru 881/2002.

Anki jekk il-Kummissjoni kienet tqis li l-impożizzjoni fuq ir-rikorrent tal-miżuri restrittivi previsti mir-Regolament Nru 881/2002 kienet u għadha ġġustifikata fuq il-mertu, hija kellha fi kwalunkwe każ tirrimedja mill-iktar fis possibbli l-ksur manifest tal-prinċipji applikabbli fil-kuntest tal-proċedura segwita meta r-rikorrent ġie inkluż fl-imsemmija lista, wara li kkonstatat li dan il-ksur kien essenzjalment identiku għall-ksur tal-istess prinċipji kkonstatati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Kadi I*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:C:2008:461) u fis-sentenza *Il-Kummissjoni et vs Kadi* [4], u mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi *Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* u *Kadi vs Il-Kummissjoni* [5]. Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, kien hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet tinsab f'sitwazzjoni li fiha naqset milli tieħu azzjoni, liema sitwazzjoni kienet għadha sejra sad-data tal-għeluq tal-proċedura orali, għaliex hija baqgħet ma rrimedjatx il-ksur ikkonstatat b'mod adegwat.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294).

[3] Sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kadi I", EU:C:2008:461).

[4] Sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, *Il-Kummissjoni et vs Kadi* (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, Ġabra, EU:C:2013:518).

[5] Sentenzi tal-21 ta' Settembru 2005, *Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (T-315/01, Ġabra, EU:T:2005:332) u tat-30 ta' Settembru 2010, *Kadi vs Il-Kummissjoni* (T-85/09, Ġabra, EU:T:2010:418).

*Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi*

## 1. Ġenerali

### a) Talba għal informazzjoni

Fl-2014, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar serje ta' rikorsi ppreżentati minn impriżi attivi fis-settur tas-siment, intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet dwar talba għal informazzjoni li kienu ġew indirizzati lilhom mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [6]. Dawn ir-rikorsi ppermettew lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet, b'mod partikolari, dwar in-natura tal-indizji li jiġġustifikaw talba għal informazzjoni u dwar sa fejn id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu jippermettilu jirrifjuta li jirrispondi għal tali talba kif ukoll dwar ir-rekwiżit ta' proporzjonalità tat-talba.

#### – Natura suffiċjentement serja tal-indizji li jiġġustifikaw it-talba

Fis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014, *Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni* (T-296/11, Ġabra, EU:T:2014:121), il-Qorti Ġenerali speċifikat li, sabiex tkun tista' tadotta deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni kellha jkollha f'idejha indizji suffiċjentement serji sabiex jippermettulha tissuspetta ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Għalkemm ma jistax jiġi impost fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tindika, fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, l-indizji li jwassluha sabiex tikkonċepixxi l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE, minn dan ma jistax madankollu jiġi dedott li l-Kummissjoni ma għandux ikollha f'idejha elementi li jwassluha sabiex tikkonċepixxi l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE qabel l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni. Fil-fatt, sabiex tkun konformi mar-rekwiżit ta' protezzjoni kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtoritajiet pubbliċi fl-isfera ta' attività privata ta' persuna, indipendentement minn jekk din hijiex fiżika jew ġuridika, deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni għandha tkun intiża sabiex tinġabar id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tiġi vverifikata r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi speċifiċi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni diġà għandha informazzjoni, li jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji li jippermettulha tissuspetta ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. F'dan il-każ, sa fejn il-Qorti Ġenerali kienet ġiet adita b'talba f'dan is-sens u sa fejn ir-rikorrenti kienet esponiet ċerti elementi li jistgħu jitfgħu dubju fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji li l-Kummissjoni kellha sabiex tadotta deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali qieset li hija kellha teżamina dawn l-indizji u tistħarreġ in-natura suffiċjentement serja tagħhom. Skont il-Qorti Ġenerali, din l-evalwazzjoni kellha titwettaq billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata kienet tifforma parti mill-kuntest tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li hija intiża li tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi rilevanti kollha li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u li tieħu pożizzjoni inizjali fuq l-orjentament tal-proċedura kif ukoll fuq kif għandha tipproċedi. Għaldaqstant, f'dan l-istadju ma setax jiġi mistenni li l-Kummissjoni jkollha f'idejha, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni, elementi li juru l-eżistenza ta' ksur. Għalhekk, kien suffiċjenti li l-imsemmija indizji kienu ta' natura tali li joħolqu suspett raġonevoli dwar is-seħħ ta' preżunzjonijiet ta' ksur, sabiex il-Kummissjoni jkollha d-dritt li titlob li tiġi pprovduta b'informazzjoni supplimentari permezz ta' deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Billi l-indizji pprovduti mill-Kummissjoni kienu jissodisfaw din id-definizzjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [101 TFUE u 102 TFUE] (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

### – Proporzjonalità tat-talba

Is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014 *Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni* (T-297/11, Ġabra, EU:T:2014:122) ippermettiet barra minn hekk lill-Qorti Ġenerali tenfasizza li, sabiex deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, ma huwiex biżżejjed li l-informazzjoni mitluba tkun marbuta mas-suġġett tal-investigazzjoni. Hemm bżonn ukoll li l-obbligu ta' provvista ta' informazzjoni, impost fuq impriża, ma jkunx jirrappreżenta għal din tal-aħħar oneru sproporzjonat meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, minn dan għandu jiġi dedott li deċiżjoni li timponi fuq id-destinatarju li jipprovdi mill-ġdid informazzjoni li ntalbet preċedentement minħabba li xi informazzjoni tkun skorretta, fil-fehma tal-Kummissjoni, tista' tidher li tirrappreżenta oneru eċċessiv meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni u għalhekk ma tkunx konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Bl-istess mod, it-tfittxija ta' mod iktar faċli sabiex jiġu pproċessati r-risposti pprovduti mill-impriżi ma tistax tiġġustifika li jiġi impost fuq l-imsemmija impriżi l-obbligu li jipprovdu taħt format ġdid informazzjoni li diġà tinsab fil-pussess tal-Kummissjoni. F'dan il-każ, filwaqt li kkonstatat li l-oneru ta' xogħol ikkawżat mill-volum ta' informazzjoni mitlub kien kbir u li l-livell ta' preċiżjoni fil-format ta' risposta impost mill-Kummissjoni kien għoli ħafna, il-Qorti Ġenerali madankollu qieset li dan l-oneru ma kienx ta' natura sproporzjonata fid-dawl tan-neċessitajiet tal-investigazzjoni u tal-firxa tal-ksur inkwistjoni.

Il-kwistjoni tal-proporzjonalità tat-talba għal informazzjoni tqajmet ukoll fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014, *Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni* (T-306/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:123). F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni, b'mod partikolari, dwar l-eventwali natura sproporzjonata tal-obbligu impost fuq l-impriża rikorrenti li tirrispondi għal serje ta' domandi f'terminu ta' gimagħtejn.

Il-Qorti Ġenerail rrilevat li, sabiex titwettaq tali evalwazzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti, bħala destinatarja ta' deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, kellha r-riskju li tiġi imposta fuqha mhux biss multa jew penali fil-każ ta' provvista ta' informazzjoni mhux kompluta jew tardiva jew fin-nuqqas ta' provvista ta' informazzjoni, iżda wkoll multa fil-każ ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni kklassifikata mill-Kummissjoni bħala mhux eżatta jew żnaturata. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-eżami tan-natura adegwata tat-terminu stabbilit minn deċiżjoni dwar talba għal informazzjoni għandu importanza partikolari, billi l-imsemmi terminu għandu jippermetti lid-destinatarju, mhux biss li materjalment jipprovdi risposta, iżda anki li jiżgura ruħu min-natura kompluta, eżatta u mhux żnaturata tal-informazzjoni pprovduta.

## b) Ilment – Impenji

Fis-sentenza tas-6 ta' Frar 2014, *CEEES u Asociación de Gestores de Estaciones de Servicio vs Il-Kummissjoni* (T-342/11, Ġabra, EU:T:2014:60), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fuq ilment imressaq minn żewġ assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jikkritika n-nuqqas ta' osservanza, minn kumpannija li topera fil-qasam tal-petrol, tal-impenji li kienet assumiet favur il-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ir-rikorrenti sostnew li, wara n-nuqqas ta' osservanza minn din il-kumpannija tal-impenji tagħha, il-Kummissjoni messha fetħet mill-ġdid il-proċedura kontriha u imponiet fuqha multa jew pagamenti ta' penalità.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument. Hija speċifikat li, meta impriża ma tosservax deċiżjoni dwar l-impenji, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tiftaħ mill-ġdid il-proċedura kontra l-imsemmija impriża, iżda għandha setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward. Hija għandha wkoll setgħa diskrezzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(ċ) u tal-Artikolu 24(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1/2003, li abbażi tagħhom hija tista' timponi multi

jew pagamenti ta' penalità fuq l-impriżi meta dawn ma josservawx impenn li jkun sar obbligatorju b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, peress li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-kwistjoni dwar jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li tkompli bl-eżami ta' lment fid-dawl tal-punti ta' liġi u ta' fatt rilevanti tal-każ, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li s-sitwazzjoni tista' tippreżenta ruħha b'mod differenti skont jekk dan l-ilment jikkonċernax l-eventwali nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni dwar l-impenji jew eventwali ksur tal-Artikolu 101 TFUE jew tal-Artikolu 102 TFUE. Fil-fatt, peress li nuqqas ta' osservanza tal-impenji huwa ġeneralment iktar faċli li jintwera minn ksur tal-Artikolu 101 TFUE jew tal-Artikolu 102 TFUE, il-portata tal-miżuri ta' investigazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit tali nuqqas ta' osservanza tal-impenji hija, bħala regola ġenerali, iktar limitata. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li, f'tali każ, il-Kummissjoni għandha sistematikament tiftaħ il-proċedura mill-ġdid u timponi multa jew pagamenti ta' penalità. Fil-fatt, tali approċċ ikollu l-konsegwenza li jittrasforma l-kompetenzi li hija għandha abbażi tal-Artikolu 9(2), tal-Artikolu 23(2)(ċ) u tal-Artikolu 24(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1/2003 f'kompetenzi marbuta, ħaġa li ma hijiex konformi ma' kliem dawn id-dispożizzjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri li awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali tkun adottat kontra impriża, meta hija tevalwa jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li tiftaħ il-proċedura mill-ġdid kontra din l-impriża għal nuqqas ta' osservanza tal-impenji tagħha, sabiex timponi fuqha multa jew pagamenti ta' penalità. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx il-proċedura mill-ġdid u li ma timponix pagamenti ta' penalità jew multa fuq l-impriża li fil-konfront tagħha sar l-ilment ma kinitx ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

## 2. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE

### a) Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, *InnoLux vs Il-Kummissjoni* (T-91/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:92), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) [7]. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet issanzjonat lir-rikorrenti minħabba l-parteċipazzjoni tagħha f'akkordju fis-suq dinji tal-pannelli tal-kristalli likwidi (iktar 'il quddiem l-"LCDs"). Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti allegat, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni kienet applikat kunċett legalment żbaljat, dak ta' "bejgħ ŻEE dirett permezz tal-użu ta' prodotti ttrasformati", meta stabbilixxiet il-valur tal-bejgħ rilevanti għall-kalkolu tal-ammont tal-multa. Hija qalet li, bl-użu ta' dan il-kunċett, il-Kummissjoni kienet biddlet artifiċjalment il-post fejn il-bejgħ inkwistjoni f'din il-kawża kien effettivament seħħ u kisret il-limiti tal-kompetenza territorjali tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li ksur tal-Artikolu 101 TFUE jimplika żewġ elementi ta' aġir, jiġifieri l-formazzjoni tal-akkordju u l-implementazzjoni tiegħu. Meta l-kundizzjoni dwar l-implementazzjoni tkun issodisfatta, il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' tali aġir hija koperta mill-prinċipju ta' territorjalità li huwa rrikonoxxut universalment fid-dritt internazzjonali pubbliku [8].

7 Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3).

8 Dwar il-kompetenza territorjali tal-Kummissjoni, ara wkoll iktar 'il quddiem il-kunsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, *Intel vs Il-Kummissjoni* [T-286/09, Ġabra (Estratti), appellata, EU:T:2014:547], taħt "3. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 102 TFUE".

Issa meta akkordju ta' livell dinji għandu għan antikompetittiv, dan huwa implementat fis-suq intern sempliċement minħabba li l-prodotti suġġetti għal kartell huma kkummerċjalizzati f'dan is-suq. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-implementazzjoni ta' akkordju ma timplikax neċessarjament li huwa jipproduċi effetti reali, peress li l-kwistjoni jekk l-akkordju kellux effetti konkreti fuq il-prezzijiet ipprattikati mill-parteċipanti hija rilevanti biss fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-gravità tal-akkordju, għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa, bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tibbaża ruħha fuq dan il-kriterju. F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' implementazzjoni huwa essenzjalment ibbażat fuq il-kunċett ta' impriża fid-dritt tal-kompetizzjoni, li għandu jitqies li għandu rwol determinanti fl-iffissar tal-limiti tal-kompetenza territorjali tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-imsemmi dritt. Għaldaqstant, jekk l-impriża li tagħmel parti minnha r-rikorrenti tkun ipparteċipat f'akkordju kkonċepit barra miż-ŻEE, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipproċedi kontra r-riperkussjonijiet li l-aġir ta' din l-impriża kellu fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern u timponi fuqha multa proporzjonata mal-ħsara li dan l-akkordju jagħmel lill-kompetizzjoni fl-imsemmi suq. Minn dan isegwi, skont il-Qorti Ġenerali, li, f'dan il-każ, permezz tal-kontabbiltà tal-"bejgħ ŻEE dirett permezz tal-użu ta' prodotti ttrasformati", il-Kummissjoni ma kinitx estendiet illegalment il-kompetenza territorjali tagħha sabiex tipproċedi kontra l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattati.

## b) Kalkolu tal-ammont tal-multa

### – Valur tal-bejgħ – Komponenti u prodotti lesti

Fil-kawża *InnoLux vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ntalbet ukoll tiddetermina l-valur tal-bejgħ affettwat mill-akkordju, li ntuża mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-ammont bażiku tal-multa li kellha tiġi imposta. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sostniet li l-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-bejgħ tal-prodotti lesti li jintegraw l-LCDs suġġetti għal kartell, li fir-rigward tagħhom ebda ksur ma kien ġie kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata u li ma kellhom ebda relazzjoni, diretta jew anki indiretta, mal-ksur identifikat f'din id-deċiżjoni.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, kieku l-Kummissjoni ma użatx dan il-metodu, hija ma kinitx tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, parti kunsiderevoli tal-bejgħ ta' LCDs suġġetti għal kartell magħmul mill-parteċipanti fl-akkordju li jagħmlu parti minn impriżi vertikalment integrati, minkejja li dan il-bejgħ ikun għamel ħsara lill-kompetizzjoni fiż-ŻEE. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-daqs tal-ksur fis-suq ikkonċernat u, għal dan il-għan, setgħet tuża d-dħul mill-bejgħ imwettaq mir-rikorrenti fuq l-LCDs suġġetti għal kartell bħala element oġġettiv li jagħti daqs ġust tal-ħsara li l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju għamlet lill-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni, bil-kundizzjoni li dan id-dħul mill-bejgħ kien ir-riżultat tal-bejgħ li kellu rabta maż-ŻEE, bħal f'dan il-każ. Barra minn hekk, ma setax jitqies li l-Kummissjoni kienet użat l-investigazzjoni li hija kienet wettqet fuq l-LCDs suġġetti għal kartell sabiex tikkonstata ksur relatat mal-prodotti lesti li fihom kienu integrati dawn l-LCDs. Fil-fatt, mhux talli ma assimilatx l-LCDs suġġetti għal kartell mal-prodotti lesti li tagħhom huma kienu komponent, iżda l-Kummissjoni sempliċement ikkunsidrat, għall-finijiet biss tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, li, fir-rigward tal-impriżi vertikalment integrati bħar-rikorrenti, il-post ta' bejgħ tal-prodotti lesti kien jikkoinċidi mal-post ta' bejgħ tal-komponent li kien is-suġġett tal-akkordju lil terz, li għalhekk ma kienx jaqa' taħt l-istess impriża li kienet ipproduċiet dan il-komponent.

### – Metodu ta' kalkolu u linji gwida

Is-sentenza tas-6 ta' Frar 2014, *AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni* (T-27/10, Ġabra, appellata, EU:T:2014:59), ippermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni

fl-applikazzjoni tal-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi [9]. F'din il-kawża, ir-rikorrenti allegat li l-Kummissjoni kienet kisret il-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi fis-sens, minn naħa, li l-multi li kienu ġew imposti fuqha fid-deċiżjoni kkontestata ma messhomx ġew iffissati fil-forma ta' somma f'daqqa, iżda abbażi tal-onorarji li hija kienet irċeviet għall-provvista tas-servizzi relatati mal-ksur, b'mod konformi mal-metodoloġija esposta fil-Linji gwida tal-2006, u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni messha ħadet inkunsiderazzjoni l-kapaċità kontributtiva tagħha.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, għalkemm il-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala regola tad-dritt li l-amministrazzjoni hija obbligata tosserva f'kull każ, huma madankollu jistabbilixxu regola ta' kondotta indikattiva tal-prassi li għandha tiġi segwita li minnha l-amministrazzjoni ma tistax tiddevja, f'każ partikolari, mingħajr ma tippreżenta ġustifikazzjonijiet. L-awtolimitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li tirriżulta mill-adozzjoni tal-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi madankollu ma hijiex inkompatibbli maż-żamma ta' marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali għall-Kummissjoni. Fil-fatt, mill-paragrafu 37 tal-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi jirriżulta li l-partikolaritajiet ta' kawża partikolari jew in-neċessità li jintlaħaq livell dissważiv f'kawża partikolari jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni titbiegħed mill-metodoloġija ġenerali għall-iffissar ta' multi prevista mill-imsemmija linji gwida. Issa l-Qorti Ġenerali rrilevat, f'dan il-każ, li r-rikorrenti ma kinitx attiva fis-swieq ikkonċernati mill-ksur, b'mod li l-valur tal-bejgħ tagħha ta' servizzi, marbut direttament jew indirettament mal-ksur, kien żero jew mhux rappreżentattiv tal-effett, fuq is-swieq inkwistjoni, tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur inkwistjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ tar-rikorrenti fis-swieq inkwistjoni u lanqas ma setgħet tieħu inkunsiderazzjoni l-ammont tal-onorarji rċevuti mir-rikorrenti peress li bl-ebda mod ma kienu jirrappreżentaw l-imsemmi valur. Dawn iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża ppermettew lill-Kummissjoni, jew saħansitra obbligawha, tevita l-metodoloġija esposta fil-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi abbażi tal-paragrafu 37 tal-imsemmija linji gwida. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ġustament ma segwietx il-metodoloġija esposta fil-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi, billi ffissat l-ammont tal-multi fil-forma ta' somma f'daqqa u, finalment, fil-limitu tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

### – Valur tal-bejgħ – Negliġenza – Ġurisdizzjoni sħiħa

Fis-sentenza *InnoLux vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:92), il-Qorti Ġenerali ntalbet tispeċifika l-portata tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fil-każ ta' nuqqas ta' kollaborazzjoni tal-impriża li għaliha tirreferi proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li impriża li lilha l-Kummissjoni tibgħat talba għal informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 hija marbuta b'obbligu ta' kollaborazzjoni attiva u tista' tiġi kkundannata tħallas multa speċifika, prevista mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament, li tista' tirrappreżenta sa 1 % tad-dħul mill-bejgħ totali tagħha jekk hija tipprovdi, deliberatament jew b'negliġenza, informazzjoni ineżatta jew żnaturata. Minn dan jirriżulta li, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali tista' tieħu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, nuqqas ta' kollaborazzjoni ta' impriża u b'konsegwenza ta' dan iżżid l-ammont tal-multa li tkun ġiet imposta fuqha minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE jew tal-Artikolu 102 TFUE, sakemm din l-impriża ma tkunx ġiet ikkundannata għal dan l-istess aġir għall-ħlas ta' multa speċifika bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1/2003. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali madankollu kkunsidrat li l-fatt li

[9] Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

r-rikorrenti kienet wettqet żbalji meta kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja għall-kalkolu tal-valur tal-bejgħ rilevanti, peress li hija inkludiet fiha bejgħ dwar prodotti li ma kinux il-prodotti suġġetti għal kartell, ma kienx jippermetti li jiġi kkunsidrat li hija kienet naqset milli twettaq l-obbligu ta' kollaborazzjoni tagħha sa punt tali li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multa. Il-Qorti Ġenerali applikat l-istess metodu segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u ddeċidiet li kien hemm lok li l-ammont tal-multa jitnaqqas għas-somma ta' EUR 288 miljun.

### – Ċirkustanzi aggravanti – Reċidiva

Fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, *Saint-Gobain Glass France et vs Il-Kummissjoni* (T-56/09 u T-73/09, Ġabra, EU:T:2014:160), li tikkonċerna akkordju dwar is-suq tal-ħġieġ tal-vetturi, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-konsegwenzi ta' reċidiva fuq l-ammont tal-multa deċiża mill-Kummissjoni. Waħda mill-impriżi ppenalizzati fil-fatt kienet is-suġġett ta' deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni għal ksur simili fl-1984 u fl-1988. Ir-rikorrenti kkontestaw li seta' jitqies li kien hemm każ ta' reċidiva fil-konfront tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma jistax jiġi aċċettat li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra, fil-kuntest tal-istabbiliment taċ-ċirkustanza aggravanti tar-reċidiva, li impriża għandha tinżamm responsabbli għal ksur preċedenti, li għalih hija ma ġietx ippenalizzata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni u li fil-kuntest tal-istabbiliment tagħha hija ma kinitx destinatarja ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, b'mod li tali impriża ma kinitx f'pożizzjoni, fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur preċedenti, li tippreżenta l-argumenti tagħha għall-finijiet li tikkontesta l-eventwali eżistenza ta' unità ekonomika ma' kumpannija destinatarja waħda jew l-oħra tad-deċiżjoni preċedenti. Għalhekk, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-1988 ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tikkonstata sitwazzjoni ta' reċidiva. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta, għal dan il-għan, ibbażat ruħha fuq id-deċiżjoni tal-1984. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, il-passaġġ ta' terminu ta' madwar tlettax-il sena u tmien xhur bejn il-mument meta ġiet adottata din id-deċiżjoni u l-mument meta beda l-ksur ippenalizzat fid-deċiżjoni kkontestata, ma kienx jostakola li l-Kummissjoni tista' tikkonstata, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, li l-impriża mwaqqfa mir-rikorrenti kellha tendenza li tevita r-regoli tal-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, fid-dawl tal-fatt li din id-deċiżjoni tal-aħħar biss setgħet legalment tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet li tiġi stabbilita r-reċidiva u li din id-deċiżjoni kienet l-iktar 'il bogħod fiż-żmien minn meta beda l-ksur previst mid-deċiżjoni kkontestata, ir-repetizzjoni tal-aġir ta' ksur tar-rikorrenti kienet inqas serja minn dik li kienet ikkunsidrat il-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li tbaxxi l-perċentwali ta' żieda tal-ammont tal-multa minħabba r-reċidiva għal 30 % u li għaldaqstant tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

## 3. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 102 TFUE

Din is-sena, l-attività tal-Qorti Ġenerali kienet ikkaratterizzata mill-kawża li wasslet għas-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, *Intel vs Il-Kummissjoni* [T-286/09, Ġabra (Estratti), appellata, EU:T:2014:547]. Il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet imponiet multa rekord li tammonta għal EUR 1.06 biljun fuq il-manifattur Amerikan ta' mikroproċessuri Intel Corp. talli abbuża, bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, mill-pożizzjoni dominanti tiegħu fis-suq dinji tal-proċessuri bejn l-2002 u l-2007, billi implementa strateġija intiża li teskludi mis-suq l-uniku kompetitur serju tiegħu. Din il-kawża tat lill-Qorti Ġenerali l-opportunità li tagħmel preċiżazzjonijiet importanti fir-rigward tal-kompetenza territorjali

tal-Kummissjoni [10], tal-modalità ta' prova ta' ksur, tat-tnaqqis imsejjaħ "għal esklużività", tal-prattiki msejħa "restrizzjonijiet ovvji" kif ukoll fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li, sabiex tiġi ġġustifikata l-kompetenza tal-Kummissjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, huwa suffiċjenti li jiġu stabbiliti l-effetti kklassifikati ta' prattiki abbużivi (jiġifieri, immedjati, sostanzjali u prevedibbli) jew l-implementazzjoni tagħhom fiż-ŻEE. Dawn għalhekk huma mezzi alternattivi u mhux kumulattivi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tistabbilixxi l-eżistenza ta' effetti konkreti. Skont il-Qorti Ġenerali, sabiex jiġi eżaminat jekk l-effetti tal-prattiki abbużivi fl-Unjoni humiex sostanzjali, ma hemmx lok li jiġi kkunsidrat b'mod iżolat l-aġir differenti li jifforma parti minn ksur uniku u kontinwat. Huwa suffiċjenti li l-ksur uniku, fl-intier tiegħu, ikun kapaċi jkollu effetti sostanzjali.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li ma hemmx lok li tiġi stabbilita regola ġenerali li d-dikjarazzjoni ta' impriża terza, li tindika li impriża f'pożizzjoni dominanti adottat ċertu aġir, ma tista' qatt tkun suffiċjenti waħedha sabiex tipprova l-fatti li jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 102 TFUE. F'każijiet bħal dak ta' din il-kawża li fihom ma kienx jidher li l-impriża terza kellha xi interess tinkrimina b'mod falz l-impriża f'pożizzjoni dominanti, id-dikjarazzjoni tal-impriża terza tista', bħala prinċipju, tkun suffiċjenti waħedha sabiex tipprova l-eżistenza ta' ksur.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala abbużiv tal-għoti ta' tnaqqis minn impriża f'pożizzjoni dominanti, tista' ssir distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' tnaqqis: it-tnaqqis għal kwantità, it-tnaqqis għal esklużività u t-tnaqqis bl-effett li potenzjalment joħloq fedeltà. It-tnaqqis għal esklużività, li l-għoti tiegħu huwa marbut mal-kundizzjoni li l-klijent jixtri għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew għal parti kbira tagħhom mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti, huwa inkompatibbli mal-għan ta' kompetizzjoni mhux distorta fis-suq intern meta jingħata minn tali impriża. Il-kapaċità antikompetittiva ta' tnaqqis hija bbażata fuq il-fatt li dan jista' jinċentiva klijent sabiex jagħżel provvista esklużiva. Issa l-eżistenza ta' tali inċentiv ma tiddependix mill-kwistjoni dwar jekk it-tnaqqis huwiex effettivament imnaqqas jew annullat fil-każ ta' ksur tal-kundizzjoni ta' esklużività. Fil-fatt, it-tnaqqis għal esklużività ma huwiex ibbażat – ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali – fuq prestazzjoni ekonomika li tiġġustifika tali vantaġġ finanzjarju, iżda għandu t-tendenza li jċaħħad lix-xerrej mill-possibbiltà li jagħżel liberament is-sorsi ta' provvista tiegħu jew jillimitalu din il-possibbiltà u li jostakola l-aċċess tal-produtturi l-oħra għas-suq. Dan it-tip ta' tnaqqis jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti jekk ma tkun teżisti ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għall-għoti tiegħu. It-tnaqqis għal esklużività mogħti minn impriża f'pożizzjoni dominanti għandu, min-natura tiegħu stess, il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u li jeskludi l-kompetituri mis-suq. Għalhekk, skont il-Qorti Ġenerali, fil-kawża inkwistjoni l-Kummissjoni ma kinitx obbligata twettaq evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ sabiex tipprova li t-tnaqqis kellu l-effett konkret jew potenzjali li jeskludi l-kompetituri mis-suq. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-għoti ta' tnaqqis għal esklużività minn soċju kummerċjali li ma jistax jiġi evitat, bħalma huwa fornitur f'pożizzjoni dominanti, jirrendi strutturalment iktar diffiċli l-possibbiltà għal kompetitur li jippreżenta offerta bi prezz attraenti u għaldaqstant li jikseb aċċess għas-suq. F'dan il-kuntest, in-natura possibbilment żgħira tal-partijiet tas-suq ikkonċernati mit-tnaqqis għal esklużività mogħtija minn impriża f'pożizzjoni dominanti ma hijiex tali li teskludi l-illegalità tiegħu. Għalhekk, impriża dominanti ma tistax tiġġustifika l-għoti ta' tnaqqis għal esklużività lil ċerti klijenti mill-fatt li l-kompetituri jibqgħu liberi li jfornu lill-klijenti l-oħra. Bl-istess mod, impriża f'pożizzjoni dominanti ma tistax tiġġustifika l-għoti ta' tnaqqis bil-kundizzjoni ta' provvista kważi esklużiva minn klijent

10 Dwar il-kompetenza territorjali tal-Kummissjoni, ara wkoll iktar 'il fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza *InnoLux vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (T-91/11, EU:T:2014:92), taħt "2. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE".

f'settur partikolari tas-suq mill-fatt li dan il-klijent jibqa' liberu li jixtri mingħand kompetituri sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu fis-setturi l-oħra. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat, permezz tat-test imsejjaħ "as efficient competitor test", jekk il-Kummissjoni vverifikatx il-kapaċità tat-tnaqqis li jeskludi kompetitur effikaċi daqs ir-rikorrenti.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li prattiki msejħa "restrizzjonijiet ovvji", li jikkonsistu fl-għoti, suġġett għal kundizzjonijiet, ta' ħlasijiet lill-klijenti tal-impriża f'pożizzjoni dominanti bil-għan li jipposponu, jannullaw jew jirrestrinġu b'mod jew b'ieħor il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott ta' kompetitur, jistgħu jirrendu iktar diffiċli l-aċċess għas-suq għal dan il-kompetitur u jippreġudikaw l-istruttura kompetittiva. L-implementazzjoni ta' kull waħda minn dawn il-prattiki tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, effett ta' esklużjoni ma jseħħx biss meta l-aċċess għas-suq isir impossibbli għall-kompetituri, iżda wkoll meta dan l-aċċess isir iktar diffiċli. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, il-prova tal-għan u tal-effett antikompetittiv tista', skont il-każ, tiġi kkunsidrata li hija l-istess ħaġa. Fil-fatt, jekk jintwera li l-għan tal-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti huwa li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, dan l-aġir jista' jwassal ukoll li jkollu tali effett. Impriża f'pożizzjoni dominanti tfittex li tilħaq għan antikompetittiv meta timpedixxi b'mod immirat il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mgħammra bi prodott ta' kompetitur partikolari, għaliex l-uniku interess li jista' jkollha li tagħmel dan huwa li tagħmel ħsara lil dan tal-aħħar. Impriża f'pożizzjoni dominanti għandha responsabbiltà partikolari li ma tippreġudikax, b'aġir li ma jaqax fl-ambitu tal-kompetizzjoni fuq il-merti, kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq komuni. Issa l-għoti ta' ħlasijiet lil klijenti bħala korrispettiv għal restrizzjonijiet imposti fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mgħammra bi prodott ta' kompetitur partikolari jaqa' b'mod ċar barra mill-ambitu ta' kompetizzjoni fuq il-merti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta l-Kummissjoni tistabbilixxi l-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni skont il-gravità, skont il-paragrafu 22 tal-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi, hija ma hijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' impatt konkret bħala fattur attenwanti, jekk l-imsemmija proporzjon tkun iġġustifikata minn elementi oħra li jistgħu jinfluwenzaw id-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur. Min-naħa l-oħra, jekk il-Kummissjoni tqis opportun li tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt konkret tal-ksur fuq is-suq bil-għan li żżid din il-proporzjon, hija għandha tipproduċi evidenza konkreta, kredibbli u suffiċjenti li tippermettilha tevalwa l-influwenza effettiva li l-ksur seta' kellu fuq il-kompetizzjoni fl-imsemmi suq. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu u kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u l-multa imposta fuq Intel, li hija l-ikbar multa li qatt ġiet imposta fuq impriża waħda fil-kuntest ta' proċedura għall-konstatazzjoni ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

## 4. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-5 ta' Settembru 2014, *Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni* (T-471/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:739), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet approvat għal darba oħra u b'mod retroattiv il-kumpannija Wendel Investissement SA bħala x-xerrejja tal-assi ċeduti abbażi tal-impenji relatati mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-konċentrazzjoni Lagardère/Natexis/VUP.

Filwaqt li rrilevat li l-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali ma kinux jipprekludu lill-Kummissjoni milli tirrevoka d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kundizzjonali kkontestata li kieku hija qieset li kien opportun li tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali fakkret li, għalkemm il-prinċipju ta' ċertezza legali, bħala regola ġenerali, jipprekludi li l-portata *ratione temporis* ta' att ikollha l-bidu tad-dekorrenza stabbilit għal data preċedenti għall-pubblikazzjoni tiegħu, jista' madankollu jkun mod ieħor b'mod eċċezzjonali meta l-għan li jkun irid jintlaħaq ikun jeħtieġ dan. F'dan il-każ,

l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' approvazzjoni retroattiva kienet tfittex li tissodisfa diversi għanijiet ta' interess ġenerali. Fil-fatt, id-deċiżjoni l-ġdida kellha l-għan li tirrimedja l-illegalità kkritikata mill-Qorti Ġenerali, ħaġa li tikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni l-ġdida kellha l-għan li timla l-vojt legali li rriżulta mill-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u, għaldaqstant, li tipproteġi ċ-ċertezza legali tal-impriżi suġġetti għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89 [11]. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali speċifikat, barra minn hekk, li, wara l-annullament ta' att amministrattiv, l-awtur tiegħu għandu jadotta att ġdid li jissostitwixxih billi jmur lura għad-data li fiha dan kien sar, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dak iż-żmien, u skont il-punti ta' fatt li kienu rilevanti dak iż-żmien. Madankollu, fid-deċiżjoni l-ġdida tiegħu, huwa jista' jinvoka motivi li ma humiex dawk li fuqhom kien ibbaża l-ewwel deċiżjoni tiegħu. Fil-fatt, il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet jeħtieġ analiżi prospettiva tas-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni li tista' tirriżulta fil-futur mill-konċentrazzjoni. F'dan il-każ, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kienet neċessarjament obbligata twettaq *a posteriori* l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni li rriżultat mill-konċentrazzjoni u għaldaqstant għamlet sewwa li eżaminat jekk l-analiżi tagħha mwettqa abbażi ta' elementi li hija kellha konjizzjoni tagħhom meta adottat id-deċiżjoni annullata kinitx ikkorroborata minn informazzjoni relattiva għall-perijodu sussegwenti għal din id-data.

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni ta' indipendenza ta' xerrej ta' assi ċeduti, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-kuntest ta' konċentrazzjoni, din il-kundizzjoni hija intiża, b'mod partikolari, li tiggarantixxi l-kapaċità tax-xerrej li jaġixxi fis-suq bħala kompetitur effettiv u awtonomu, mingħajr ma l-istrateġija tiegħu u l-għażliet tiegħu jkunu jistgħu jiġu influwenzati miċ-ċedent. Din l-indipendenza tista' tiġi evalwata billi jiġu eżaminati r-rabtiet ta' kapital u r-rabtiet finanzjarji, kummerċjali, personali u materjali bejn iż-żewġ kumpanniji. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-fatt li wieħed mill-amministraturi taċ-ċessjonarju kien membru tal-bord ta' sorveljanza u tal-bord tal-awdituri taċ-ċedent fl-istess waqt ma kienx inkompatibbli mal-imsemmija kundizzjoni ta' indipendenza. Skont il-Qorti Ġenerali, din il-kundizzjoni kienet ġiet osservata, peress li, fuq talba tal-Kummissjoni, iċ-ċessjonarju kien impenja ruħu formalment, qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, minn naħa, li din il-persuna ttemm il-mandati tagħha fi ħdan din il-kumpannija f'terminu ta' sena mid-data tal-approvazzjoni tal-kandidatura ta' din tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, li huwa ma jipparteċipax, matul dan l-intervall, fid-deliberazzjonijiet tal-bord tad-diretturi u tal-bordijiet interni l-oħra meta dawn kienu relatati mal-attivitajiet ta' pubblikazzjoni tal-grupp u li ma jirċievi ebda informazzjoni kunfidenzjali dwar is-settur tal-pubblikazzjoni min-naħa tad-diretturi jew maniġers tal-operazzjonijiet ta' din il-kumpannija.

### *Għajnuna mill-Istat*

#### 1. Ammissibbiltà

Il-ġurisprudenza ta' din is-sena tagħmel preċiżazzjonijiet utli f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kunċett ta' interess individwali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat [12].

Il-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, *Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni* (T-457/09, Ġabra, EU:T:2014:683), qajmet il-kwistjoni jekk azzjonarju

[11] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

[12] Dwar il-kunċett ta' att regolatorju li jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ara wkoll iktar 'il fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, *Dansk Automat Brancheforening vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:839), taħt "Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikolu 265 TFUE".

ta' bank li kien jibbenefika minn għajnuna setax jitqies li kien ikkonċernat individwalment mid-deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet.

Filwaqt li fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, għajr jekk tkun tista' tinvoka interess ġuridiku li huwa distint minn dak ta' kumpannija kkonċernata minn att tal-Unjoni u li fiha hija żżomm parti mill-kapital, persuna ma tistax tiddefendi l-interessi tagħha fil-konfront ta' dan l-att ħlief billi teżerċita d-drittijiet ta' soċju ta' din il-kumpannija, li, min-naħa tagħha, għandha d-dritt li tippreżenta rikors, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk l-interess ġuridiku tar-rikorrent setax jitqies li kien distint minn dak tal-bank benefiċjarju tal-għajnuna f'dak li jirrigwarda l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li dan l-interess kien tabilħaqq distint f'dak li kien jirrigwarda l-obbligu ta' bejgħ inkluż fl-anness tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, dan l-obbligu kien jikkonċerna biss lill-azzjonisti, li kienu obbligati jirrinunzjaw, f'termini imperattivi, għad-dritt tagħhom ta' proprjetà fuq il-bank benefiċjarju tal-għajnuna sabiex din tal-aħħar tkun awtorizzata. L-imsemmi bank, min-naħa l-oħra, ma kellu jwettaq l-ebda azzjoni bis-saħħa ta' dan l-obbligu, li ma kienx jaffettwa l-assi tiegħu u ma kienx jikkundizzjona l-aġir tiegħu fis-suq. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet l-oħra li kienu jirriżultaw mid-deċiżjoni kkontestata, inklużi dawk relatati mat-tnaqqis fil-karta tal-bilanċ tal-bank benefiċjarju tal-għajnuna, il-Qorti Ġenerali osservat li dawn kienu relatati mal-attività kummerċjali tal-imsemmi bank. Dan tal-aħħar seta' jsostni huwa stess kull argument, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kkontestata, dwar l-illegalità jew l-assenza ta' neċessità ta' dawn il-kundizzjonijiet. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li kienu jirriżultaw mid-deċiżjoni kkontestata ħlief għal dik relatata mal-obbligu ta' bejgħ, l-interess ġuridiku tar-rikorrent kien jikkoinċidi ma' dak tal-bank benefiċjarju tal-għajnuna u li għalhekk huwa ma kienx ikkonċernat individwalment mill-imsemmija deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, hija kkunsidrat li r-rikorrent kien ikkonċernat individwalment minn din id-deċiżjoni sa fejn l-awtorizzazzjoni tal-għajnuna inkwistjoni kienet ġiet suġġetta għall-osservanza tal-obbligu ta' bejgħ.

## 2. Kwistjonijiet fil-mertu

### a) Kunċett ta' għajnuna mill-Istat

Fis-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, *Autogrill España vs Il-Kummissjoni* (T-219/10, Ġabra, EU:T:2014:939) u *Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni* (T-399/11, Ġabra, EU:T:2014:938), il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-kunċett ta' selettività, li jikkostitwixxi kriterju determinanti għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat.

Ġiet ikkontestata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara s-sistema fiskali Spanjola ta' tnaqqis tal-akkwisti ta' ishma f'kumpanniji barranin inkompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni kienet ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali minn tliet impriżi stabbiliti fi Spanja, li kkontestaw il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat magħmula fid-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda s-sistema kkonċernata billi bbażaw ruħhom, b'mod partikolari, fuq l-assenza ta' selettività tal-imsemmija sistema.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li s-sistema inkwistjoni kienet selettiva. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, l-ewwel nett, li, anki jekk jitqies li tkun stabbilita, l-eżistenza ta' deroga jew eċċezzjoni għal kuntest ta' referenza – f'dan il-każ, is-sistema ġenerali tat-taxxa fuq il-kumpanniji u, iktar preċiżament, ir-regoli dwar it-trattament fiskali tal-avvjament finanzjarju – ma tippermettix fiha nfisha li jiġi stabbilit li miżura tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, peress li din il-miżura hija aċċessibbli, *a priori*, għal kull impriża. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali spjegat li s-sistema kontenzjuża ma kienet tkopri ebda kategorija partikolari ta' impriżi jew ta' produtturi, iżda kategorija ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi. Fil-fatt, hija kienet

tapplika għal kull akkwist ta' ishma ta' mill-inqas 5 % f'kumpanniji barranin miżmuma b'mod mhux interrott għal mill-inqas sena.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ibbażat fuq selettività li tista' tkun ibbażata fuq il-fatt li s-sistema kienet tiffavorixxi biss lil ċerti gruppi ta' impriżi li kienu jwettqu ċertu investiment barra l-pajjiż. Tali approċċ seta' jwassal sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' selettività għal kull miżura fiskali li l-benefiċċju tagħha huwa suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, minkejja li l-impriżi benefiċjarji ma kienu jaqsmu ebda karatteristika proprja li tiddistingwihom minn impriżi oħra, minbarra s-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet rikjesti għall-għoti tal-miżura.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li miżura li tista' tibbenefika mingħajr distinzjoni lill-impriżi kollha li jinsabu fit-territorju tal-Istat ikkonċernat ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fid-dawl tal-kriterju tas-selettività. Barra minn hekk, il-konstatazzjoni tas-selettività ta' miżura għandha tkun ibbażata, b'mod partikolari, fuq differenza fit-trattament bejn kategoriji ta' impriżi li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-istess Stat Membru u mhux fuq differenza fit-trattament bejn l-impriżi ta' Stat Membru u dawk ta' Stati Membri oħra. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-fatt li miżura tiffavorixxi lill-impriżi taxxabbli fi Stat Membru meta mqabbla mal-impriżi taxxabbli fl-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari sa fejn tiffaċilita l-akkwist ta' ishma minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru fil-kapital ta' impriżi stabbiliti barra mill-pajjiż, huwa irrilevanti għall-analiżi tal-kriterju tas-selettività u jippermetti biss li jiġi kkonstatat, jekk ikun il-każ, effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ.

Il-kundizzjoni ta' selettività ta' miżura kienet ukoll is-suġġett prinċipali diskuss fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2014, *Hansestadt Lübeck vs Il-Kummissjoni* [T-461/12, Ġabra (Estratti), appellata, EU:T:2014:758]. Il-kwistjoni f'dan il-każ kienet tirrigwarda l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat ta' regolament dwar it-tariffi tal-ajruport ta' Lübeck (il-Ġermanja), magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward ta' diversi miżuri li jikkonċernaw l-imsemmi ajruport. Din il-klassifikazzjoni ġiet ikkontestata mill-belt ta' Lübeck għar-raġuni li r-regolament kontenzjuż ma setax jitqies li kien ta' natura selettiva.

Adita b'talba għall-annullament parzjali tal-imsemmija deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex tiġi evalwata s-selettività ta' miżura, għandu jiġi eżaminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, din il-miżura tikkostitwixxix vantaġġ għal ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli. Madankollu, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ma jirreferix għall-miżuri tal-Istat li jintroduċu distinzjoni bejn l-impriżi u, għaldaqstant, *a priori* selettivi, meta din id-distinzjoni tirriżulta min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li jagħmlu parti minnha.

F'dan il-kuntest, sabiex tiġi evalwata n-natura eventwalment selettiva fir-rigward ta' ċerti impriżi ta' livell tariffarju stabbilit minn entità pubblika għall-użu ta' oġġett jew servizz speċifiku f'settur partikolari, għandu, b'mod partikolari, isir riferiment għall-impriżi kollha li jużaw, jew li jistgħu jużaw, dan l-oġġett jew servizz determinat u jiġi eżaminat jekk humiex biss xi wħud minnhom li jibbenefikaw, jew jistgħu jibbenefikaw, minn tali vantaġġ. Għalhekk, is-sitwazzjoni tal-impriżi li ma jridux, jew li ma jistgħux, jużaw l-oġġett jew is-servizz inkwistjoni ma hijiex direttament rilevanti biex tiġi evalwata l-eżistenza ta' vantaġġ. Fi kliem ieħor, in-natura selettiva ta' miżura li tikkonsisti f'livell tariffarju stabbilit minn entità pubblika għall-użu ta' oġġett jew servizz ipprovdut minn din l-entità tista' tiġi evalwata biss fir-rigward tal-klijenti, attwali jew potenzjali, tal-imsemmija entità u tal-oġġett jew tas-servizz speċifiku inkwistjoni, u mhux fir-rigward, b'mod partikolari, tal-klijenti ta' impriżi oħra tas-settur li jipprovdu oġġetti jew servizzi simili. Għaldaqstant, sabiex eventwali vantaġġ mogħti minn entità pubblika, fil-kuntest tal-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi speċifiċi, jiffavorixxi lil ċerti impriżi, huwa neċessarju li impriżi li jużaw, jew li jixtiequ jużaw, dan l-oġġett jew

servizz ma jibbenefikawx, jew ma jistgħux jibbenefikaw, mill-imsemmi vantaġġ min-naħa ta' din l-entità f'dan il-kuntest speċifiku.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali qieset li, f'dan il-każ, is-sempliċi fatt li r-regolament kontenzjuż kien japplika biss għall-kumpanniji tal-ajru li jużaw l-ajruport ta' Lübeck ma kienx kriterju rilevanti sabiex jitqies li dan ir-regolament kien ta' natura selettiva.

## b) Servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali

Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014, *DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni* (T-533/10, Ġabra, appellata, EU:T:2014:629) tat lill-Qorti Ġenerali l-opportunità li tfakkar il-prinċipji li jirregolaw l-istħarriġ mill-qorti tal-Unjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tas-servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem is-"SIEĠ") u, b'mod partikolari, is-servizzi ta' xandir.

Din is-sentenza oriġinat mir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat li r-Renju ta' Spanja kien qiegħed jippjana li jimplementa favur ix-xandar pubbliku tar-radju u tat-televiżjoni u li kienet ibbażata fuq liġi li temenda s-sistema ta' finanzjament tas-servizz pubbliku ta' xandir.

Il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni tal-funzjoni ta' servizz pubbliku ta' xandir u fir-rigward tad-determinazzjoni tal-organizzazzjoni tagħha. Għaldaqstant, il-kontroll li teżerċita l-Kummissjoni f'dan ir-rigward huwa limitat. Peress li l-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar tkopri fatti ekonomiċi kumplessi, l-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam huwa saħansitra iktar limitat. Dan l-istħarriġ huwa limitat għal verifika ta' jekk il-miżura inkwistjoni hijiex manifestament inadegwata meta kkunsidrata fid-dawl tal-għan segwit. Fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tas-servizz pubbliku ta' xandir, l-Artikolu 106(2) TFUE ma jipprekludix li Stat Membru jagħżel definizzjoni wiesgħa ta' dan is-servizz pubbliku u li jagħti lil xandar il-funzjoni li jipprovdi skeda ta' programmi bbilanċjata u varjata, li tista' tinkludi t-trażmissjoni mill-ġdid ta' avvenimenti sportivi u x-xandir ta' films. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li servizz pubbliku ta' xandir jikkompeti mal-operaturi privati fis-suq tal-akkwist ta' kontenut u, f'ċerti każijiet, jirbħilhom, ma jistax, fih innifsu, juri żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni.

Skont il-Qorti Ġenerali, ma jkunx, madankollu, kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE li xandar jadotta aġir antikompetittiv fil-konfront tal-operaturi privati fis-suq billi japplika, pereżempju, prassi fejn jagħmel b'mod sistematiku offerti għolja wisq f'irkanti fis-suq tal-akkwist ta' kontenut. Tali aġir ma jistax jitqies li huwa neċessarju għat-twettiq tal-mandat ta' servizz pubbliku tiegħu.

Barra minn hekk, mit-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li t-twettiq tal-funzjoni ta' servizz pubbliku ma għandhiex taffettwa l-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess tal-Unjoni u li mill-Protokoll Nru 29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri li jikkompleta t-Trattati UE u FUE jirriżulta li l-finanzjament ta' xandar pubbliku ma għandux jibdel, b'mod li jmur kontra l-interess komuni, il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni. Minn dan jirriżulta li, sabiex skema ta' għajnuna favur operatur inkarigat b'funzjoni ta' interess pubbliku tkun tista' titqies li ma tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, hija għandha tibdel il-kummerċ u l-kompetizzjoni b'mod sostanzjali u b'mod manifestament sproporzjonat meta kkunsidrata fid-dawl tal-għanijiet segwiti mill-Istati Membri. Sabiex ikun jista' jiġi konkluż li teżisti tali bidla, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li attività bħala operatur privat fis-suq nazzjonali tax-xandir hija eskluża jew reża eċċessivament diffiċli, ħaġa li, f'dan il-każ, ma kinitx ġiet ipprovata.

Is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, *Zweckverband Tierkörperbeseitigung vs Il-Kummissjoni* (T-309/12, appellata, EU:T:2014:676), kif ukoll is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* (T-295/12, appellata, EU:T:2014:675), mogħtija fil-kuntest tar-rikors ippreżentat mill-Istat Ġermaniż kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni inkwistjoni fil-kawża *Zweckverband Tierkörperbeseitigung vs Il-Kummissjoni*, ukoll taw lill-Qorti Ġenerali l-opportunità li terġa' tittratta d-definizzjoni ta' SIEĠ.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li huma jqisu li huwa SIEĠ. Konsegwentement, id-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru tista' titqiegħed fid-dubju mill-Kummissjoni biss fil-każ ta' żball manifest. Madankollu, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat b'dan il-mod, is-servizz ikkonċernat għandu jkun ta' importanza ekonomika ġenerali b'karatteristiċi speċifiċi meta mqabbel ma' dik ta' attivitajiet ekonomiċi oħra. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-prinċipju li jirriżulta mis-sentenza *GEMO* [13], li jgħid li l-piż finanzjarju kkawżat mir-rimi ta' karkassi ta' annimali u ta' skart tal-biċċeriji għandu jitqies li huwa spiża inerenti fl-attività ekonomika ta' min irabbi l-annimali u tal-biċċeriji, japplika wkoll għall-ispejjeż li jirriżultaw miż-żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet fil-każ ta' mard epiżotiku. Barra minn hekk, din il-konklużjoni tgħodd ukoll b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġeż iħallas". Għalhekk, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 106(2) TFUE meta kkunsidrat li, billi kklassifikaw iż-żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet fil-każ ta' mard epiżotiku bħala SIEĠ, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni. Lanqas ma wettqet żball ta' liġi l-Kummissjoni meta kkonstatat l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku għar-rikorrenti, peress li, matul il-perijodu kopert mid-deċiżjoni kkontestata, il-kriterji kollha stabbiliti mis-sentenza *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [14] f'ebda mument ma kienu ġew issodisfatti kumulattivament.

## c) Għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern

Tliet deċiżjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni partikolari din is-sena f'dak li jirrigwarda s-suġġett tal-għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza *Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:683), il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-legalità ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li l-għajnuna mogħtija mill-Istat Ġermaniż favur ir-ristrutturazzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja kienet kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, meta, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni wiesgħa li għandha sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq interni bis-saħħa tal-Artikolu 107(3) TFUE, il-Kummissjoni teżiġi li, sabiex għajnuna tiġi awtorizzata, l-Istat Membru kkonċernat jintrabat li jsegwi pjan li jippermetti li jintlaħqu ċerti għanijiet leġittimi preċiżi, hija ma hijiex obbligata li tispjega n-neċessità ta' kull miżura prevista minn dan il-pjan, u lanqas li timponi biss il-miżuri l-inqas restrittivi possibbli fost dawk li jistgħu jiżguraw, minn naħa, li l-benefiċjarju tal-għajnuna jerġa' jkun vijabbli fuq perijodu ta' żmien twil u, min-naħa l-oħra, li l-għajnuna ma tipprovokax distorsjonijiet eċċessivi tal-kompetizzjoni. Dan ikun il-każ biss meta l-Istat Membru kkonċernat ikun intrabat minn qabel li jsegwi pjan ta' ristrutturazzjoni inqas restrittiv, li jissodisfa dawn l-għanijiet b'mod daqstant xieraq, jew meta huwa jkun wera l-oppożizzjoni tiegħu għall-inklużjoni ta' ċerti miżuri fl-imsemmi pjan u jkun intrabat li jsegwih għar-raġuni li l-Kummissjoni kienet indikatlu definittivament li l-għajnuna ma kinitx ser tkun awtorizzata fl-assenza ta' dawn il-miżuri, b'mod li d-deċiżjoni li

[13] Sentenza tal-20 ta' Novembru 2003, *GEMO* (C-126/01, Ġabra, EU:C:2003:622).

[14] Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* (C-280/00, Ġabra, EU:C:2003:415).

l-għoti tal-għajnuna tintrabat mal-kundizzjoni li jiġu osservati l-imsemmija miżuri ma tistax, f'dawn il-każijiet, tiġi attribwita lill-Istat Membru kkonċernat. F'dan il-każ, peress li l-Kummissjoni ma kinitx ikkunsidrat li l-garanzija kkostitwita favur il-Land ta' Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) setgħet tiġi awtorizzata biss fid-dawl tal-eżistenza ta' pjan ta' ristrutturazzjoni li jipprovdi għall-implementazzjoni ta' ċerti miżuri, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx loġiku li jkun meħtieġ mill-Kummissjoni li tindika r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tagħha li tawtorizza l-għajnuna kellha tkun ikkundizzjonata għall-fatt li dawn il-miżuri jiġu implementati. Barra minn hekk, abbażi ta' raġunament analogu, hija kkunsidrat li l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità ma teħtieġx li l-Kummissjoni tissuġġetta l-awtorizzazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni għall-miżuri strettament meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabbiltà tal-benefiċjarju tal-għajnuna u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet eċċessivi tal-kompetizzjoni jekk dawn il-miżuri jagħmlu parti minn pjan ta' ristrutturazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun intrabat li jsegwi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-Artikolu 345 TFUE, li jgħid li "[i]t-Trattati għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri", ma jimpedixxix lill-Kummissjoni milli tissuġġetta l-awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat indirizzata lil impriża li għandha tiġi rristrutturata għall-bejgħ ta' din tal-aħħar, meta dan huwa intiż li jiżgura l-vijabbiltà tagħha fuq perijodu ta' żmien twil.

Fit-tieni lok, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' April 2014, *ABN Amro Group vs Il-Kummissjoni* (T-319/11, Ġabra, EU:T:2014:186), ġiet ikkontestata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-miżuri implementati mill-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi favur ir-rikorrenti kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni kienet tinkludi projbizzjoni milli jsiru akkwisti matul tliet snin, bl-esklużjoni ta' akkwisti ta' ċerti tipi u ta' ċertu daqs minimu, u kienet estiża għal ħames snin fil-każ li, wara tliet snin, l-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi baqa' jżomm iktar minn 50 % tar-rikorrenti.

Adita b'rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-validità tal-analiżi tal-Kummissjoni li kienet qed tgħid li l-għan ta' akkwisti għandu jkun li tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-entità benefiċjarja tal-għajnuna, li jimplika li kull akkwist iffinanzjat permezz ta' għajnuna mill-Istat li ma huwiex strettament neċessarju sabiex jiżgura r-ritorn għall-vijabbiltà tal-kumpannija benefiċjarja jikser il-prinċipju li l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu strettament neċessarju. Peress li, f'dan il-każ, l-għan kien li jiġi żgurat li l-fondi tal-bank benefiċjarju jintużaw għar-rimbors tal-għajnuna qabel ma jsir kull akkwist ġdid, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-projbizzjoni milli jsiru akkwisti fil-forma ta' akkwisti ta' ishma ta' 5 % jew iktar fl-impriżi ta' kwalunkwe settur kienet konformi mal-prinċipji li jinsabu fid-diversi komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, b'mod partikolari dik dwar ir-ristrutturazzjoni [15]. F'dak li jirrigwarda t-tul tal-projbizzjoni, minkejja li l-Komunikazzjoni dwar ir-ristrutturazzjoni ma tiddefinixxix b'mod konkret tul għal projbizzjonijiet ta' akkwisti imposti sabiex tiġi żgurata l-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu neċessarju, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, sa fejn il-paragrafu 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-ristrutturazzjoni kien jirreferi għar-ristrutturazzjoni tal-benefiċjarju, seta' jiġi dedott li tali miżura setgħet titqies li kienet fondata sakemm ikun jeżisti tali kuntest. Minn dan ikkonkludiet li ma setax jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet kisret il-komunikazzjonijiet, u b'mod partikolari l-Komunikazzjoni dwar ir-ristrutturazzjoni, meta applikat tul massimu ta' ħames snin għall-projbizzjoni kkontestata.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata ma kkunsidratx li l-proprjetà tal-Istat kienet ekwivalenti għal għajnuna mill-Istat u identifikat raġuni oġġettiva li għaliha

15 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat (ĠU 2009, C 195, p. 9).

ż-żamma tal-maġġoranza tal-ishma fil-bank mill-Istat intużat bħala punt ta' riferiment, b'mod li ma setax jiġi konkluż li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-proprjetà tal-Istat.

Fit-tielet lok, fis-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014, *Castelnou Energía vs Il-Kummissjoni* (T-57/11, Ġabra, EU:T:2014:1021), il-Qorti Ġenerali speċifikat il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent fil-kuntest tal-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat mill-Kummissjoni. F'dan il-każ, ir-rikorrenti kkontestat, abbażi ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent, id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat l-iskema implementata mir-Renju ta' Spanja favur il-produzzjoni ta' elettriku minn faħam prodott fi Spanja kompatibbli mas-suq intern.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta l-Kummissjoni tapplika l-proċedura fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, hija marbuta, skont l-istruttura ġenerali tat-Trattat, li tosserva l-koerenza bejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat u d-dispożizzjonijiet speċifiċi differenti minn dawk dwar l-għajnuna mill-Istat u, b'dan il-mod, li tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni ma' dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi. Madankollu, tali obbligu huwa impost fuq il-Kummissjoni biss fir-rigward tal-modalitajiet ta' għajnuna li jkunu tant marbuta b'mod inseparabbli mal-għan tal-għajnuna li ma jkunx possibbli li jiġu evalwati b'mod iżolat. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza, hija l-Kummissjoni li, fl-evalwazzjoni ta' miżura ta' għajnuna fid-dawl tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent imsemmija fl-Artikolu 11 TFUE, il-qorti tal-Unjoni stabbilixxiet tali obbligu għall-evalwazzjoni ta' għajnuna li ssegwi għanijiet marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent, peress li din l-għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) jew (ċ) TFUE. Min-naħa l-oħra, fl-evalwazzjoni tagħha ta' miżura ta' għajnuna li ma ssegwix għan ambjentali, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta tieħu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent fl-eżami tagħha tal-għajnuna u tal-modalitajiet li huma marbuta magħha b'mod inseparabbli.

Barra minn hekk, jekk għajnuna intiża sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, tkun ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq intern, minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ambjentali, minkejja li kienet konformi mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE, minn dan ikun irriżulta ksur tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali fl-istabbiliment ta' SIEĠ, kif ukoll estensjoni korrelattiva tal-attribuzzjonijiet tal-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilha permezz tal-Artikoli 106 TFUE sa 108 TFUE. Il-kompetenzi eżerċitati mill-Kummissjoni f'dan il-kuntest u l-proċedura speċifika ta' eżami tal-kompatibbiltà tal-għajnuna ma jistgħux jissostitwixxu l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li biha l-Kummissjoni tiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Kummissjoni kellha raġun tikkunsidra li l-fatt li l-imsemmija miżura kienet twassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-impjanti li jaħdmu bil-faħam indiġenu kif ukoll fil-prezz tal-kwoti ta' emissjonijiet ma jwassalx għal żieda fis-$CO_2$ emess globalment fi Spanja.

## *Proprjetà intellettwali*

### 1. Trade mark Komunitarja

### a) Raġunijiet assoluti għal rifjut

Fl-2014, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar ir-raġuni assoluta għal reġistrazzjoni bbażata fuq l-assenza ta' karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [16].

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tas-16 ta' Jannar 2014, *Steiff vs UASI (Buttuna tal-metall f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal)* (T-433/12, EU:T:2014:8) u *Steiff vs UASI* (*Tikketta b'buttuna tal-metall f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal*) (T-434/12, EU:T:2014:6), il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni fuq ir-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom l-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) kien irrifjuta r-reġistrazzjoni ta' sinjal li jikkonsisti fit-twaħħil ta' buttuna f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal u fit-twaħħil ta' tikketta permezz ta' buttuna f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal, rispettivament, bħala trade marks Komunitarji, minħabba l-assenza ta' karattru distintiv tat-trade marks li għalihom saret l-applikazzjoni.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-trade marks li għalihom saret l-applikazzjoni kienu jikkoinċidu ma' wieħed mill-modi possibbli kif jidhru l-ġugarelli rotob fil-forma ta' annimal. Fil-fatt, bħala "trade marks ta' pożizzjoni", huma kienu jikkoinċidu neċessarjament mad-dehra tal-ġugarelli rotob fil-forma ta' annimal, peress li, mingħajr it-twaħħil fiss tal-buttuna u tat-tikketta fil-post preċiż tal-prodotti inkwistjoni, huma ma kinux jeżistu. Barra minn hekk, buttuni u stikers żgħar jikkostitwixxu elementi ta' konfigurazzjoni komuni fuq il-ġugarelli rotob fil-forma ta' annimal. Billi l-konsumaturi ma għandhomx l-abitudni jassumu l-oriġini kummerċjali tal-prodotti billi jibbażaw ruħhom fuq sinjali li jikkoinċidu mad-dehra ta' dawn l-istess prodotti, it-trade marks li għalihom saret l-applikazzjoni għalhekk messhom kienu differenti, b'mod sinjifikattiv, mill-istandard jew mill-abitudnijiet tas-settur.

Issa sa fejn, minn naħa, il-buttuni u t-tikketti jikkostitwixxu elementi ta' konfigurazzjoni komuni fuq il-ġugarelli rotob fil-forma ta' annimal u, min-naħa l-oħra, il-konsumaturi huma mdorrija b'varjetà kbira ferm ta' dawn il-prodotti, tad-disinni tagħhom u tal-konfigurazzjonijiet possibbli tagħhom, il-Qorti Ġenerali qieset li t-twaħħil ta' buttuni u ta' tikketti fil-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal, li fil-fatt joħloq kombinazzjoni ordinarja, li tiġi pperċepita mill-pubbliku bħala element dekorattiv, bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa eċċezzjonali. Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, il-pubbliku destinatarju ma setax jassumi l-indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali mit-twaħħil ta' tali buttuni u tikketti. Minn dan hija ddeduċiet li t-trade marks inkwistjoni ma kellhomx il-karattru distintiv minimu meħtieġ.

### b) Raġunijiet relattivi għal rifjut

Fis-sentenza tad-9 ta' April 2014, *Pico Food vs UASI – Sobieraj (MILANÓWEK CREAM FUDGE)* (T-623/11, Ġabra, EU:T:2014:199), il-Qorti Ġenerali evalwat il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn diversi trade marks figurattivi li jirrappreżentaw baqra u li jinkludu elementi verbali.

[16] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (verżjoni kkodifikata) (ĠU L 78, p. 1).

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, għalkemm huwa veru li s-sinjali kunfliġġenti kienu jippreżentaw ċertu xebh viżiv minħabba l-preżenza komuni ta' element figurattiv li jirrappreżenta baqra, dan l-element, f'dan il-każ, kien jippreżenta karattru allużiv fir-rigward tal-prodotti kkonċernati u għalhekk kellu karattru distintiv dgħajjef. Barra minn hekk, hija rrilevat li, anki jekk jiġi preżunt li t-trade marks preċedenti kienu jibbenefikaw minn karattru distintiv imsaħħaħ bl-użu fit-territorju rilevanti, il-Bord tal-Appell ma wettaq ebda żball meta kkunsidra, f'dan il-każ, li ma kinitx teżisti probabbiltà ta' konfużjoni għall-pubbliku rilevanti, u dan minkejja l-identiċità tal-prodotti kkonċernati. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Bord tal-Appell kien tabilħaqq ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li t-trade marks preċedenti setgħu, fejn applikabbli, akkwistaw karattru distintiv imsaħħaħ bl-użu fit-territorju rilevanti, iżda madankollu kien ikkunsidra ġustament li dan l-eventwali fatt ma kienx jippermetti li jiġi konkluż li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali speċifikat li teżisti differenza bejn il-fatt li jiġi kkunsidrat, fil-kuntest tal-paragun tas-sinjali, li wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu trade mark kumplessa għandu karattru distintiv dgħajjef u l-fatt li jiġi kkunsidrat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, li trade mark preċedenti tibbenefika jew le minn karattru distintiv imsaħħaħ bl-użu.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *Coca-Cola vs UASI – Mitico (MASTER)* (T-480/12, Ġabra, EU:T:2014:1062), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha t-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI kien ikkonferma ċ-ċaħda tal-oppożizzjoni mressqa mir-rikorrenti kontra l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja figurattiva Master.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali osservat li s-sinjali kunfliġġenti, jiġifieri, minn naħa, is-sinjali preċedenti li kienu komposti mill-kliem stilizzat "coca-cola" jew mill-ittra kapitali stilizzata "C" u, min-naħa l-oħra, is-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni li kien kompost mill-kelma stilizzata "master", li kellha kelma Għarbija fuqha, kellhom differenzi viżivi manifesti. Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dawn is-sinjali kellhom ukoll elementi ta' xebh viżiv, dovut għall-użu komuni tagħhom ta' tipa mhux komuni fin-negozju kontemporanju. Skont il-Qorti Ġenerali, minn evalwazzjoni globali tal-elementi ta' xebh u ta' differenza kien jirriżulta li s-sinjali kunfliġġenti, tal-inqas it-trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti "Coca-Cola" u t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni "Master", kienu jippreżentaw livell baxx ta' xebh, peress li d-differenzi fonetiċi u kunċettwali tagħhom kienu nnewtralizzati mill-elementi ta' xebh viżiv ġlobali, ta' importanza ikbar. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, fid-dawl b'mod partikolari tal-qosor tagħha, it-trade mark nazzjonali preċedenti "C" kienet differenti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

Filwaqt li fakkret li l-eżistenza ta' xebh, anki dgħajjef, bejn is-sinjali kunfliġġenti tikkostitwixxi kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 u li l-livell ta' dan ix-xebh jikkostitwixxi fattur rilevanti għall-evalwazzjoni ta' rabta bejn l-imsemmija sinjali, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-evalwazzjoni globali intiża li tistabbilixxi l-eżistenza fi ħdan il-pubbliku rilevanti ta' rabta bejn it-trade marks kunfliġġenti, skont din id-dispożizzjoni, twassal għall-konklużjoni li, fid-dawl tal-livell ta' xebh, anki żgħir, bejn dawn it-trade marks, teżisti probabbiltà li dan il-pubbliku jista' jistabbilixxi tali rabta. Filwaqt li kkonstatat li l-Bord tal-Appell ma kienx ta' deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li ma kienx il-kompitu tagħha li tagħti deċiżjoni f'dan ir-rigward, għall-ewwel darba, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Hija kkonkludiet li kien il-Bord tal-Appell li kellu jeżamina l-imsemmija kundizzjonijiet għall-applikazzjoni billi jieħu inkunsiderazzjoni l-livell ta' xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti, ċertament baxx, iżda madankollu suffiċjenti sabiex il-pubbliku rilevanti jagħmel konnessjoni bejn dawn is-sinjali.

Mitluba wkoll tevalwa l-kunċett ta' vantaġġ inġust meħud mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li tali vantaġġ huwa stabbilit,

b'mod partikolari, fil-każ ta' tentattiv ta' sfruttament u ta' parassitiżmu manifesti ta' trade mark magħrufa u li, għaldaqstant, isir riferiment għalih permezz tal-kunċett ta' "riskju ta' parassitiżmu". F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell f'dan il-każ ma kinitx konformi mal-prinċipju, stabbilit mill-ġurisprudenza, li jgħid li konklużjoni li jeżisti riskju ta' parassitiżmu abbażi tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 tista' tiġi stabbilita b'mod partikolari abbażi ta' deduzzjonijiet loġiċi li jirriżultaw minn analiżi tal-probabbiltajiet u fid-dawl tal-prattiki abitwali fis-settur kummerċjali rilevanti kif ukoll ta' kull ċirkustanza oħra tal-każ, inkluż l-użu, mill-proprjetarju tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, ta' ppakkjar simili għal dak tal-prodotti tal-proprjetarju tat-trade marks preċedenti. Peress li din il-ġurisprudenza tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-provi kollha intiżi li jiffaċilitaw l-imsemmija analiżi tal-probabbiltajiet fir-rigward tal-intenzjonijiet tal-proprjetarju tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Bord tal-Appell wettaq żball meta ċaħad il-provi dwar l-użu kummerċjali tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni prodotti mir-rikorrenti. L-argument li rikorrent jista' jsostni tali provi fil-kuntest ta' proċedimenti ta' vjolazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 huwa irrilevanti, peress li jinjora l-istruttura tal-imsemmi regolament u l-finalità tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, li tikkonsisti, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba, f'li jiġi żgurat li t-trade marks li l-użu tagħhom jista', iktar 'l isfel, jiġi kkontestat b'suċċess quddiem il-qrati ma jkunux irreġistrati iktar 'il fuq.

### c) Kwistjonijiet proċedurali

Fis-sentenza tal-5 ta' Marzu 2014, *HP Health Clubs Iberia vs UASI – Shiseido (ZENSATIONS)* (T-416/12, EU:T:2014:104), il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-fatt li, skont l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni, l-eżami għandu jkun ristrett għall-fatti, għall-provi u għall-argumenti ppreżentati mill-partijiet u għar-rimedji mitluba ma kienx ifisser li l-UASI kellu jikkunsidra li kull allegazzjoni magħmula lilu minn parti hija fondata, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni mill-parti l-oħra.

Barra minn hekk, fis-sentenza tal-25 ta' Settembru 2014, *Peri vs UASI [Forma ta' għodda għall-issikkar ta' kamin (turnbuckle)]* (T-171/12, Ġabra, EU:T:2014:817), il-Qorti Ġenerali speċifikat li, bħala prinċipju, restrizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 207/2009, tal-lista tal-prodotti jew tas-servizzi li jinsabu f'applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, li sseħħ wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni kkontestata mill-Bord tal-Appell, ma tistax taffettwa l-legalità tal-imsemmija deċiżjoni, li hija l-unika waħda kkontestata quddiem din il-Qorti Ġenerali. Jibqa' l-fatt li, skont il-Qorti Ġenerali, deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-UASI tista', f'ċerti każijiet, tiġi kkontestata quddiemha biss f'dak li jirrigwarda wħud mill-prodotti jew mis-servizzi li huma inklużi fil-lista koperta mill-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkonċernata. F'każ bħal dan, din id-deċiżjoni ssir definittiva għall-prodotti jew għas-servizzi l-oħra li huma inklużi fl-istess lista. Għaldaqstant, dikjarazzjoni magħmula mill-applikant għat-trade mark quddiem il-Qorti Ġenerali, u għalhekk wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, li permezz tagħha huwa rtira l-applikazzjoni tiegħu għal uħud mill-prodotti koperti mill-applikazzjoni inizjali, tista' tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija kkontestata biss sa fejn tkopri l-bqija tal-prodotti kkonċernati, jew bħala rinunzja parzjali għall-atti, fil-każ fejn din id-dikjarazzjoni ssir fi stadju avvanzat tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Madankollu, jekk, permezz tar-restrizzjoni tiegħu tal-lista tal-prodotti koperti mill-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, l-applikant għat-trade mark ma għandux l-intenzjoni li jirtira prodott wieħed jew iktar minn din il-lista, iżda li jibdel karatteristika waħda jew iktar, ma jistax jiġi eskluż li din il-bidla jista' jkollha effett fuq l-eżami tat-trade mark Komunitarja mwettaq mid-dipartimenti tal-UASI matul il-proċedura amministrattiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ammissjoni ta' din il-bidla

fl-istadju tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali hija ekwivalenti għal bidla tas-suġġett tat-tilwima fil-mori tal-kawża, ipprojbita mill-Artikolu 135(4) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Għalhekk, restrizzjoni bħal din ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali għall-eżami tal-fondatezza tar-rikors.

Barra minn hekk, fis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2014, *Fuchs vs UASI – Les Complices (Stilla f'ċirku)* (T-342/12, Ġabra, EU:T:2014:858), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk kienx għadu jeżisti l-interess ġuridiku ta' rikorrent sabiex jikkontesta deċiżjoni li tilqa' oppożizzjoni mressqa kontra l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni ta' trade mark wara deċiżjoni tal-UASI li ddikjarat ir-revoka tat-trade mark preċedenti li fuqha kienet ibbażata l-oppożizzjoni.

F'dan ir-rigward, qabelxejn, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, billi l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors, b'mod partikolari n-nuqqas ta' interess ġuridiku, jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku, hija din il-qorti li għandha tivverifika *ex officio* jekk ir-rikorrent għadx għandu interess li jikseb l-annullament ta' tali deċiżjoni. Hija għaddiet biex twettaq din il-verifika u rrilevat li r-revoka tat-trade mark li fuqha tkun ibbażata oppożizzjoni, meta din isseħħ wara deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tilqa' oppożizzjoni bbażata fuq l-imsemmija trade mark, la tikkostitwixxi rtirar u lanqas abrogazzjoni ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar. Fil-fatt, fil-każ ta' revoka, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark Komunitarja għandha titqies li ma kellhiex, sa mid-data tal-applikazzjoni għal revoka, l-effetti previsti minn dan ir-regolament. Min-naħa l-oħra, sa din id-data, it-trade mark Komunitarja tibbenefika mill-effetti kollha marbuta ma' din il-protezzjoni, previsti mit-Taqsima 2 tat-Titolu VI ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, li jiġi kkunsidrat li l-iskop tal-kawża ma jibqax jeżisti meta tittieħed deċiżjoni ta' revoka fil-mori tal-kawża jkun jammonta, għall-Qorti Ġenerali, għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' motivi li jkunu feġġu wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u li la għandhom rilevanza għall-fondatezza ta' din id-deċiżjoni, u lanqas effetti fuq il-proċedimenti ta' oppożizzjoni li jkunu wasslu għar-rikors għal annullament.

Barra minn hekk, fil-każ ta' annullament ta' tali deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali, il-fatt li din id-deċiżjoni ma tibqax teżisti *ex tunc* jista' jagħti benefiċċju lir-rikorrent li ma tagħtihx il-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni. Fil-fatt, kieku l-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, ir-rikorrent ikun jista' biss jissottometti, quddiem l-UASI, applikazzjoni ġdida għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tiegħu, mingħajr ma tkun tista' mbagħad titressaq oppożizzjoni għal din l-applikazzjoni abbażi tat-trade mark Komunitarja preċedenti milquta b'revoka. Min-naħa l-oħra, kieku l-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni fuq il-mertu u tilqa' r-rikors, bil-fatt li tikkunsidra li ma kinitx teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, xejn għalhekk ma jimpedixxi r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li s-sempliċi fatt li l-appelli mid-deċiżjonijiet tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u r-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom effett sospensiv skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 58(1) u l-Artikolu 64(3) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jitqiegħed fid-dubju l-interess ġuridiku ta' rikorrent f'dan il-każ. Fil-fatt, skont l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 207/2009, huwa biss meta oppożizzjoni tiġi miċħuda b'deċiżjoni definittiva li t-trade mark għandha tiġi rreġistrata bħala trade mark Komunitarja.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2014, *Szajner vs UASI – Forge de Laguiole (LAGUIOLE)* (T-453/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:901), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità wkoll teżamina l-possibbiltà għal rikorrent li jikkontesta l-legalità ta' deċiżjoni tal-UASI li jinvoka quddiemha, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li għalih jirreferi d-dritt tal-Unjoni, elementi bbażati fuq il-leġiżlazzjoni jew fuq il-ġurisprudenza nazzjonali, li ma ġewx invokati quddiem l-UASI.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali spjegat li la l-partijiet u lanqas hija stess ma jistgħu jiġu preklużi milli jispiraw ruħhom minn tali elementi, peress li ma hijiex kwistjoni li l-Bord tal-Appell jiġi kkritikat li ma ħax inkunsiderazzjoni punti ta' fatt f'sentenza speċifika ta' qorti nazzjonali, iżda hija kwistjoni li jiġu invokati dispożizzjonijiet legali jew sentenzi insostenn ta' motiv ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata mill-Bordijiet tal-Appell ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali. F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li parti li titlob l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali għandha l-obbligu li tippreżenta quddiem l-UASI l-elementi li jistabbilixxu l-kontenut tagħha, dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tar-regola nazzjonali mwettqa mill-UASI ma tistax tiġi mistħarrġa mill-Qorti Ġenerali fid-dawl ta' sentenza nazzjonali sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-UASI u invokata għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali minn parti fil-proċeduri.

Skont il-Qorti Ġenerali, din il-konstatazzjoni tibqa' valida anki fil-każ li s-sentenza tal-qorti nazzjonali inkwistjoni twettaq bidla fil-ġurisprudenza. Fil-fatt, tali bidliet, bħala prinċipju jiġu applikati retroattivament għas-sitwazzjonijiet eżistenti. Dan il-prinċipju huwa ġġustifikat mill-kunsiderazzjoni li l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali ta' regola f'mument partikolari ma tistax tkun differenti skont iż-żmien tal-fatti kkunsidrati u ħadd ma jista' jibbaża ruħu fuq dritt kweżit għal ġurisprudenza statika. Għalkemm dan il-prinċipju jista' jiġi mmitigat sa fejn, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, il-qrati jistgħu jitbiegħdu minnu sabiex jimmodulaw l-effett *ratione temporis* tar-retroattività ta' bidla fil-ġurisprudenza, ir-retroattività tal-bidliet fil-ġurisprudenza tibqa' l-prinċipju. Għalhekk, anki jekk sentenza ta' qorti nazzjonali li twettaq bidla fil-ġurisprudenza hija inkwantu tali fatt ġdid, din sempliċement tiddikjara dak li jistabbilixxi d-dritt nazzjonali hekk kif kellu jiġi applikat mill-UASI u kif għandu jiġi applikat mill-Qorti Ġenerali.

## d) Setgħa ta' tibdil

Fis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, *Koscher + Würtz vs UASI – Kirchner & Wilhelm (KW SURGICAL INSTRUMENTS)* (T-445/12, Ġabra, EU:T:2014:829), il-Qorti Ġenerali reġgħet ittrattat il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' tibdil li jagħtiha l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li s-setgħa ta' tibdil li hija tista' tuża abbażi ta' din id-dispożizzjoni ma għandhiex l-effett li tagħtiha s-setgħa li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-Bord tal-Appell għadu ma adottax pożizzjoni. Konsegwentement, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' tibdil għandu, bħala prinċipju, ikun limitat għas-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarrġet l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell, tkun f'pożizzjoni li tiddetermina, abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi kif stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jadotta. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm lok li twettaq kwalunkwe evalwazzjoni dwar l-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti, peress li l-Bord tal-Appell ma kienx esprima ruħu dwar dan il-punt. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda t-tieni motiv, dwar l-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, li ġie invokat mir-rikorrent insostenn tat-talbiet tiegħu għal annullament, il-Qorti Ġenerali qieset li hija kellha teżaminah, peress li dan il-motiv seta' jippermetti lir-rikorrent, fil-każ li kellu jiqies li kien fondat, li jikseb soluzzjoni kompleta tal-kawża. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, kieku, f'dan il-każ, kellu jirriżulta mill-eżami tagħha li dan it-tieni motiv kellu jiġi miċħud u li t-talbiet għal tibdil imressqa mir-rikorrent kellhom jiġu miċħuda, l-UASI jkollu, wara li l-kwistjoni tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti tkun ġiet eżaminata, jiddeċiedi mill-ġdid, jekk ikun il-każ, dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks kunfliġġenti. Għalhekk, dan ikollu jislet il-konsegwenzi, wara paragun bejn dawn iż-żewġ trade marks, ta' eventwali assenza ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti għal xi wħud mill-prodotti koperti minnha.

## e) Prova tal-użu ġenwin mit-trade mark

Fl-ewwel lok, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, *Intesa Sanpaolo vs UASI – equinet Bank (EQUITER)* (T-47/12, Ġabra, EU:T:2014:159), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-każ ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti biss għal parti mill-prodotti jew mis-servizzi li għalihom kienet ġiet irreġistrata.

Skont il-Qorti Ġenerali, proċedimenti ta' oppożizzjoni bbażati fuq l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 għandhom l-għan li jippermettu lill-UASI jevalwa l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni li, fil-każ ta' xebh tat-trade marks kunfliġġenti, tinvolvi eżami tax-xebh bejn il-prodotti u servizzi koperti minn dawn it-trade marks. F'dan il-kuntest, jekk it-trade mark Komunitarja preċedenti ntużat biss għal parti mill-prodotti jew mis-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata, għall-finijiet tal-eżami tal-oppożizzjoni, hija għandha titqies li ġiet irreġistrata biss għal din il-parti mill-prodotti jew mis-servizzi, skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009. Fl-istess kuntest, hemm lok ukoll għall-Bord tal-Appell li, fil-każ li l-prova tal-użu hija prodotta biss għal parti mill-prodotti jew mis-servizzi li jaqgħu taħt kategorija li għaliha t-trade mark preċedenti ġiet irreġistrata u li fuqha hija bbażata l-oppożizzjoni, jevalwa jekk din il-kategorija tinkludix sottokategoriji awtonomi li taħthom jaqgħu l-prodotti u servizzi li għalihom jintwera l-użu, b'mod li għandu jitqies li l-imsemmija prova ġiet prodotta biss għal din is-sottokategorija ta' prodotti jew ta' servizzi jew, min-naħa l-oħra, jekk tali sottokategoriji ma humiex konċepibbli. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-missjoni li tikkonsisti fl-evalwazzjoni jekk sarx użu ġenwin mit-trade mark invokata insostenn ta' oppożizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009, tinqasam f'żewġ partijiet inseparabbli. L-ewwel parti hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk sarx użu ġenwin fl-Unjoni mit-trade mark inkwistjoni, anki taħt forma li hija differenti imma biss fir-rigward ta' ċerti elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv ta' din it-trade mark fil-forma li taħtha ġiet irreġistrata. It-tieni parti hija intiża sabiex tistabbilixxi liema huma l-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark preċedenti hija rreġistrata u li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni, li huma koperti mill-użu ġenwin li ġie pprovat.

Fit-tieni lok, il-kawża li wasset għas-sentenza *KW SURGICAL INSTRUMENTS*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:829), tat lill-Qorti Ġenerali l-opportunità li tfakkar li t-talba intiża sabiex min jopponi jistabbilixxi l-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti għandu l-effett li jqiegħed fuqu l-oneru tal-prova tal-użu ġenwin mit-trade mark tiegħu, taħt piena li l-oppożizzjoni tiegħu tiġi miċħuda. Għalhekk, l-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti jikkostitwixxi kwistjoni li, ladarba titqajjem mill-applikant għat-trade mark, għandha, bħala prinċipju, tiġi rregolata qabel ma tingħata deċiżjoni fuq l-oppożizzjoni proprja. Għalhekk, it-talba għal prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti żżid kwistjoni speċifika u preliminari mal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u, f'dan is-sens, tbiddel il-kontenut tagħhom. Fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li, f'dan il-każ, bil-fatt li rrifjuta li jagħti lill-applikant il-protezzjoni bħala trade mark Komunitarja tar-reġistrazzjoni internazzjonali li kien kiseb, mingħajr ma ġiet eżaminata preliminarjament il-kwistjoni tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti, meta talba relattiva għal tali użu kienet tressqet minnu quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, il-Bord tal-Appell tal-UASI kien wettaq żball ta' liġi.

Fit-tielet lok, fil-każ speċifiku ta' trade mark tridimensjonali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *CEDC International vs UASI – Underberg (Forma ta' werqa ħaxixa ġewwa flixkun)* (T-235/12, Ġabra, EU:T:2014:1058), li l-karattru tridimensjonali ta' trade mark jipprekludi viżjoni statika, f'żewġ dimensjonijiet, u jitlob perċezzjoni dinamika, fi tliet dimensjonijiet. Għalhekk, trade mark tridimensjonali tista', bħala prinċipju, tiġi pperċepita minn diversi naħat mill-konsumatur rilevanti. Fir-rigward tal-prova tal-użu minn tali trade mark, għandhom għaldaqstant jittieħdu inkunsiderazzjoni, mhux bħala riproduzzjonijiet tal-viżibbiltà tagħha f'żewġ dimensjonijiet, iżda bħala rappreżentazzjonijiet tal-perċezzjoni tagħha fi tliet dimensjonijiet mill-konsumatur rilevanti.

Minn dan isegwi li rappreżentazzjonijiet mill-ġenb u minn wara ta' trade mark tridimensjonali jistgħu, bħala prinċipju, ikollhom rilevanza vera sabiex jiġi evalwat l-użu ġenwin mill-imsemmija trade mark u ma jistgħux jiġu esklużi għas-sempliċi raġuni li huma ma jikkostitwixxux riproduzzjonijiet minn quddiem.

## 2. Disinni

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2014, *Biscuits Poult vs UASI – Banketbakkerij Merba (Biscuit)* (T-494/12, Ġabra, EU:T:2014:757), il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 [17] jistabbilixxi regola speċjali li tirrigwarda speċifikament id-disinni li jiġu applikati jew inkorporati f'prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless, fis-sens tal-Artikolu 3(ċ) ta' dan ir-regolament. Skont din ir-regola, dawn id-disinni huma protetti unikament jekk, l-ewwel nett, il-parti komponenti, ġaladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher waqt l-użu normali ta' dan il-prodott u, it-tieni nett, il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jwettqu fihom infushom il-ħtiġiet dwar in-novità u l-karattru individwali. Fil-fatt, fid-dawl tan-natura partikolari tal-partijiet komponenti ta' prodott kumpless fis-sens tal-Artikolu 3(ċ) tar-Regolament Nru 6/2002, li jistgħu jkunu suġġetti għal produzzjoni u għal kummerċjalizzazzjoni differenti mill-produzzjoni u mill-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott kumpless, huwa raġonevoli għal-leġiżlatur li jirrikonoxxilhom il-possibbiltà li jiġu rreġistrati bħala disinni, iżda bil-kundizzjoni li dawn ikunu viżibbli wara inkorporazzjoni fil-prodott kumpless u unikament għall-partijiet viżibbli tal-partijiet komponenti inkwistjoni waqt użu normali tal-prodott kumpless u sa fejn dawn il-partijiet komponenti huma ġodda u jippreżentaw karattru individwali. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, billi prodott – f'dan il-każ gallettina – ma huwiex prodott kumpless, fis-sens tal-Artikolu 3(ċ) tar-Regolament Nru 6/2002, peress li ma huwiex kompost minn partijiet komponenti multipli li jistgħu jiġu ssostitwiti b'mod li l-prodott jista' jiġi żarmat u mmuntat mill-ġdid, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta qies li l-karatteristiċi mhux viżibbli tal-prodott, li ma humiex relatati mad-dehra tiegħu, ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk id-disinn ikkontestat setax ikun suġġett għal protezzjoni.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014, *Cezar vs UASI – Poli-Eco (Insert)* (T-39/13, Ġabra, EU:T:2014:852), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li n-novità u l-karattru individwali ta' disinn Komunitarju ma jistgħux jiġu evalwati billi jitqabbel dan id-disinn ma' disinn preċedenti, li, bħala komponent minn prodott kumpless, ma huwiex viżibbli waqt l-użu normali tiegħu. Il-kriterju ta' viżibbiltà, kif imsemmi fil-premessa 12 tar-Regolament Nru 6/2002, li jgħid li l-protezzjoni mogħtija lid-disinni Komunitarji ma għandhiex tiġi estiża għall-komponenti li ma jkunux viżibbli matul użu normali ta' prodott, u lanqas għall-karatteristiċi ta' komponent li ma humiex viżibbli meta l-prodott jiġi mmuntat, għaldaqstant japplika għad-disinn preċedenti. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Bord tal-Appell kien wettaq żball ta' evalwazzjoni meta qabbel id-disinni inkwistjoni, peress li kien ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq disinn preċedenti li, bħala komponent ta' prodott kumpless, ma kienx viżibbli waqt l-użu normali ta' dan tal-aħħar.

### *Politika barranija u ta' sigurtà komuni (PBSK) – Miżuri restrittivi*

Fl-2004 saru żviluppi sinjifikattivi fil-kontenzjuż relatat mal-miżuri restrittivi fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni.

[17] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

Għandhom jissemmew, b'mod partikolari, żewġ kawżi li jirrigwardaw il-miżuri restrittivi adottati kontra r-Repubblika Għarbija Sirjana, kawża li tikkonċerna l-iffriżar ta' fondi ta' ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu [18] u kawża dwar il-miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran bil-għan li tiġi impedita l-proliferazzjoni nukleari.

Fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, *Alchaar vs Il-Kunsill* (T-203/12, EU:T:2014:602), ġew ikkontestati miżuri restrittivi adottati kontra ex Ministru tal-Gvern Sirjan, li kienu nżammu minkejja li dan tal-aħħar kien irriżenja mill-funzjonijiet ministerjali tiegħu.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-inklużjoni inizjali tar-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati mill-miżuri restrittivi kienet leġittima sa fejn kienet ibbażata fuq il-funżjoni ta' ministru fil-kariga, billi l-membri ta' gvern kellhom jitqiesu li kienu responsabbli *in solidum* għall-politika ta' repressjoni segwita mill-Gvern. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-motivi għaż-żamma tar-rikorrent fil-lista bbażati fuq l-istatus tiegħu ta' ex ministru, il-Qorti Ġenerali qieset li kien possibbli li jiġi preżunt li, saħansitra wara r-riżenja tiegħu, huwa kien għad kellu rabtiet mill-qrib mar-reġim Sirjan, bil-kundizzjoni li tali preżunzjoni tkun tista' tiġi kkonfutata u tkun proporzjonata għall-għan segwit u tirrispetta d-drittijiet tad-difiża. Issa, f'dan il-każ, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ppreżentax indizji suffiċjentement probatorji li jippermettu raġonevolment li jiġi kkunsidrat li r-rikorrent kien żamm rabtiet mill-qrib mar-reġim anki wara r-riżenja tiegħu, b'mod li kien inverta l-oneru tal-prova indebitament u wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kunsill ma kienx eżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-provi prodotti mir-rikorrent matul il-proċedura, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet solenni li kien ipproduċa li jindikaw, b'mod partikolari, li huwa kien dejjem oppona l-użu tal-vjolenza. Skont il-Qorti Ġenerali, ma kien hemm ebda raġuni għalfejn kellha tiġi ddubitata l-veraċità tal-informazzjoni li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet, sakemm ma tiġix preżunta l-*mala fides* tar-rikorrent. Barra minn hekk, hija qieset li r-reputazzjoni internazzjonali tar-rikorrent messha wasslet lill-Kunsill janalizza r-raġunijiet li kienu wassluh jirriżenja mill-kariga tiegħu ta' ministru, iktar milli sabiex jippreżumi rabtiet mar-reġim Sirjan minħabba t-twettiq ta' din il-kariga matul perijodu qasir.

Il-kawża *Mayaleh vs Il-Kunsill* (sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, T-307/12 u T-408/13, Ġabra, EU:T:2014:926) tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali li tagħmel preċiżazzjonijiet dwar dan l-approċċ [19].

[18] F'dak li jirrigwarda l-iffriżar ta' fondi ta' ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, ara wkoll iktar 'il fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza tal-21 ta' Marzu 2014, *Yusef vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:141), taħt "Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikolu 265 TFUE".

[19] Din is-sentenza tat ukoll lill-Qorti Ġenerali l-opportunità tispeċifika l-modalitajiet ta' komunikazzjoni tal-miżuri lid-destinatarji tagħhom kif ukoll il-modalitajiet ta' kalkolu tat-terminu għall-preżentata ta' rikors. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li huwa biss meta jkun impossibbli li jiġi kkomunikat individwalment lill-persuna kkonċernata l-att li permezz tiegħu ġew adottati jew inżammu fis-seħħ miżuri restrittivi kontriha li l-pubblikazzjoni ta' avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tikkostitwixxi l-avveniment li minnu jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata ta' rikors. Meta l-Kunsill ikollu l-indirizz fejn hija ddomiċiljata persuna suġġetta għal miżuri restrittivi u jikkomunikalha validament f'dan l-indirizz l-atti li jinkludu dawn il-miżuri, ma tista' tingħata ebda rilevanza lill-fatt li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra dawn l-atti jista' jkun iktar favorevoli għall-imsemmija persuna jekk jiġi kkalkolat mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-avviż tal-atti inkwistjoni, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprevedi erbatax-il jum addizzjonali għall-kalkolu tat-terminu għall-preżentata ta' rikors mill-appell mill-pubblikazzjoni ta' att fil-Ġurnal Uffiċjali. Barra minn hekk, meta att għandu jiġi nnotifikat sabiex it-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri, din in-notifika għandha bħala prinċipju tkun indirizzata lid-destinatarju ta' dan l-att, u mhux lill-avukati li jirrappreżentawh, sakemm il-leġiżlazzjoni applikabbli jew ftehim bejn il-partijiet ma jipprovdux mod ieħor.

F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament ta' diversi atti tal-Kunsill, li permezz tagħhom dan tal-aħħar kien adotta jew żamm miżuri restrittivi kontra r-rikorrent fil-kwalità tiegħu ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.

Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, f'dak li jirrigwarda l-miżuri restrittivi meħuda kontra l-persuni li jappoġġaw ir-reġim Sirjan, għalkemm il-kunċett ta' "appoġġ lir-reġim" ma kienx iddefinit fid-dispożizzjonijiet rilevanti, xejn ma kien jippermetti li jiġi konkluż li l-miżuri restrittivi jistgħu jirrigwardaw biss il-persuni li jappoġġaw ir-reġim Sirjan bil-għan preċiż li jkun jista' jkompli bl-attivitajiet tiegħu ta' repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili. Issa peress li kien paċifiku li l-Bank Ċentrali tas-Sirja kellu, b'mod partikolari, il-kompitu li jservi bħala bankier lill-gvern ta' dan il-pajjiż, ma setax jiġi miċħud li dan il-bank kien jappoġġa finanzjarjament lir-reġim Sirjan. Billi seta' jiġi stabbilit li r-rikorrent, bħala Gvernatur, kien iwettaq funzjonijiet fundamentali fi ħdan il-Bank Ċentrali tas-Sirja, il-Qorti Ġenerali mbagħad fakkret li persuna li twettaq funzjonijiet li jagħtuha setgħa ta' kontroll fuq entità suġġetta għal miżuri restrittivi tista', bħala regola ġenerali, hija stess titqies li hija implikata fl-attivitajiet li ġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jirrigwardaw l-entità inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kunsill seta', mingħajr ma jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, jibbaża ruħu fuq il-funzjonijiet tar-rikorrent sabiex jikkunsidra li kien jinsab f'pożizzjoni ta' poter u ta' influwenza f'dak li jirrigwarda l-appoġġ finanzjarju pprovdut lir-reġim Sirjan mill-Bank Ċentrali tas-Sirja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali osservat li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Għarbija Sirjana jirrikonoxxu l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet inkwistjoni għaċ-ċittadini tagħhom stess. Minn dan isegwi li, fir-rigward ta' persuna li, bħar-rikorrent, minbarra n-nazzjonalità Sirjana, għandha n-nazzjonalità Franċiża, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix li l-awtoritajiet Franċiżi jipprojbixxu l-aċċess tiegħu għat-territorju Franċiż. Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 21(1) TFUE jispeċifika li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, dan id-dritt huwa suġġett għal-limitazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u mid-dispożizzjonijiet meħuda għall-applikazzjoni tagħhom. Għalhekk, billi r-restrizzjonijiet fuq id-dħul, li jinsabu f'deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 29 TUE, huma b'mod evidenti dispożizzjonijiet meħuda għall-applikazzjoni tat-Trattat UE, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, bl-adozzjoni ta' atti li jaqgħu taħt il-politika barranija u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill seta', f'dan il-każ, fid-dawl tan-natura neċessarja, xierqa u limitata fiż-żmien tal-miżuri meħuda, jillimita d-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni li kellu r-rikorrent abbażi tal-istatus tiegħu ta' ċittadin ta' din tal-aħħar. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul, sa fejn japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni, għandhom jitqiesu li huma *lex specialis* meta mqabbla mad-Direttiva 2004/38/KE [20], hekk li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevalu fuq din tal-aħħar fis-sitwazzjonijiet li huma intiżi speċifikament li jirregolaw.

Barra minn hekk, fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014, *LTTE vs Il-Kunsill* (T-208/11 u T-508/11, Ġabra, appellata, EU:T:2014:885), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors, ippreżentat minn moviment li oppona lill-Gvern ta' Sri Lanka f'konfrontazzjoni vjolenti, kontra atti li permezz tagħhom il-Kunsill kien iddeċieda li jżomm miżuri restrittivi adottati kontra l-imsemmi moviment.

[20] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Filwaqt li r-rikorrent ikkontesta ż-żamma ta' dawn il-miżuri għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-konfrontazzjoni mal-imsemmi gvern kien "kunflitt armat", suġġett biss għad-dritt internazzjonali umanitarju u mhux għal-leġiżlazzjonijiet kontra t-terroriżmu, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-eżistenza ta' kunflitt armat fis-sens tad-dritt umanitarju internazzjonali ma teskludix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar it-terroriżmu għall-eventwali atti terroristiċi mwettqa f'dan il-kuntest.

Mitluba teżamina l-argument li ż-żamma tal-imsemmija miżuri kienet ibbażata fuq motivi mhux affidabbli, li ma kinux ibbażati fuq deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK [21], il-Qorti Ġenerali spjegat li awtorità ta' Stat li ma huwiex membru tal-Unjoni tista' tkun awtorità kompetenti fis-sens ta' dan l-att. Qabel ma jibbaża ruħu fuq deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat terz, il-Kunsill madankollu għandu l-obbligu li jivverifika b'attenzjoni li l-leġiżlazzjoni rilevanti ta' dan l-Istat tiżgura protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ekwivalenti għal dik iggarantita fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Pożizzjoni Komuni 2001/931 teħtieġ, għall-protezzjoni tal-persuni kkonċernati u fid-dawl tal-assenza ta' mezzi ta' investigazzjoni proprji tal-Unjoni, li l-bażi fattwali ta' deċiżjoni tal-Unjoni ta' ffriżar ta' fondi fil-qasam tat-terroriżmu tistrieħ mhux fuq elementi li Kunsill ikun kiseb mill-istampa jew mill-internet, iżda fuq elementi eżaminati konkretament u adottati f'deċiżjonijiet ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti fis-sens ta' din il-pożizzjoni komuni. Għalhekk, għall-finijiet li tiġi żgurata l-effikaċja tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, huma l-Istati Membri li għandhom jittrażmettu regolarment lill-Kunsill, u huwa l-Kunsill li għandu jiġbor, id-deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti adottati fl-imsemmija Stati Membri, kif ukoll il-motivi ta' dawn id-deċiżjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, jekk, minkejja din it-trażmissjoni ta' informazzjoni, il-Kunsill ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu deċiżjoni ta' awtorità kompetenti li tikkonċerna fatt partikolari li jista' jikkostitwixxi att terroristiku, huwa l-Kunsill li għandu, fl-assenza ta' mezzi ta' investigazzjoni tiegħu stess, jitlob l-evalwazzjoni ta' awtorità nazzjonali kompetenti fuq dan il-fatt, bil-ħsieb li ttieħed deċiżjoni minn din l-awtorità.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, *Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill* (T-384/11, Ġabra, EU:T:2014:986), il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni, fil-kuntest tar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti għall-annullament tal-atti li permezz tagħhom il-Kunsill kien impona fuqha miżuri restrittivi skont ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 [22] u r-Regolament (UE) Nru 267/2012 [23], fuq it-talba li kienet ressqet għad-danni morali u materjali li allegatament ġarrbet b'riżultat tal-adozzjoni tal-imsemmija miżuri.

Il-Qorti Ġenerali analizzat il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u bdiet billi eżaminat l-illegalità tal-aġir allegat fil-konfront tal-Kunsill. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-impożizzjoni tal-miżuri restrittivi kkontestati kienet tikser id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 961/2010 u tar-Regolament Nru 267/2012, li kienu jinkludu dispożizzjonijiet intiżi sabiex jipproteġu l-interessi individwali tal-individwi kkonċernati, billi jillimitaw il-każijiet ta' applikazzjoni, il-portata jew l-intensità tal-miżuri restrittivi li setgħu jiġu imposti fuq dawn l-individwi. Għaldaqstant, tali dispożizzjonijiet kellhom jitqiesu li kienu dispożizzjonijiet legali intizi sabiex jagħtu drittijiet lill-individwi.

21 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217).

22 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1).

23 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-obbligu tal-Kunsill li jistabbilixxi l-fondatezza tal-miżuri restrittivi adottati huwa ddettat mir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati, u, b'mod partikolari, tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġuridika effettiva, li jimplika li ma għandux marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-regola li timponi fuq il-Kunsill li jistabbilixxi l-fondatezza tal-miżuri restrittivi adottati ma tirrigwardax sitwazzjoni partikolarment kumplessa u li hija ċara u preċiża, b'mod li ma toħloqx diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li amministrazzjoni normalment prudenti u diliġenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kienet tkun f'pożizzjoni li tifhem, fil-mument tal-adozzjoni tal-ewwel att ikkontestat, li hija kellha tiġbor l-informazzjoni jew il-provi li jiġġustifikaw il-miżuri restrittivi li jaffettwaw lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tiġi stabbilita, f'każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza tal-imsemmija miżuri permezz tal-produzzjoni tal-imsemmija informazzjoni jew tal-imsemmija provi quddiem il-qorti tal-Unjoni. Peress li ma aġixxiex b'dan il-mod, il-Kunsill kien responsabbli għal ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

F'dak li jirrigwarda d-dannu mġarrab mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, meta entità tkun is-suġġett ta' miżuri restrittivi, minħabba s-sostenn li hija allegatament tat għall-proliferazzjoni nukleari, hija tiġi assoċjata pubblikament ma' aġir li jitqies li huwa theddida gravi għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali, bil-konsegwenza li tqajjem l-istmerrija u s-suspett fil-konfront tagħha, li b'hekk jaffettwaw ir-reputazzjoni tagħha, u li għaldaqstant jikkawżawlha dannu morali li iktar u iktar ikun gravi peress li jirriżulta minn teħid ta' pożizzjoni uffiċjali ta' istituzzjoni tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-adozzjoni u ż-żamma illegali tal-miżuri restrittivi li jaffettwaw lir-rikorrenti kkważawlha dannu morali, differenti mid-dannu materjali dovut għall-effett fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u li, konsegwentement, kien hemm lok li tingħata d-dritt għal kumpens għal dan id-dannu. Billi, b'mod partikolari, l-allegazzjoni magħmula mill-Kunsill kontra r-rikorrenti kienet partikolarment gravi u billi ma kinitx ġiet sostnuta bl-iċken prova rilevanti, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li evalwat id-dannu morali mġarrab mir-rikorrenti *ex aequo et bono*, qieset li l-għoti ta' ammont ta' EUR 50 000 kien jikkostitwixxi kumpens xieraq.

### *Saħħa pubblika*

Is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* (T-198/12, Ġabra, appellata, EU:T:2014:251) tat lill-Qorti Ġenerali l-opportunità tispeċifika l-prinċipji li jirregolaw l-istħarriġ li hija twettaq fir-rigward tal-attività tal-amministrazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika. Is-suġġett tar-rikors kien id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad parzjalment it-talba tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tidderoga mill-valuri ta' limitu għal ċerti sustanzi kimiċi fil-ġugarelli previsti fid-Direttiva 2009/48/KE [24]. Filwaqt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja xtaqet iżżomm il-valuri ta' limitu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tagħha għaċ-ċomb, għall-barju, għall-antimonju, għall-arseniku u għall-merkurju, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba fir-rigward tal-aħħar tlieta minn dawn is-sustanzi u awtorizzat iż-żamma tal-valuri ta' limitu nazzjonali għall-ewwel tnejn sal-21 ta' Lulju 2013 biss.

Il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar ir-rikors prinċipali wara digriet għal miżuri provviżorji mogħti mill-President tagħha [25] u fakkret, qabelxejn, li Stat Membru jista' jitlob iż-żamma ta'

[24] Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2009, dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, p. 1).

[25] Digriet tal-15 ta' Mejju 2013, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* (T-198/12 R, Ġabra, EU:T:2013:245), li ordna lill-Kummissjoni tawtorizza ż-żamma tal-ħames valuri ta' limitu Ġermaniżi sakemm il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors prinċipali.

dispożizzjonijiet nazzjonali preeżistenti meta jqis li r-riskju għas-saħħa pubblika għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni differenti minn dik magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-mument tal-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni Ewropea. Għal dan il-għan, huwa l-Istat Membru li jitlob li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandu jistabbilixxi li dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw, f'termini ta' saħħa pubblika, livell ta' protezzjoni ogħla mill-miżura ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni u li ma jeċċedux dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali pparagunat il-valuri ta' limitu Ġermaniżi ma' dawk previsti fid-Direttiva 2009/48 u kkonstatat li din tal-aħħar kienet tistabbilixxi limiti ta' migrazzjoni, peress li r-riskju għas-saħħa kien ikkunsidrat li huwa marbut mal-kwantità ta' sustanza noċiva partikolari li tista' tiġi rrilaxxata minn ġugarell, imbagħad assorbita mit-tfal. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-Direttiva kienet tipprevedi valuri ta' limitu ta' migrazzjoni differenti, iddefiniti abbażi tat-tip ta' materjal preżenti fil-ġugarell (jiġifieri materjal niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamla ta' trab, materjal likwidu jew li jwaħħal u materjal li jkun inbarax minn fuqu), filwaqt li, min-naħa tagħhom, il-valuri ta' limitu Ġermaniżi kienu espressi f'biodisponibbiltà. Dawn tal-aħħar kienu jiddefinixxu l-kwantità massima ammissibbli ta' sustanza kimika li, minħabba l-użu tal-ġugarelli, setgħet tiġi assorbita u tkun disponibbli għal proċessi bioloġiċi fil-ġisem uman, u kienu applikabbli għal kull tip ta' ġugarell, tkun xi tkun il-konsistenza materjali tiegħu.

Skont il-Qorti Ġenerali, peress li l-valuri ta' limitu ta' migrazzjoni tad-Direttiva kienu ogħla minn dawk li jirriżultaw mill-konverżjoni tal-valuri ta' limitu ta' disponibbiltà Ġermaniżi biss f'dak li jirrigwarda l-materjal li jinbarax li minnu huwa magħmul il-ġugarell, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata talli ċaħdet it-talba għaż-żamma tal-valuri ta' limitu Ġermaniżi, billi dawn tal-aħħar kienu japplikaw indipendentement mill-konsistenza tal-materjali li minnhom huwa magħmul il-ġugarell. Minn dan iddeduċiet li, f'dak li jirrigwarda l-arseniku, l-antimonju u l-merkurju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kinitx ġabet il-prova li l-valuri ta' limitu nazzjonali kienu jiggarantixxu protezzjoni ogħla minn dik li tirriżulta mid-Direttiva. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda ċ-ċomb sa fejn din tal-aħħar kienet illimitat sal-21 ta' Lulju 2013 l-approvazzjoni tal-valuri ta' limitu Ġermaniżi għal dan il-metall tqil. Hija kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, billi f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tagħha fiha kontradizzjoni interna li tista' xxekkel li wieħed jifhem sew ir-raġunijiet li fuqha hija bbażata.

## *Reġistrazzjoni tal-prodotti kimiċi*

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, *Spraylat vs ECHA* (T-177/12, Ġabra, EU:T:2014:849), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) li imponiet fuq ir-rikorrenti, bħala ħlas dovut għar-reġistrazzjoni ta' sustanza kimika, spiża amministrattiva iktar minn 17-il darba ikbar mill-ammont tal-imsemmi ħlas. L-applikazzjoni ta' din l-ispiża kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li, kuntrarjament għad-dikjarazzjoni li kienet għamlet, ir-rikorrenti ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti sabiex tibbenefika mit-tnaqqis fil-ħlasijiet previst għall-impriżi żgħar, skont id-Deċiżjoni MB/D/29/2010 tal-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA dwar il-klassifikazzjoni tas-servizzi li fir-rigward tagħhom jinġabru l-ispejjeż. Ir-rikorrenti bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Filwaqt li osservat li, bil-fatt li invokat ksur ta' dan il-prinċipju, ir-rikorrenti qajmet eċċezzjoni ta' illegalità kontra d-Deċiżjoni MB/D/29/2010, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-premessa 11 tar-Regolament

(KE) Nru 340/2008 [26] kienet tispeċifika li "[i]t-tressiq ta' informazzjoni falza [kellu] jiġi skoraġġut bl-impożizzjoni ta' spiża amministrattiva mill-[ECHA] u multa dissważiva mill-Istati Membri, jekk ikun xieraq". Skont il-Qorti Ġenerali, għalkemm minn din il-premessa jirriżulta li l-impożizzjoni ta' spiża amministrattiva tikkontribwixxi għall-għan li l-impriżi jiġu skoraġġuti milli jittrażmetti informazzjoni falza, min-naħa l-oħra, l-imsemmija spiża amministrattiva ma tistax tiġi ekwiparata għal multa. Billi l-ammont tal-ispiża applikat f'dan il-każ kien kunsiderevolment ogħla mill-vantaġġ finanzjarju li r-rikorrenti setgħet tikseb bis-saħħa tad-dikjarazzjoni falza tagħha, il-Qorti Ġenerali qieset li l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni ma setgħux jiġġustifikaw il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi fuq ir-rikorrenti tal-applikazzjoni ta' tali spiża. Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni MB/D/29/2010, kif applikata fil-konfront tar-rikorrenti, kienet tmur manifestament lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-ispiża amministrattiva mfittex mil-leġiżlazzjoni applikabbli, li għalhekk kien hemm lok li tiġi ddikjarata mhux applikabbli u, konsegwentement, li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti u li, għal din ir-raġuni, tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata.

### *Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet*

Fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2014, *Schenker vs Il-Kummissjoni* (T-534/11, Ġabra, EU:T:2014:854), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokumenti fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [27] fil-qasam tal-kompetizzjoni kif ukoll dwar iċ-ċirkustanzi li fihom it-terminu mogħti sabiex tingħata risposta għal talba għal aċċess jista' jiġi estiż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li rrifjutat li tagħtiha aċċess għall-fajl amministrattiv tad-deċiżjoni finali dwar akkordju li jirrigwarda s-servizzi ta' ġarr ta' merkanzija bl-ajru kif ukoll għall-verżjoni integrali u għall-verżjoni mhux kunfidenzjali ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-pubbliku għandu jkollu l-possibbiltà li jkun jaf bl-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni u li għalhekk jeżisti interess pubbliku superjuri sabiex il-pubbliku jkun jista' jsir jaf b'ċerti elementi essenzjali tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Madankollu, l-eżistenza ta' dan l-interess pubbliku ma tobbligax lill-Kummissjoni tagħti aċċess ġeneralizzat, abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001, għall-informazzjoni kollha miġbura fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, tali aċċess ġeneralizzat jista' jipperikola l-bilanċ li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jiżgura bejn l-obbligu għall-impriżi kkonċernati li jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni kummerċjali li tkun possibbilment sensittiva u l-garanzija ta' protezzjoni msaħħa li, minħabba s-sigriet professjonali u s-sigriet tan-negozju, għandha tingħata lill-informazzjoni hekk mgħoddija lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-interess pubbliku li ssir magħrufa l-attività tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni la jiġġustifika, bħala tali, l-iżvelar tal-fajl ta' investigazzjoni u lanqas l-iżvelar tal-verżjoni integrali tad-deċiżjoni adottata, sa fejn dawn id-dokumenti ma humiex neċessarji sabiex wieħed jifhem l-elementi essenzjali tal-attività tal-Kummissjoni, bħalma huma r-riżultat tal-proċedura u r-raġunijiet li wassluha għall-azzjonijiet tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni tista' tiżgura komprensjoni suffiċjenti ta' dan ir-riżultat u ta' dawn ir-raġunijiet permezz, b'mod partikolari, tal-pubblikazzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni inkwistjoni.

[26] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008, tas-16 ta' April 2008, dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 107, p. 6).

[27] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Skont il-Qorti Ġenerali, sabiex tiġi identifikata l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi ssodisfatt dan l-interess pubbliku superjuri, skont l-Artikolu 30(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-interess leġittimu tal-impriżi li s-sigrieti tan-negozju tagħhom ma jiġux żvelati, hija obbligata tippubblika d-deċiżjonijiet li hija tadotta skont l-Artikolu 7 ta' dan l-istess regolament, issemmi l-isem tal-partijiet ikkonċernati u l-partijiet essenzjali tad-deċiżjoni, inklużi s-sanzjonijiet imposti. Għaldaqstant, l-imsemmi interess pubbliku superjuri ma jistax ikun issodisfatt bis-sempliċi pubblikazzjoni ta' stqarrija għall-istampa li tinforma bl-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, sa fejn tali stqarrija ma tirriproduċix il-partijiet essenzjali tad-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003. Dan l-interess pubbliku superjuri jeżiġi l-pubblikazzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dawn id-deċiżjonijiet. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali qieset li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet obbligata tgħaddi verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża lir-rikorrenti wara t-talba mressqa minnha, u dan kien jikkostitwixxi aċċess parzjali għal din id-deċiżjoni, fis-sens tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tħejji tali verżjoni fl-iqsar żmien possibbli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien raġonevoli li għandu jiġi ddeterminat skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ, u b'mod partikolari billi jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru pjuttost kbir ta' talbiet għal ipproċessar kunfidenzjali mressqa mill-impriżi kkonċernati u l-kumplessità teknika u legali tagħhom. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li xejn ma kien ixekkel lill-Kummissjoni milli tikkomunika lir-rikorrenti l-parti tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża li fir-rigward tagħha ma kien hemm ebda talba għal kunfidenzjalità. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet obbligata tipprovdi lir-rikorrenti tali verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tistenna li t-talbiet kollha għal ipproċessar kunfidenzjali, imressqa mill-impriżi kkonċernati, ikunu ġew riżolti definittivament.

## II. Kawżi għad-danni

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, *Holcim (Romania) vs Il-Kummissjoni* (T-317/12, Ġabra, appellata, EU:T:2014:782), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba intiża għall-kumpens tad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrenti minħabba r-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvelalha informazzjoni dwar kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li allegatament insterqulha u li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma' dawn il-kwoti. Ir-rikorrenti talbet li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Unjoni, prinċipalment, abbażi tar-responsabbiltà minħabba nuqqas u, sussidjarjament, abbażi tar-responsabbiltà mingħajr nuqqas.

F'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tat-talba, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont is-sentenza *Roquette frères vs Il-Kummissjoni* [28], mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ammissibbiltà tal-azzjoni għad-danni prevista fl-Artikolu 268 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE tista' tkun suġġetta f'ċerti każijiet għall-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji interni kollha li huma disponibbli għall-kisba ta' kumpens min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, sakemm dawn ir-rimedji ġudizzjarji interni jiżguraw b'mod effettiv il-protezzjoni tal-individwi kkonċernati billi jkunu jistgħu jwasslu għall-kumpens għad-dannu allegat. F'din il-formulazzjoni tal-prinċipju, l-użu tal-verb "jista'" jixhed li n-nuqqas ta' eżawriment tar-"rimedji ġudizzjarji interni li huma disponibbli għall-kisba ta' kumpens min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali" ma għandux sistematikament iwassal għal konstatazzjoni ta' inammissibbiltà min-naħa tal-qorti tal-Unjoni. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, teżisti ipoteżi waħda biss fejn il-fatt li ma ngħatatx deċiżjoni definittiva dwar l-azzjoni għad-danni mressqa quddiem il-qorti

[28] Sentenza tat-30 ta' Mejju 1989, *Roquette frères vs Il-Kummissjoni* (20/88, Ġabra, EU:C:1989:221).

nazzjonali jimplika neċessarjament l-inammissibbiltà tar-rikors għad-danni ppreżentat quddiem il-qorti tal-Unjoni. Din l-ipoteżi hija dik fejn dan il-fatt jimpedixxi lil din tal-aħħar milli tidentifika n-natura u l-ammont tad-dannu invokat quddiemha. Billi qieset li dan ma kienx il-każ f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali eskludiet li tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli.

F'dak li jirrigwarda l-eżami tal-fondatezza tar-rikors, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, meta persuna tkun ressqet żewġ azzjonijiet intiżi għall-kumpens tal-istess dannu, waħda kontra awtorità nazzjonali, quddiem qorti nazzjonali, u l-oħra kontra istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, quddiem il-qorti tal-Unjoni, ikun hemm ir-riskju li, minħabba evalwazzjonijiet differenti miż-żewġ qrati aditi, l-imsemmija persuna ma tiġix ikkumpensata biżżejjed jew tiġi kkumpensata b'mod żbaljat. Il-qorti tal-Unjoni għandha, qabel ma tagħti deċiżjoni dwar id-dannu, tistenna li l-qorti nazzjonali tkun qatgħet il-kwistjoni permezz ta' deċiżjoni li ttemm l-istanza. Min-naħa l-oħra, huwa possibbli għall-Qorti Ġenerali, anki qabel ma l-qorti nazzjonali tkun tat deċiżjoni, li tiddetermina jekk l-aġir ikkritikat huwiex ta' natura li jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

## III. Appelli

Fost id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla tal-Appelli tal-Qorti Ġenerali matul is-sena 2014, ta' min jissemmew b'mod partikolari tliet sentenzi.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2014, *Mocová vs Il-Kummissjoni* [T-347/12 P, Ġabra (Estratti), EU:T:2014:268], il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-approċċ tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-sens li, fid-dawl tan-natura evoluttiva tal-proċedura prekontenzjuża, hija l-motivazzjoni li tidher fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-eżami tal-legalità tal-att inizjali li jikkawża preġudizzju, peress li din il-motivazzjoni titqies li taqbel ma' dan l-att tal-aħħar. Dan l-approċċ huwa konsegwenza tal-ġurisprudenza dwar id-determinazzjoni tan-natura kontestabbli tar-risposta għall-ilment, li minnha jirriżulta li l-Awtorità tal-Ħatra, jew l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti, tista', fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, tissupplimenta, jew timmodifika, id-deċiżjoni tagħha.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2014, *Il-Kummissjoni vs Macchia* (T-368/12 P, ĠabraSP, EU:T:2014:266), il-Qorti Ġenerali speċifikat in-natura tal-obbligu impost fuq istituzzjoni fil-każ tan-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat ta' membru tal-persunal temporanju. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, minn naħa, kien interpreta b'mod żbaljat id-dmir ta' premura impost fuq l-amministrazzjoni u, min-naħa l-oħra, kien applika b'mod ineżatt is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2012, *Huet* (C-251/11, Ġabra, EU:C:2012:133). F'dak li jirrigwarda d-dmir ta' premura, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, billi adotta interpretazzjoni wiesgħa wisq tal-imsemmi dmir fis-sens li jimponi fuq l-amministrazzjoni l-obbligu li teżamina minn qabel il-possibbiltà ta' assenjazzjoni mill-ġdid tal-membru tal-personal ikkonċernat u, għalhekk, billi fformula fir-rigward tiegħu obbligu mhux previst fil-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma osservax il-limiti tal-ġurisdizzjoni tiegħu, li kienu jikkonsistu fl-eżami tal-kwistjoni jekk l-awtorità kkonċernata baqgħetx f'limiti raġonevoli u ma użatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod manifestament żbaljat. F'dak li jirrigwarda s-sentenza *Huet*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:C:2012:133), il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-imsemmija sentenza ma tistabbilixxix l-eżistenza ta' dritt, għall-membri tal-persunal bil-kuntratt, għal ċerta kontinwità tal-impjieg, iżda tfakkar biss li l-"ftehim qafas" dwar xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, għandu l-għan li jimpedixxi l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat.

Fit-tielet lok, fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014, *Schönberger vs Il-Qorti tal-Awdituri* (T-26/14 P, ĠabraSP, EU:T:2014:887), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, billi ċaħad motiv abbażi ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti li ma tikkorrispondix għall-interpretazzjoni użata mill-amministrazzjoni sabiex timmotiva d-deċiżjoni kontenzjuża, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mhux biss wettaq sostituzzjoni ta' motivi iżda bbaża wkoll din iċ-ċaħda fuq punti ta' fatt u ta' liġi li ma kinux ġew ittrattati quddiemu, b'mod li kiser il-prinċipju ta' kontradittorju.

## IV. Talbiet għal miżuri provviżorji

Fl-2014 tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali 45 talba għal miżuri provviżorji, numru li rrappreżenta żieda sinjifikattiva meta mqabbel man-numru ta' talbiet imressqa (31) fl-2013. Il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar 48 kawża [29] din is-sena, meta mqabbla ma' 27 fl-2013. Il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' 4 talbiet, u dan fid-digrieti tat-13 ta' Frar 2014, *Luxembourg Pamol (Cyprus) u Luxembourg Industries vs Il-Kummissjoni* (T-578/13 R, EU:T:2014:103), tat-13 ta' Ġunju 2014, *SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni* (T-305/13 R, EU:T:2014:595), tal-25 ta' Lulju 2014, *Deza vs ECHA* (T-189/14 R, EU:T:2014:686) u tal-4 ta' Diċembru 2014, *Vanbreda Risk & Benefits vs Il-Kummissjoni* [T-199/14 R, Ġabra (Estratti), EU:T:2014:1024].

Id-digrieti ċċitati iktar 'il fuq *Luxembourg Pamol (Cyprus) u Luxembourg Industries vs Il-Kummissjoni* (EU:T:2014:103) u *Deza vs ECHA* (EU:T:2014:686), li jirrigwardaw il-kwistjoni marbuta mal-iżvelar, li l-Kummissjoni u l-ECHA ħasbu li jagħmlu, ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali, isegwu fil-parti l-kbira tagħhom il-mudell tad-digrieti korrispondenti adottati fl-2012 u fl-2013 [30]. Qabelxejn, il-President tal-Qorti Ġenerali rrikonoxxa l-eżistenza ta' *fumus boni juris*: l-evalwazzjoni tal-kunfidenzjalità li tirrigwarda volum kunsiderevoli ta' data kimika (Kawża T-189/14 R), fiżikokimika, bioloġika u farmaċewtika (Kawża T-578/13 R), kienet tqajjem kwistjonijiet xjentifiċi kumplessi u li qatt ma ġew ittrattati qabel li ma setgħux, *prima facie*, jitqiesu li kienu manifestament irrilevanti, iżda li s-soluzzjoni tagħhom kienet timmerita eżami fid-dettall fil-kuntest tal-proċeduri prinċipali.

F'dak li jirrigwarda l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali rrikonoxxa n-natura gravi tad-danni allegati billi enfasizza li kellha tiġi preżunta, għall-finijiet tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kontenzjuża. Peress li din tal-aħħar kienet tirrigwarda l-attività ta' produzzjoni u kummerċjali tar-rikorrenti, hija kienet tikkostitwixxi proprjetà intanġibbli li tista' tintuża għal finijiet kompetittivi, li l-valur tagħha jitnaqqas serjament jekk titlef in-natura sigrieta tagħha. F'dak li jirrigwarda n-natura irreparabbli ta' dawn id-danni, il-President tal-Qorti Ġenerali ddeċieda li d-dannu kkawżat mill-pubblikazzjoni tal-informazzjoni kontenzjuża fuq l-internet ma setax jiġi kkwantifikat, billi l-internet kien aċċessibbli għal numru illimitat ta' persuni fid-dinja

[29] Żewġ deċiżjonijiet ittieħdu mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, li ssostitwixxa lill-President tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 106 tar-Regoli tal-Proċedura: id-digrieti tal-4 ta' Frar 2014, *Serco Belgium et vs Il-Kummissjoni* (T-644/13 R, EU:T:2014:57) u tas-27 ta' Ottubru 2014, *Diktyo Amyntikon Viomichanion Net vs Il-Kummissjoni* (T-703/14 R, EU:T:2014:914).

[30] Dawn huma d-digrieti tas-16 ta' Novembru 2012, *Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni* (T-341/12 R, EU:T:2012:604) u *Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni* (T-345/12 R, EU:T:2012:605), u tad-29 ta' Novembru 2012, *Alstom vs Il-Kummissjoni* (T-164/12 R, EU:T:2012:637), li ma kinux ġew appellati (ara r-Rapport Annwali 2012, p. 161 u 162), u d-digriet tal-11 ta' Marzu 2013, *Pilkington Group vs Il-Kummissjoni* (T-462/12 R, Ġabra, EU:T:2013:119), li ġie kkonfermat fl-appell, kif ukoll id-digrieti tal-25 ta' April 2013, *AbbVie vs EMA* (T-44/13 R, EU:T:2013:221), u *InterMune UK et vs EMA* (T-73/13 R, EU:T:2013:222) (ara r-Rapport Annwali 2013, p. 148 u 149). Dawn id-digrieti tal-aħħar ġew annullati fl-appell mill-Qorti tal-Ġustizzja. Wara li dawn il-kawżi ġew irrinvijati lill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti rrinunzjaw għat-talbiet tagħhom għal miżuri provviżorji, u dan wassal għat-tħassir tal-Kawżi T-44/13 R u T-73/13 R mir-reġistru, fit-8 ta' April u fil-21 ta' Mejju 2014.

kollha. F'dak li jirrigwarda d-dannu kkawżat mill-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża lit-terz li kien ressaq applikazzjoni f'dan is-sens skont ir-Regolament Nru 1049/2001, il-President tal-Qorti Ġenera li qies li r-rikorrenti tqiegħdu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà li toħloq theddida tal-inqas daqstant kbira daqskemm toħloq pubblikazzjoni fuq l-internet. Fil-fatt, dan it-terz jkun ħa konjizzjoni immedjata tal-imsemmija informazzjoni u seta' jisfruttaha minnufih għall-finijiet kollha, b'mod partikolari dawk kompetittivi, li kienu jidhru utli għalih u b'hekk idgħajjef il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrenti. Skont il-President tal-Qorti Ġenerali, dan id-dannu ma setax jiġi kkwantifikat, billi r-rikorrenti kellhom jistennew li numru indeterminat u teoretikament illimitat ta' kompetituri attwali u potenzjali fid-dinja kollha kienu ser jiksbu l-informazzjoni kontenzjuża bil-għan li jagħmlu użu minnha b'diversi modi fuq medda qasira, medja jew twila ta' żmien.

Fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi, il-President tal-Qorti Ġenerali enfasizza li sentenza li tannulla d-deċiżjoni li rrifjutat il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kontenzjuża ssir illużorja u nieqsa mill-effettività jekk jiġu miċħuda t-talbiet għal miżuri provviżorji, billi l-konsegwenza ta' din iċ-ċaħda tkun li jiġi permess l-iżvelar immedjat tal-imsemmija informazzjoni u għalhekk li *de facto* tiġi ddeterminata minn qabel id-deċiżjoni futura fuq il-mertu.

Il-kawża li wasslet għad-digriet *SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2014:595), kienet tirrigwarda deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni, minn naħa, ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern kontribuzzjonijiet ta' kapital magħmula minn Servizi assicurativi del commercio estero SpA (SACE SpA), kumpannija ta' assigurazzjoni pubblika Taljana, favur is-sussidjarja tagħha Sace BT SpA li kienet ġiet stabbilita mill-kumpannija parent tagħha bħala entità distinta bil-għan li tiżola l-ġestjoni ta' ċerti riskji u, min-naħa l-oħra, ordnat lill-awtoritajiet Taljani jirkupraw l-għajnuna mħallsa mingħand Sace BT fl-ammont ta' EUR 78 miljun.

Fid-digriet tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2014, il-President tal-Qorti Ġenerali rrikonoxxa li l-kundizzjoni dwar il-*fumus boni juris* kienet issodisfatta, billi r-rikorrenti kienu pprovaw li l-motiv invokat fit-tilwima fuq il-mertu – u li kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107 TFUE sa fejn il-Kummissjoni żbaljat meta kkunsidrat li l-miżuri kontenzjużi kienu imputabbli lill-Istat Taljan – kien iqajjem dubji serji ħafna dwar il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, li ma setgħux jitneħħew, fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, mill-osservazzjonijiet tal-parti l-oħra. B'mod partikolari, l-argument tar-rikorrenti – li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-awtonomija kummerċjali u strateġika li kienet tgawdi SACE – ma kienx ġie kontradett mill-Kummissjoni, billi din tal-aħħar baqgħet ma semmiet xejn dwar il-*fumus boni juris* fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji. Fid-dawl tal-prinċipju li l-partijiet jillimitaw is-suġġett tal-kawża li jimplika li l-partijiet huma liberi li jiddeterminaw is-suġġett tal-kawża, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ma setax ma jiħux inkunsiderazzjoni dan l-aġir proċedurali tal-Kummissjoni.

F'dak li jirrigwarda l-urġenza, ir-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li Sace BT kienet iġġarrab dannu gravi u irreparabbli fil-każ li ma tiġix ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba. Fil-fatt, il-President tal-Qorti Ġenerali enfasizza, minn naħa, li l-Kummissjoni stess kienet irrikonoxxiet li l-eżekuzzjoni kompleta tad-deċiżjoni li tordna l-irkupru tal-allegata għajnuna mill-Istati, fil-każ li kellha twassal sabiex Sace BT tiġi stralċjata qabel ma tingħata s-sentenza fuq il-mertu, kienet tikkawża dannu gravi u irreparabbli lil din tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, li l-konsegwenza ta' rimbors tal-ammont totali ta' din l-għajnuna kienet tkun li Sace BT ma kinitx tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-iskema ta' assigurazzjoni Taljana u kien ikollha tiġi stralċjata bħala kumpannija ta' assigurazzjoni.

Fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, f'dak li jirrigwarda l-obbligu li tiġi rrimborsata l-għajnuna mħallsa illegalment u ddikjarata inkompatibbli mas-suq

intern, l-interess tal-Kummissjoni għandu normalment jipprevali fuq dak tal-benefiċjarju tal-għajnuna, iżda li dan tal-aħħar jista' jikseb l-għoti ta' miżuri provviżorji f'ċirkustanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, billi r-rikorrenti kienu pprovaw kemm l-urġenza kif ukoll l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, il-President tal-Qorti Ġenerali rrikonoxxa li huma kellhom interess leġittimu li jiksbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba. Barra minn hekk, billi l-proċedura bil-miktub fil-kawża prinċipali kienet ingħalqet diversi xhur qabel, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-Qorti Ġenerali kellha tagħti s-sentenza tagħha fil-futur relattivament qrib, filwaqt li kkunsidra li din kienet ċirkustanza eċċezzjonali, ta' natura proċedurali, li huwa seta' jieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi. Madankollu, fid-dawl tal-interess tal-Unjoni li jseħħ irkupru effettiv tal-għajnuna mill-Istat, minn naħa, u tal-affermazzjoni tar-rikorrenti li Sace BT kellha bżonn biss ta' ammont minimu tal-assi netti, li kien neċessarju sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-eżistenza tagħha, min-naħa l-oħra, il-President tal-Qorti Ġenerali ordna biss sospensjoni tal-eżekuzzjoni parzjali.

Id-digriet *Vanbreda Risk & Benefits vs Il-Kummissjoni*, iċċitat iktar 'il fuq (EU:T:2014:1024), kien jirrigwarda sejħa għal offerti dwar kuntratt ta' assigurazzjoni għal proprjetà immobbli li l-Kummissjoni kienet ippubblikat f'Awwissu 2013 f'isimha u f'isem diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-Unjoni. Is-sejħa għal offerti kienet intiża li tissostitwixxi l-kuntratt li dak iż-żmien kien fis-seħħ, konkluż ma' konsorzju li r-rikorrenti, Vanbreda Risk & Benefits, kienet il-broker tiegħu. Fit-30 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti biċ-ċaħda tal-offerta tagħha, għar-raġuni li hija ma offrietx l-orħos prezz, u bl-għoti tal-kuntratt lil Marsh SA, broker ta' assigurazzjoni. Ir-rikorrenti ppreżentat, minn naħa, rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għad-danni fl-ammont ta' EUR 1 miljun u, min-naħa l-oħra, talba għal miżuri provviżorji li biha talbet lill-President tal-Qorti Ġenerali jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Fid-digriet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2014, il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' din it-talba.

Il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li kien jeżisti *fumus boni juris* partikolarment serju. Fil-fatt, waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali tas-sejħa għal offerti kienet tikkonsisti fil-garanzija, mill-offerent li jippreżenta offerta konġunta, tal-impenn *in solidum* tal-imsieħba fl-offerta għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Issa l-offerta inizjali ta' Marsh ma kinitx issodisfat dan ir-rekwiżit, billi l-kumpanniji ta' assigurazzjoni li taw mandat lil dan il-broker kienu impenjaw ruħhom biss għall-parti mill-kuntratt li huma kienu qed jipproponu li kull waħda minnhom teżegwixxi fuq bażi individwali. Il-fatt li, sussegwentement, waqt il-firma tal-kuntratt, il-kumpanniji kollha li ngħataw il-kuntratt kienu aċċettaw il-klawżola ta' solidarjetà kien ir-riżultat ta' emenda *prima facie* illegali tal-offerta, li seħħet wara s-sottomissjoni tal-offerti bis-saħħa ta' kuntatti bilaterali bejn il-Kummissjoni u Marsh. Barra minn hekk, wara li telaq wieħed mill-assiguraturi li kellu jieħu sehem fl-offerta ta' Marsh, il-Kummissjoni kienet ippermettiet lil din tal-aħħar tinkludi fost il-firmatarji tal-kuntratt, wara l-għoti tal-kuntratt, żewġ kumpanniji ta' assigurazzjoni ġodda, li la l-kapaċità ekonomika u finanzjarja tagħhom u lanqas il-kapaċità teknika tagħhom ma kienu ġew suġġetti għall-evalwazzjoni qabel l-għoti tal-kuntratt u l-eliminazzjoni tal-offerti tal-offerenti l-oħra. Skont il-President tal-Qorti Ġenerali, dan kien iqajjem, *prima facie*, dubji serji fid-dawl tal-osservanza tal-legalità tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratti.

F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni dwar l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali, wara li rrikonoxxa n-natura gravi tad-dannu finanzjarju allegat, ikkonstata li r-rikorrenti ma kienx irnexxielha tipprova n-natura irreparabbli ta' dan id-dannu minħabba li, skont ġurisprudenza stabbilita, dannu ta' natura finanzjarja normalment ma jistax jitqies li huwa irreparabbli, peress li, bħala regola ġenerali, jista' jkun is-suġġett ta' kumpens finanzjarju sussegwenti. F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-kawżi dwar l-għoti tal-kuntratti, huwa saħansitra eċċessivament diffiċli għall-offerent li ma jintgħażilx, u dan għal raġunijiet sistemiċi marbuta ma' dawn il-kawżi partikolari, li jipprova r-riskju li jġarrab dannu irreparabbli. Issa tali riżultat jidher li ma jistax jiġi rrikonċiljat mar-rekwiżiti ta' protezzjoni provviżorja effettiva fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Il-President tal-Qorti Ġenerali

għalhekk dehrlu li kellu jiġi adottat approċċ ġdid adattat għall-ispeċifiċità ta' dawn il-kawżi. Għaldaqstant, meta l-offerent li ma jintgħażilx jirnexxilu jipprova l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju, ma jistax jiġi rikjest minnu li huwa jistabbilixxi li ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal miżuri provviżorji tirriskja li tikkawżalu dannu irreparabbli, għaliex inkella tiġi ppreġudikata b'mod eċċessiv u mhux iġġustifikat il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li huwa jgawdi taħt l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Tali *fumus boni juris* huwa stabbilit meta jiżvela l-eżistenza ta' illegalità suffiċjentement manifesta u gravi, li l-produzzjoni jew l-estensjoni tal-effetti tagħha għandhom jiġu impediti kemm jista' jkun malajr, sakemm l-ibbilanċjar tal-interessi fl-aħħar mill-aħħar ma jippreskludihx. F'dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, is-sempliċi prova tal-gravità tad-dannu li jiġi kkawżat mill-assenza ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata hija suffiċjenti sabiex tissodisfa l-kundizzjoni relatata mal-urġenza, fid-dawl tan-neċessità li tiġi evitata l-effettività ta' illegalità ta' din in-natura. F'dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li, *prima facie*, kien twettaq ksur serju, li jwassal għall-irregolarità tal-offerta magħżula u li l-aġir adottat mill-Kummissjoni kellu jitqies li kien illegalità suffiċjentement manifesta u gravi tad-dritt tal-Unjoni, b'mod li l-produzzjoni tal-effetti tiegħu kellu jiġi evitat fil-futur.

F'dak li jirigwarda l-ibbilanċjar tal-interessi, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li dan kien ixaqleb favur ir-rikorrenti u li l-interess ta' din tal-aħħar li jiġi ppreżervat id-dritt tagħha għal rimedju effettiv kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u n-neċessità li jiġu nnewtralizzati l-effetti tal-illegalità kkonstatata kienu jipprevalu fuq l-interess tal-Kummissjoni li żżomm id-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad l-argument tal-Kummissjoni li, fil-każ ta' sospensjoni tad-deċiżjoni kkontestata, hija tiġi esposta għal konsegwenzi katastrofiċi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda r-riskju marbut mal-assenza ta' assigurazzjoni tal-bini kkonċernat, irriżulta li kienu jeżistu diversi soluzzjonijiet li jippermettu li jiġi ggarantit li dan il-bini jkun jista' jiġi assigurat permezz tal-kuntratt attwalment fis-seħħ.

Għaldaqstant, il-President tal-Qorti Ġenerali kkunsidra li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jeżiġu li kellha tiġi ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, fid-dawl tal-bidla fl-approċċ li twettqet u tal-prinċipju ta' ċertezza legali, din is-sospensjoni kellu jkollha effett biss mill-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell [31].

[31] It-talbiet l-oħra għal miżuri provviżorji li kienu tressqu fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi ġew miċħuda minħabba nuqqas ta' *fumus boni juris*, mingħajr ma ġiet eżaminata l-kundizzjoni dwar l-urġenza [digrieti tal-4 ta' Frar 2014, *Serco Belgium et vs Il-Kummissjoni* (T-644/13 R, EU:T:2014:57); tal-5 ta' Diċembru 2014, *AF Steelcase vs UASI* (T-652/14 R, EU:T:2014:1026) u tat-8 ta' Diċembru 2014, *STC vs Il-Kummissjoni* (T-355/14 R, EU:T:2014:1046)].

## B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2014)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

G. Berardis, M. Van der Woude, A. Dittrich, S. Papasavvas, Presidenti ta' Awla; H. Kanninen, Viċi President tal-Qorti Ġenerali; M. Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali; M. E. Martins Ribeiro, M. Prek, S. Frimodt Nielsen u D. Gratsias, Presidenti ta' Awla.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Buttigieg, A. Popescu, I. Labucka, I. Wiszniewska-Białecka, F. Dehousse, N. J. Forwood, O. Czúcz, I. Pelikánová, J. Schwarcz u M. Kancheva, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L. Madise, I. Ulloa Rubio, V. Kreuschitz, V. Tomljenović, C. Wetter, E. Bieliūnas, A. M. Collins u S. Gervasoni, Imħallfin; E. Coulon, Reġistratur.

# 1. Membri tal-Qorti Ġenerali

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Marc Jaeger**
Imwieled fl-1954; gradwat fid-dritt mill-Università Robert Schuman ta' Strasbourg; studja fil-Collège d'Europe; ammess fl-Avukatura tal-Lussemburgu (1981); attaché de justice délégué mal-Prokuratur Ġenerali tal-Lussemburgu (1983); Imħallef tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu (1984); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1996); President tal-Institut Universitaire International de Luxembourg (IUIL); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



**Heikki Kanninen**
Imwieled fl-1952; gradwat mill-Iskola tal-Istudji Kummerċjali Għolja ta' Helsinki u mill-Fakultà tal-Liġi ta' Helsinki; référendaire fil-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-protezzjoni legali fl-amministrazzjoni pubblika; Amministratur Prinċipali mal-Qorti Amministrattiva Suprema; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-proċedimenti amministrattivi, konsulent mad-Direttorat tal-Leġiżlazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-EFTA; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema (1998-2005); Membru tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati; Viċi President tal-Kumitat dwar l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji Finlandiżi; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005 sas-6 ta' Ottubru 2009; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009; Viċi President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2013.



**Nicholas James Forwood**
Imwieled fl-1948; gradwat mill-Università ta' Cambridge (BA fl-1969, MA fl-1973) (fix-xjenzi mekkaniċi u fid-dritt); membru tal-Avukatura tal-Ingilterra mill-1970, wara eżerċita l-professjoni ta' avukat f'Londra (1971-1999) kif ukoll fi Brussell (1979-1999); membru tal-Avukatura tal-Irlanda mill-1981; nominat bħala Queen's Counsel fl-1987 u bħala bencher tal-Middle Temple fl-1998; rappreżentant tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales mal-Kunsill tal-Avukaturi tal-Unjoni Ewropea (CCBE) u Chairman tad-Delegazzjoni Permanenti tas-CCBE fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja (1995-1999); membru tal-Bord tal-World Trade Law Association u tal-European Maritime Law Organization (1993-2002); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-15 ta' Diċembru 1999.



**Maria Eugénia Martins de Nazaré Ribeiro**
Imwielda fl-1956; studjat f'Lisbona, fi Brussell u fi Strasbourg; Advogada fil-Portugall u fi Brussell; riċerkatriċi indipendenti fl-Institut d'études européennes tal-Université Libre ta' Brussell; référendaire mal-Imħallef Portugiż fil-Qorti tal-Ġustizzja, Moitinho de Almeida (1986-2000), wara mal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Vesterdorf (2000-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-31 ta' Marzu 2003.



**Franklin Dehousse**
Imwieled fl-1959; gradwat fid-dritt (Università ta' Liège, 1981); aspirant (Fonds national de la recherche scientifique, 1985-1989); konsulent legali mal-Kamra tar-Rappreżentanti (1981-1990); dottorat fid-dritt (Università ta' Strasbourg, 1990); Professur (Universitajiet ta' Liège u ta' Strasbourg, Collège d'Europe, Institut Royal Supérieur de Défense, Université Montesquieu ta' Bordeaux; College Michel Servet des Universités de Paris; Fakultajiet Notre-Dame de la Paix f'Namur); rappreżentant speċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1995-1999); Direttur tal-Istudji Ewropej tal-Institut Royal des Relations Internationales (1998-2003); assessur mal-Kunsill tal-Istat (2001-2003); konsulent mal-Kummissjoni Ewropea (1990-2003); Membru tal-Observatoire Internet (2001-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Ottó Czúcz**
Imwieled fl-1946; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Szeged (1971); amministratur mal-Ministeru tax-Xogħol (1971-1974); lecturer u professur (1974-1989), dekan tal-Fakultà tal-Liġi (1989-1990), Viċi Rettur (1992-1997) tal-Università ta' Szeged; avukat; membru tal-Presidium tal-Assigurazzjoni Nazzjonali dwar l-Irtirar; Viċi President tal-Istitut Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (1998-2002); membru tal-kunsill tekniku tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1998-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Irena Wiszniewska-Białecka**

Imwielda fl-1947; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Varsavja (1965-1969); Riċerkatriċi (lecturer, professur assoċjat, professur) fl-Istitut tax-Xjenzi Ġuridiċi tal-Akkademja Pollakka tax-Xjenzi (1969-2004); Riċerkatriċi assoċjata fl-Istitut Max Planck tad-dritt barrani u internazzjonali dwar il-privattivi, id-drittijiet tal-awtur u d-dritt tal-kompetizzjoni f'München (Borża tal-Fondazzjoni AvH – 1985-1986); avukat (1992-2000); Imħallef fil-Qorti Suprema Amministrattiva (2001-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Irena Pelikánová**

Imwielda fl-1949; dottorat fid-dritt, lecturer tad-dritt ekonomiku (qabel l-1989); wara "docteur ès sciences", professur tad-dritt kummerċjali (mill-1993) fil-Fakultà tal-Liġi taċ-Charles University fi Praga; Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kummissjoni dwar it-titoli trasferibbli (1999-2002); avukat; membru tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern Ċek (1998-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Ingrida Labucka**

Imwielda fl-1963; gradwata fid-dritt mill-Università tal-Latvja (1986); Investigatur għall-Ministeru tal-Intern għar-Reġjun ta' Kirov u għal-Belt ta' Riga (1986-1989); Imħallef fil-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Riga (1990-1994); avukat (1994-1998 u Lulju 1999-Mejju 2000); Ministru tal-Ġustizzja (Novembru 1998-Lulju 1999 u Mejju 2000 - Ottubru 2002); Membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ ta' The Hague (2001-2004); Membru Parlamentari (2002-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Savvas Papasavvas**

Imwieled fl-1969; studji fl-Università ta' Ateni (Ptychion fl-1991); studji Phd fl-Università ta' Pariġi II (DEA fid-dritt pubbliku fl-1992) u fl-Università ta' Aix-Marseille III (dottorat fid-dritt fl-1995); ammess fl-Avukatura ta' Ċipru, Membru tal-Avukatura ta' Nikosia mill-1993; Lecturer fl-Università ta' Ċipru (1997-2002), Lecturer tad-dritt kostituzzjonali minn Settembru 2002; Riċerkatur fiċ-Ċentru għad-Dritt Pubbliku Ewropew (2001-2002); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Miro Prek**

Imwieled fl-1965; gradwat fid-dritt (1989); ammess fl-Avukatura (1994); diversi xogħlijiet u karigi fl-amministrazzjoni pubblika, prinċipalment fi ħdan l-uffiċċju governattiv responsabbli għal-leġiżlazzjoni (Assistent Segretarju tal-Istat u Viċi Direttur, Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u tad-Dritt Komparattiv) u l-uffiċċju għall-affarijiet Ewropej (sottosegretarju tal-Istat); membru tad-delegazzjoni tan-negozjaturi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (1994-1996) u għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (1998-2003), responsabbli mill-kwistjonijiet legali; avukat; reponsabbli għal proġetti għall-adattament għal-leġiżlazzjoni Ewropea u għall-integrazzjoni, prinċipalment fil-punent tal-Balkani; Kap ta' diviżjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Alfred Dittrich**

Imwieled fl-1950; studja d-dritt fl-Università ta' Erlangen-Nuremberg (1970-1975); Rechtsreferendar fil-qorti reġjonali superjuri ta' Nuremberg (1975-1978); amministratur fil-Ministeru Federali tal-Ekonomija (1978-1982); amministratur għar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja mal-Komunitajiet Ewropej (1982); amministratur fil-Ministeru Federali tal-Ekonomija, inkarigat bi kwistjonijiet ta' dritt Komunitarju u ta' kompetizzjoni (1983-1992); kap tad-dipartiment "Dritt tal-Unjoni Ewropea" (1992-2007) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; kap tad-delegazzjoni Ġermaniża tal-grupp ta' xogħol "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; aġent tal-Gvern Federali f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



## Sten Frimodt Nielsen

Imwieled fl-1963; gradwat fid-dritt, Università ta' Kopenhagen (1988); uffiċjal mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1988-1991); lecturer tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Kopenhagen (1988-1991); Segretarju ta' ambaxxata mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka man-Nazzjonijiet Uniti fi New York (1991-1994); uffiċjal fid-dipartiment legali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1994-1995); professur assoċjat fl-Università ta' Kopenhagen (1995); konsulent, imbagħad konsulent prinċipali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (1995-1998); Ministru konsulent mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka mal-Unjoni Ewropea (1998-2001); konsulent speċjali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru għal kwistjonijiet legali (2001-2002); kap ta' dipartiment u ġuriskonsulta fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (Marzu 2002 - Lulju 2004); sottosegretarju tal-Istat u ġuriskonsulta fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (Awwissu 2004 - Awwissu 2007);Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



## Juraj Schwarcz

Imwieled fl-1952; dottorat fid-dritt (Università Comenius fi Bratislava, 1979); konsulent legali ta' impriża (1975-1990); Reġistratur inkarigat mir-Reġistru Kummerċjali fit-Tribunal muniċipali ta' Košice (1991); Imħallef fit-Tribunal muniċipali ta' Košice (Jannar-Ottubru 1992); Imħallef u President ta' Awla fil-Qorti Reġjonali ta' Košice (Novembru 1992-2009); Imħallef issekondat mal-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka, Awla tad-dritt kummerċjali (Ottubru 2004 -Settembru 2005); President tal-Kulleġġ tad-dritt kummerċjali fil-Qorti Reġjonali ta' Košice (Ottubru 2005 - Settembru 2009); Membru estern tad-Dipartiment tad-dritt kummerċjali u ekonomiku tal-Università P.J. Šafárik ta' Košice (1997-2009); Membru estern tal-korp tal-għalliema tal-Akkademja ġudizzjarja (2005-2009); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009.



## Marc van der Woude

Imwieled fl-1960; gradwat fid-dritt (Università ta' Groningen, 1983); studja fil-Collège d'Europe (1983-1984); assistent fil-Collège d'Europe (1984-1986); lecturer fl-Università ta' Leiden (1986-1987); relatur fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1989); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1992); koordinatur politiku fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1992-1993); membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1995); avukat Membru tal-Avukatura ta' Brussell mill-1995; professur fl-Università Erasmus ta' Rotterdam mill-2000; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' Settembru 2010.



**Dimitrios Gratsias**

Imwieled fl-1957; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Ateni (1980); mogħti diploma ta' studji approfonditi fid-dritt pubbliku mill-Università ta' Pariġi I, Panthéon-Sorbonne (1981); mogħti ċertifikat miċ-ċentru universitarju ta' studji Komunitarji u Ewropej (Università ta' Pariġi I) (1982); awditur mal-Kunsill tal-Istat (1985-1992); konsulent legali mal-Kunsill tal-Istat (1992-2005); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1994-1996); Membru assoċjat tal-Qorti suprema speċjali Griega (1998 u 1999); Kunsillier mal-Kunsill tal-Istat (2005); Membru tal-Qorti speċjali adita b'kawżi kontra membri tal-ġudikatura (2006); Membru tal-Kunsill superjuri tal-maġistratura amministrattiva (2008); Spettur tat-tribunali amministrattivi (2009-2010); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-25 ta' Ottubru 2010.



**Andrei Popescu**

Imwieled fl-1948; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Bukarest (1971); studji post-universitarji fid-dritt internazzjonali tax-xogħol u fid-dritt soċjali Ewropew, Università ta' Genève (1973-1974); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Bukarest (1980); assistent għalliem stagiaire (1971-1973), assistent għalliem permanenti (1974-1985), imbagħad lecturer tad-dritt tax-xogħol fl-Università ta' Bukarest (1985-1990); riċerkatur prinċipali fl-Istitut ta' riċerka xjentifika fil-qasam tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali (1990-1991); assistent direttur ġenerali (1991-1992), imbagħad direttur (1992-1996) fil-Ministeru tax-Xogħol u tal-Protezzjoni Soċjali; senior lecturer (1997), imbagħad professur fl-Iskola nazzjonali ta' studji politiċi u amministrattivi, Bukarest (2000); Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Integrazzjoni Ewropea (2001-2005); Kap ta' dipartiment fil-Kunsill leġiżlattiv tar-Rumanija (1996-2001 u 2005-2009); direttur fundatur tar-Rivista Rumena tad-dritt Ewropew; President tal-Għaqda Rumena tad-dritt Ewropew (2009-2010); aġent tal-Gvern Rumen quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea (2009-2010); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Novembru 2010.



**Mariyana Kancheva**

Imwielda fl-1958; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Sofija (1979-1984); Master supplimentari fid-dritt Ewropew mill-Istitut tal-Istudji Ewropej tal-Université libre de Bruxelles (2008-2009); speċjalizzazzjonijiet fid-dritt ekonomiku u fid-dritt tal-proprjetà intellettwali; Imħallef bi prova fit-Tribunal reġjonali ta' Sofija (1985-1986); uffiċjal ġuridiku (1986-1988); avukat iskritta mal-Kamra tal-Avukati ta' Sofija (1988-1992); Direttur ġenerali tal-Uffiċċju tas-servizzi għall-korpi diplomatiċi fi ħdan il-Ministeru tal-affarijiet barranin (1992-1994); eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat f'Sofija (1994-2011) u fi Brussell (2007-2011); arbitru f'Sofija fil-kuntest tas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet kummerċjali; parteċipazzjoni fir-redazzjoni ta' diversi testi leġiżlattivi bħala uffiċjal ġuridiku fil-Parlament Bulgaru; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2011.



## Guido Berardis

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt (Università ta' Ruma, La Sapienza, 1973), gradwat fi studji għolja Ewropej mill-Collège d'Europe (Bruges, 1974-1975); uffiċjal tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (direttorat "Affarijiet internazzjonali" tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura, 1975-1976); membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1976-1991 u 1994-1995); rappreżentant tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-Lussemburgu (1990-1991); référendaire mal-Imħallef G. F. Mancini fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1991-1994); Konsulent ġuridiku mal-membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej M. Monti (1995-1997) u F. Bolkestein (2000-2002); Direttur tad-Direttorat "Politika ta' kuntratti pubbliċi" (2002-2003), tad-Direttorat "Servizzi, proprjetà intellettwali u industrijali, mezzi tal-komunikazzjoni u protezzjoni ta' data" (2003-2005) u tad-Direttorat "Servizzi" (2005-2011) fid-Direttorat Ġenerali "Suq intern" tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; Konsulent ġuridiku prinċipali u direttur tal-grupp "Ġustizzja, libertà u sigurtà, dritt ċivili u dritt kriminali" fis-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea (2011-2012); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2012.



## Eugène Buttigieg

Imwieled fl-1961; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Malta; Master fid-dritt Ewropew (Università ta' Exeter); dottorat fid-dritt tal-kompetizzjoni (Università ta' Londra); legal officer mal-Ministeru tal-Ġustizzja (1987-1990); senior legal officer mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1990-1994); membru tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur (1994-2005); ġurist reviżur mal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Gvern Lokali (2001-2002); membru tal-Bord fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (2001-2009); konsulent legali fid-dritt Ewropew (mill-1994); konsulent legali fid-dritt tal-kompetizzjoni u tal-konsumatur mal-Ministeru tal-Finanzi, tal-Ekonomija u tal-Investiment (2000-2010); konsulent legali dwar il-kompetizzjoni u l-affarijiet tal-konsumatur fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (2010-2011), konsulent mal-Awtorità għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (2012); lecturer (1994-2001), senior lecturer (2001-2006), wara associate professor (mill-2007) u inkarigat mill-katedra Jean Monnet fid-dritt Ewropew (mill-2009) fl-Università ta' Malta; kofondatur u Viċi President tal-Assoċjazzjoni Maltija għall-Istudji tad-Dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-8 ta' Ottubru 2012.



**Carl Wetter**

Imwieled fl-1949; gradwat fl-ekonomija (Bachelor of Arts, 1974) u fid-dritt (Master of Laws, 1977) tal-Università ta' Uppsala; amministratur fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1977); membru tal-Avukatura Svediża (mill-1983); membru tal-grupp ta' xogħol Svediż dwar id-dritt tal-kompetizzjoni fil-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali (CCI); lecturer fid-dritt tal-kompetizzjoni (Universitajiet ta' Lund u ta' Stokkolma); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-18 ta' Marzu 2013.



**Vesna Tomljenović**

Imwielda fl-1956; gradwata mill-Università ta' Rijeka (master, 1979) u mill-Università ta' Zagreb (LL.M., 1984; dottorat fid-dritt, 1996); assistant professor (1980-1998), associate professor (2003-2009) u professur (2009-2013) fil-Fakultà tad-Dritt tal-Università ta' Rijeka; assistant professor fil-Fakultà tal-Ekonomija tal-Università ta' Rijeka (1990-2013); President tal-Assoċjazzjoni Kroata tad-Dritt Komparattiv (2006-2013); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-4 ta' Lulju 2013.



**Egidijus Bieliūnas**

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1973); dottorat fid-dritt (1978), assistant lecturer, junior lecturer u sussegwentement senior lecturer fil-Fakultà tad-Dritt tal-Università ta' Vilnius (1977-1992); konsulent fid-dipartiment legali tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Litwanja (1990-1992); konsulent fl-ambaxxata tal-Litwanja fil-Belġju (1992-1994); konsulent fl-ambaxxata tal-Litwanja fi Franza (1994-1996); membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (1996-1999); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Litwanja (1999-2011); senior lecturer fid-dipartiment tal-ġustizzja kriminali tal-Università ta' Vilnius (2003-2013); rappreżentant tar-Repubblika tal-Litwanja fil-Korp ta' Kontroll Komuni tal-Eurojust (2004-2011); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (2011-2013); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.



**Viktor Kreuschitz**

Imwieled fl-1952; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Vjenna (1981); uffiċjal fil-Kanċellerija Federali, Servizz tal-Affarijiet Kostituzzjonali (1981-1997); konsulent fis-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea (1997-2013); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.



**Anthony Michael Collins**

Imwieled fl-1960; gradwat mit-Trinity College Dublin (xjenzi ġuridiċi, 1984) u mill-Honourable Society of the King's Inns (barrister, Dublin, 1986); Bencher tal-Honourable Society of King's Inns (mill-2013); barrister (1986-1990 u 1997-2003), sussegwentement senior counsel (2003-2013) fl-Avukatura tal-Irlanda; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-1997); Direttur tal-Irish Centre for European Law (ICEL, Trinity College, Dublin, 1997-2000) u attwalment għadu membru tal-kumitat amministrattiv tiegħu; Viċi President tal-Council of European National Youth Committees (CENYC, 1979-1981); Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju ta' organizzazzjoni tal-għaqdiet tal-istudenti Ewropej (OBESSU, 1977-1984); Segretarju Ġenerali tal-Irish Union of School Students (IUSS, 1977-1979); Viċi President Internazzjonali tal-Union of Students in Ireland (USI, 1982-1983); Membru tal-kumitat amministrattiv tal-Association amicale des référendaires de la Cour de justice (Lussemburgu, 1992-2000); membru tad-delegazzjoni permanenti tal-Kunsill tal-Avukaturi Ewropej (CCBE) għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (2006-2013); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.



**Ignacio Ulloa Rubio**

Imwieled fl-1967; gradwat fid-dritt bl-unuri (1985-1990) u studji tad-dottorat (1990-1993) fl-Univeristà Complutense de Madrid; prosekutur pubbliku ta' Gerona (2000-2003); konsulent għall-affarijiet ġudizzjarji u d-drittijiet tal-bniedem mal-Awtorità provviżorja tal-koalizzjoni (Bagdad, Iraq, 2003-2004); Imħallef ċivili tal-ewwel istanza, Imħallef inkwirenti (2003-2007), sussegwentement Imħallef prinċipali (2008) (Gerona); deputat kap tal-missjoni integrata "Stat ta' dritt" għall-Iraq (EUJUST LEX) fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2005-2006); konsulent référendaire fil-Qorti Kostituzzjonali (2006-2011 u 2013); segretarju tal-Istat għas-Sigurtà (2012-2013); espert ċivili fil-qasam tal-Istat tad-dritt u tar-riforma tas-settur tas-sigurtà mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2005-2011); espert fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tal-ġustizzja kriminali mal-Kummissjoni Ewropea (2011-2013); għalliem u awtur ta' diversi xogħlijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.



**Stéphane Gervasoni**

Imwieled fl-1967; gradwat mill-Institut d'études politiques de Grenoble (1988) u mill-École nationale d'administration (1993); Uffiċjal fil-Conseil d'État [Imħallef relatur fid-diviżjoni tal-litigazzjoni (1993-1997) u membru tad-diviżjoni tal-affarijiet soċjali (1996-1997)]; konsulent legali fil-Conseil d'État (1996-2008); senior lecturer mal-Institut d'études politiques de Paris (1993-1995); kummissarju tal-gvern mal-Kummissjoni speċjali ta' kassazzjoni tal-pensjonijiet (1994-1996); konsulent legali mal-Ministeru tas-Servizz Pubbliku u mal-belt ta' Pariġi (1995-1997); Segretarju Ġenerali tal-prefettura tad-département de l'Yonne, Sub Prefett tad-distrett ta' Auxerre (1997-1999); Segretarju Ġenerali tal-prefettura tad-département de la Savoie, Sub Prefett tad-distrett ta' Chambéry (1999-2001); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2001-2005); membru permanenti tal-Bord tal-Appelli tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) (2001-2005); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (2005-2011, President ta' awla mill-2008 sal-2011); kunsillier tal-Istat, Viċi President tat-Tmien Awla tas-Sezzjoni tal-Litigazzjoni (2011-2013); membru tal-Bord tal-appelli tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (2011-2013); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-16 ta' Settembru 2013.



**Lauri Madise**

Imwieled fl-1974; gradwat fid-dritt (Universitajiet ta' Tartu u ta' Poitiers); konsulent fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (1995-1999); Kap tas-Segretarjat tal-Kummissjoni Kostituzzjonali tal-Parlament Estonjan (1999-2000); Imħallef fil-Qorti tal-appell ta' Tallin (mill-2002); membru tal-Kummissjoni tal-Eżamijiet tal-Maġistratura (mill-2005); ipparteċipa f'xogħlijiet leġiżlattivi fid-dritt kostituzzjonali u fid-dritt amministrattiv; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-23 ta' Ottubru 2013.



**Emmanuel Coulon**

Imwieled fl-1968; studji tad-dritt (Università Panthéon-Assas, Pariġi); studji tal-maniġment (Università Paris-Dauphine); Collège d'Europe (1992); eżami għad-dħul fis-centre régional de formation à la profession d'avocat ta' Pariġi; warrant ta' Avukat mill-avukatura ta' Brussell; eżerċizzju tal-professjoni ta' Avukat fi Brussell; għadda minn eżami ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; référendaire fil-Qorti tal-Prim'Istanza (Uffiċċju tal-President Saggio, 1996-1998; Uffiċċju tal-President Vesterdorf, 1998-2002); Kap tal-Uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza (2003-2005); Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mis-6 ta' Ottubru 2005.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2014

Ma kienx hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2014.

# 3. Ordni protokollari

### mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014

M. JAEGER, President tal-Qorti Ġenerali
H. KANNINEN, Viċi President tal-Qorti Ġenerali
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' awla
S. PAPASAVVAS, President ta' awla
M. PREK, President ta' awla
A. DITTRICH, President ta' awla
S. FRIMODT NIELSEN, President ta' awla
M. VAN DER WOUDE, President ta' awla
D. GRATSIAS, President ta' awla
G. BERARDIS, President ta' awla
N. J. FORWOOD, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
A. POPESCU, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
C. WETTER, Imħallef
V. TOMLJENOVIĆ, Imħallef
E. BIELIŪNAS, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
A. COLLINS, Imħallef
I. ULLOA RUBIO, Imħallef
S. GERVASONI, Imħallef
L. MADISE, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali

Edward David Alexander Ogilvy (1989-1992)
Yeraris Christos (1989-1992)
Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995), President (1989-1995)
Biancarelli Jacques (1989-1995)
Barrington Donal Patrick Michael (1989-1996)
Schintgen Romain Alphonse (1989-1996)
Kirschner Heinrich (1989-1997)
Saggio Antonio (1989-1998), President (1995-1998)
Briët Cornelis Paulus (1989-1998)
Lenaerts Koen (1989-2003)
Vesterdorf Bo (1989-2007), President (1998-2007)
García-Valdecasas y Fernández Rafael (1989-2007)
Kalogeropoulos Andreas (1992-1998)
Bellamy Christopher William (1992-1999)
Potocki André (1995-2001)
Gens de Moura Ramos Rui Manuel (1995-2003)
Lindh Pernilla (1995-2006)
Tiili Virpi (1995-2009)
Azizi Josef (1995-2013)
Cooke John D. (1996-2008)
Pirrung Jörg (1997-2007)
Mengozzi Paolo (1998-2006)
Meij Arjen W. H. (1998-2010)
Vilaras Mihalis (1998-2010)
Legal Hubert (2001-2007)
Trstenjak Verica (2004-2006)
Šváby Daniel (2004-2009)
Cremona Ena (2004-2012)
Vadapalas Vilenas (2004-2013)
Jürimäe Küllike (2004-2013)
Moavero Milanesi Enzo (2006-2011)
Wahl Nils (2006-2012)
Tchipev Teodor (2007-2010)
Ciucă Valeriu M. (2007-2010)
Soldevila Fragoso Santiago (2007-2013)
Truchot Laurent (2007-2013)
O'Higgins Kevin (2008-2013)

## Presidenti

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995)
Saggio Antonio (1995-1998)
Vesterdorf Bo (1998-2007)

## Reġistratur

Jung Hans (1989-2005)

# C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali

### *Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali*

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2010-2014)

### *Kawżi ġodda*

2. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
3. Natura tar-rikors (2010-2014)
4. Suġġett tar-rikors (2010-2014)

### *Kawżi magħluqa*

5. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
6. Suġġett tar-rikors (2014)
7. Suġġett tar-rikors (2010-2014) (sentenzi u digrieti)
8. Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)
9. Tul tal-proċeduri f'xhur (2010-2014) (sentenzi u digrieti)

### *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru*

10. Natura tal-proċeduri (2010-2014)
11. Suġġett tar-rikors (2010-2014)
12. Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)

### *Varji*

13. Miżuri provviżorji (2010-2014)
14. Proċeduri mħaffa (2010-2014)
15. Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1990-2014)
16. Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2010-2014)
17. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2014) (sentenzi u digrieti)
18. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2010-2014) (sentenzi u digrieti)
19. Żvilupp ġenerali (1989-2014) (kawżi ġodda, magħluqa, pendenti)

# 1. *Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali* – Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2010-2014) [1 2]




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 636 | 722 | 617 | 790 | 912 |
| Kawżi magħluqa | 527 | 714 | 688 | 702 | 814 |
| Kawżi pendenti | 1 300 | 1 308 | 1 237 | 1 325 | 1 423 |

1 Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Qed jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-oppożizzjoni għal sentenza (Artikolu 41 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-reviżjoni ta' sentenza (Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 125 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-interpretazzjoni ta' sentenza (Artikolu 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 129 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); it-tassazzjoni fuq l-ispejjeż (Artikolu 92 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); il-benefiċċju tal-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); u r-rettifika ta' sentenza (Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali).

2 Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin ma jieħdux inkunsiderazzjoni l-proċeduri għal miżuri provviżorji.

## 2. *Kawżi ġodda* – Natura tal-proċeduri (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 42 | 67 | 36 | 54 | 148 |
| Kompetizzjoni | 79 | 39 | 34 | 23 | 41 |
| Proprjetà intellettwali | 207 | 219 | 238 | 293 | 295 |
| Rikorsi diretti oħra | 207 | 264 | 220 | 275 | 299 |
| Appelli | 23 | 44 | 10 | 57 | 36 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | 1 | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | 77 | 88 | 78 | 88 | 93 |
| **Total** | **636** | **722** | **617** | **790** | **912** |

## 3. *Kawżi ġodda* – Natura tar-rikors (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 304 | 341 | 257 | 319 | 423 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 7 | 8 | 8 | 12 | 12 |
| Rikorsi għad-danni | 8 | 16 | 17 | 15 | 39 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawżoli ta' arbitraġġ | 9 | 5 | 8 | 6 | 14 |
| Proprjetà intellettwali | 207 | 219 | 238 | 293 | 295 |
| Appelli | 23 | 44 | 10 | 57 | 36 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | 1 | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | 77 | 88 | 78 | 88 | 93 |
| **Total** | **636** | **722** | **617** | **790** | **912** |

# 4. *Kawżi ġodda* – Suġġett tar-rikors (2010-2014)

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 19 | 21 | 18 | 20 | 17 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | 1 | |
| Agrikoltura | 24 | 22 | 11 | 27 | 15 |
| Ambjent | 15 | 6 | 3 | 11 | 10 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | | 13 | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej | | | | 1 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | 2 | 1 | | 3 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | | 1 | | 5 |
| Dritt Istituzzjonali | 17 | 44 | 41 | 44 | 67 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | | | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | 2 | 1 | 2 | |
| Enerġija | | 1 | | 1 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 42 | 67 | 36 | 54 | 148 |
| Impjieg | | | | 2 | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 9 | 5 | 8 | 6 | 14 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 24 | 3 | 4 | 3 | 3 |
| Kompetizzjoni | 79 | 39 | 34 | 23 | 41 |
| Kultura | | | | 1 | |
| Kuntratti pubbliċi | 15 | 18 | 23 | 15 | 17 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 1 | | 1 | | 1 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 21 | 93 | 59 | 41 | 68 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | |
| Netwerks trans-Ewropej | | | | 3 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | | | 2 | |
| Politika ekonomika u monetarja | 4 | 4 | 3 | 15 | 4 |
| Politika industrijali | | | | | 2 |
| Politika komuni tas-sajd | 19 | 3 | | 3 | 3 |
| Politika kummerċjali | 9 | 11 | 20 | 23 | 31 |
| Politika soċjali | 4 | 5 | 1 | | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 207 | 219 | 238 | 294 | 295 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | | | 1 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 8 | 3 | 2 | 12 | 3 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 4 | 3 | 5 | 2 |
| Saħħa pubblika | 4 | 2 | 12 | 5 | 11 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | | | 1 | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 1 | | 6 | 1 |
| Tassazzjoni | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Trasport | 1 | 1 | | 5 | 1 |
| Turiżmu | | | | 2 | |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | 4 | 10 | 6 | 1 | 7 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **533** | **587** | **527** | **645** | **777** |
| **Total Trattat KEEA** | **1** | | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 25 | 47 | 12 | 57 | 42 |
| Proċeduri partikolari | 77 | 88 | 78 | 88 | 93 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **636** | **722** | **617** | **790** | **912** |

## 5. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 50 | 41 | 63 | 60 | 51 |
| Kompetizzjoni | 38 | 100 | 61 | 75 | 72 |
| Servizz pubbliku | | 1 | | | |
| Proprjetà intellettwali | 180 | 240 | 210 | 217 | 275 |
| Rikorsi diretti oħra | 149 | 222 | 240 | 226 | 279 |
| Appelli | 37 | 29 | 32 | 39 | 42 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | 1 | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | 72 | 80 | 81 | 85 | 95 |
| **Total** | **527** | **714** | **688** | **702** | **814** |

# 6. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2014)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 8 | 15 | 23 |
| Agrikoltura | 8 | 7 | 15 |
| Ambjent | 5 | 5 | 10 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 13 | 13 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej | | 1 | 1 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | 1 | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 6 | 27 | 33 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 2 | | 2 |
| Enerġija | | 3 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 30 | 21 | 51 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 5 | 5 | 10 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 1 | | 1 |
| Kompetizzjoni | 54 | 18 | 72 |
| Kuntratti pubbliċi | 16 | 2 | 18 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 38 | 30 | 68 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 1 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 2 | 2 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 13 | 13 |
| Politika komuni tas-sajd | 12 | 3 | 15 |
| Politika kummerċjali | 8 | 10 | 18 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 207 | 68 | 275 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | 2 | 3 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | 1 | 1 |
| Saħħa pubblika | 4 | 6 | 10 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 1 | 1 |
| Tassazzjoni | | 2 | 2 |
| Trasport | 1 | 2 | 3 |
| Turiżmu | 1 | | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | | 6 | 6 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **407** | **266** | **673** |
| Regolamenti tal-Persunal | 21 | 25 | 46 |
| Proċeduri partikolari | | 95 | 95 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **428** | **386** | **814** |

# 7. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2010-2014) (sentenzi u digrieti)

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 21 | 23 | 21 | 19 | 23 |
| Agrikoltura | 16 | 26 | 32 | 16 | 15 |
| Ambjent | 6 | 22 | 8 | 6 | 10 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | | | 13 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej | | | | | 1 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 4 | 5 | | 2 | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | | 2 | | |
| Dritt Istituzzjonali | 26 | 36 | 41 | 35 | 33 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | | | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| Enerġija | 2 | | | 1 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 50 | 41 | 63 | 59 | 51 |
| Impjieg | | | | 2 | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 12 | 6 | 11 | 8 | 10 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | 9 | 12 | 14 | 1 |
| Kompetizzjoni | 38 | 100 | 61 | 75 | 72 |
| Kuntratti pubbliċi | 16 | 15 | 24 | 21 | 18 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 2 | 3 | 2 | | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 10 | 32 | 42 | 40 | 68 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | | 2 | 1 | | |
| Netwerks trans-Ewropej | | | | | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | | | | 2 |
| Politika ekonomika u monetarja | 2 | 3 | 2 | 1 | 13 |
| Politika komuni tas-sajd | | 5 | 9 | 2 | 15 |
| Politika kummerċjali | 8 | 10 | 14 | 19 | 18 |
| Politika soċjali | 6 | 5 | 1 | 4 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 180 | 240 | 210 | 218 | 275 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 2 | 1 | | | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | 4 | 1 | 6 | 3 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 5 | 3 | 4 | 1 |
| Saħħa pubblika | 2 | 3 | 2 | 4 | 10 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | | | 1 | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | | 2 | 7 | 1 |
| Tassazzjoni | 1 | | 2 | | 2 |
| Trasport | 2 | 1 | 1 | | 3 |
| Turiżmu | | | | 1 | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | 4 | 1 | 6 | 9 | 6 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **417** | **599** | **574** | **576** | **673** |
| **Total Trattat KEFA** | | | | **1** | |
| **Total Trattat KEEA** | | **1** | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 38 | 34 | 33 | 40 | 46 |
| Proċeduri partikolari | 72 | 80 | 81 | 85 | 95 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **527** | **714** | **688** | **702** | **814** |

# 8. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)

**Tqassim fl-2014**




| | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla Manja | | 2 | 2 | | | | | | | | | | | | |
| Awla tal-Appell | 22 | 15 | 37 | 15 | 14 | 29 | 17 | 20 | 37 | 13 | 45 | 58 | 21 | 30 | 51 |
| President tal-Qorti Ġenerali | | 54 | 54 | | 56 | 56 | | 50 | 50 | | 40 | 40 | | 48 | 48 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 8 | | 8 | 19 | 6 | 25 | 9 | | 9 | 7 | 1 | 8 | 9 | 7 | 16 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 255 | 168 | 423 | 359 | 245 | 604 | 328 | 264 | 592 | 378 | 218 | 596 | 398 | 301 | 699 |
| Imħallef uniku | 3 | | 3 | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | **288** | **239** | **527** | **393** | **321** | **714** | **354** | **334** | **688** | **398** | **304** | **702** | **428** | **386** | **814** |

# 9. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri f'xhur (2010-2014) [1]
(sentenzi u digrieti)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 32.4 | 32.8 | 31.5 | 48.1 | 32.5 |
| Kompetizzjoni | 45.7 | 50.5 | 48.4 | 46.4 | 45.8 |
| Servizz pubbliku | | 45.3 | | | |
| Proprjetà intellettwali | 20.6 | 20.3 | 20.3 | 18.7 | 18.7 |
| Rikorsi diretti oħra | 23.7 | 22.8 | 22.2 | 24.9 | 22.1 |
| Appelli | 16.6 | 18.3 | 16.8 | 13.9 | 12.8 |

[1] Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni ttieħdet permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; l-appelli mid-digriet għal miżuri provviżorji;
It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

## 10. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 153 | 179 | 152 | 146 | 243 |
| Kompetizzjoni | 288 | 227 | 200 | 148 | 117 |
| Servizz pubbliku | 1 | | | | |
| Propriété intellectuelle | 382 | 361 | 389 | 465 | 485 |
| Rikorsi diretti oħra | 416 | 458 | 438 | 487 | 507 |
| Appelli | 32 | 47 | 25 | 43 | 37 |
| Proċeduri partikolari | 28 | 36 | 33 | 36 | 34 |
| **Total** | **1 300** | **1 308** | **1 237** | **1 325** | **1 423** |

# 11. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Suġġett tar-rikors (2010-2014)

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 42 | 40 | 37 | 38 | 32 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | 1 | 1 |
| Agrikoltura | 65 | 61 | 40 | 51 | 51 |
| Ambjent | 34 | 18 | 13 | 18 | 18 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | | 13 | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej | | | | 1 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 5 | 2 | 3 | 1 | 4 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 2 | 2 | 1 | 1 | 6 |
| Dritt Istituzzjonali | 33 | 41 | 41 | 50 | 84 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | | | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | 1 | 1 | 2 | |
| Enerġija | | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 152 | 178 | 151 | 146 | 243 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 19 | 18 | 15 | 13 | 17 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 38 | 32 | 24 | 13 | 15 |
| Kompetizzjoni | 288 | 227 | 200 | 148 | 117 |
| Kultura | | | | 1 | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 40 | 43 | 42 | 36 | 35 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 4 | 1 | | | |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 28 | 89 | 106 | 107 | 107 |
| Moviment liberu tal-persuni | 3 | 1 | | | |
| Netwerks trans-Ewropej | | | | 3 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | 1 | 1 | 3 | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 2 | 3 | 4 | 18 | 9 |
| Politika industrijali | | | | | 2 |
| Politika komuni tas-sajd | 27 | 25 | 16 | 17 | 5 |
| Politika kummerċjali | 34 | 35 | 41 | 45 | 58 |
| Politika soċjali | 4 | 4 | 4 | | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 382 | 361 | 389 | 465 | 485 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 1 | | | 1 | 2 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 8 | 7 | 8 | 14 | 14 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 8 | 7 | 7 | 8 | 9 |
| Saħħa pubblika | 6 | 5 | 15 | 16 | 17 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 2 | 3 | 1 | | |
| Tassazzjoni | | 1 | | 1 | |
| Trasport | 1 | 1 | | 5 | 3 |
| Turiżmu | | | | 1 | |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | 6 | 15 | 15 | 7 | 8 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **1 235** | **1 223** | **1 176** | **1 245** | **1 349** |
| **Total Trattat KEFA** | **1** | **1** | **1** | | |
| **Total Trattat KEEA** | **1** | | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 35 | 48 | 27 | 44 | 40 |
| Proċeduri partikolari | 28 | 36 | 33 | 36 | 34 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **1 300** | **1 308** | **1 237** | **1 325** | **1 423** |

# 12. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Awla tal-Appell | 32 | 51 | 38 | 51 | 37 |
| President tal-Qorti Ġenerali | 3 | 3 | 3 | 1 | 1 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 58 | 16 | 10 | 12 | 15 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 1 132 | 1 134 | 1 123 | 1 146 | 1 272 |
| Mhux assenjati | 75 | 104 | 63 | 115 | 98 |
| **Total** | **1 300** | **1 308** | **1 237** | **1 325** | **1 423** |

# 13. *Varji* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2010-2014)




## Tqassim fl-2014

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ftehim | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Irrifjutati |
| Aċċess għal dokumenti | 1 | 3 | 1 | 2 | |
| Agrikoltura | | 1 | 1 | | |
| Għajnuna mill-Istat | 29 | 27 | 1 | 2 | 24 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej | | 1 | | | 1 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 1 | 1 | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 3 | 4 | | 2 | 2 |
| Ambjent | | 1 | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 5 | 4 | 1 | | 3 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 2 | 2 | | | 2 |
| Politika kummerċjali | 2 | 2 | | | 2 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | 1 | | | 1 |
| Saħħa pubblika | 1 | 1 | | | 1 |
| **Total** | **45** | **48** | **4** | **6** | **38** |

## 14. *Varji* – Proċeduri mħaffa (2010-2014) [1]




| | 2010 | | | | 2011 | | | | 2012 | | | | 2013 | | | | 2014 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
| | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] |
| Aċċess għal dokumenti | | | | | 2 | | 1 | | 1 | | 2 | | 1 | | 1 | | 2 | | 2 | |
| Agrikoltura | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| Ambjent | | | | | 2 | | 2 | | | | | | 5 | 5 | | | 1 | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Dritt Istituzzjonali | | | | | 1 | | | 1 | 1 | | 1 | | | | | | 1 | | | 1 |
| Enerġija | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| Għajnuna mill-Istat | 7 | | 5 | | | | 2 | | 2 | | | 2 | | | | | 13 | 2 | 10 | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 1 | | 1 | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | |
| Kompetizzjoni | 3 | | 3 | | 4 | | 4 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 | | 1 | | 1 | |
| Kuntratti pubbliċi | 2 | | 2 | | | | | | | | | | 2 | | 1 | | 1 | | 2 | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 10 | | 10 | | 30 | 2 | 12 | 7 | 10 | 4 | 16 | | 4 | | 4 | | 9 | | 9 | |
| Politika kummerċjali | | | | | 3 | | 2 | | 3 | | 2 | | 15 | 2 | 14 | 1 | | | | |
| Politika soċjali | | | | | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| Saħħa pubblika | | | | | | | | | 5 | 1 | 3 | | 1 | | 2 | | 3 | 1 | 1 | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | |
| **Total** | **24** | | **22** | | **43** | **2** | **23** | **9** | **26** | **5** | **28** | **2** | **32** | **7** | **26** | **1** | **31** | **3** | **25** | **2** |

[1] It-trattazzjoni ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali permezz tal-proċedura mħaffa tista' tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura. Din id-dispożizzjoni ilha applikabbli mill-1 ta' Frar 2001.

[2] Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-każi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

# 15. *Varji* – Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1990-2014)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 25 | 86 | 29 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 143 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 224 | 30 % |
| **1999** | 60 | 180 | 33 % |
| **2000** | 67 | 225 | 30 % |
| **2001** | 69 | 230 | 30 % |
| **2002** | 47 | 225 | 21 % |
| **2003** | 66 | 260 | 25 % |
| **2004** | 53 | 261 | 20 % |
| **2005** | 64 | 297 | 22 % |
| **2006** | 77 | 281 | 27 % |
| **2007** | 78 | 290 | 27 % |
| **2008** | 84 | 339 | 25 % |
| **2009** | 92 | 371 | 25 % |
| **2010** | 98 | 338 | 29 % |
| **2011** | 158 | 533 | 30 % |
| **2012** | 132 | 514 | 26 % |
| **2013** | 144 | 510 | 28 % |
| **2014** | 110 | 561 | 20 % |

[1] Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati – sentenzi, digrieti għal miżuri provviżorji u ta' rifjut ta' intervent, u kull digriet li jtemm l-istanza ħlief id-digrieti ta' tħassir u ta' trasferiment – li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

## 16. *Varji* – Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2010-2014)

| | 2010 | | | 2011 | | | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Għajnuna mill-Istat | 17 | 34 | **50 %** | 10 | 37 | **27 %** | 18 | 52 | **35 %** | 16 | 52 | **31 %** | 15 | 77 | **19 %** |
| Kompetizzjoni | 15 | 33 | **45 %** | 49 | 90 | **54 %** | 24 | 60 | **40 %** | 28 | 73 | **38 %** | 15 | 44 | **34 %** |
| Servizz pubbliku | | | | 1 | 1 | **100 %** | | | | | | | | | |
| Proprjetà intellettwali | 32 | 140 | **23 %** | 39 | 201 | **19 %** | 41 | 190 | **22 %** | 38 | 183 | **21 %** | 33 | 209 | **16 %** |
| Rikorsi diretti oħra | 34 | 131 | **26 %** | 59 | 204 | **29 %** | 47 | 208 | **23 %** | 62 | 202 | **31 %** | 47 | 231 | **20 %** |
| Appelli | | | | | | | | 2 | **0 %** | | | | | | |
| Proċeduri partikolari | | | | | | | 2 | 2 | **100 %** | | | | | | |
| **Total** | 98 | 338 | **29 %** | 158 | 533 | **30 %** | 132 | 514 | **26 %** | 144 | 510 | **28 %** | 110 | 561 | **20 %** |

# 17. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2014) (sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 2 | 2 | | 2 | 6 |
| Agrikoltura | 8 | | | | 8 |
| Dritt Istituzzjonali | 5 | 1 | | | 6 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | | | | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 30 | | 2 | | 32 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | 5 | | | 7 |
| Kompetizzjoni | 13 | 8 | 3 | | 24 |
| Kuntratti pubbliċi | 1 | | | | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | | | | 1 |
| Politika komuni tas-sajd | 3 | | | | 3 |
| Politika kummerċjali | 3 | | | 2 | 5 |
| Politika soċjali | 3 | | | | 3 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 1 | | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 40 | 2 | 5 | 5 | 52 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 5 | | | | 5 |
| Regolamenti tal-Persunal | 1 | | | | 1 |
| Saħħa pubblika | 1 | | | | 1 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 1 | | | | 1 |
| **Total** | **121** | **18** | **10** | **9** | **158** |

## 18. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2010-2014) (sentenzi u digrieti)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 73 | 101 | 98 | 134 | 121 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 6 | 9 | 12 | 5 | 18 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 5 | 6 | 4 | 15 | 10 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 4 | 8 | 15 | 6 | 9 |
| **Total** | **88** | **124** | **129** | **160** | **158** |

# 19. *Varji* – Żvilupp Ġenerali (1989-2014)
## Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda [1] | Kawżi magħluqa [2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **2009** | 568 | 555 | 1 191 |
| **2010** | 636 | 527 | 1 300 |
| **2011** | 722 | 714 | 1 308 |
| **2012** | 617 | 688 | 1 237 |
| **2013** | 790 | 702 | 1 325 |
| **2014** | 912 | 814 | 1 423 |
| **Total** | **11 652** | **10 229** | |

[1] 1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali), li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.

1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

[2] 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali) rrinvijat 118-il kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kien għadu kemm ġie stabbilit.




# Kapitolu III

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

# A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2014

*Mill-President Sean Van Raepenbusch*

**1.** L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-2014 turi li, minkejja r-reġistrazzjoni tal-ewwel kawżi li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2014, tar-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), in-numru ta' kawżi ġodda (157) jidher li qed jistabbilizza ruħu meta mqabbel mal-istatistika tal-2011 (159) u tal-2013 (160). Fl-2012, it-Tribunal kien irreġistra 178 rikors ġdid, iżda llum jidher li dik is-sena kienet eċċezzjoni.

In-numru ta' kawżi magħluqa fl-2014 (152) qiegħed, min-naħa tiegħu, jonqos meta mqabbel mas-sena l-oħra (184) li matulha, huwa minnu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien laħaq l-aħjar riżultat kwantitattiv sa mill-ħolqien tiegħu. Dan it-tnaqqis huwa spjegat mit-tmiem tal-mandat ta' żewġ imħallfin fit-30 ta' Settembru 2014 u mill-fatt li l-Imħallfin li jkun ser jintemm il-mandat tagħhom, sa minn żmien qabel dan it-terminu, jikkonċentraw ruħhom fuq il-finalizzazzjoni tal-kawżi li jkunu jistgħu jingħalqu qabel it-tluq tagħhom, u b'hekk jibqgħu pendenti dawk li ma jkunux jistgħu jingħalqu. Meta f'Settembru 2014 deher li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma kienx ser jasal għal qbil unanimu dwar il-ħatriet li kellhom isiru, iż-żewġ Imħallfin ikkonċernati, li bħalissa qegħdin jassumu l-kariga tagħhom abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, reġgħu bdew jeżaminaw kawżi ġodda, iżda dawn ma setgħux jingħalqu qabel it-tmiem tas-sena.

Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li n-numru ta' kawżi pendenti qiegħed jiżdied bi ftit meta mqabbel mas-sena li għaddiet (216 fl-2014 kontra 211 fil-31 ta' Diċembru 2013). Madankollu, għandu jiġi osservat li 99 kawża ġew sospiżi fl-2014 kontra 26 fl-2013, b'mod li n-numru ta' kawżi attivi fil-31 ta' Diċembru tas-sena kkummentata jitla' għal 117. Għandu jiġi enfasizzat li l-parti l-kbira ta' dawn il-kawżi ġew sospiżi fl-istennija tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa l-każ tal-64 kawża li jirriżultaw minn kontenzjuż marbut mat-trasferiment ta' drittijiet għall-pensjoni u ta' 14 oħra li jirriżultaw mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tul medju tal-proċedura, tul ta' sospensjoni eventwali mhux inkluż, għadda, min-naħa tiegħu, minn 14.7-il xahar fl-2013 għal 12.7-il xahar fl-2014. Dan ir-riżultat huwa spjegat min-numru ta' kawżi sospiżi u mir-rikors, proporzjonalment iktar għoli milli fil-passat, għad-digrieti sabiex jingħalqu l-kawżi (55 % fl-2014, kontra 50 % fl-2013).

Matul il-perijodu taħt kunsiderazzjoni, il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, barra minn hekk, adotta 5 digrieti għal miżuri provviżorji kontra 3 fl-2013 u 11 fl-2012.

L-istatistika ġudizzjarja għall-2014 turi wkoll li ġew ippreżentati 36 appell kontra d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxi tnaqqis meta mqabbel mal-2013 (56), inkluż f'perċentwali meta mqabbla mad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati (36.36 % kontra 38.89 %). Barra minn hekk, fuq 42 appell deċiż matul l-2014, 33 ġew miċħuda u 8 ġew milqugħa fl-intier tagħhom jew parzjalment; 5 mill-kawżi li wasslu għal annullament, barra minn hekk, ġew appellati. Appell wieħed biss tħassar.

Barra minn hekk, 12-il kawża ġew magħluqa permezz ta' ftehim bonarju skont ir-Regoli tal-Proċedura, kontra 9 fis-sena ta' qabel, li jikkostitwixxi, mal-2010, l-aħjar riżultat miksub f'dan ir-rigward mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

**2.** Huwa wkoll importanti li jingħad li, fil-21 ta' Mejju 2014, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku adotta r-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tiegħu kif ukoll struzzjonijiet ġodda għar-Reġistratur u struzzjonijiet prattiċi ġodda għall-partijiet. Dawn it-testi daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014.

**3.** Iktar 'il quddiem ser jiġu ppreżentati d-deċiżjonijiet l-iktar sinjifikattivi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

## I. Kwistjonijiet proċedurali

### *Kompetenza*

Matul is-sena li għaddiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntalab jikkjarifika l-portata tal-kompetenza ġuridika tiegħu sabiex jiddeċiedi kawżi dwar ir-rappreżentanza tal-persunal.

Qabel xejn, fil-Kawża *Colart et vs Il-Parlament* (F-31/14, EU:F:2014:264), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li, fil-qasam ta' kontenzjuż elettorali li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-Kumitati tal-Persunal, il-qorti tal-Unjoni għandha kompetenza biex tiddeċiedi biss, abbażi tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar rikorsi intiżi kontra l-istituzzjoni kkonċernata u li jkunu jirrigwardaw l-atti jew l-omissjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra fil-kuntest tal-obbligu li din għandha li tipprevjeni jew li tissanzjona irregolaritajiet manifesti min-naħa tal-korpi responsabbli għaż-żamma tal-elezzjonijiet sabiex tiġi żgurata lill-uffiċjali l-possibbiltà li jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom fil-libertà kollha u fl-osservanza tar-regoli stabbiliti. Għalhekk, huwa biss b'mod inċidentali, fil-kuntest tal-istħarriġ ġuridiku tal-atti jew tal-omissjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra fid-dawl tal-obbligu tagħha li tiżgura r-regolarità tal-elezzjonijiet, li l-qorti tal-Unjoni tista' tintalab teżamina jekk l-atti adottati minn bord ta' skrutinaturi jkunux possibbilment ivvizzjati b'illegalità.

It-tqassim tal-kompetenzi ġuridiċi bejn il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku min-naħa tiegħu ġie ppreċiżat fid-digriet *Colart et vs Il-Parlament* (F-87/13, EU:F:2014:53). Ir-rikorrenti ppreżentaw rwieħhom bħala d-depożitarji leġittimi ta' organizzazzjoni sindakali jew professjonali (iktar 'il quddiem l-"OSP") u kkontestaw il-ħatra, mill-Parlament, ta' persuni li kellhom drittijiet fuq l-inbox ta' din l-organizzazzjoni. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad ir-rikors bħala inammissibbli billi kkunsidra, essenzjalment, li kienet l-OSP li kellha tippreżenta hija stess rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea permezz tar-rappreżentanti tagħha debitament abilitati sabiex jadottaw deċiżjoni li jippreżentaw tali rikors, kwalità li preċiżament ir-rikorrenti kellhom.

### *Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà*

#### 1. Att li jikkawża preġudizzju

Mill-Artikolu 90(2) u mill-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li l-uffiċjali jistgħu jressqu lment, u wara, appell, kontra kwalunkwe "miżura ta' natura ġenerali" li tikkawżalhom preġudizzju. Abbażi ta' dan, il-ġurisprudenza ġiet stabbilita fis-sens li l-partijiet ikkonċernati għandhom id-dritt li jippreżentaw rikors kontra miżura ta' natura ġenerali tal-Awtorità tal-Ħatra li tkun tikkawżalhom preġudizzju peress li, minn naħa, din il-miżura ma tirrikjedix, sabiex tipproduċi effetti legali, miżura ta' applikazzjoni jew ma tħalli, għall-applikazzjoni tagħha, l-ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet responsabbli għall-implementazzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, taffettwa immedjatament l-interessi tal-uffiċjali billi tibdel, b'mod ikkaratterizzat, is-sitwazzjoni ġuridika tagħhom. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika din il-ġurisprudenza fis-sentenza *Julien-Malvy et vs Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)* (F-100/13, EU:F:2014:224)

kif ukoll fis-sentenza *Osorio et vs Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)* (F-101/13, EU:F:2014:223, li tinsab taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea) għal deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra b'applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, li jwassal sabiex titwaqqaf l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-rigward tal-membri tal-persunal ittrasferiti f'ċerti delegazzjonijiet u uffiċċji tal-Unjoni f'pajjiżi terzi. Huwa laqa' l-ammissibbiltà tar-rikors minħabba li din id-deċiżjoni kienet tidher biżżejjed preċiża u inkondizzjonata sabiex ma tkun tirrikjedi l-ebda miżura partikolari ta' applikazzjoni. Ċertament, l-implementazzjoni tagħha tippreżupponi l-adozzjoni ta' miżuri amministrattivi, b'effett individwali, sabiex jintemm l-għoti tal-allowance favur il-membri tal-persunal ikkonċernati. Madankollu, il-qorti tal-Unjoni osservat li l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri intermedji ma setgħetx tkun ir-riżultat ta' kwalunkwe marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-awtoritajiet amministrattivi u li għalhekk din ma kinitx ta' natura li tipprevjeni s-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrenti milli tiġi direttament affettwata.

Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita sew, ittra li sempliċement tfakkar lil membru tal-persunal l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt tiegħu dwar id-data ta' skadenza ta' dan il-kuntratt u li ma tkun tinkludi l-ebda element ġdid fir-rigward tal-imsemmija stipulazzjonijiet ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju. Madankollu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar, fis-sentenza *Drakeford vs EMA* (F-29/13, EU:F:2014:10, li tinsab taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li, fil-każ fejn il-kuntratt jista' jiġġedded, id-deċiżjoni meħuda mill-amministrazzjoni, wara eżami mill-ġdid, li l-kuntratt ma jiġġeddidx tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju, differenti mill-kuntratt inkwistjoni u li jista' jkun is-suġġett ta' lment, jew anki appell, fit-termini stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal. L-istess japplika, b'mod partikolari, fil-każ ta' ittra limitata formalment sabiex "tfakkar" id-data ta' skadenza ta' kuntratt, iżda li taqa' f'kuntest fejn dan il-kuntratt seta' jiġġedded u li ntbagħtet wara proċedura interna abbażi tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg").

## 2. Osservanza tal-proċedura prekontenzjuża

Mill-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġurisprudenza tiddeduċi regola ta' konkordanza bejn l-ilment, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u r-rikors li jsegwih. Din ir-regola teżiġi, taħt piena ta' inammissibbiltà, li motiv imqajjem quddiem il-qorti tal-Unjoni jkun diġà tqajjem fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tkun diġà tqiegħdet f'pożizzjoni li tkun taf il-kritika li l-persuna kkonċernata tkun qajmet kontra d-deċiżjoni kkontestata. F'żewġ sentenzi, *CR vs Il-Parlament* (F-128/12, EU:F:2014:38) u *Cerafogli vs BĊE* (F-26/12, EU:F:2014:218, li tinsab taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku madankollu kkunsidra li din ir-regola ta' konkordanza ma tapplikax għal eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba fir-rikors. F'dan ir-rigward, it-tribunal irrileva, l-ewwel nett, li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jimplika li l-Awtorità tal-Ħatra ma tistax tagħżel li ma tapplikax att ġenerali fis-seħħ, li jikser, fil-fehma tagħha, dispożizzjoni legali ta' livell superjuri. It-tieni nett, huwa fakkar li l-eċċezzjoni ta' illegalità hija, min-natura tagħha, l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jikkonċilja l-prinċipji ta' legalità u ta' ċertezza legali. It-tielet nett, huwa osserva li l-Artikolu 277 TFUE jipprovdi għall-possibbiltà li jiġi kkontestat att ta' portata ġenerali wara li jkun skada t-terminu għall-preżentata ta' rikors biss fil-każ ta' kawża quddiem qorti tal-Unjoni, b'mod li din l-eċċezzjoni ma tistax tipproduċi l-effetti kollha tagħha fil-kuntest ta' proċedimenti ta' lment amministrattiv. Fl-aħħar, ir-raba' nett, huwa kkunsidra li l-inammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba fir-rikors tikkostitwixxi limitazzjoni tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva mhux proporzjonata mal-għan intiż mir-regola ta' konkordanza, jiġifieri li tippermetti ftehim bonarju tat-tilwim bejn l-uffiċjal ikkonċernat u l-amministrazzjoni. Fil-fatt, eċċezzjoni ta' illegalità timplika min-natura tagħha raġunament li ma jistax jiġi mistenni minn uffiċjal jew membru tal-persunal li mhux bilfors għandu l-kompetenzi ġuridiċi xierqa sabiex jifformulaha fi stadju prekontenzjuż, u taħt piena ta' inammissibbiltà sussegwentement.

Għall-kuntrarju, billi applika b'mod klassiku l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu *Colart et vs Il-Parlament* (EU:F:2014:264) mogħtija fil-kuntest ta' kawża marbuta mar-rappreżentazzjoni tal-persunal, diġà invokata, li rikors intiż sabiex jikkontesta r-riżultati ta' elezzjonijiet għall-Kumitat tal-Persunal f'sitwazzjoni fejn l-Awtorità tal-Ħatra ma kienet intalbet tiddeċiedi dwar l-ebda talba jew ilment ifformulati skont l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa inammissibbli. Ir-rikorrenti tabilħaqq kienu ressqu "lment" quddiem bord ta' skrutinaturi skont regolament adottat mill-assemblea ġenerali tal-uffiċjali. Madankollu, dan il-fatt ma kienx jeħlishom mill-obbligu li jitolbu lill-Awtorità tal-Ħatra tintervjeni fil-proċess elettorali, qabel il-preżentata tal-appell tagħhom skont l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal. Minkejja li l-kliem użat f'dawn ir-regoli kienu ambigwi, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li l-assemblea ġenerali tal-uffiċjali ta' istituzzjoni, l-istess bħal korpi stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal, bħall-Kumitat tal-Persunal, ma għandhomx kompetenza sabiex jidderogaw mill-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal fil-kuntest tal-"kondizzjonijiet għall-elezzjoni tal-Kumitat tal-Persunal" li għandhom jadottaw skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness II tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal.

Bl-istess mod, u permezz ta' digriet *Klar u Fernandez Fernandez vs Il-Kummissjoni* (F-114/13, EU:F:2014:192, li tinsab taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra inammissibbli rikors li jikkontesta l-legalità ta' deċiżjoni tal-istituzzjoni konvenuta li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-legalità ta' deċiżjoni ta' sezzjoni lokali ta' kumitat tal-persunal, u dan għaliex ir-rikorrenti ma kinux ressqu lment preliminari fit-terminu stabbilit ta' tliet xhur li jibda jiddekorri mill-ewwel teħid ta' pożizzjoni espliċita u ddettaljata tal-istituzzjoni.

## 3. Interess ġuridiku

Matul il-perijodu kkunsidrat, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġie kkonfrontat b'eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq il-fatt li r-rikorrent, ex membru tal-persunal li kellu jirtira minħabba li kien laħaq il-limitu ta' età, ma kienx għad għandu interess ġuridiku sabiex jikkontesta rapport ta' evalwazzjoni, minkejja li dan ir-rapport kien ġie redatt fl-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament preċedenti. Fis-sentenza tiegħu *Cwik vs Il-Kummissjoni* (F-4/13, EU:F:2014:263), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li d-dritt ta' aċċess għal qorti jkun illużorju jekk ikun permess li deċiżjoni ġudizzjarja definittiva u vinkolanti tibqa' ineffettiva għad-detriment ta' parti u li l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi kkunsidrata li tagħmel parti integrali mill-proċess, fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tribunal ikkunsidra li kwalunkwe rifjut li jiġi rrikonoxxut lir-rikorrent interess ġuridiku għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni l-ġdid ifisser li jinkiser id-dritt tiegħu għall-eżekuzzjoni ġusta tal-ewwel sentenza u, għalhekk, id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

## 4. Urġenza għal deċiżjoni għal miżuri provviżorji

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni għandha natura purament aċċessorja meta mqabbla mal-proċedura prinċipali li tkun relatata magħha. Konsegwentement, id-deċiżjoni meħuda mill-Imħallef għal miżuri provviżorji għandha jkollha natura provviżorja fis-sens li ma tista' la tippreġudika s-sens tad-deċiżjoni futura fil-mertu, u lanqas tirrendiha illużorja billi tipprivaha mill-effettività. Fid-digriet tiegħu *DK vs Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)* (F-27/14 R, EU:F:2014:67), il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies madankollu li, meta l-argumenti ppreżentati mir-rikorrent iqajmu dubji serji fir-rigward tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata fid-dawl tal-prinċipju li jgħid li l-proċeduri kriminali jżommu sospiżi dawk dixxiplinari, huwa ma jistax jiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, minħabba nuqqas ta' urġenza, mingħajr ma jiġi akkużat li kiser huwa wkoll l-imsemmi prinċipju. Fi kliem ieħor, peress li *prima facie*

jidher li l-ksur ikun seħħ, il-protezzjoni tal-prinċipju li l-proċeduri kriminali jżommu sospiżi dawk dixxiplinari ma tistax tiġi posposta, anki b'mod provviżorju, sakemm tingħata s-sentenza fil-mertu, mingħajr ma jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli għar-rikorrent, peress li, possibbilment, ir-riżultat tal-proċess kriminali jista' jkun gravement affettwat mill-pożizzjoni tal-awtorità amministrattiva dwar il-materjalità tal-fatti li wasslu għal tali proċess.

## II. Kwistjonijiet fil-mertu

*Kundizzjonijiet ġenerali ta' validità tal-atti*

### 1. Obbligu ta' imparzjalità

Skont ġurisprudenza stabbilita, Bord tal-Għażla għandu jiggarantixxi li l-evalwazzjonijiet tiegħu fuq il-kandidati kollha eżaminati matul l-eżamijiet orali jsiru f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza u ta' oġġettività. Fis-sentenza tiegħu *CG vs BEI* (F-115/11, EU:F:2014:187), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika din il-ġurisprudenza għal Bord tal-Għażla li għandu l-missjoni li jagħżel l-aħjar kandidati fost dawk li jkunu applikaw wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti. Konsegwentement, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li l-membri kollha ta' Bord tal-Għażla għandu jkollhom l-indipendenza neċessarja sabiex l-oġġettività tagħhom ma tkunx tista' titqiegħed f'dubju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li membru ta' Bord tal-Għażla jkun is-suġġett ta' lment minħabba fastidju mressaq minn kandidat ma jistax, bħala tali, jimplika l-obbligu għall-membru kkonċernat li jirrikuża ruħu. Madankollu, peress li r-rikorrenti, f'dan il-każ, osservat li dan il-membru kien ser isir is-superjur ġerarkiku dirett tal-kandidat li jinħatar u peress li pprovdiet indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti li dan kellu interess personali sabiex ipoġġiha f'sitwazzjoni sfavorevoli, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li huwa kien kiser l-obbligu ta' imparzjalità tiegħu. Konsegwentement, sa fejn kull wieħed mill-membri tal-Bord tal-Għażla għandu jkollu l-indipendenza neċessarja sabiex l-oġġettività tal-Bord tal-Għażla fl-intier tiegħu ma tiġix kompromessa, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li kien hemm ksur tad-dmir ta' imparzjalità tal-Bord tal-Għażla fl-intier tiegħu.

F'kawża oħra, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntalab jiddeċiedi dwar il-validità ta' proċedura ta' għażla ta' direttur eżekuttiv ta' aġenzija li tinvolvi, b'mod partikolari, l-intervent ta' Bord ta' Preselezzjoni responsabbli sabiex joħloq abbozz ta' lista ta' kandidati kkunsidrati l-iktar kwalifikati, fejn il-bord tad-diretturi tal-aġenzija huwa l-iktar kompetenti sabiex jagħmel il-ħatra. Fis-sentenza tiegħu *Hristov vs Il-Kummissjoni u L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)* (F-2/12, EU:F:2014:245), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, anki jekk l-abbozz tal-lista ma kellux natura vinkolanti, is-sempliċi fatt li żewġ membri tal-bord tad-diretturi kienu parti mill-Bord ta' Preselezzjoni kiser id-dritt ta' imparzjalità.

### 2. Dritt għal smigħ

Fl-evalwazzjoni tal-modalitajiet tad-dritt għal smigħ ta' membru tal-persunal temporanju fir-rigward ta' tiġdid possibbli tal-kuntratt tiegħu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku enfasizza, fis-sentenza *Tzikas vs AFE* (F-120/13, EU:F:2014:197), in-neċessità li l-persuna kkonċernata tkun informata b'mod ċar bis-suġġett tal-intervista mal-ġerarkija tagħha, sabiex tkun tista' tispjega b'mod effettiv il-perspettiva tagħha qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li taffettwaha b'mod sfavorevoli. B'hekk, anki fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jimponu l-forma bil-miktub, u anki jekk informazzjoni dwar is-suġġett tal-intervista tista' tkun orali u tirriżulta mill-kuntest li din tkun ser issir fih, il-konvokazzjoni tal-persuna kkonċernata bil-miktub tista' tirriżulta iktar xierqa.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari, id-dritt għal smigħ jiġi "implementat" fis-sens tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minn naħa, b'mod partikolari permezz tal-Artikolu 16(1) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, permezz tal-Artikolu 4 ta' dan l-istess anness. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrileva, fis-sentenza tiegħu *de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni* (F-107/13, EU:F:2014:232), li ma tkunx konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, is-sitwazzjoni ta' uffiċjal li la kien preżenti, la kien irrappreżentat matul is-smigħ quddiem il-Bord Dixxiplinari u lanqas ma seta' jibgħat osservazzjonijiet bil-miktub, filwaqt li, minn naħa, kien iġġustifika debitament l-impossibbiltà tiegħu li jipparteċipa għas-smigħ fid-data prevista filwaqt li, min-naħa l-oħra, matul dan is-smigħ instema' l-unika xhud kontra ċċitat mill-Awtorità tal-Ħatra.

## *Karriera ta' uffiċjali u ta' membri tal-persunal*

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu *Montagut Viladot vs Il-Kummissjoni* (F-160/12, EU:F:2014:190, li tinsab taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li, fl-assenza ta' kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja li tinsab jew f'regolament jew f'direttiva applikabbli għall-kompetizzjoni ta' reklutaġġ, jew fl-avviż ta' kompetizzjoni, ir-rekwiżit ta' pussess ta' diploma universitarja li jkun suġġett għaliha l-aċċess għal kompetizzjoni ġenerali għandu neċessarjament jinftiehem fis-sens mogħti lil din l-espressjoni mil-leġiżlazzjoni proprja tal-Istat Membru fejn il-kandidat ikun wettaq l-istudji tiegħu.

Barra minn hekk, fis-sentenza tiegħu *De Mendoza Asensi vs Il-Kummissjoni* (F-127/11, EU:F:2014:14), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li l-osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' oġġettività tal-evalwazzjoni minn bord tal-għażla tippreżupponi, fil-prinċipju, iż-żamma, sa fejn huwa possibbli, tal-istabbiltà tal-kompożizzjoni ta' dan il-bord matul l-eżamijiet kollha. Madankollu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonċeda li ma jistax jiġi eskluż li l-koerenza tal-evalwazzjoni tista' tiġi ggarantita minn mezzi oħra. F'dan il-każ, huwa aċċetta l-validità ta' metodu ġdid ta' organizzazzjoni tax-xogħol ta' bord tal-għażla fejn l-istabbiltà tiegħu kienet iggarantita biss matul ċerti fażijiet tal-proċedura. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata, l-ewwel nett, li din l-istabbiltà kienet żgurata fil-fażijiet importanti tal-proċedura, jiġifieri, qabel xejn, sabiex jiġi deċiż il-mod tal-iżvolġiment tal-eżamijiet, sussegwentement, kull jumejn jew tlett ijiem, kull darba li l-marki attribwiti lill-kandidati jiġu kkomunikati lil kulħadd sabiex issir evalwazzjoni dwar il-kompetenzi ta' dawk li kienu ġew intervistati matul dan il-perijodu ta' żmien, u, fl-aħħar nett, fi tmiem l-eżamijiet kollha, sabiex tiġi vverifikata l-koerenza tal-evalwazzjonijiet. It-tieni nett, huwa rrileva li l-ugwaljanza fit-trattament tal-kandidati kienet iggarantita wkoll mill-identiċità tal-metodi ta' ħidma li jinvolvu l-użu ta' testijiet prestrutturati u l-applikazzjoni ta' kriterji identiċi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet tal-kandidati. It-tielet nett, huwa kkonstata li l-President tal-Bord tal-Għażla kien jipparteċipa għall-ewwel minuti tal-eżamijiet kollha. Fl-aħħar nett, huwa osserva li kienu saru studji u analiżi sabiex tiġi vverifikata l-koerenza tal-evalwazzjonijiet.

## *Drittijiet u obbligi tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal*

Fis-sentenza *CG vs BEI* (F-103/11, EU:F:2014:185) u fis-sentenza *De Nicola vs BEI*, (F-52/11, EU:F:2014:243), mitlub jippreċiża l-kunċett ta' fastidju psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 3.6.1 tal-Kodiċi ta' kondotta tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment moqri flimkien mal-Artikolu 2.1 tal-politika dwar id-dinjità fix-xogħol li l-Bank adotta wkoll, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku adotta interpretazzjoni simili għal dik li kien żviluppa abbażi tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, fis-sens li ma huwiex meħtieġ li l-attitudni jew l-aġir li jippreġudika l-istima u l-kunfidenza li l-vittma jkollha fiha nfisha jkunu intenzjonali. Konsegwentement, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla żewġ deċiżjonijiet tal-Bank li ma jittiħdux passi fir-rigward tal-ilmenti għal fastidju psikoloġiku minħabba li ma kienx jidher li l-aġir allegat kien ta' din in-natura.

*Skema pekunjarja u vantaġġi soċjali tal-uffiċjali*

## 1. Allowance tal-espatrijazzjoni

Fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dritt għall-allowance għall-espatrijazzjoni ta' uffiċjal, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar, fis-sentenza tiegħu *Ohrgaard vs Il-Kummissjoni* (F-151/12, EU:F:2014:8), li mill-Artikolu 4(1)(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li, għall-finijiet tan-newtralizzazzjoni tal-perijodi ta' residenza li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa differenza bejn, minn naħa, l-uffiċjal li qatt ma kellu n-nazzjonalità tal-Istat li huwa ttrasferit fit-territorju tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-uffiċjal li għandu jew kellu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat. Fl-ewwel każ, huma nnewtralizzati l-perijodi li jikkorrispondu għal "ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali". Fit-tieni każ, ġew innewtralizzati l-perijodi li jikkorrispondu għal "qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali". It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, barra minn hekk, fakkar li l-ewwel espressjoni għandha portata ħafna usa' mit-tieni waħda. Għalkemm huwa wkoll minnu li l-qorti tal-Unjoni kkunsidrat li perijodu ta' prova f'waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni kellu jiġi nnewtralizzat bħala "ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar [...] għal organizzazzjoni internazzjonali" meta l-uffiċjal ma jkollux u qatt ma kellu n-nazzjonalità tal-Istat fejn huwa ttrasferit, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li perijodu ta' prova organizzat mill-Kummissjoni bil-għan prinċipali li ssir kontribuzzjoni għall-formazzjoni tal-benefiċjarji ma setax jitqies li jaqa' taħt il-kunċett ta' "qadi tad-dmirijiet", applikabbli għall-uffiċjali li għandhom jew kellhom in-nazzjonalità ta' dan l-Istat. Fil-fatt, kuntrarjament għall-preċedenti, dan l-aħħar kunċett jeżiġi li l-attività tikkontribwixxi prinċipalment għat-twettiq tal-għanijiet tal-Istat jew tal-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni.

## 2. Allowance tal-familja

Meta ġie ppreżentat quddiemu rikors kontra sanzjoni dixxiplinari, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntalab jippreċiża l-obbligi li għandu uffiċjal minħabba n-natura sussidjarja, meta mqabbla mal-benefiċċji nazzjonali, tal-allowances tal-familja mħallsa mill-Unjoni. Fis-sentenza *EH vs Il-Kummissjoni* (F-42/14, EU:F:2014:250), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qabel xejn iddeċieda li, meta tintalab u tingħata allowance skont ir-Regolamenti tal-Persunal lil uffiċjal b'rabta mas-sitwazzjoni familjari tiegħu, dan tal-aħħar ma jistax jinvoka l-allegata injoranza tiegħu tas-sitwazzjoni tal-konjuġi tiegħu. B'risposta għal ilment ibbażat fuq il-fatt li l-amministrazzjoni ma kinitx ivverifikat, mal-entità nazzjonali li tħallas l-allowances tal-familja, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda mbagħad li, għalkemm tabilħaqq wieħed jistenna li amministrazzjoni diliġenti taġġorna, tal-inqas darba kull sena, id-data personali tal-benefiċjarji ta' allowances skont ir-Regolament tal-Persunal imħallsa kull xahar, is-sitwazzjoni ta' amministrazzjoni responsabbli li tiżgura l-ħlas ta' eluf ta' tranżazzjonijiet u ta' allowances differenti ma tistax titqabbel ma' dik tal-uffiċjal li għandu interess personali li jivverifika s-somom li jitħallas u li jindika dak kollu li jista' jkun żball bi żvantaġġ jew vantaġġ għalih. Fl-aħħar nett, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra irrilevanti l-fatt li l-amministrazzjoni kienet kisbet ċerta informazzjoni biss b'mod aċċidentali jew indirett, għaliex huwa l-benefiċjarju ta' allowance skont ir-Regolamenti tal-Persunal li għandu jikkomunika lid-dipartiment kompetenti tal-istituzzjoni tiegħu, b'mod ċar u mhux ekwivoku, kwalunkwe deċiżjoni ta' għoti ta' allowance nazzjonali ekwivalenti.

Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 2(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2(2) tal-imsemmi anness jirriżulta li l-uffiċjali jibbenefikaw minn allowance għal kull wild dipendenti meta l-ulied ikunu "attwalment mantenuti" minnhom. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu l-okkażjoni li jfakkar, f'dan ir-rigward, fis-sentenza tiegħu *Armani vs Il-Kummissjoni* (F-65/12, EU:F:2014:13), li l-kunċett ta' attwalment mantenut

jikkorrispondi għar-responsabbiltà effettiva tal-bżonnijiet essenzjali kollha jew f'parti tal-ulied, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-akkomodazzjoni, l-ikel, il-ħwejjeġ, l-edukazzjoni, il-kura u l-ispejjeż mediċi. Konsegwentement, meta uffiċjal jieħu r-responsabbiltà effettiva tal-bżonnijiet essenzjali kollha jew f'parti tal-wild tal-konjuġi tiegħu, huwa għandu jitqies li jmantni effettivament lil dan il-wild u, konsegwentement, li huwa wild dipendenti minnu. F'dan il-kuntest, u fl-assenza ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra kuntrarja, id-dritt għal dan l-uffiċjal li jibbenefika mill-allowance għal wild dipendenti minħabba l-wild tal-konjuġi ma huwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-imsemmi konjuġi ma jkunx uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni. Inċidentalment, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ppreċiża wkoll, f'din is-sentenza, li, minkejja li huma integrati mar-remunerazzjoni, l-allowances tal-familja ma humiex intiżi għall-manteniment tal-uffiċjali, iżda għall-manteniment esklużiv tal-ulied.

## 3. Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament

Fis-sentenza *CR vs Il-Parlament* (EU:F:2014:38), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntalab jiddeċiedi dwar il-legalità tat-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal sa fejn tipprovdi li t-terminu ta' ħames snin li fihom somma mħallsa indebitament tista' tinġabar mingħand l-uffiċjali jew membri tal-persunal ma japplikax għall-amministrazzjoni meta din tkun kapaċi tistabbilixxi li l-persuna kkonċernata tkun deliberatament wasslitha fi żball sabiex tikseb il-ħlas tas-somma taħt kunsiderazzjoni. Wara li fakkar li l-miżura li hija suġġetta għall-preskrizzjoni tirriżulta minn bilanċ bejn l-eżiġenzi ta' ċertezza legali u dawk ta' legalità skont iċ-ċirkustanzi storiċi u soċjali li jipprevalu fis-soċjetà f'epoka partikolari u li tiddependi għal din ir-raġuni mill-għażla tal-leġiżlatur, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li l-inapplikabbiltà għall-amministrazzjoni tat-terminu ta' ħames snin imsemmi iktar 'il fuq ma tistax tikkostitwixxi fiha nfisha illegalità fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fl-assenza ta' terminu ta' preskrizzjoni stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ir-rekwiżit fundamentali ta' ċertezza legali jipprekludi lill-amministrazzjoni milli ddewwem indefinitament l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, peress li hija obbligata taġixxi f'terminu raġonevoli wara li tkun saret taf il-fatti.

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, barra minn hekk, iddeċieda li l-inapplikabbiltà għall-amministrazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għall-irkupru ta' somom imħallsin indebitament lanqas ma hija kuntrarja għall-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, l-għan intiż mill-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa dak tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-kuntest speċifiku tar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha, jiġifieri persuni li huma marbuta ma' dawn l-istituzzjonijiet bid-dmir ta' lealtà speċifiku previst fl-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fis-sentenza tagħha *López Cejudo vs Il-Kummissjoni* (F-28/13, EU:F:2014:55), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ppreċiża finalment li t-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal tikkonċerna s-sitwazzjoni fejn il-membru tal-persunal, fi tranżazzjoni li tagħti benefiċċju indebitu permezz ta' ħlas, jinduċi deliberatament fi żball lill-Awtorità tal-Ħatra, b'mod partikolari billi jew jonqos milli jinformaha bi bdil li jkun seħħ fis-sitwazzjoni personali tiegħu, jew inkella jieħu miżuri sabiex jirrendi iktar diffiċli l-iskoperta, mill-Awtorità tal-Ħatra, tan-natura indebita tal-ħlas li huwa jkun ibbenefika minnu, inkluż permezz tal-għoti ta' informazzjoni żbaljata jew mhux eżatta.

### *Sistema dixxiplinari*

Fis-sentenza *EH vs Il-Kummissjoni* (EU:F:2014:250), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, anki jekk l-amministrazzjoni tista' tiddeċiedi li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna

kkonċernata qiegħda toqrob lejn l-età ta' rtirar, xejn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma jimponi fuq l-Awtorità tal-Ħatra li tikkunsidra dan il-fatt bħala li jiġġustifika attenwant għal sanzjoni dixxiplinari.

## *Kawżi dwar kuntratti*

F'żewġ sentenzi *Bodson et vs BEI* (F-73/12, EU:F:2014:16 u F-83/12, EU:F:2014:15, li jinsabu taħt appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rriffjuta l-argumenti tar-rikorrenti li n-natura kuntrattwali tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom u n-natura obbligatorja tal-kuntratti jipprekludu lill-Bank milli jimmodifika unilateralment l-elementi essenzjali tal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-membri tal-persunal. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra, f'dan ir-rigward, li, meta jiġu konklużi kuntratti ma' organu tal-Unjoni, responsabbli għal missjoni ta' interess ġenerali u abilitat sabiex jipprovdi, permezz ta' regolament, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-persunal tiegħu, ir-rieda tal-partijiet f'kuntratt ta' xogħol hija neċessarjament limitata fl-obbligi li jirriżultaw minn din il-missjoni partikolari, liema obbligi japplikaw kemm għall-organi ta' tmexxija ta' dan l-organu kif ukoll għall-membri tal-persunal tiegħu. Barra minn hekk, il-qbil bejn ir-rieda tal-partijiet huwa limitat għall-aċċettazzjoni globali tad-drittijiet u l-obbligi previsti mill-imsemmi regolament u r-relazzjonijiet tagħhom, anki jekk huma ta' oriġni kuntrattwali, li jaqgħu essenzjalment taħt sistema regolamentari. Konsegwentement, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-Bank kellu, sabiex isegwi l-missjoni ta' interess ġenerali li għandu, is-setgħa li jimmodifika unilateralment ir-remunerazzjoni tal-persunal tiegħu minkejja l-atti ġuridiċi ta' natura kuntrattwali li huma l-bażi tar-relazzjonijiet ta' xogħol.

Għandu jitfakkar ukoll li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg, il-kuntratt ta' membru tal-persunal skont l-Artikolu 2(a) tal-istess Kondizzjonijiet tal-Impjieg jista' jiġġedded darba għal żmien determinat, filwaqt li "kull tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit". Fis-sentenza tiegħu *Drakeford vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)* (EU:F:2014:10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kwalunkwe tibdil ta' kariga, li jseħħ permezz ta' kuntratt ġdid, huwa ta' natura li jinterrompi l-kontinwità tar-relazzjoni ta' xogħol li twassal għal kuntratt għal żmien indeterminat. Tali interpretazzjoni għandha l-effett li tirriduċi l-portata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għal inqas mill-għan li hija bbażata fuqu, peress li twassal sabiex il-ħatra, permezz ta' kuntratt formalment differenti, ta' kull membru tal-persunal temporanju diġà fil-kariga tiegħu f'pożizzjoni superjuri fil-ġerarkija jkollha l-konsegwenza, fi kwalunkwe każ u mingħajr ġustifikazzjoni reali, li tissostitwixxi dan il-membru tal-persunal, fir-rigward tat-tul tal-"impjieg", tiegħu f'sitwazzjoni identika għal dik ta' aġent li jkun ġie impjegat reċentement. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni għandha l-effett li tippenalizza l-membri tal-persunal partikolarment meritevoli, li, preċiżament, minħabba l-prestazzjonijiet professjonali tagħhom, ikunu għamlu progress fil-karriera tagħhom. Skont it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tali konsegwenza toħloq riżervi serji fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta. Din tmur ukoll kontra r-rieda tal-leġiżlatur espressa espliċitament fl-Artikolu 12(1) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg, li l-membri tal-persunal temporanju jiżguraw lill-istituzzjonijiet il-kooperazzjoni ta' persuni li għandhom l-iktar kwalitajiet għolja ta' kompetenza, ta' prestazzjoni u ta' integrità.

## B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku



(Ordni protokollari fl-1 ta' Ottubru 2014)

*Mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin E. Perillo u H. Kreppel; Il-President ta' Awla R. Barents; Il-President S. Van Raepenbusch; Il-President ta' Awla K. Bradley, L-Imħallfin M. I. Rofes i Pujol; J. Svenningsen; Ir-Reġistratur W. Hakenberg.

# 1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



## Sean Van Raepenbusch

Imwieled fl-1956; gradwat fid-dritt (Université libre ta' Brussell, 1979); lawrea speċjali fid-dritt internazzjonali (Brussell, 1980); Dottorat fid-dritt (1989); responsabbli għas-servizz legali tas-Société anonyme du canal et des installations maritimes ta' Brussell (1979-1984); Uffiċjal mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Soċjali, 1984-1988); Membru tas-servizz legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1988-1994); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1994-2005); Lecturer fiċ-Ċentru universitarju ta' Charleroi (Dritt Soċjali Internazzjonali u Ewropew, 1989-1991); fl-Università ta' Mons-Hainaut (Dritt Ewropew, 1991-1997), fl-Università ta' Liège (Dritt tas-Servizz Pubbliku Ewropew, 1989-1991; Dritt Istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, 1995-2005; Dritt Soċjali Ewropew, 2004-2005) u, mill-2006, fl-Université libre ta' Brussell (Dritt Istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea); diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Soċjali Ewropew u tad-Dritt Istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005; President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2011.



## Horstpeter Kreppel

Imwieled fl-1945; studji universitarji f'Berlin, f'München, fi Frankfurt am Main (1966-1972); l-ewwel eżami tal-Istat (1972); Maġistrat trainee fi Frankfurt am Main (1972-1973 u 1974-1975); Collège d'Europe fi Bruges (1973-1974); it-tieni eżami tal-Istat (Frankfurt am Main, 1976); impjegat mal-Uffiċċju Federali dwar l-impjieg u Avukat (1976); Imħallef fit-Tribunal industrijali (Land ta' Hesse, 1977-1993); Lecturer fil-Fachhochschule für Sozialarbeit ta' Frankfurt am Main u fil-Verwaltungsfachhochschule ta' Wiesbaden (1979-1990); espert nazzjonali fis-servizz legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1996 u 2001-2005); Attaché għall-affarijiet soċjali fl-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja f'Madrid (1996-2001); Imħallef fit-Tribunal Industrijali ta' Frankfurt am Main (Frar-Settembru 2005); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



**Maria Isabel Rofes i Pujol**

Imwielda fl-1956; studji fid-dritt (licenciatura en derecho, Università ta' Barcelona, 1981); speċjalizzazzjoni fil-kummerċ internazzjonali (Messiku, 1983); studji dwar l-integrazzjoni Ewropea (Kamra tal-Kummerċ ta' Barcelona 1985) u dwar id-dritt Komunitarju (Escola d'Administació Pública de Catalunya 1986); Uffiċjal fil-Generalitat de Catalunya (Membru tas-servizz legali tal-Ministeru għall-Industrija u l-Enerġija, April 1984-Awwissu 1986); Avukat fil-qrati ta' Barcelona (1985-1987); Amministratur, sussegwentement amministratur prinċipali fid-Diviżjoni tar-Riċerka u Dokumentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1994); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, Jannar 1995-April 2004; uffiċċju tal-Imħallef Lõhmus, Mejju 2004-Awwissu 2009); Lecturer dwar il-ġurisprudenza Komunitarja fil-fakultà tal-Liġi (Universitat Autònoma de Barcelona, 1993-2000); diversi pubblikazzjonijiet u lectures fil-qasam tad-dritt soċjali Ewropew; Membru tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (2006-2009); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Ezio Perillo**

Imwieled fl-1950; Duttur tal-Liġi u Avukat fil-Kamra tal-Avukati ta' Padova; Assistent, u wara Riċerkatur ikkonfermat fid-dritt ċivili fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Padova (1977-1982); Responsabbli mill-Kors fid-Dritt Komunitarju fil-Kulleġġ Ewropew ta' Parma (1990-1998), u fil-Fakultajiet tad-Dritt tal-Università ta' Padova (1985-1987), ta' Macerata (1991-1994), ta' Napoli (1995) u fl-Università tal-Istudji ta' Milano (2000-2001); Membru tal-Kumitat Xjentifiku tal-"Master in European integration" fl-Università ta' Padova; Uffiċjal fil-Qorti tal-Ġustizzja, Direttorat tal-Bibljoteka, Riċerka u Dokumentazzjoni (1982-1984); Référendaire tal-Avukat Ġenerali Mancini (1984-1988); Konsulent Legali tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, Enrico Vinci (1988-1993); ukoll, fi ħdan din l-istess istituzzjoni: Kap ta' Diviżjoni fis-Servizz Legali (1995-1999); Direttur tal-affarijiet leġiżlattivi u tal-konċiljazzjonijiet, tar-relazzjonijiet interistituzzjonali u tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali (1999-2004); Direttur tar-relazzjonijiet esterni (2004-2006); Direttur tal-affarijiet leġiżlattivi fis-servizz legali (2006-2011); Awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fid-dritt ċivili Taljan u fid-dritt tal-Unjoni Ewropea; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2011.



**René Barents**

Imwieled fl-1951; gradwat fil-liġi, lawrja speċjali fl-ekonomija (Università Erasmus Rotterdam, 1973); Duttur tal-Liġi (Università ta' Utrecht, 1981); riċerkatur fid-dritt Ewropew u fid-dritt ekonomiku internazzjonali (1973-1974) u lecturer fid-dritt Ewropew u fid-dritt ekonomiku fl-Institut Ewropew tal-Università ta' Utrecht (1974-1979) u fl-Università ta' Leyde (1979-1981); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1981-1986), Kap tal-Unità "Drittijiet Statutorji" fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (1986-1987); Membru tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea (1987-1991); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1991-2000); Kap ta' Diviżjoni (2000-2009), Direttur tad-Direttorat "Riċerka u Dokumentazzjoni" tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2009-2011); Professur Titolari (1988-2003) u Professur Onorarju (mill-2003) fid-dritt Ewropew fl-Università ta' Maastricht; Konsulent fil-Qorti tal-Appell ta' 's-Hertogenbosch (1993-2011); Membru tal-Akkademja Rjali tax-Xjenza fil-Pajjiżi l-Baxxi (mill-1993); diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2011.



**Kieran Bradley**

Imwieled fl-1957; gradwat fil-liġi (Trinity College, Dublin, 1975-1979); Assistent fir-Riċerka tas-senatriċi Mary Robinson (1978-79 u 1980); Borża ta' Studju "Pádraig Pearse" sabiex jistudja fil-Collège d'Europe (1979); studji post universitarji fid-dritt Ewropew fil-Collège d'Europe (1979-1980); Masters fid-dritt fl-Università ta' Cambridge (1980-1981); Stagaire fil-Parlament Ewropew (il-Lussemburgu, 1981); Amministratur fis-Segretarjat tal-Kummissjoni Legali tal-Parlament Ewropew (il-Lussemburgu, 1981-1988); Membru tas Servizz Legali tal-Parlament Ewropew (Brussell, 1988-1995); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1995-2000); Lecturer fid-dritt Ewropew fil-Harvard Law School (2000); Membru tas-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew (2000-2003), sussegwentement kap ta' diviżjoni (2003-2011), wara Direttur (2011); Awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2011.



**Jesper Svenningsen**

Imwieled fl-1966; studji fid-dritt (Candidatus juris), Università ta' Aarhus (1989); Avukat stagiaire mal-konsultent legali tal-Gvern Daniż (1989-1991); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (1991-1993); ammess fil-kamra tal-avukati tad-Danimarka (1993); Avukat mal-konsulent legali tal-Gvern Daniż (1993-1995); inkarigat mill-kors fid-dritt Ewropew fl-Università ta' Kopenħagen; okkupa l-pożizzjoni ta' lecturer fl-anness tal-Lussemburgu tal-Institut européen d'administration publique, u sussegwentement aġent direttur (1995-1999); Amministratur fi ħdan is-servizz legali tal-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA (1999-2000); Uffiċjal tal-Qorti tal-Ġustizzja (2000-2013); Référendaire (2003-2013); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2013.



**Waltraud Hakenberg**

Imwielda fl-1955; studji fid-dritt f'Regensburg u f'Genève (1974-1979); l-ewwel eżami tal-Istat (1979); studji post universitarji fid-dritt Komunitarju fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1979-1980); Maġistrat trainee f'Regensburg (1980-1983); Dottorat fid-dritt (1982); it-tieni eżami tal-Istat (1983); Avukat f'München u f'Pariġi (1983-1989); Uffiċjal mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-2005); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju tal-Imħallef Jann, 1995-2005); attivitajiet ta' tagħlim f'diversi universitajiet fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Isvizzera u fir-Russja; Professur Onorarju fl-Università tas-Saarland (mill-1999); Membru ta' diversi kumitati, assoċjazzjonijiet u bordijiet ġuridiċi; diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Komunitarju u tal-ġurisprudenza Komunitarja; Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-30 ta' Novembru 2005.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2014

Ma kienx hemm tibdil fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2014.

# 3. Ordni protokollari

### mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2014

S. VAN RAEPENBUSCH, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku
H. KREPPEL, President ta' Awla
M. I. ROFES i PUJOL, President ta' Awla
E. PERILLO, Imħallef
R. BARENTS, Imħallef
K. BRADLEY, Imħallef
J. SVENNINGSEN, Imħallef

W. HAKENBERG, Reġistratur

### mill-1 ta' Ottubru 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014

S. VAN RAEPENBUSCH, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku
R. BARENTS, President ta' Awla
K. BRADLEY, President ta' Awla
H. KREPPEL, Imħallef
M. I. ROFES i PUJOL,Imħallef
E. PERILLO, Imħallef
J. SVENNINGSEN, Imħallef

W. HAKENBERG, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Kanninen Heikki (2005-2009)
Tagaras Haris (2005-2011)
Gervasoni Stéphane (2005-2011)
Boruta Irena (2005-2013)

## President

Mahoney Paul J. (2005-2011)

# C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

***Attività ġenerali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku***

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2010-2014)

***Kawżi ġodda***

2. Perċentwali tan-numru ta' kawżi għal kull istituzzjoni konvenuta prinċipali (2010-2014)
3. Lingwa tal-kawża (2010-2014)

***Kawżi magħluqa***

4. Sentenzi u digrieti – Kulleġġ ġudikanti (2014)
5. Eżitu tad-deċiżjoni (2014)
6. Miżuri provviżorji (2010-2014)
7. Tul tal-proċeduri f'xhur (2014)

***Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru***

8. Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)
9. Numru ta' rikorrenti (2014)

***Varji***

10. Deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li minnhom sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali (2010-2014)
11. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti Ġenerali (2010-2014)

# 1. *Attività ġenerali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku* Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 139 | 159 | 178 | 160 | 157 |
| Kawżi magħluqa | 129 | 166 | 121 | 184 | 152 |
| Kawżi pendenti | 185 | 178 | 235 | 211 | 216 [1] |

Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi, indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

1 Fosthom 99 kawża sospiża.

## 2. *Kawżi ġodda* – Perċentwali tan-numru ta' kawżi għal kull istituzzjoni bħala konvenuta prinċipali (2010-2014)

**Perċentwali tan-numru ta' kawżi ġodda fl-2014**




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Parlament Ewropew | 9.35 % | 6.29 % | 6.11 % | 5.66 % | 11.80 % |
| Il-Kunsill | 6.47 % | 6.92 % | 3.89 % | 3.77 % | 8.70 % |
| Il-Kummissjoni Ewropea | 58.99 % | 66.67 % | 58.33 % | 49.69 % | 45.96 % |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 5.04 % | 1.26 % | | 0.63 % | |
| Il-Bank Ċentrali Ewropew | 2.88 % | 2.52 % | 1.11 % | 1.89 % | 1.24 % |
| Il-Qorti tal-Awdituri | | 0.63 % | 2.22 % | 0.63 % | 1.24 % |
| Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) | 5.76 % | 4.32 % | 4.44 % | 5.03 % | 1.24 % |
| Korpi u organi tal-Unjoni Ewropea | 11.51 % | 11.40 % | 23.89 % | 32.70 % | 29.81 % |
| **Total** | **100 %** | **100 %** | **100 %** | **100 %** | **100 %** |

## 3. *Kawżi ġodda* – Lingwa tal-kawża (2010-2014)

**Tqassim fl-2014**




| Lingwa tal-kawża | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgaru | | | 2 | | |
| L-Ispanjol | 2 | 2 | 3 | | 2 |
| Il-Ġermaniż | 6 | 10 | 5 | 2 | 9 |
| Il-Grieg | 2 | 4 | 1 | 4 | 2 |
| L-Ingliż | 9 | 23 | 14 | 26 | 23 |
| Il-Franċiż | 105 | 87 | 108 | 95 | 113 |
| It-Taljan | 13 | 29 | 35 | 21 | 8 |
| L-Ungeriż | | 1 | | | |
| L-Olandiż | 2 | 1 | 6 | 12 | |
| Il-Pollakk | | 1 | 2 | | |
| Ir-Rumen | | | 2 | | |
| Is-Slovakk | | 1 | | | |
| **Total** | **139** | **159** | **178** | **160** | **157** |

Il-lingwa tal-kawża tirrifletti l-lingwa li biha tressqet il-kawża u mhux il-lingwa materna jew in-nazzjonalità tar-rikorrent.

## 4. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi u digrieti – Kulleġġ ġudikanti (2014)




| | Sentenzi | Digrieti ta' tħassir wara ftehim bonarju [1] | Digrieti oħra li jtemmu l-istanza | Total |
|---|---|---|---|---|
| Qorti Plenarja | 1 | | | 1 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 64 | 11 | 64 | 139 |
| Imħallef uniku | 3 | 1 | | 4 |
| President | | | 8 | 8 |
| **Total** | **68** | **12** | **72** | **152** |

[1] Matul is-sena 2014, kien hemm 14-il tentattiv ieħor ta' ftehim bonarju fuq inizjattiva tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li ma rnexxiex.

## 5. *Kawżi magħluqa* – Eżitu tad-deċiżjoni (2014)

| | Sentenzi | | Digrieti | | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi milqugħa kollha kemm huma jew parzjalment | Rikorsi miċħuda kollha kemm huma, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Rikorsi/Talbiet [manifestament] inammissibbli jew infondati | Ftehim bonarju wara intervent tal-kulleġġ ġudikanti | Tħassir għal raġuni oħra, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju | Talbiet milqugħa kollha jew parzjalment (proċeduri partikolari) | |
| Evalwazzjoni/Promozzjoni | 5 | 6 | 2 | 1 | 2 | | **16** |
| Inkarigu/Inkarigu ġdid | 1 | 2 | | 1 | | | **4** |
| Kompetizzjonijiet | 1 | 2 | 2 | | | | **5** |
| Kundizzjonijiet ta' xogħol/Leave | | | 2 | | | | **2** |
| Pensjonijiet u allowances ta' invalidità | 1 | 1 | 4 | | | | **6** |
| Proċeduri dixxiplinari | 1 | 1 | | | | | **2** |
| Reklutaġġ/ Ħatra/ Klassifikazzjoni fi grad | 4 | 5 | 1 | | 1 | | **11** |
| Remunerazzjoni u benefiċċji | 4 | 7 | 3 | 2 | 3 | | **19** |
| Rexissjoni jew nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' membru tal-persunal | 3 | 11 | 3 | 4 | 2 | | **23** |
| Sigurtà soċjali/ Mard professjonali/ Inċidenti | | 1 | 1 | 1 | 3 | | **6** |
| Oħrajn | 3 | 9 | 15 | 3 | 4 | 24 | **58** |
| **Total** | **23** | **45** | **33** | **12** | **15** | **24** | **152** |

## 6. *Proċeduri għal miżuri provviżorji* (2010-2014)

| Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Ammissjoni totali jew parzjali | Ċaħda | Tħassir |
| **2010** | **6** | | 4 | 2 |
| **2011** | **7** | | 4 | 3 |
| **2012** | **11** | | 10 | 1 |
| **2013** | **3** | | 3 | |
| **2014** | **5** | 1 | 4 | |
| **Total** | **32** | **1** | **25** | **6** |

## 7. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri f'xhur (2014)

| Kawżi magħluqa | | Tul medju | |
|---|---|---|---|
| | | Tul tal-proċedura kollha | Tul tal-proċedura, tul tas-sospensjoni eventwali mhux inkluż |
| Sentenzi | 68 | 17.3 | 17.1 |
| Digrieti | 84 | 10.7 | 9.1 |
| **Total** | **152** | **13.7** | **12.7** |

It-tul huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

## 8. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Qorti Plenarja | 1 | | 1 | 1 | |
| President | 1 | 1 | | 2 | 1 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 179 | 156 | 205 | 172 | 201 |
| Imħallef uniku | | 2 | 8 | 3 | 2 |
| Kawżi li għadhom ma ġewx assenjati | 4 | 19 | 21 | 33 | 12 |
| **Total** | **185** | **178** | **235** | **211** | **216** |

# 9. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Numru ta' rikorrenti

### Il-kawżi pendenti li fihom l-ikbar numru ta' rikorrenti fl-2014

| Numru ta' rikorrenti | Oqsma |
|---|---|
| 486 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tas-salarji |
| 484 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjonijiet u taż-żieda fis-salarju tal-BEI |
| 451 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Skema ġdida ta' prestazzjoni — Għoti ta' primjums |
| 35 | Regolamenti tal-Persunal — Rinviju wara eżami mill-ġdid tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali — BEI — Pensjonijiet — Riforma tal-2008 |
| 33 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Pensjonijiet — Riforma tas-sistema tal-pensjonijiet |
| 30 | Regolamenti tal-Persunal — Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tas-salarji |
| 29 | Regolamenti tal-Persunal — Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjonijiet u taż-żieda fis-salarju tal-FEI |
| 26 (4 kawżi) | Regolamenti tal-Persunal — Regolamenti tal-Persunal — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-1 ta' Jannar 2014 — Regoli ġodda għall-kalkolu tal-spejjeż tal-ivvjaġġar mill-post ta' assenjazzjoni għall-post ta' oriġini — Rabta bejn l-għoti ta' dan il-benefiċċju u l-istatus ta' resident barra mill-pajjiż jew ta' espatrijat — Tneħħija tal-leave għal raġuni ta' distanza |
| 25 | Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċeduri ta' promozzjoni 2010 u 2011 — Iffissar tal-limiti ta' promozzjoni |
| 20 | Regolamenti tal-Persunal — Regolamenti tal-Persunal — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-1 ta' Jannar 2014 — Regoli ġodda dwar il-karriera u l-promozzjoni — Klassifikazzjoni bħala "amministratur prinċipali fi tranżizzjoni" — Trattament iddifferenzjat bejn ġuristi fl-istess grad (AD 13) mas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament |

Il-kliem "Regolamenti tal-Persunal" jirreferu għar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni.

### Numru totali ta' rikorrenti għall-kawżi pendenti kollha (2010-2014)

| | Total ta' rikorrenti | Total ta' kawżi pendenti |
|---|---|---|
| **2010** | 812 | 185 |
| **2011** | 1 006 | 178 |
| **2012** | 1 086 | 235 |
| **2013** | 1 867 | 211 |
| **2014** | 1 902 | 216 |

## 10. *Varji* – Deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li kienu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali (2010-2014)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell [2] |
|---|---|---|---|
| **2010** | 24 | 99 | 24.24 % |
| **2011** | 44 | 126 | 34.92 % |
| **2012** | 11 | 87 | 12.64 % |
| **2013** | 56 | 144 | 38.89 % |
| **2014** | 36 | 99 | 36.36 % |

[1] Sentenzi, digrieti – li jiddikjaraw li r-rikors huwa inammissibbli, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, digrieti għal miżuri provviżorji, li ma hemmx lok li tingħata sentenza jew ta' ċaħda ta' intervent – mogħtija jew adottati matul is-sena ta' referenza.

[2] Din il-perċentwali tista', għal sena partikolari, ma tikkorrispondix għad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati mogħtija fis-sena ta' referenza, sa fejn it-terminu għall-preżentata ta' appell jista' jestendi għal fuq is-sena ta' wara.

## 11. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti Ġenerali (2010-2014)




| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 27 | 23 | 26 | 30 | 33 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 4 | 3 | 2 | 3 | 3 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 6 | 4 | 2 | 5 | 5 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | | | 3 | | 1 |
| **Total** | **37** | **30** | **33** | **38** | **42** |

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet